



Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 64

29 ta' Settembru 2021

Werrej

### IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2020–2021

Dati tas-seduti: 5-8 ta' Ottubru 2020

TESTI ADOTTATI

#### I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

#### RIŻOLUZZJONIJIET

##### Il-Parlament Ewropew

##### L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020

2021/C 395/01 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar l-istabbiliment ta' Mekkaniżmu tal-UE għad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali (2020/2072(INI)) . . . . . 2

2021/C 395/02 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar l-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali komuni – rapport annwali 2018 (2019/2197(INI)) . . . . . 14

##### Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

2021/C 395/03 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 li jstabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għad-diossidu tat-titanju (E 171) (D066794/04 – 2020/2795(RPS)) . . . . . 28

2021/C 395/04 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 fir-rigward tal-livelli massimi ta' akrilammid f'ċerti oġġetti tal-ikel għat-trabi u għat-tfal iżgħar (D067815/03 – 2020/2735(RPS)) . . . 32

2021/C 395/05	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar l-Istrateġija Ewropea għall-Foresti – It-Triq 'il Quddiem (2019/2157(INI)) . . . . .	37
2021/C 395/06	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar l-Eritrea, b'mod partikolari l-każ ta' Dawit Isaak (2020/2813(RSP)) . . . . .	50
2021/C 395/07	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar il-Liġi tal-“Aġenti Barranin” fin-Nikaragwa (2020/2814(RSP)) . . . . .	54
2021/C 395/08	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar is-sitwazzjoni tal-migranti Etjopjani fiċ-ċentri tad-detenzjoni fl-Arabja Sawdija (2020/2815(RSP)) . . . . .	58
2021/C 395/09	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-Bulgarija (2020/2793(RSP)) . . . . .	63
2021/C 395/10	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-Finanzi Diġitali: riskji emerġenti relatati mal-kriptoassi – sfidi regolatorji u superviżorji fil-qasam tas-servizzi, l-istituzzjonijiet u s-swieq finanzjarji (2020/2034(INL)) . . . . .	72
2021/C 395/11	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar żvilupp ulterjuri tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU): titjib tal-aċċess għall-finanzjament fis-swieq kapitali, b'mod partikolari mill-SMEs, u żieda ulterjuri fil-parteċipazzjoni tal-investituri fil-livell tal-konsumatur (2020/2036(INI)) . . . . .	89
2021/C 395/12	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ (2020/2764(RSP)) . . . . .	101

---

## II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

### **Il-Parlament Ewropew**

#### **L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020**

2021/C 395/13	Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2020 li tapprova l-allokazzjoni ta' responsabbiltajiet ġodda lill-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Valdis Dombrovskis (2020/2203(INS)) . . . . .	109
---------------	--	-----

---

## III *Atti preparatorji*

### **Il-Parlament Ewropew**

#### **It-Tnejn, 5 ta' Ottubru 2020**

2021/C 395/14	Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Ottubru 2020 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji (06799/1/2020 – C9-0291/2020 – 2018/0047(COD)) . . . . .	110
2021/C 395/15	Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Ottubru 2020 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv Ewropej għan-negozji, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1129 u d-Direttiva (UE) 2019/1937 (06800/1/2020 – C9-0292/2020 – 2018/0048(COD)) . . . . .	111

## It-Tlieta, 6 ta' Ottubru 2020

2021/C 395/16	P9_TA(2020)0244 Emenda tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-proċedura tad-diżimpenn ***I Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2020 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-proċedura tad-diżimpenn (COM(2020)0309 – C9-0202/2020 – 2020/0140(COD)) P9_TC1-COD(2020)0140 Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-6 ta' Ottubru 2020 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 514/2014 fir-rigward tal-proċedura tad-diżimpenn . . . . .	112
2021/C 395/17	Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2020 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lil Franza tapplika rata mnaqqa ta' ċerti taxxi indiretti fuq ir-rum "tradizzjonali" prodott f'Guadeloupe, fil-Guyana Franċiża, f'Martinique u f'Réunion (COM(2020)0332 – C9-0217/2020 – 2020/0150(CNS)) . . . . .	113
2021/C 395/18	Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2020 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-taxxa AIEM applikabbli fil-Gżejjer Kanarji (COM(2020)0355 – C9-0280/2020 – 2020/0163(CNS)) . . . . .	114
2021/C 395/19	Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2020 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-perjodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE dwar id-dazji tal-baħar fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi (COM(2020)0371 – C9-0281/2020 – 2020/0174(CNS)) .	115
2021/C 395/20	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2020 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 7/2020 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020 – Aġġornament tad-dħul (riżorsi proprji) (10430/2020 – C9-0283/2020 – 2020/1999(BUD)) . . . . .	116

## L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020

2021/C 395/21	Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2020 li tapprova l-ħatra ta' Mairead McGuinness bħala Membru tal-Kummissjoni (C9-0295/2020 – 2020/0803(NLE)) . . . . .	118
---------------	--	-----

## Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

2021/C 395/22	Emendi adottati mill-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (COM(2020)0080 – COM(2020)0563 – C9-0077/2020 – 2020/0036(COD)) . . . . .	119
2021/C 395/23	P9_TA(2020)0254 Ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fl-Ukrajna fuq l-uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa taċ-ċereali u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa taċ-ċereali prodotta fl-Ukrajna ***I Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE fir-rigward tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fl-Ukrajna fuq l-uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa taċ-ċereali u l-ekwivalenza taż-żerriegħa taċ-ċereali prodotta fl-Ukrajna (COM(2020)0137 – C9-0100/2020 – 2020/0053(COD)) P9_TC1-COD(2020)0053 Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-8 ta' Ottubru 2020 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE fir-rigward tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fl-Ukrajna fuq l-uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa taċ-ċereali u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa taċ-ċereali prodotta fl-Ukrajna . . . . .	191

2021/C 395/24

P9\_TA(2020)0261

Applikazzjoni tar-regoli dwar is-sikurezza ferrovjarja u l-interoperabbiltà ferrovjarja fi ħdan il-Channel Fixed Link \*\*\*I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Direttiva (UE) 2016/798, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli dwar is-sikurezza ferrovjarja u l-interoperabbiltà ferrovjarja fi ħdan il-Channel Fixed Link (COM(2020)0623 – C9-0212/2020 – 2020/0161(COD))

P9\_TC1-COD(2020)0161

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-8 ta' Ottubru 2020 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Direttiva (UE) 2016/798, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli dwar is-sikurezza ferrovjarja u l-interoperabbiltà ferrovjarja fiç-Channel Fixed Link . . . . .

192

2021/C 395/25

P9\_TA(2020)0262

Deċiżjoni li tagħti s-setgħa lil Franza biex tikkonkludi ftehim internazzjonali dwar il-Kanal Ingliż \*\*\*I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti s-setgħa lil Franza biex tinnegozja ftehim li jissupplimenta t-Trattat bilaterali eżistenti tagħha mar-Renju Unit dwar il-bini u t-tħaddim minn konċessjonarji privati ta' Channel Fixed Link (COM(2020)0622(COR1) – C9-0211/2020 – 2020/0160(COD))

P9\_TC1-COD(2020)0160

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-8 ta' Ottubru 2020 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti s-setgħa lil Franza biex tinnegozja, tiffirma u tikkonkludi ftehim internazzjonali li jissupplimenta t-Trattat bejn Franza u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-Bini u t-Tħaddim minn Konċessjonarji Privati ta' Channel Fixed Link . . . . .

193

2021/C 395/26

P9\_TA(2020)0263

Produzzjoni organika: data tal-applikazzjoni u ċerti dati oħra \*\*\*I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolament (UE) 2018/848 dwar il-produzzjoni organika fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tiegħu u ta' ċerti dati oħra msemmija f'dak ir-Regolament (COM(2020)0483 – C9-0286/2020 – 2020/0231(COD))

P9\_TC1-COD(2020)0231

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-8 ta' Ottubru 2020 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/848 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tiegħu u ta' ċerti dati oħra msemmija f'dak ir-Regolament . . . . .

194

*Tifsira tas-simboli użati*

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tielet qari

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att)

Emendi tal-Parlament:

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa **korsiva u grassa**. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa **korsiva u grassa** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.



## **IL-PARLAMENT EWROPEW**

SESSJONI 2020–2021

Dati tas-seduti: 5-8 ta' Ottubru 2020

TESTI ADOTTATI

L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-PARLAMENT EWROPEW

P9\_TA(2020)0251

**L-Istabiliment ta' Mekkaniżmu tal-UE dwar id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar l-istabiliment ta' Mekkaniżmu tal-UE għad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali (2020/2072(INI))**

(2021/C 395/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 295 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra, b'mod partikolari, l-Artikolu 2, l-Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3), l-Artikolu 4(3) u l-Artikoli 5, 6, 7 u 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) relatati mar-rispett lejn id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-Unjoni, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tagħhom, inklużi l-Artikoli 70, 258, 259, 260, 263 u 265 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea u l-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-kriterji ta' Copenhagen, u l-grupp ta' regoli tal-Unjoni li pajjiż kandidat għandu jissodisfa jekk ikun jixtieq jissieħeb fl-Unjoni (*l-acquis*),
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra l-istrumenti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u r-rakkomandazzjonijiet u r-rapporti tal-Eżami Perjodiku Universali tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll il-ġurisprudenza tal-korpi tat-trattati tan-Nazzjonijiet Uniti u l-proċeduri speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-8 ta' Marzu 1999,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet u r-rapporti tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kummissarju Għoli għall-Minoranzi Nazzjonali, ir-Rappreżentant għal-Libertà tal-Media u korpi oħra tal-l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Karta Soċjali Ewropea, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u l-konvenzjonijiet, rakkomandazzjonijiet, riżoluzzjonijiet u rapporti tal-Assemblea Parlamentari, il-Kumitat tal-Ministri, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kummissjoni Ewropea Kontra r-Razzizzmu u l-Intolleranza, il-Kumitat ta' Tmexxija dwar il-Ġlieda Kontra d-Diskriminazzjoni, id-Diversità u l-Inklużjoni, il-Kummissjoni ta' Venezja u korpi oħra tal-Kunsill tal-Ewropa,



L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020

- wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Qbil bejn il-Kunsill tal-Ewropa u l-Unjoni Ewropea, tat-23 ta' Mejju 2007,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni,
- wara li kkunsidra l-ftehim li jstabbilixxi l-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni,
- wara li kkunsidra l-Lista tal-Kriterji tal-Istat tad-Dritt adottata mill-Kummissjoni ta' Venezja fil-106 Sessjoni Plenarja tagħha, fit-18 ta' Marzu 2016,
- wara li kkunsidra s-sett ta' għodod tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Istati Membri bl-isem "Respecting democracy, rule of law and human rights in the framework of the COVID-19 sanitary crisis" (Ir-Rispett għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem fil-qafas tal-kriżi sanitarja tal-COVID-19) tas-7 ta' April 2020,
- wara li kkunsidra r-Rapport Annwali 2020 mill-organizzazzjonijiet sħab tal-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Promozzjoni tal-Protezzjoni tal-Ġurnaliżmu u s-Sikurezza tal-Ġurnalisti,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Lulju 2019 bit-titolu "It-tisħiħ tal-istat tad-dritt fl-Unjoni – Pjan ta' azzjoni" (COM(2019)0343),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar 2020 li tinkludi l-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2020 (COM(2020)0037) u l-Programm ta' Ħidma aġġustat tal-Kummissjoni tas-27 ta' Mejju 2020 (COM(2020)0440),
- wara li kkunsidra t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja 2020 tal-UE,
- wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-19 ta' Ġunju 2019 bit-titolu "It-tisħiħ ulterjuri tal-Istat tad-Dritt fi ħdan l-Unjoni. Is-sitwazzjoni bħalissa u l-passi li jmiss li jistgħu jittieħdu" li pproponiet li jinħoloq Forum annwali dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Istat tad-Dritt,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Istat tad-Dritt tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta' Ġunju 2020 bit-titolu "National developments from a civil society perspective, 2018-2019" (Żviluppi nazzjonali minn perspettiva tas-soċjetà ċivili, 2018-2019),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali bit-titolu "Challenges facing civil society organisations working on human rights in the EU" (L-isfidi li qed jiffaċċjaw l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq id-drittijiet tal-bniedem fl-UE), ippubblikat fis-17 ta' Jannar 2018, u rapporti u data oħra tagħha,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi bit-titolu "Beijing + 25: the fifth review of the implementation of the Beijing Platform for Action in the EU Member States" (Beijing+25: il-ħames rieżami tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing fl-Istati Membri tal-UE), ippubblikat fil-5 ta' Marzu 2020,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill dwar l-iżgurar tar-rispett għall-istat tad-dritt tas-16 ta' Diċembru 2014,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' April 2018 dwar il-ħtieġa li jiġi stabbilit Strument għall-Valuri Ewropej biex jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-valuri fundamentali fl-Unjoni Ewropea fil-livell lokali u nazzjonali <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tas-17 ta' April 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri <sup>(3)</sup>,

<sup>(1)</sup> ĠU C 215, 19.6.2018, p. 162.

<sup>(2)</sup> ĠU C 390, 18.11.2019, p. 117.

<sup>(3)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2019)0407.

**L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020**

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 2018 dwar il-ħtieġa ta' mekkaniżmu komprensiv tal-UE għall-protezzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2019 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea fl-2017 <sup>(5)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Frar 2019 dwar ir-rigressjoni attwali tad-drittijiet tan-nisa u tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE <sup>(6)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Marzu 2019 dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-UE, b'mod speċifiku f'Malta u fis-Slovakkja <sup>(7)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2019 dwar diskriminazzjoni pubblika u diskors ta' mibegħda kontra persuni LGBTI, inklużi ż-żoni mingħajr LGBTI <sup>(8)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2018 <sup>(9)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2020 dwar is-seduti ta' smigħ li għaddejnin bħalissa skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE fir-rigward tal-Polonja u l-Ungerija <sup>(10)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2020 dwar azzjoni koordinata tal-UE biex tikkumbatti l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha <sup>(11)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet konġunti tal-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili bit-titolu “From blueprint to footprint: Safeguarding media freedom and pluralism through the European Rule of Law Mechanism” (Minn pjan ta' azzjoni għal impronta: Nissalvagwardjaw il-libertà u l-pluraliżmu tal-midja permezz tal-Mekkaniżmu Ewropew tal-Istat tad-Dritt) ta' April 2020,
  - wara li kkunsidra r-rapport tan-Network Ewropew tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem bit-titolu “L-Istat tad-Dritt fl-Unjoni Ewropea” tal-11 ta' Mejju 2020,
  - wara li kkunsidra l-preżentazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma tan-Network dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija dwar il-Politika Interna tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, tal-4 ta' Mejju 2020 lill-Kummissjoni Ewropea fil-qafas tal-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati għar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt 2020,
  - wara li kkunsidra l-valutazzjoni tal-valur miżjud Ewropew li jakkumpanja r-rapport ta' inizjattiva leġislattiva dwar mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali ta' Ottubru 2016,
  - wara li kkunsidra l-Valutazzjoni Preliminari tal-Parlament dwar il-valur miżjud Ewropew ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali ta' April 2020,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 46, 54 u 148 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0170/2020),
- A. billi l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE); billi dawk il-valuri huma valuri li huma komuni għall-Istati Membri u li l-Istati Membri kollha sstoskriwew għalihom b'mod ħieles; billi d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali huma valuri li jsaħħu lil xulxin;

<sup>(4)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2018)0456.

<sup>(5)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2019)0032.

<sup>(6)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2019)0111.

<sup>(7)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2019)0328.

<sup>(8)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2019)0101.

<sup>(9)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2020)0007.

<sup>(10)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2020)0014.

<sup>(11)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2020)0054.

L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020

- B. billi l-Unjoni kkodifikat, fil-kriterji ta' adeżjoni tagħha, li s-sħubija fl-Unjoni tirrikjedi li pajjiż kandidat ikun kiseb stabbiltà tal-istituzzjonijiet li jggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, ir-rispett għall-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom; jirimarka madankollu li l-Unjoni m'għandhiex għodod effettivi biex issaħħaħ dawk il-kriterji ladarba pajjiż ikun sar parti mill-Unjoni;
- C. billi d-deċennju preċedenti ra attacchi sfaċċati kontra l-valuri tal-Unjoni f'diversi Stati Membri; billi l-Parlament ilu mill-2011 jindirizza ripetutament dawk l-iżviluppi inkwetanti fir-riżoluzzjonijiet tiegħu, inkluża l-attivazzjoni tal-Artikolu 7 tat-TUE fl-2018; billi l-Parlament ilu jitlob mill-2016 biex isir monitoraġġ komprensiv, preventiv u bbażat fuq l-evidenza f'dan il-qasam permezz ta' mekkaniżmu tal-UE għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;
- D. billi l-gruppi vulnerabbli bħan-nisa, il-persuni b'diżabilità, ir-Rom, il-persuni LGBTI u l-anzjani għadhom jesperjenzaw nuqqas ta' rispett sħiħ għad-drittijiet tagħhom fxi Stati Membri, u mhumiex protetti għalkollox mill-mibegħda u d-diskriminazzjoni, bi ksur tal-valuri tal-Unjoni previsti fl-Artikolu 2 tat-TUE u d-dritt ta' nondiskriminazzjoni previst fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta); billi l-miżuri ta' emerġenza meħuda b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19 komplew joħolqu l-problemi għad-drittijiet fundamentali u l-kontrolli demokratiċi;
- E. billi madwar 10 % miċ-ċittadini tal-Unjoni jappartjenu għal minoranza nazzjonali; billi r-rispett għad-drittijiet tal-minoranzi huwa parti integrali mill-valuri tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 2 tat-TUE; billi l-minoranzi jikkontribwixxu għad-diversità kulturali u lingwistika tal-Unjoni; billi bħalissa ma jeżisti l-ebda qafas legali tal-UE li jggarantixxi u jimmonitorja d-drittijiet tal-minoranzi;
- F. billi l-ksur tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE, mingħajr rispons xieraq u konsegwenzi fil-livell tal-Unjoni, idgħajef il-koeżjoni tal-proġett Ewropew, id-drittijiet taċ-ċittadini kollha tal-Unjoni u l-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri;
- G. billi l-korruzzjoni timponi theddida serja għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u t-trattament ugwali taċ-ċittadini kollha;
- H. billi l-ġurnaliżmu indipendenti u l-aċċess għal informazzjoni pluralistika huma pilastru ewlenin tad-demokrazija; billi l-istat inkwetanti tal-libertà tal-media u l-pluraliżmu fl-Unjoni ma ġiex indirizzat b'mod vigoruż biżżejjed; billi s-soċjetà ċivili hija essenzjali biex kwalunkwe demokrazija tirnexxi; billi t-tnaqqis fl-ispazju għas-soċjetà ċivili jikkontribwixxi għal ksur tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; billi l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom iżommu djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u mas-soċjetà ċivili fil-livelli kollha;
- I. billi l-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali huma kruċjali għall-kisba ta' ġustizzja effettiva; billi d-disponibbiltà tal-ġajnuna legali u l-livell tat-tariffi tal-qorti jista' jkollhom impatt kbir ħafna fuq l-aċċess għall-ġustizzja; billi l-Karta għandha l-istess valur legali bħat-Trattati; billi skont il-gwida tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri japplikaw il-Karta unikament meta jimplementaw atti legali tal-Unjoni; madankollu, huwa importanti għat-trawwim ta' kultura komuni legali, ġudizzjarja u tal-istat tad-dritt li d-drittijiet kif minquxa fil-Karta jiġu meqjusa dejjem;
- J. billi l-Kummissjoni ppubblikat r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt 2020 tagħha fit-30 ta' Settembru 2020 (COM(2020)0580), li għandu jiġi segwit minn Strateġija għall-Implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazija;
- K. billi regolament dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, ladarba jiġi adottat, isir għodda indispensabbli għas-salvagwardja tal-istat tad-dritt fl-Unjoni;
- L. billi kwalunkwe mekkaniżmu ta' monitoraġġ irid jinvolvi mill-qrib lill-partijiet ikkonċernati attivi fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, inklużi s-soċjetà ċivili, il-korpi tal-Kunsill tal-Ewropa u tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, l-awtoritajiet rilevanti u l-assoċjazzjonijiet professjonali li jappoġġaw lill-ġudikaturi fit-tweqqif indipendenti tal-ġustizzja; billi, għalhekk, huwa meħtieġ finanzjament xieraq tal-Unjoni għas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari permezz tal-Programm Ġustizzja u l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri;

**L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020**

- M. billi jeħtieġ li jissaħħu u jiġu ssimplifikati l-mekkaniżmi eżistenti u jiġi żviluppat mekkaniżmu effettiv biex jiġi żgurat li l-prinċipji u l-valuri minquxa fit-Trattati jiġu rrispettati madwar l-Unjoni kollha;
- N. billi l-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill ("it-tliet istituzzjonijiet") jaqsmu r-responsabbiltà politika għaż-żamma tal-valuri tal-Unjoni, fil-limiti tal-poteri mogħtija lilhom mit-Trattati; billi ftehim interistituzzjonali bbażat fuq l-Artikolu 295 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jiżgura l-arranġamenti meħtieġa biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni tat-tliet istituzzjonijiet f'dak ir-rigward; billi, skont l-Artikolu 295 tat-TFUE, kwalunkwe waħda mit-tliet istituzzjonijiet tista' tipproponi tali ftehim;
1. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li l-Unjoni tiżviluppa aġenda robusta, komprensiva u pożittiva għall-protezzjoni u t-tisħiħ b'mod effettiv tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali għaċ-ċittadini kollha tagħha; jinsisti li l-Unjoni għandha tibqa' promotur tal-libertà u l-ġustizzja fl-Ewropa u fid-dinja;
  2. Iwissi li l-Unjoni qed tiffaċċja kriżi bla preċedent u li qed taggrava tal-valuri fundamentali tagħha, li qed thedded is-sopravivenza fit-tul bħala proġett ta' paċi demokratika; huwa mħasseb b'mod serju dwar iż-żieda u t-tisħiħ tat-tendenzi awtokratiċi u illiberali, li qed ikomplu jaggravaw minħabba l-pandemija tal-COVID-19 u r-reċessjoni ekonomika, kif ukoll il-korruzzjoni, id-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-Istat, f'diversi Stati Membri; jissottolinja l-perikli ta' din ix-xejra għall-koeżjoni tal-ordni ġuridiku tal-Unjoni, il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini kollha tagħha, il-funzjonament tas-suq uniku tagħha, l-effikaċja tal-politiki komuni tagħha u l-kredibilità internazzjonali tagħha;
  3. Jirrikonoxxi li l-Unjoni għadha strutturalment mhux mgħammra tajjeb biex tindirizza l-ksur u r-rigressjonijiet fir-rigward tad-demokrazija, id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt fl-Istati Membri; jiddispaċiħ dwar in-nuqqas ta' ħila tal-Kunsill li jagħmel progress sinifikanti fl-infurzar tal-valuri tal-Unjoni fil-proċeduri tal-Artikolu 7 tat-TUE li għaddejjin bħalissa; jinnota li n-nuqqas min-naħa tal-Kunsill li japplika l-Artikolu 7 tat-TUE b'mod effettiv fil-fatt qed jippermetti diverġenza kontinwa mill-valuri previsti fl-Artikolu 2 tat-TUE; jinnota bi tħassib in-natura diżassoċjata tal-għodda tal-Unjoni f'dak il-qasam, u jitlob li dawn jiġu razzjonalizzati u infurzati kif suppost;
  4. Jilqa' l-ħidma tal-Kummissjoni dwar ir-Rapport annwali tagħha dwar l-Istat tad-Dritt; jilqa' l-fatt li l-korruzzjoni u l-libertà tal-media jiffurmaw parti mill-valutazzjoni annwali; jinnota, madankollu, li dan ma jinkludix l-oqsma tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali; jiddispaċiħ b'mod partikolari li l-libertà ta' assoċjazzjoni u t-tnaqqis fl-ispazju tas-soċjetà ċivili ma jagħmlux parti mill-valutazzjoni annwali; jissottolinja bi tħassib li gruppi vulnerabbli, inklużi n-nisa, il-persuni b'diżabilità, ir-Rom, il-persuni LGBTI u l-anzjani għadhom qed jesperjanzaw nuqqas ta' rispett sħiħ tad-drittijiet tagħhom f'xi Stati Membri u mhumiex protetti għalkollox mill-mibegħda u d-diskriminazzjoni, bi ksur tal-valuri tal-Unjoni kif previst fl-Artikolu 2 tat-TUE; ifakkar li l-Parlament talab ripetutament li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' monitoraġġ li jkopri l-kamp ta' applikazzjoni kollu tal-Artikolu 2 tat-TUE; itenni l-ħtieġa ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ oġġettiv u msejjes fuq l-evidenza minqux fatt legali li jorbot lit-tliet istituzzjonijiet ma' proċess trasparenti u regolarizzat, b'responsabbiltajiet definiti b'mod ċar, sabiex il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-valuri kollha tal-Unjoni jsiru parti permanenti u viżibbli mill-aġenda tal-Unjoni;
  5. Jipproponi l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-UE għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali (il-"Mekkaniżmu"), abbażi tal-proposta tal-Parlament tal-2016 u r-Rapport tal-Istat tad-Dritt annwali tal-Kummissjoni, li għandu jkun regolat minn ftehim interistituzzjonali bejn it-tliet istituzzjonijiet, li jkun jikkonsisti f'Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali dwar il-valuri tal-Unjoni, li jkopri l-aspetti kollha tal-Artikolu 2 tat-TUE, u japplika b'mod ugwali, oġġettiv u ġust għall-Istati Membri kollha, filwaqt li jirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;
  6. Jissottolinja li ċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali jeħtieġ li jinkludi rakkomandazzjonijiet ċari u speċifiċi għall-pajjiż, bi skedi ta' żmien u miri għall-implimentazzjoni, li għandhom jiġu segwiti frapporti annwali jew urġenti sussegwenti; jišhaq li n-nuqqas ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet irid ikun marbut ma' miżuri konkreti tal-Unjoni, inklużi l-proċeduri skont l-Artikolu 7 tat-TUE, il-proċedimenti ta' ksur u l-kundizzjonalità baġitarja ladarba din tkun fis-seħħ; jirrimarka li r-rakkomandazzjonijiet m'għandhomx ikunu mmirati biss lejn ir-rimedju tal-ksur, iżda għandhom ukoll jipromwovu politiki li jippermettu liċ-ċittadini jibbenefikaw mid-drittijiet u l-valuri tal-Unjoni;
  7. Jindika li l-Mekkaniżmu għandu jikkonsolida u jieħu post l-istrumenti eżistenti biex tiġi evitata d-duplikazzjoni, b'mod partikolari r-Rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt, il-Qafas tal-Istat tad-Dritt tal-Kummissjoni, ir-rappurtar annwali tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Karta, id-Djalogu tal-Kunsill dwar l-Istat tad-Dritt u l-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika (CVM), filwaqt li jżid il-komplementarjetà u l-koerenza b'għodod oħra

disponibbli, fosthom il-proċeduri skont l-Artikolu 7 tat-TUE, il-proċedimenti ta' ksur u l-kundizzjonalità baġitarja ladarba tkun fis-seħħ; iqis li t-tliet istituzzjonijiet għandhom jużaw is-sejbiet miċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali fil-valutazzjoni tagħhom sabiex jiġi skattat l-Artikolu 7 tat-TUE u tal-kondizzjonalità baġitarja ladarba jkun fis-seħħ; jenfasizza li r-rwoli u l-prerogattivi ta' kull waħda mit-tliet istituzzjonijiet iridu jiġu rrispettati;

8. Jissottolinja li l-indipendenza ġudizzjarja hija integrali għat-tehdid ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u rekwiżit li jirriżulta mill-prinċipju ta' protezzjoni legali effettiva stabbilit fl-Artikolu 19 tat-TUE; jinsab imħasseb li l-attakki reċenti fuq l-istat tad-dritt kienu jikkonsistu prinċipalment f'tentattivi biex tiġi mhedda l-indipendenza ġudizzjarja, u jenfasizza li kull qorti nazzjonali hija wkoll Qorti Ewropea; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħha kontra kwalunkwe tentattiv mill-gvernijiet tal-Istati Membri biex jipperikolaw l-indipendenza tal-qorti nazzjonali u biex tinforma lill-Parlament fil-waqt dwar kwalunkwe sitwazzjoni bħal din;

9. Ifakkar li l-adeżjoni tal-Unjoni mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali hija obbligu previst fl-Artikolu 6(2) tat-TUE; itenni l-hteġġa għal konklużjoni rapida tal-proċess ta' adeżjoni sabiex jiġi żgurat qafas konsistenti għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem madwar l-Ewropa u biex tissaħħaħ aktar il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali fi ħdan l-Unjoni; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni żżid l-isforzi biex timplimenta t-Trattati għalkollox u tikkonkludi l-proċess ta' adeżjoni mingħajr dewmien bla bżonn;

10. Ifakkar fir-rwol indispensabbli li għandhom is-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, il-korpi tal-ugwaljanza u atturi rilevanti oħra fl-istadi kollha taċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali, mill-għoti ta' kontribut għall-faċilitazzjoni tal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ; jissottolinja l-hteġġa li d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-atturi li jirrapportaw jingħataw protezzjoni kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-Unjoni, inkluż, fejn ikun meħtieġ, kontra abbużi ta' azzjonijiet mill-qorti, flimkien ma' finanzjament adegwat fil-livelli kollha; jitlob, f'dan ir-rigward, li jinholqoq statut għall-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet transfruntiera Ewropej mingħajr skop ta' qligħ, wara valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa; jenfasizza l-kontribut tal-informaturi għas-salvagwardja tal-istat tad-dritt u għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib it-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni<sup>(12)</sup>; jinnota li l-istatus ta' akkreditazzjoni tal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-ispazju għas-soċjetà ċivili jistgħu jservu huma stess bħala indikaturi għal skopijiet ta' valutazzjoni; iħeġġeġ lill-parlamenti nazzjonali jorganizzaw dibattiti pubbliċi u jadottaw pożizzjonijiet dwar l-eżitu taċ-ċiklu ta' monitoraġġ; jenfasizza li t-taħriġ tal-professionisti fil-qasam tal-ġustizzja huwa essenzjali għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni xierqa tad-dritt tal-Unjoni, u għaldaqstant, għat-tisħiħ ta' kultura legali komuni fl-Unjoni kollha; iqis li l-istrateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju li jmiss trid tiffoka aktar fuq il-promozzjoni tal-istat tad-dritt u l-indipendenza ġudizzjarja u tinkludi taħriġ dwar kwistjonijiet ta' ħliet u dawk mhux legali sabiex l-imħallfin ikunu mħejjija aħjar biex jirreżistu l-pressjoni indebita; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jippromwovu u jiffaċilitaw id-djalogo bejn il-qorti u l-prattikanti legali billi jrawmu skambju regolari ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki sabiex jissaħħaħ u jitmexxa 'l quddiem spazju ta' ġustizzja tal-Unjoni bbażat fuq id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; jenfasizza l-hteġġa li jiġi żgurat finanzjament adegwat għall-Programm settorjali tal-Ġustizzja u għall-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss, peress li dawk il-programmi għandhom l-għan li jipproteġu u jippromwovu l-valuri tal-Unjoni u jiżviluppaw spazju ta' ġustizzja tal-Unjoni msejjes fuq l-istat tad-dritt u li jappoġġaw lis-soċjetà ċivili;

11. Jindika l-komplementarjetà li għandha teżisti bejn it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE, li tippermetti tqabbil bejn is-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri, u l-Mekkaniżmu; jinnota li skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020, għad hemm differenzi sinifikanti fost l-Istati Membri fir-rigward tal-għadd ta' kawżi pendenti, u li l-akkumulazzjoni ta' xogħol b'lura żdiedet f'xi Stati Membri, li mhux l-Istati Membri kollha joffru taħriġ dwar il-ħliet tal-ICT bil-għan li jadattaw għad-diġitalizzazzjoni u jiffaċilitaw l-aċċess għall-ġustizzja, li l-għajnuna legali saret inqas aċċessibbli f'xi Stati Membri matul is-snin u li l-ugwaljanza tal-ġeneru għadha ma ġietx żgurata fis-sistemi ġudizzjarji fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri;

12. Jafferma mill-ġdid ir-rwol tal-Parlament, f'konformità mal-Artikolu 7 tat-TUE, fil-monitoraġġ tal-konformità mal-valuri tal-Unjoni; itenni t-talba li l-Parlament ikun jista' jippreżenta l-proposta motivata tiegħu lill-Kunsill u li jattendi s-seduti ta' smiġħ tal-Artikolu 7 meta jkun il-Parlament li jkun beda l-proċedura, b'rispett għall-prerogattivi ta' kull waħda mit-tliet istituzzjonijiet u l-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera; jistieden lill-Kunsill biex iżomm lill-Parlament infurmat regolarment u involut mill-qrib u biex jaħdem b'mod trasparenti; jemmen li l-Mekkaniżmu, sostnut minn ftehim interistituzzjonali, se jipprovdi l-qafas meħtieġ għal koordinazzjoni aħjar;

<sup>(12)</sup> ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17.

**L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020**

13. Huwa tal-fehma li, fuq perjodu twil ta' żmien, it-tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni li tippromwovi u tiddefendi l-qalba kostituzzjonali tagħha jaf jirrikjedi bidla fit-Trattat; jistenna bil-ħerqa r-riflessjoni u l-konklużjonijiet tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa f'dak ir-rigward; jenfasizza li l-effikaċja tal-proċedura tal-Artikolu 7 tat-TUE għandha tissaħħaħ permezz tar-reviżjoni tal-maġġoranza meħtieġa biex tittieħed azzjoni u t-tisħiħ tal-mekkaniżmu ta' sanzjonar; jistieden lill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa tikkunsidra t-tisħiħ tar-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-protezzjoni tal-valuri fundamentali tal-Unjoni; jitlob reviżjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jstabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali <sup>(13)</sup>, wara valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa, bil-għan li jissaħħaħ u jtkabbar il-mandat tagħha biex ikopri l-valuri kollha msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE;

14. Jemmen bil-qawwa li l-indirizzar tal-kriżi tal-valuri tal-Unjoni, inkluż permezz tal-Mekkaniżmu propost, huwa prekondizzjoni biex terġa' tiġi stabbilita l-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri, biex b'hekk l-Unjoni kollha tkun tista' ssostni u tkompli l-politiki komuni kollha;

15. Jiddispjaċih li l-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 ta' Lulju 2020, dgħajf il-mekkaniżmu tal-kundizzjonalità baġitarja propost mill-Kummissjoni; itenni t-talba tiegħu li jiġi żgurat li l-ksur sistemiku tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE jsir inkompatibbli mal-finanzjament tal-Unjoni; jišhaq fuq il-hteġa li tiġi implimentata maġġoranza kwalifikata inversa għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni, li mingħajrha, l-effikaċja tal-mekkaniżmu l-ġdid tal-kundizzjonalità baġitarja tkun taħt theddida; jitlob li l-applikazzjoni tal-kundizzjonalità baġitarja tkun akkumpanjata minn miżuri li għandhom l-għan li jnaqqsu kwalunkwe impatt potenzjali fuq il-benefiċjarji individwali tal-finanzjament tal-Unjoni, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jissottolinja li l-mekkaniżmu tal-kundizzjonalità baġitarja ma jistax jiġi ssostitwit unikament miċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali propost; iħeġġeġ lill-Kunsill Ewropew jaġixxi fuq il-wegħda tiegħu li saret fid-Dikjarazzjoni ta' Sibiu tad-9 ta' Mejju 2019 li jiproteġi d-demokrazija u l-istat tad-dritt;

16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jidħlu mingħajr dewmien f'negozjati mal-Parlament dwar ftehim interistituzzjonali f'konformità mal-Artikolu 295 tat-TFUE; iqis li l-proposta stabbilita fl-Anness hawnhekk tikkostitwixxi bażi xierqa għal dawn in-negozjati;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u l-proposta li takkumpanjaha lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

---

<sup>(13)</sup> ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.

L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020

**ANNEX GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI:**

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tisħiħ tal-Valuri tal-Unjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U L-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 295 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi ("valuri tal-Unjoni").
- (2) Skont l-Artikolu 49 tat-TUE, ir-rispett u l-impenn għall-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni huma kundizzjoni fundamentali tas-sħubija fl-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 7 tat-TUE, l-eżistenza ta' ksur serju u persistenti minn Stat Membru tal-valuri tal-Unjoni tista' twassal għas-sospensjoni tad-drittijiet tal-vot tar-rappreżentant tal-gvern ta' dak l-Istat Membru fil-Kunsill. Ir-rispett għall-valuri tal-Unjoni jifforma l-bażi ta' livell għoli ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri.
- (3) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ("it-tliet istituzzjonijiet") jirrikonoxxu l-importanza tar-rispett għall-valuri tal-Unjoni. Ir-rispett għall-valuri tal-Unjoni huwa meħtieġ għall-funzjonament tajjeb tal-Unjoni u l-kisba tal-għanijiet tagħha kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-TUE. It-tliet istituzzjonijiet huma impenjati favur kooperazzjoni sinċiera reċiproka bil-għan li jippromwovu u jiżguraw ir-rispett għall-valuri tal-Unjoni.
- (4) It-tliet istituzzjonijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa li tiġi ssimplifikata u tissaħħaħ l-effikaċja tal-għodod eżistenti mfassla biex irawmu l-konformità mal-valuri tal-Unjoni. Għalhekk għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu interistituzzjonali komprensiv u msejjes fuq l-evidenza u li jirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, sabiex titjieb il-koordinazzjoni bejn it-tliet istituzzjonijiet u jiġu kkonsolidati l-inizjattivi meħhuda qabel. F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ġustizzja u Affarjiet Interni tas-6 u s-7 ta' Ġunju 2013, mekkaniżmu bħal dan għandu jopera b'mod trasparenti, abbażi tal-evidenza miġbura b'mod oġġettiv, imqabbla u analizzata u abbażi tal-ugwaljanza tat-trattament bejn l-Istati Membri kollha.
- (5) It-tliet istituzzjonijiet jaqblu li huwa meħtieġ Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali dwar il-Valuri tal-Unjoni sabiex jissaħħu l-promozzjoni u r-rispett għall-valuri tal-Unjoni. Iċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali għandu jkun komprensiv, oġġettiv, imparzjali, ibbażat fuq l-evidenza u applikat b'mod ugwali u ġust għall-Istati Membri kollha. L-għan ewlieni taċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali għandu jkun il-prevenzjoni tal-ksur tal-valuri tal-Unjoni u n-nuqqas ta' konformità magħhom kif ukoll li jixħet dawl fuq l-iżviluppi pożittivi u l-iskambju tal-aħjar Prattiki, filwaqt li tiġi pprovduta bażi kondiviża għal azzjonijiet oħra mit-tliet istituzzjonijiet. It-tliet istituzzjonijiet jaqblu wkoll li jużaw dan il-Ftehim Interistituzzjonali biex jintegraw l-istrumenti u l-inizjattivi eżistenti relatati mal-promozzjoni u r-rispett għall-valuri tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt, id-Djalogu annwali tal-Kunsill dwar l-Istat tad-Dritt u l-Qafas tal-Istat tad-Dritt tal-Kummissjoni, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni u tissaħħaħ l-effikaċja ġenerali.
- (6) Iċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali għandu jikkonsisti fi stadju ta' thejġija, il-pubblikazzjoni ta' rapport annwali ta' monitoraġġ dwar il-konformità mal-valuri tal-Unjoni inklużi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, u stadju ta' segwitu inklużi l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Iċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali għandu jitwettaq fi spirtu ta' trasparenza u ftuħ bl-involviment taċ-ċittadini u s-soċjetà ċivili u għandu jkun protett mid-diżinformazzjoni.
- (7) It-tliet istituzzjonijiet jikkondividu l-fehma li ċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali għandu jissostitwixxi d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2006/928/KE<sup>(1)</sup> u 2006/929/KE<sup>(2)</sup> u jissodisfa, fost l-oħrajn, l-oġġettivi ta' dawk id-Deċiżjonijiet. Dan il-Ftehim Interistituzzjonali huwa mingħajr preġudizzju għall-Att tal-Adeżjoni tal-2005, b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu.

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 56).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress fil-Bulgarija sabiex tindirizza punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 58).

**L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020**

- (8) Iċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali għandu jkun komplementari għal strumenti oħra relatati mal-promozzjoni u t-tisħiħ tal-valuri tal-Unjoni, u koerenti magħhom. B'mod partikolari, it-tliet istituzzjonijiet għandhom jimpennaw ruħhom li jużaw is-sejbiet tar-rapporti annwali ta' monitoraġġ fil-valutazzjoni tagħhom dwar jekk hemmx riskju ċar ta' ksur serju jew eżistenza ta' ksur serju u persistenti minn Stat Membru tal-valuri tal-Unjoni fil-kuntest tal-Artikolu 7 tat-TUE. Bl-istess mod, il-Kummissjoni ħadet l-impenn li tuża s-sejbiet tar-rapport annwali ta' monitoraġġ bħala parti mill-valutazzjoni tagħha dwar jekk għandhiex titnieda proċedura ta' ksur u jekk hemmx nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, f' konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2020/xxxx tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(\*)</sup>. It-tliet istituzzjonijiet jaqblu li r-rapporti annwali ta' monitoraġġ għandhom b'mod aktar ġenerali jiggwidaw l-azzjonijiet tagħhom fir-rigward tal-valuri tal-Unjoni.
- (9) Skont l-Artikolu 295 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), dan il-Ftehim Interistituzzjonali jistabbilixxi biss arranġamenti għall-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, u, skont l-Artikolu 13(2) tat-TUE, daww l-istituzzjonijiet għandhom jaġixxu fil-limiti tas-setgħat mogħtija lilhom mit-Trattati, u f'konformità mal-proċeduri, kundizzjonijiet u għanijiet stipulati fihom. Dan il-Ftehim Interistituzzjonali huwa mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-interpretazzjoni awtentika tad-dritt tal-Unjoni,

QABLU DWAR DAN LI ĠEJ

**I. GĦANIJET**

1. It-tliet istituzzjonijiet b'dan jaqblu li jippromwovu u jsaħħu r-rispett għall-valuri tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2 tat-TUE, permezz tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni.

**II. IĊ-ĊIKLU TA' MONITORAĠĠ ANNWALI**

2. It-tliet istituzzjonijiet jaqblu li jorganizzaw f'kooperazzjoni sinċiera u reċiproka Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali dwar il-Valuri tal-Unjoni, li jkopri kwistjonijiet u l-aħjar prattiki fl-oqsma kollha tal-valuri tal-Unjoni. Iċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali għandu jikkonsisti fi stadju ta' thejjiġa, il-pubblikazzjoni ta' rapport annwali ta' monitoraġġ dwar il-valuri tal-Unjoni ("Rapport Annwali") inklużi rakkomandazzjonijiet, u stadju ta' segwitu.
3. It-tliet istituzzjonijiet jaqblu li jistabbilixxu Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali permanenti dwar il-Valuri tal-Unjoni ("Grupp ta' Ħidma"). Il-Grupp ta' Ħidma għandu jiffaċilita l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn it-tliet istituzzjonijiet fiċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali. Il-Grupp ta' Ħidma għandu jinforma perġodikament lill-pubbliku dwar il-ħidma tiegħu.
4. Panel ta' esperti indipendenti għandu jagħti pariri lill-Grupp ta' Ħidma u lit-tliet istituzzjonijiet. F'kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, il-panel ta' esperti indipendenti għandu jidentifika l-iżviluppi pożittivi u negattivi ewlenin f'kull Stat Membru b'mod imparzjali u jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' metodoloġija għar-Rapport Annwali. It-tliet istituzzjonijiet jistgħu jikkonsultaw lill-panel fi kwalunkwe stadju taċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali.

**Stadju preparatorju**

5. Fuq bażi annwali, il-Kummissjoni għandha torganizza konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati biex tiġbor l-informazzjoni għar-Rapport Annwali. Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati għandha ssir fl-ewwel trimestru ta' kull sena. Il-konsultazzjoni għandha tkun trasparenti u bbażata fuq metodoloġija ċara u rigoruża adottata mill-Grupp ta' Ħidma. Il-metodoloġija għandha, fi kwalunkwe każ, tinkludi f'forma xierqa l-punti ta' riferiment, bħal pereżempju daww elenkati fl-Annessi għad-Deċizzjonijiet tal-Kummissjoni 2006/928/KE u 2006/929/KE.
6. Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati għandha tagħti opportunità lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lill-istituzzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u l-korpi tal-ugwaljanza nazzjonali, lill-assoċjazzjonijiet u lin-networks professjonali, korpi tal-Kunsill tal-Ewropa u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u l-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, biex jikkontribwixxu għar-Rapport Annwali. Il-Kummissjoni għandha tinkorpora l-informazzjoni pprovduta mill-partijiet ikkonċernati fir-Rapport Annwali. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-kontribuzzjonijiet għall-konsultazzjoni fuq is-sit web tagħha qabel il-pubblikazzjoni tar-Rapport Annwali.

(\*) [minflok xxxx daħħal in-numru finali ta' 2018/136(COD) fit-test (kif ukoll fil-punti 16, 19 u 25) u kkoreġi r-referenza tal-ĠU fin-nota ta' qiegħ il-paġna] Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri; ĠU C ..., ..., p. ...



7. Il-Kummissjoni għandha tibbaża fuq l-informazzjoni kollha li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha meta tħejji r-Rapport Annwali, abbażi tal-metodoloġija miftiehma mill-Grupp ta' Ħidma. Ta' rilevanza partikolari f'dan ir-rigward huma r-rapporti u d-data mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni, il-Kunsill tal-Ewropa, inklużi l-Kummissjoni ta' Venezja u l-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni, u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra li jipproduċu studji u valutazzjonijiet rilevanti. Fejn ir-Rapport Annwali kif abbozzat mill-Kummissjoni jiddevja mis-sejbiet tal-panel ta' esperti indipendenti, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni tispjega r-raġunijiet tagħha lill-Grupp ta' Ħidma.

8. Ir-rappreżentanti maħtura ta' kwalunkwe waħda mit-tliet istituzzjonijiet, wara li jikkordinaw fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma, għandu jkollhom il-possibbiltà li jwettqu żjarat ta' għbir ta' informazzjoni fl-Istati Membri bil-għan li jiksbu informazzjoni addizzjonali u kjarifika dwar l-istat tal-valuri tal-Unjoni fl-Istati Membri kkonċernati. Il-Kummissjoni għandha tinkorpora s-sejbiet fir-Rapport Annwali.

9. Il-Kummissjoni għandha tinforma b'mod regolari lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-progress li jkun sar matul l-istadju preparatorju.

### **Rapport Annwali u rakkomandazzjonijiet**

10. Il-Kummissjoni għandha tfassal ir-Rapport Annwali abbażi tal-informazzjoni miġbura matul l-istadju preparatorju. Ir-Rapport Annwali għandu jkopri kemm l-iżviluppi pożittivi kif ukoll dawk negattivi relatati mal-valuri tal-Unjoni fl-Istati Membri. Ir-Rapport Annwali għandu jkun imparzjali, ibbażat fuq evidenza miġbura b'mod oġġettiv u jirrispetta t-trattament ugwali bejn l-Istati Membri kollha. Il-profondità tar-rappurtar għandha tirrifletti l-gravità tas-sitwazzjoni inkwistjoni. Ir-Rapport Annwali għandu jinkludi taqsima dwar il-proċeduri ta' ksur li jittrattaw il-valuri tal-Unjoni.

11. Ir-Rapport Annwali għandu jkun fih rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull Stat Membru bil-għan li jissaħħu l-protezzjoni u l-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni. Ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jispeċifikaw miri konkreti u skedi ta' żmien għall-implimentazzjoni u jqisu kif jixraq kwalunkwe tħassib espress fi proposti motivati adottati fl-ambitu tal-Artikolu 7(1) tat-TUE. Ir-rakkomandazzjonijiet għandhom iqisu d-diversità tas-sistemi politiċi u legali tal-Istati Membri. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet għandha tiġi vvalutata fir-Rapporti Annwali jew fir-rapporti urġenti sussegwenti, kif ikun xieraq.

12. Ir-Rapport Annwali, inklużi r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, għandu jiġi ppubblikat f'Settembru ta' kull sena. Id-data tal-pubblikazzjoni għandha tkun ikkoordinata bejn it-tliet istituzzjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma. Qabel il-pubblikazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-abbozz ta' Rapport Annwali lill-Grupp ta' Ħidma.

### **Segwitu**

13. Mhux aktar tard minn xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiddiskutu l-kontenut tar-Rapport Annwali. Id-diskussjonijiet għandhom isiru pubbliċi. Il-Parlament u l-Kunsill għandhom jadottaw pożizzjonijiet dwar ir-Rapport Annwali permezz ta' riżoluzzjonijiet u konklużjonijiet. Bħala parti mis-segwitu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jivvalutaw u jirriflettu dwar sa liema punt ir-rakkomandazzjonijiet preċedenti ġew implimentati mill-Istati Membri, inkluża l-implimentazzjoni tas-sejbiet rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. It-tliet istituzzjonijiet għandhom jagħmlu użu mill-poteri rispettivi tagħhom skont it-Trattati bil-għan li jikkontribwixxu għal segwitu effettiv. It-tliet istituzzjonijiet għandhom jagħmlu hilitom sabiex jippromwovu dibattitu dwar ir-Rapport Annwali fl-Istati Membri, b'mod partikolari fil-parlamenti nazzjonali, b'mod waqtu.

14. Abbażi tas-sejbiet tar-Rapport Annwali, il-Kummissjoni għandha, fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill, tidħol fi djalogu ma' Stat Membru wieħed jew diversi, inklużi l-awtoritajiet rilevanti, bil-għan li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress tad-djalogu. Il-Kummissjoni tista', fi kwalunkwe ħin u anke fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, tipprovdi assistenza teknika lill-Istati Membri permezz ta' attivitajiet differenti. Il-Parlament Ewropew għandu jorganizza, b'kooperazzjoni mal-parlamenti nazzjonali, dibattitu interparlamentari dwar is-sejbiet tar-Rapport Annwali.

15. It-tliet istituzzjonijiet għandhom iqisu s-sejbiet tar-Rapport Annwali meta jiddeterminaw il-prijoritajiet ta' finanzjament. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tinkludi appoġġ immirat għall-atturi nazzjonali li jikkontribwixxu għall-protezzjoni u l-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni, bħall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-media, meta jistabbilixxu l-programmi ta' ħidma annwali rilevanti għall-iżborż ta' fondi tal-Unjoni kemm taħt ġestjoni kondiviża kif ukoll taħt ġestjoni diretta.

16. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 tat-TFUE u l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2020/xxxx u d-dritt ta' terz tal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni li jippreżentaw lill-Kunsill proposta motivata f'konformità mal-Artikolu 7(1) tat-TUE, it-tliet istituzzjonijiet jaqblu li r-Rapporti Annwali għandhom jiggwidaw l-azzjonijiet tagħhom rigward il-valuri tal-Unjoni.

**L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020**

17. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida u indikaturi addizzjonali biex tindirizza l-kwistjonijiet orizzontali rilevanti li jitfaċċaw miċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali.

**Rapport urġenti**

18. Meta s-sitwazzjoni fi Stat Membru wieħed jew aktar thedded li ssir ħsara imminente u serja għall-valuri tal-Unjoni, il-Kummissjoni tista', jew fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, tfassal rapport urġenti dwar is-sitwazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tfejji r-rapport b'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport urġenti bla dewmien u tagħmlu disponibbli għall-pubbliku mhux aktar tard minn xahrejn wara li tkun saret talba mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Is-sejbiet tar-rapport urġenti għandhom jiġu inkorporati fir-Rapport Annwali li jmiss. Ir-rapport urġenti jista' jispjega rakkomandazzjonijiet bl-għan li tiġi indirizzata t-theddida imminente għall-valuri tal-Unjoni.

**III. KOMPLEMENTARJETÀ MA' STRUMENTI OĦRA**

19. It-tliet istituzzjonijiet jirrikonoxxu n-natura komplementari taċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali u mekkaniżmi oħra għall-protezzjoni u l-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni, b'mod partikolari l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7 tat-TUE, il-proċeduri ta' ksur u r-Regolament (UE) 2020/xxxx. It-tliet istituzzjonijiet jimpenjaw ruħhom li jqisu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim Interistituzzjonali fil-politiki tal-Unjoni.

20. Meta r-Rapport Annwali jidentifika nuqqasijiet sistemiċi fir-rigward ta' valur wieħed jew aktar tal-Unjoni, it-tliet istituzzjonijiet għandhom jimpenjaw ruħhom li jieħdu azzjoni xierqa, mingħajr dewmien, fis-setgħat rispettivi tagħhom kif mogħtija lilhom mit-Trattati. It-tliet istituzzjonijiet jaqblu li s-sejbiet tar-Rapport Annwali għandhom iservu bħala bażi għad-deċiżjoni dwar attivazzjoni jew le tal-proċedura prevista fl-Artikolu 7 tat-TUE u l-varar ta' proċeduri ta' ksur li jittrattaw il-ħarsien tal-valuri tal-Unjoni. It-tliet istituzzjonijiet għandhom iqisu, *inter alia*, jekk il-politiki tal-Unjoni li jeħtieġu livell għoli ta' fiduċja reċiproka jistgħux jiġu sostnuti fid-dawl tan-nuqqasijiet sistemiċi identifikati fir-Rapport Annwali.

21. Iċ-Ċiklu ta' Monitoraġġ Annwali stabbilit b'dan il-Ftehim għandu jissostitwixxi l-mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress fir-Rumanija biex jindirizza punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/928/KE u l-mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress fil-Bulgarija biex jindirizza punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/929/KE u għandu jissodisfa, *inter alia*, l-għanijiet segwiti minn dawn id-Deċiżjonijiet. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tiegħu ħsieb li tħassar dawk id-Deċiżjonijiet fi żmien xieraq.

**Arranġamenti komuni għall-Artikolu 7 tat-TUE**

22. It-tliet istituzzjonijiet jaqblu li jużaw is-sejbiet tar-Rapport Annwali fil-valutazzjoni tagħhom dwar jekk hemmx riskju ċar ta' ksur serju jew eżistenza ta' ksur serju u persistenti minn Stat Membru tal-valuri tal-Unjoni skont l-Artikolu 7 tat-TUE.

23. Sabiex isaħħu t-trasparenza u l-effiċjenza tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7 tat-TUE, it-tliet istituzzjonijiet jaqblu li jiżguraw li l-istituzzjoni li tibda proposta skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE għandha tkun tista' tippreżenta l-proposta fil-Kunsill u tkun informata u involuta għalkollox fl-istadji kollha waqt il-proċedura. It-tliet istituzzjonijiet jaqblu li jikkonsultaw lil xulxin regolarment fil-Grupp ta' Ħidma dwar proċeduri eżistenti u potenzjali mnedija skont l-Artikolu 7 tat-TUE.

24. It-tliet istituzzjonijiet jaqblu li jfasslu modalitajiet immirati biex itejbu l-effikaċja tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7 tat-TUE. Tali modalitajiet ġodda jistgħu jinkludu skeda regolarizzata ta' seduti ta' smiġh u sessjonijiet dwar is-sitwazzjoni f'dak il-waqt, rakkomandazzjonijiet immirati biex jirrimedjaw tħassib espress fil-proposta motivata u skedi ta' żmien għall-implimentazzjoni.

**Arranġamenti komuni għall-kundizzjonalità baġitarja**

25. It-tliet istituzzjonijiet jaqblu li jużaw is-sejbiet tar-Rapport Annwali fil-valutazzjoni tagħhom dwar jekk hemmx nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2020/xxxx, kif ukoll fi kwalunkwe valutazzjoni oħra rilevanti għall-finijiet tal-għodod baġitarji eżistenti u futuri. Meta r-Rapport Annwali jidentifika li nuqqas ġeneralizzat fir-rigward tal-istat tad-dritt fi Stat Membru jolqot jew jissogra li jolqot il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba jew il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tibgħat notifika bil-miktub lil dak l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2020/xxxx.

---

**L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020****IV. DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

26. It-tliet istituzzjonijiet għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li huma jkollhom il-mezzi u r-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni xierqa ta' dan il-Ftehim Interistituzzjonali.
27. It-tliet istituzzjonijiet għandhom jimmonitorjaw l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim Interistituzzjonali b'mod koŋġunt u kontinwu, kemm fil-livell politiku permezz ta' diskussjonijiet regolari kif ukoll fil-livell tekniku fil-Grupp ta' Ħidma.
28. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fil-jum li fih jiġi ffirmat.
-

L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020

P9\_TA(2020)0252

## **Implimentazzjoni tal-politika kummerċjali komuni – rapport annwali 2018**

### **Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar l-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali komuni – rapport annwali 2018 (2019/2197(INI))**

(2021/C 395/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2019 dwar l-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles, 1 ta' Jannar 2018 – 31 ta' Diċembru 2018 (COM(2019)0455),
- wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (SWD(2019)0370) tal-14 ta' Ottubru 2019, li jakkumpanja r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles, 1 ta' Jannar 2018 – 31 ta' Diċembru 2018 (COM(2019)0455),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2015 bit-titlu “Kummerċ għal Kulħadd: Lejn politika aktar responsabbli għall-kummerċ u l-investment” (COM(2015)0497),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar 2020 bit-titlu “Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2020: Unjoni li tirsisti għal aktar”(COM(2020)0037),
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea 2019-2024 tas-16 ta' Lulju 2019,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Mejju 2018 dwar ir-Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Politika Kummerċjali Komuni <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni tat-8 ta' April 2020 dwar ir-rispons globali tal-UE għall-COVID-19 (JOIN(2020)0011),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Novembru 2018 dwar id-WTO: prospettivi għall-futur <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni, tad-9 ta' Marzu 2020, bit-titlu “Lejn strateġija komprensiva mal-Afrika” (JOIN(2020)0004),
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-25 ta' Jannar 2019 tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) dwar il-kummerċ elettroniku,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Ministri għall-Kummerċ tal-G20 tat-30 ta' Marzu u tal-14 ta' Mejju 2020;
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta Stati Uniti tal-Amerka-UE tal-25 ta' Lulju 2018,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-14 ta' Jannar 2020 bħala eżitu tal-Laqqgħa Trilaterali tal-Ministri għall-Kummerċ tal-Ġappun, tal-Istati Uniti tal-Amerka u tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2019 dwar il-ħarsien u l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali fil-pajjiżi terzi (SWD(2019)0452),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni tas-27 ta' Marzu 2019 dwar l-istrumenti għad-difiża kummerċjali (COM(2019)0158),
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Ewrobarometru ppubblikat f'Novembru 2019 bit-titlu “L-attitudni tal-Ewropej dwar il-Kummerċ u l-politika kummerċjali tal-UE”,

<sup>(1)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2018)0230.

<sup>(2)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2018)0477.

L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta dwar "UE-Ċina – Prospettiva strateġika adottata mill-Kummissjoni u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fit-12 ta' Marzu 2019 (JOIN(2019)0005),
  - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta dwar "Konnessjoni bejn l-Ewropa u l-Asja – elementi fundamentali għal Strateġija tal-UE" adottata mill-Kummissjoni u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fid-19 ta' Settembru 2018 (JOIN(2018)0031),
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tas-26 ta' Ġunju 2019 dwar ostakli għall-kummerċ u l-investment,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2017 dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u r-Repubblika tal-Korea <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2016 dwar strateġija futura ġdida progressiva u innovattiva dwar il-kummerċ u l-investment <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-25 ta' Settembru 2015 bit-titlu "Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli",
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2016 dwar l-istandards soċjali u ambjentali, id-drittijiet tal-bniedem u r-responsabbiltà korporattiva <sup>(5)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Kapitolu V, Titolu II tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif ukoll l-Artikolu 218 tat-TFUE,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2015 dwar l-istrateġija tal-UE għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel wara l-2015 <sup>(6)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2018 dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-ftehimiet kummerċjali <sup>(7)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Istrateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi tal-Kummissjoni ta' Marzu 2020,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi li jkopri l-perjodu 2018-2019 <sup>(8)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Novembru 2018 bit-titlu "Is-Suq Uniku f'dinja li qiegħda tinbidel: assi uniku li jeħtieġ impenn politiku mġedded" (COM(2018)0772),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A9-0160/2020),
- A. billi r-risoluzzjoni tal-Parlament tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-implimentazzjoni tal-Politika Kummerċjali Komuni kisbet appoġġ wiesa' għall-approċċ tagħha li jiffavorixxi sistema kummerċjali bbażata fuq ir-regoli, fuq il-valuri u li tkun prevedibbli; billi żviluppi ġodda sa mill-2018, partikolarment l-implimentazzjoni tal-ftehim kummerċjali UE-Kanada u l-effetti l-aktar reċenti tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-kummerċ, jagħmluha neċessarja li jsir aġġornament dettaljat tar-rapport preċedenti;
- B. billi l-UE hija l-potenza kummerċjali ewlenija tad-dinja u l-akbar blokk kummerċjali fid-dinja, li taġixxi bħala mutur prinċipali tal-prospertà ekonomika; billi hija wkoll l-akbar kummerċjant ta' prodotti manifatturati u servizzi; billi l-indikaturi l-aktar reċenti jżvelaw li fl-2019 l-esportazzjonijiet ta' oġġetti tal-UE żdiedu għal EUR 2 132,3 biljun, li jirrappreżentaw żieda ta' 3,5 % fuq is-sena preċedenti; billi minkejja l-isfidi globali attwali, is-sħab kummerċjali ewlenin tal-UE huma l-Istati Uniti u ċ-Ċina; billi bejn l-2007 u l-2017 il-PDG globali żdied b'aktar minn 70 %; billi jekk wieħed iqabbel iż-żieda tal-UE ta' 17 % maċ-ċifri għal pajjiżi bħall-Istati Uniti (60 %), l-Indja (80 %) u ċ-Ċina (315 %), jidher ċar li l-UE qed taqa' lura fil-kompetittività globali;

<sup>(3)</sup> ĠU C 307, 30.8.2018, p. 109.

<sup>(4)</sup> ĠU C 101, 16.3.2018, p. 30.

<sup>(5)</sup> ĠU C 101, 16.3.2018, p. 19.

<sup>(6)</sup> ĠU C 407, 4.11.2016, p. 2.

<sup>(7)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2018)0066.

<sup>(8)</sup> [https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2020/february/tradoc\\_158619.pdf](https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2020/february/tradoc_158619.pdf)

**L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020**

- C. billi fl-14 ta' Ottubru 2019 il-Kummissjoni ppubblikat it-tielet rapport tagħha dwar l-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles (FTAs) tal-UE, li juri li fl-2018, 33 % tal-esportazzjonijiet tal-UE u 29 % tal-importazzjonijiet tal-UE ġew negozjati mas-sħab tal-FTA; billi fl-2018 l-UE kellha surplus kummerċjali favorevoli ta' EUR 84,6 biljun mas-sħab tal-FTA meta mqabbel mad-defiċit kummerċjali globali tagħha ta' EUR 24,6 biljun; billi skont rapport reċenti tal-Kummissjoni, l-esportazzjonijiet lejn l-UE minn pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp abbażi ta' preferenzi kummerċjali speċjali (SPĠ) żdiedu b'16,2 % bejn l-2016 u l-2018, b'żieda fil-valur minn EUR 158 biljun fl-2016 għal EUR 183,6 biljun fl-2018; billi huwa previst li l-kummerċ dinji fl-2020 se jonqos bejn it-13 u t-32 % minħabba l-effetti tal-COVID-19; billi huwa previst li l-esportazzjonijiet lil hinn mill-UE27 ta' oġġetti u servizzi jonqsu b'9,2 % u l-importazzjonijiet lil hinn mill-UE27 bi 8,8 %, filwaqt li l-FMI jipprevedi tnaqqis ta' 7,5 % fil-PDG tal-UE;
- D. billi l-politika kummerċjali komuni hija kompetenza esklużiva tal-Unjoni implimentata mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mill-Parlament, li tirrikjedi li l-Unjoni titkellem b'vuċi waħda fi kwistjonijiet kummerċjali, dik tal-Kummissjoni li taġixxi tan-negozjatur tagħha; billi fl-2015 il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni bit-titlu "Kummerċ għal Kulħadd: Lejn politika aktar responsabbli għall-kummerċ u l-investiment"; billi l-Kummissjoni varat rieżami tal-politika kummerċjali bil-għan li ttejjeb il-kaxxa ta' għodod kummerċjali wara l-kriżi tal-COVID-19;
- E. billi l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE u l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipulaw li l-politika kummerċjali komuni għandha titmexxa fil-kuntest tal-prinċipji u l-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, inkluż il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-iżvilupp sostenibbli; billi f'Diċembru 2019 il-Kummissjoni adottat il-Patt Ekoloġiku Ewropew, li jipprevedi li l-azzjonijiet u l-politiki kollha tal-UE se jkollhom jikkontribwixxu għall-oġġettivi tiegħu;
- F. billi l-politika kummerċjali u ta' investiment tal-UE tipprovdi wkoll lill-investituri b'aċċess għas-suq u bi protezzjoni tal-investiment permezz ta' ċertezza legali u ambjent stabbli, prevedibbli u regolat kif xieraq li fih iwettqu l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom;
- G. billi ċifri reċenti tal-Ewrobarometru jindikaw li madwar 60 % taċ-ċittadini tal-UE jemmnu li jibbenefikaw mill-kummerċ internazzjonali; billi parti mill-opinjoni pubblika hija informata ħafna dwar il-politika kummerċjali u l-ftehimiet kummerċjali; billi nofs daww mistħarrġa jissuġġerixxu li l-prijoritajiet tal-politika kummerċjali tal-UE għandhom ikunu l-ħolqien tal-impjiegi fl-UE u d-difiża tal-istandards ambjentali u tas-saħħa; billi l-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom ikomplu jiżviluppaw strateġija ta' komunikazzjoni xierqa dwar il-politika kummerċjali u l-ftehimiet kummerċjali, liema strateġija tfittex li tindirizza l-aħbarijiet foloz dwar il-kummerċ u li tibgħat kemm jista' jkun informazzjoni filwaqt li tindirizza partijiet ikkonċernati speċifiċi u tissensibilizza l-operaturi ekonomiċi dwar il-ftehimiet kummerċjali;
- H. billi l-politika kummerċjali komuni, komposta minn ftehimiet kummerċjali u miżuri leġislattivi, għandha sservi l-oġġettiv li jnholoq ambjent kummerċjali stabbli, prevedibbli u ġust li fih in-negozji tal-UE jistgħu jirnexxu u fejn l-interessi taċ-ċittadini tal-UE jiġu enfasizzati, u għandha tiżgura li l-UE tkompli tissalvagwardja l-mudell soċjali u regolatorju eżistenti tagħha, filwaqt li tuża l-politika kummerċjali biex tippromwovi l-valuri tagħha madwar id-dinja; billi l-UE għandha żżid l-isforzi tagħha biex tippromwovi kompetizzjoni ġusta, tiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti u tindirizza kwistjonijiet kummerċjali kontemporanji; billi l-kisba ta' dawn l-oġġettivi tirrikjedi orjentazzjoni b'saħħitha tal-politika kummerċjali tal-Unjoni u implimentazzjoni u monitoraġġ effiċjenti u saħħ tagħha, b'mod aktar ġust u trasparenti; billi l-ftehimiet kummerċjali tal-UE għandhom jirrappreżentaw opportunitajiet għat-ktabbir permezz tal-aċċess għas-suq u t-tneħħija tal-ostakli għall-kummerċ; billi hija ta' importanza fundamentali li n-negozjati jitmexxew fi spirtu ta' benefiċċju reċiproku, bil-għan li jiġu indirizzati l-prattiki kummerċjali iġusti u tiġi żgurata l-konformità mar-regoli u l-istandards tal-UE;
- I. billi fit-30 ta' April 2020 l-UE, flimkien ma' 18-il membru tad-WTO, tat notifika formali ta' "Arranġament Proviżorju ta' Arbitraġġ ta' Appell (MPIA) lid-WTO; billi din in-notifika timmarka l-bidu tal-applikazzjoni tal-MPIA għal tilwim li jinqala' bejn il-membri parteċipanti tad-WTO fid-dawl tal-istaġnar tal-Korp tal-Appell (AB);
- J. billi t-tifqigħa tal-COVID-19 ikkawżat kriżi multidimensjonali b'konsegwenzi fit-tul u esponiet in-nuqqas ta' reżiljenza tal-ktajjen tal-valur globali għal ċerti prodotti ewlenin, li jinkludi t-tagħmir u l-apparat mediku; billi l-kriżi wriet il-ħtieġa għal ktajjen ta' produzzjoni aktar robusti u reżiljenti, kif ukoll il-ħtieġa għal investiment foqasma strateġiċi biex tiżdied ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista tal-UE; billi rapporti xjentifiċi jindikaw riskji dejjem akbar ta' tifqigħat dinjija ta'

L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020

pandemiji u ta' fenomeni relatati mat-tibdil fil-klima li għandhom impatt fuq ir-relazzjonijiet internazzjonali; billi l-ministri għall-kummerċ tal-G20 ħadu l-impenn li jtaffu l-impatti tal-COVID-19 fuq il-kummerċ u l-investiment internazzjonali billi jkomplu jaħdmu flimkien biex jipprovdu ambjent ta' kummerċ u investiment ħieles, ġust, nondiskriminatorju, trasparenti, prevedibbli u stabbli, u billi jżommu s-swieq tagħna miftuħa biex jiżguraw il-fluss kontinwu bejn il-fruntieri ta' provvisti u tagħmir mediku vitali, prodotti agrikoli kritiċi, u oġġetti u servizzi essenzjali oħra;

- K. billi fl-14 ta' Marzu 2020 il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/402<sup>(9)</sup> taħt proċedura ta' urġenza biex l-esportazzjoni ta' tagħmir ta' protezzjoni personali (PPE) soġġetta għall-awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2015/479, bħala miżura temporanja li sservi biex tgħin lill-UE tiffaċċja ż-żieda fid-domanda u tħejji l-kapaċità operattiva tagħha biex tgħin lill-pajjiżi terzi;
- L. billi l-UE nneogzjat ftehimiet komprensivi li jirregolaw ir-relazzjonijiet kummerċjali ma' kważi l-Amerka Latina kollha u l-Karibew, bl-eċċezzjoni tal-Bolivja, Kuba u l-Venezwela;
- M. billi, fl-2015, il-Parlament enfasizza l-ħtieġa għal perspettiva tal-ġeneru fil-politika kummerċjali internazzjonali tal-UE<sup>(10)</sup>, u fl-2018, il-ħtieġa għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-ftehimiet kummerċjali<sup>(11)</sup>; billi 36 miljun impjeg fl-UE, li minnhom 13,7 miljun huma okkupati minn nisa, jiddependu fuq l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi lil hinn mill-UE; billi n-nisa huma fil-biċċa l-kbira sottorappreżentati fil-kummerċ lil hinn mill-UE fis-setturi tal-agrikoltura u tal-manifattura; billi, fl-UE, kumpanija esportatriċi waħda biss minn kull ħamsa hija mmexxija (jiġifieri proprjetà ta' u/jew ġestita) minn mara u n-nisa jirrappreżentaw 30 % jew inqas tal-forza tax-xoġhol totali fis-settur tal-esportazzjoni;
- N. billi ħafna pajjiżi jimponu tariffi fuq apparat mediku inklużi l-monitors tal-pazjenti, it-tagħmir dijanjostiku u l-mediċini komuni bħall-antibijotiċi, il-mediċini li jtaffu l-uġiġħ, jew l-insulina, u prattikament il-pajjiżi kollha jimponu dazji fuq l-importazzjoni fuq is-sapun; billi d-dazji ġew aggravati mid-deċizzjoni tal-Istati Uniti li timponi dazji addizzjonali fuq importazzjonijiet b'valur ta' USD 370 biljun miċ-Ċina li jinkludu xi aspetti tal-PPE;
- O. billi rapporti xjentifiċi jindikaw riskji dejjem akbar ta' tifqigħat dinjija ta' pandemiji u ta' fenomeni relatati mat-tibdil fil-klima b'impatt fuq ir-relazzjonijiet internazzjonali, u jikkonkludu li l-mudelli ekonomiċi tagħna għandhom jiġu riformati b'mod sinifikanti, partikolarment skont il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima;

## Il-kuntest globali

1. Jinnota li aspetti sinifikanti tal-kuntest globali qed jinbidlu u li l-esperjenza ta' dawn l-aħħar sentejn fejn kien hemm żieda fit-tensjonijiet, turi li mhumiex prevedibbli; itenni l-appoġġ tiegħu għal sistema kummerċjali miftuħa, ħieles, ibbażata fuq ir-regoli, prevedibbli u ġusta, li jeħtieġ li tiġi ssalvagwardjata u promossa; jirrimarka li minkejja l-klima ekonomika globali diffiċli, l-UE rreġistrat surplus ta' EUR 84,6 biljun (fl-2018) fil-kummerċ ta' oġġetti mas-sħab tagħha tal-ftehim kummerċjali, meta mqabbel mad-defiċit kummerċjali globali tagħha mal-bqija tad-dinja ta' madwar EUR 24,6 biljun; ifakkar li l-esportazzjonijiet lil hinn mill-UE qed jaġhtu appoġġ lil aktar minn 36 miljun impjeg;
2. Jinnota li minn mindu l-Kummissjoni adottat l-aħħar strateġija kummerċjali tagħha fl-2015, bit-titlu "Kummerċ għal kulħadd", l-UE kkonkludiet u bdiet tapplika għadd ta' ftehimiet kummerċjali ġodda, b'mod partikolari l-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) UE-Kanada, il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn l-UE u l-Ġappun u l-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles (FTAs) UE-Singapore u UE-Vjetnam,
3. Jinsisti li l-istrateġija kummerċjali tal-UE trid tkompli tippromwovi l-interessi u l-valuri tal-Unjoni meta tiffaċċja sfidi ġodda madwar id-dinja, iżżid il-kompetittività tal-industrija tal-UE, u tiġġenera tkabbir ekonomiku f'konformità mal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew; iqis, għalhekk, li aġenda multilaterali, plurilaterali u bilaterali ambizzjuża, il-konklużjoni ta' ftehimiet kummerċjali ġusti u produttivi għaż-żewġ partijiet, l-iżgurar ta' reċiproċità stretta u r-rispett tan-normi u l-istandards għoljin tal-Ewropa f'setturi sensitivi, id-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni effettiva tagħhom, it-tneħħija ta' ostakli kummerċjali mhux ġustifikati, u l-użu ta' għodod għad-difiża tal-kummerċ fejn meħtieġ, jirrappreżentaw l-aħjar mod biex bih l-UE ssir aktar kompetittiva f'dinja globalizzata;

<sup>(9)</sup> ĠU L 771, 15.3.2020, p. 1.

<sup>(10)</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2015 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel wara l-2015

<sup>(11)</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2018 dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE

**L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020**

4. Jisħaq li r-relazzjoni tagħna maż-żewġ superpotenzi kummerċjali l-oħra, iċ-Ċina u l-Istati Uniti, li jirrappreżentaw madwar 30 % tal-iskambji kummerċjali tagħna, huma kruċjali fit-tmexxija tal-politika kummerċjali tal-UE; jinsisti, madankollu, li l-UE għandha ssaħħaħ ir-relazzjonijiet tagħha ma' partijiet oħra tad-dinja, tiddiversifika u ttejjeb ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħha mas-sħab kollha, inklużi l-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u l-pajjiżi l-anqas żviluppatti (LDCs), u taħdem lejn ordni dinji multipolari; jissottolinja l-hteġa li tiġi evitata d-dipendenza żejda tal-ekonomija tal-UE fuq il-ktajjen tal-provvista ta' ftit sħab kummerċjali ewlenin;
5. Jisħaq fuq il-hteġa li jissaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri; jappella għal aktar skambju ta' prattiki tajba, bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, bil-ħsieb li jinkisbu sinerġiji u jittejjeb r-riżultati; f'dan ir-rigward, jisħaq ukoll fuq il-hteġa li jittejjeb l-istrategġija ta' valutazzjoni dwar il-ftehimiet, u jqis li l-Kummissjoni għandha tiżgura valutazzjoni tal-impatt aħjar ta' kull ftehim kummerċjali, li għandha titwettaq fi żmien xieraq u minn korpi indipendenti;
6. Jilqa' ż-żieda fit-trasparenza tal-politika kummerċjali; jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill li jippubblika l-mandat dwar in-negozjati tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mar-reġjuni tal-AKP fid-19 ta' Diċembru 2019; jesprimi sodisfazzjon għall-isforzi reċenti tal-Kummissjoni l-għdida biex tinforma lill-Parlament b'mod aktar regolari dwar is-sitwazzjoni attwali tan-negozjati li għaddejjin, biex b'hekk il-ħidma tal-Kummissjoni ssir aktar trasparenti, bħal li jsiru disponibbli rapporti dettaljati dwar il-kumitati speċjalizzati stabbiliti skont is-CETA u l-Ftehim mal-Korea t'Isfel;
7. Jisħaq li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom jaħdmu fuq strategġija ta' komunikazzjoni aħjar fir-rigward tal-benefiċċji tal-politika kummerċjali tal-UE u fuq is-sensibilizzazzjoni bil-għan li jikkomunikaw b'mod effettiv flimkien mas-soċjetà u l-partijiet ikkonċernati; ifakkar li l-pjanijiet direzzjonali jipprovdu l-opportunità lill-Kummissjoni biex tikkomunika u tispjega r-raġunijiet wara inizjattiva partikolari u l-oġettivi tagħha, kif ukoll biex tikkomunika mas-soċjetà u l-partijiet ikkonċernati u tirċievi rispons; iqis li l-Kummissjoni għandha tiżgura t-trasparenza sħiħa tal-pjanijiet direzzjonali u ta' attivitajiet oħra ta' konsultazzjoni bil-għan li timmassimizza l-impatt tagħhom u tiggarrantixxi l-involviment tal-partijiet ikkonċernati;
8. Jiddispijaċi dwar l-impatt serju tal-virus tal-COVID-19 u l-lockdown konsegwenti tal-ekonomiji fir-rigward tal-kummerċ globali, fejn bħala konsegwenza ta' dan kien hemm tnaqqis fl-importazzjonijiet lejn l-UE u fl-esportazzjonijiet mill-UE kif ukoll interruzzjonijiet u waqfien tal-ktajjen tal-valur; jenfasizza li l-UE jeħtiġilha titgħallem mill-pandemija attwali sabiex tnaqqas il-vulnerabbiltà tagħha, speċjalment f'ċerti setturi strateġiċi; jemmen li l-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jaġixxu b'mod rapidu biex jużaw il-politika kummerċjali bħala għodda li tippermetti l-irkupru tal-ekonomija globali u li ttaffi r-reċessjoni; huwa konvint li l-UE jeħtiġilha ttejjeb l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha filwaqt li tiżgura kummerċ ibbażat fuq ir-regoli fi żmien ta' kriżi, u jeħtiġilha tevita miżuri li jirrestrinġu u/jew jgħawwġu l-kummerċ, u bl-istess mod tisfida tali miżuri minn pajjiżi terzi, li kollha kemm huma għandhom jiġu indirizzati b'mod speċifiku fir-Revizzjoni tal-Politika Kummerċjali;
9. Jappella għal progress fin-negozjati attwali u b'mod partikolari għat-tiġdid tan-negozjati biex jiġi konkluż b'mod rapidu ftehim plurilaterali dwar iċ-ċirkolazzjoni libera tat-tagħmir mediku; iħeġġeġ bil-qawwa lill-pajjiżi kollha jissieħbu fil-Ftehim dwar l-Eliminazzjoni tad-Dazji fuq il-Prodotti Farmaċewtiċi (Zero għal Zero) tad-WTO, u jemmen li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jiġi estiż għall-prodotti farmaċewtiċi u mediċinali kollha biex ikun żgurat il-kummerċ transfruntier mad-dinja kollha; jitlob lill-membri tad-WTO jagħtu prijorità lil dan is-suġġett fl-aġenda tal-Laqgħa Ministerjali tad-WTO li jmiss, peress li l-ftehimiet kummerċjali huma mod kif il-kumpaniji jiġu meġhuna jiddiversifikaw is-sorsi tagħhom;
10. Jisħaq li l-UE jeħtiġilha tiżgura flussi kummerċjali miftuħa u ktajjen ta' valur mondjali sostnuti, u għalhekk jeħtiġilha toqgħod lura minn restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni bħal fuq PPE, li għalih l-UE qed tiddependi fuq sħab kummerċjali f'pajjiżi terzi; iħeġġeġ lil dawk l-Istati Membri li jirrestrinġu l-fluss ta' oġġetti kritiċi fis-suq intern biex ineħħu minnufih ir-restrizzjonijiet tal-esportazzjoni tagħhom, u jistieden lill-Kummissjoni tapplika tolleranza zero għal tali ksur tar-regoli tas-suq uniku; huwa tal-fehma li l-UE jeħtiġilha tivvaluta u tidentifika bir-reqqa s-setturi kritiċi u l-vulnerabbiltajiet soċjetali fejn l-Unjoni teħtieġ li tiżgura l-provvista tagħha ta' prodotti, u jeħtiġilha tfitteż rimedji effettivi u proporzjonati fil-politika kummerċjali;
11. Jiddeplora t-telf ekonomiku minħabba t-tfixkil tal-kummerċ internazzjonali u tal-ktajjen ta' valur globali bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19, li jaf ikollha impatt partikolarment gravi fuq il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li d-dispożizzjonijiet kummerċjali tagħha mal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp jappoġġjaw l-aċċess għall-mediċini u t-tagħmir mediku;



12. Jenfasizza l-ħtieġa li l-produtturi rurali u kostali jiġu meġhuna jadattaw ruħhom għal kundizzjonijiet ta' kriżi tas-suq minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19 u li jitfasslu malajr strateġiji ta' adattament u reżiljenza għall-coronavirus biex jinżammu l-livelli ta' dħul ta' sussistenza, filwaqt li tiġi żgurata l-ġestjoni sostenibbli tal-ekosistemi agrikoli, forestali, tal-baħar u rikki fil-bijodiversità;

### **Il-kooperazzjoni fid-WTO u l-kooperazzjoni plurilaterali**

13. Jisħaq li dan huwa mument kritiku għall-promozzjoni ta' multilateraliżmu miftuħ, ġust, ibbilanċjat, sostenibbli u bbażat fuq il-valuri u t-trawwim tas-sistema kummerċjali globali; jiddispijaċih ħafna dwar l-istall tad-WTO, li jirrikjedi passi u impenji attivi mill-membri kollha tad-WTO; itenni l-impenn tiegħu li jiddefendi s-sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli;

14. Jissottolinja l-importanza politika u ekonomika primarja tas-sistema multilaterali u jappella lis-sħab kummerċjali internazzjonali biex jaħdmu għall-kisba ta' sistema ta' soluzzjoni tat-tilwim li tiffunzjona tajjeb fid-WTO u biex imexxu 'l quddiem riforma ambizzjuża mmexxija mill-UE; ihegġegħ lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tinnegozja regoli ġodda għall-għieda kontra fenomeni li jfixklu l-kummerċ relatat ma' politiki u prattiki mhux tas-suq, intrapriżi tal-istat (SOEs) u sussidji industrijali, li jwasslu għal kapaċità żejda, politiki u prattiki furzati ta' trasferiment tat-teknoloġija, u serq tal-proprjetà intellettuali; ihegġegħ lill-membri tad-WTO biex jilhqqu ftehim ambizzjuż u bbilanċjat dwar il-kwistjoni tas-sussidji tas-sajd, li ilha għaddejja, matul il-konferenza ministerjali li se ssir fl-2021, u biex jibgħatu sinjal ċar li d-WTO għadha kapaċi twettaq il-funzjoni ta' negozjar tagħha;

15. Jilqa' l-arranġament *interim* ta' arbitraġġ tal-appell (MPIA) b'diversi partijiet, sistema ġdida li se tippermetti lill-UE, flimkien ma' membri parteċipanti oħra tad-WTO, tegħleb il-paraliżi attwali tal-Korp tal-Appell tad-WTO u li se tippermetti lill-membri parteċipanti jippreservaw sistema ta' soluzzjoni tat-tilwim li tiffunzjona f'żewġ stadji fid-WTO jekk ikun hemm tilwim bejniethom;

16. Jinnota l-progress li sar matul in-negozjati settorjali u plurilaterali li għaddejjin bħalissa, b'mod partikolari dwar ir-regolamentazzjoni domestika tas-servizzi, il-kummerċ elettroniku u l-faċilitazzjoni tal-investment; jissottolinja li dawn in-negozjati settorjali huma impriżi bbażati fuq il-Komunikazzjoni Konġunta li għandhom jitmexxew bil-ħsieb li jintlaħaq kunsens trażversali tal-parteeċipanti kollha;

17. Jilqa' l-progress li sar fin-negozjati għall-Qorti Multilaterali tal-Investment (MIC); jinnota li s-Sistema ta' Qorti Internazzjonali (ICS) hija maħsuba bħala pass lejn il-MIC; jiddispijaċih dwar il-progress kajman wisq tal-Istati Membri biex iżarmaw it-trattati bilaterali ta' investment intra-UE (BITs), u jhegġegħ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni fejn xieraq;

18. Jesprimi l-appoġġ qawwi tiegħu għall-kooperazzjoni trilaterali li għaddejja bħalissa bejn l-UE, l-Istati Uniti u l-Ġappun dwar il-limitazzjoni tal-prattiki li jgħawwġu s-suq madwar id-dinja; jilqa' , f'dan ir-rigward, id-dikjarazzjoni konġunta tal-14 ta' Jannar 2020 dwar is-sussidji industrijali;

### **L-Istati Uniti**

19. Jiddispijaċih ħafna għall-bidla sinifikanti fid-direzzjoni fil-politika kummerċjali tal-Istati Uniti matul l-aħħar tliet snin, u jinsab imħasseb dwar iż-żieda fil-miżuri kummerċjali unilaterali u iż-żieda fil-miżuri protezzjonisti, inklużi deċiżjonijiet reċenti mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-Istati Uniti li jniedi investigazzjonijiet ulterjuri tat-taqsim 232; jiddispijaċih dwar in-notifika formali mill-Istati Uniti fl-4 ta' Novembru 2019 dwar il-ħruġ tagħha mill-Ftehim ta' Pariġi, u jfakkar li l-politika kummerċjali komuni tal-UE għandha tikkontribwixxi għall-promozzjoni tat-tweqqif ta' dak il-ftehim; jisħaq fuq l-importanza li jiġu varati mill-ġdid it-taħditiet UE-Stati Uniti biex jissolvew il-problemi pendenti, inkluż it-tilwim; jisħaq fuq l-importanza li l-agrikoltura tinżamm barra mill-ambitu tan-negozjati kif ukoll biex jiġu żgurati l-monitoraġġ u l-protezzjoni xierqa tas-settur tas-sajd;

20. Ifakkar li l-UE għandha tkompli l-ħidma tagħha mal-Istati Uniti bħala sieħeb li miegħu trid issib soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet kummerċjali ta' interess komuni kif ukoll għat-theddid u għall-frizzjonijiet kummerċjali, inkluża l-applikazzjoni extraterritorjali tal-liġijiet adottati mill-Istati Uniti li jmorru kontra d-dritt internazzjonali; jisħaq li l-UE għandha tkompli tipparteċipa fi sforzi biex terġa' tinkiseb il-fiduċja reċiproka u relazzjonijiet kummerċjali mill-qrib filwaqt li tiżgura li l-istandards Ewropej jiġu rispettati; huwa tal-fehma li ftehim kummerċjali limitat mal-Istati Uniti jista' jitqies bħala pass importanti;

21. Jistieden lill-Kummissjoni tikkomunika mal-kontropartijiet tagħha tal-Istati Uniti biex jinstabu modi ħalli jitnaqqsu t-tensjonijiet kummerċjali transatlantiċi, inkluż is-sejbien ta' soluzzjonijiet negozjati mal-Istati Uniti dwar il-kwistjoni tas-sussidji tal-inġenji tal-ajru ċivili, b'mod partikolari fir-rigward tat-tilwima Airbus-Boeing li għadha għaddejja, u biex jintlaħaq ftehim ħalli tintemm l-impożizzjoni illegali ta' tariffi fuq l-azzar u l-aluminju mill-Istati Uniti u miżuri kontra

**L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020**

s-sussidji u antidumping illegali fuq prodotti agroalimentari, inklużi dawk fuq żebbuġ misjur; iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha għal rispons koordinat u unifikat tal-UE; jilqa' n-negozjati bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar l-aċċettazzjoni reċiproka tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tħaffef il-kooperazzjoni foqhma oħra ta' interess konġunt, bħal standards u ostakli oħra mhux tariffarji, sabiex il-kummerċ isir aktar faċli, jitnaqqsu l-ostakli burokratiċi u biex l-ispejjeż jitnaqqsu drastikament;

22. Jiddispijaċih li l-amministrazzjoni attwali qed tikkunsidra li tirtira mill-Ftehim dwar l-Akkwist Ġenerali; iħeġġeġ lill-amministrazzjoni tibqa' parti għal dak il-ftehim;

**Iċ-Ċina**

23. Jinnota li ċ-Ċina tirrappreżenta suq ta' opportunitajiet minħabba d-daqs u t-tkabbir tagħha, peress li hija t-tieni l-akbar sieħeb kummerċjali tal-UE, iżda li hemm ħafna ostakli għan-negozji tal-UE fir-rigward tal-aċċess u l-operat f'dak is-suq, minħabba n-natura mmexxija mill-istat u ssussidjata mill-istat tal-ekonomija Ċiniża, fejn in-negozji tal-istat jibbenefikaw minn aċċess għas-suq esklużiv jew dominanti; jikkundanna t-tipi kollha ta' miżuri diskriminatorji li jiffaċċjaw il-kumpaniji tal-UE fiċ-Ċina; iqis li l-kompetizzjoni ġusta bejn il-kumpaniji tal-UE u taċ-Ċina twassal għal aktar opportunitajiet u aktar innovazzjoni, u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja b'mod kostanti l-atti persistenti ta' diskriminazzjoni u taħdem mal-awtoritajiet Ċiniżi sabiex tkisser dawn l-atti u l-ostakli; jinnota li f'Mejju 2019 iċ-Ċina rtirat l-ilment tagħha fid-WTO kontra l-UE rigward it-trattament ta' ekonomija mhux tas-suq fl-antidumping; jilqa' l-eżitu tal-każ ta' soluzzjoni tat-tilwim bejn l-UE u ċ-Ċina li jimmarka t-tmiem tal-istatus taċ-Ċina bħala ekonomija tas-suq, f'konformità mal-pożizzjoni tal-Parlament ta' Mejju 2016 <sup>(12)</sup>;

24. Jilqa' l-konklużjoni fis-6 ta' Novembru 2019 tan-negozjati għal Ftehim dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi UE-Ċina bħala pass pożittiv lejn it-titjib tal-protezzjoni tal-prodotti IĠ tal-UE fiċ-Ċina, u jappella għar-ratiffika rapida tiegħu, kif ukoll għal leġiżlazzjoni aġġornata u infurzar aktar b'saħħtu; jinsisti li dan il-Ftehim dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi UE-Ċina ma jridx jinkiser mill-ftehim kummerċjali Stati Uniti-Ċina fil-Fażi 1; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja s-sitwazzjoni tal-aċċess għas-suq għall-prodotti Ewropej matul l-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim; jinnota li, skont l-aktar rapport reċenti dwar il-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali (DPI), aktar minn 80 % tas-sekwestri ta' oġġetti ffalsifikati u kkupjati jikkonċernaw oġġetti li joriġinaw miċ-Ċina, u li l-istess seħħ fl-2018 kif ukoll fl-2019; jistieden lill-Kummissjoni tesplora aktar għodod biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet u tiggarrantixxi l-protezzjoni sħiħa tal-IPRs;

25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkonkludi negozjati dwar ftehim ambizzjuż ta' investment maċ-Ċina, b'kapitolu effettiv dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli (TSD), li jneħħi l-ostakli kollha għall-ftuħ tas-suq fiċ-Ċina; jistenna bil-ħerqa l-konklużjoni tan-negozjati sa tmiem l-2020 kif miġfiehem fis-Summit UE-Ċina fl-2019; jemmen bis-sħiħ, madankollu, li s-sustanza tal-ftehim għandha tingħata prijorità fuq il-ħeffa tal-konklużjoni tagħha;

26. Jinsab ixxukkjat mir-rapport tal-Istitut Awstraljan tal-Politika Strateġika maħruġ fi Frar 2020, li juri evidenza ta' sfruttament tal-ħaddiema Ujguri fil-fabbriki Ċiniżi, inkluż f'fabbriki li jappartjenu għall-ktajjen tal-valur tal-kumpaniji tal-UE; jinsab imħasseb ħafna dwar l-impatti rrapportati tal-Inizjattiva "Belt and Road" dwar id-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina u l-Pakistan; jistieden lill-Kummissjoni tuża l-mezzi kollha disponibbli biex ittemm l-isfruttament tal-Ujguri; jistieden lill-kumpaniji Ewropej itemmu kwalunkwe forma ta' implikazzjoni fil-ksur tad-drittijiet tal-bniedem taċ-Ċina; jinsisti li x-xogħol furzat tal-Ujguri għandu jiġi eskluż mill-ktajjen tal-provvista ta' prodotti importati fis-suq uniku;

**Sħubija ġdida mal-Afrika**

27. Jilqa' l-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni Konġunta għal Strateġija komprensiva UE-Afrika; jistieden lill-UE tikkomunika aktar ma' pajjiżi Afrikani sabiex toħloq sħubija effettiva u solida, f'konformità mal-aspetti relatati mal-kummerċ tal-Istrateġija tal-Iżvilupp tal-Afrika tal-Aġenda 2063, li tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli, it-tkabbir u s-sigurtà tal-ikel fil-kontinent Afrikan; jišhaq fuq il-fatt li ċ-Ċifri tar-rapport reċenti tal-10 ta' Frar 2020 dwar l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SGP) li jkopru l-perjodu 2018-2019 juru żieda fir-rata ta' użu tal-preferenzi mill-pajjiżi li jibbenefikaw mill-iskema; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-għajjnuna teknika u ekonomika tagħha permezz ta'

<sup>(12)</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Mejju 2016 dwar l-istatus ta' ekonomija tas-suq taċ-Ċina (ĠU C 76, 28.2.2018, p. 43).

L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020

miżuri ta' għajnuna għall-kummerċ bejn l-UE u l-pajjiżi Afrikani kif ukoll bejn il-pajjiżi Afrikani stess; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-għajnuna għall-kummerċ għandha tkun element ewlieni fir-relazzjonijiet kummerċjali mal-Afrika wara l-kriżi tal-COVID-19;

28. Jilqa' l-progress mwettaq fl-implimentazzjoni taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Kontinentali Afrikana (ACFTA), li għandha l-għan li ttiprovdi suq kontinentali uniku għall-oġġetti u s-servizzi, bil-moviment liberu tal-persuni u ta' investiment; jilqa' l-appoġġ tal-UE għall-istabbiliment tal-Osservatorju Kummerċjali l-ġdid tal-Unjoni Afrikana; jappella għal appoġġ kontinwu tal-UE għall-ACFTA skont l-Alleanza Afrika-Ewropa għal Investimenti u Impjiegi Sostenibbli; jappella għal infurzar xieraq u approfondiment tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (FSE) eżistenti bil-għan li tingħata spinta lill-kummerċ u l-investiment; jilqa' d-dħul fis-seħħ tal-FSE tal-Lvant u n-Nofsinhar tal-Afrika (EAS) u tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC) u tal-FSEs *interim* mal-Ghana u l-Kosta tal-Avorju, u jiddispijaċih għan-nuqqas ta' progress fir-ratiffika tal-FSEs reġjonali li fadal; jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-viżjoni stabbilita fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2018 ta' ftehim kummerċjali minn kontinent għal kontinent li għandu jkun sħubija ekonomika bejn il-pari li toħloq benefiċċji reċiproċi u sservi biex jitmexxew il quddiem l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' ktajjen tal-valur lokali u reġjonali kompetittivi kif ukoll sistemi fiskali reżiljenti;

29. Jišhaq fuq l-importanza, barra minn hekk, li l-FSEs jiġu mmonitorjati b'mod konġunt bl-appoġġ tas-sħab lokali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jistieden lill-Kummissjoni twettaq analiżi fil-fond tal-FSEs attwali dwar kwistjonijiet bħal ekonomiji lokali, swieq tax-xogħol, telf tal-bijodiversità, deforestazzjoni u ħtif tal-art biex jiġi ddeterminat jekk humiex meħtieġa bidliet;

### **Il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp**

30. Jenfasizza li l-kummerċ jista' jkun għodda importanti biex jintlaħqu l-SDGs billi jgħin biex jitnaqqas il-faqar; għal dan il-għan, jenfasizza l-ħtieġa li ssir enfasi fuq FTAs ta' benefiċċju reċiproku, id-diversifikazzjoni tal-esportazzjonijiet, iż-żieda tal-valur u l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSMEs); jirrimarka li l-UE hija impenjata favur politika kummerċjali robusta, effettiva u kredibbli li tiffirma l-bażi ta' sistema kummerċjali multilaterali u inklużiva ġusta u miftuħa li tkun ibbażata fuq ir-regoli li tikkonstitwixxi kundizzjonijiet ekwivalenti globali fl-interess tal-pajjiżi kollha, inklużi dawk fil-fażi tal-iżvilupp, li huma element essenzjali għall-integrazzjoni ulterjuri tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fi ktajjen ta' valur globali; ifakkar li l-politika kummerċjali u ta' żvilupp tal-UE għandha tikkontribwixxi għall-integrazzjoni reġjonali u l-inkorporazzjoni u l-emerġenza tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fi ħdan ktajjen ta' valur globali;

31. Jenfasizza l-fatt li l-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp huma l-aktar affettwati mill-fenomeni tal-evażjoni tat-taxxa, li kull sena jċaħħad lill-Istati minn biljuni ta' euro fi dħul pubbliku; jappella biex fil-ftehimiet kummerċjali mal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp jiġu inklużi dispożizzjonijiet li jgħinu fil-ġlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti u l-evażjoni tat-taxxa min-naħa ta' korporazzjonijiet u kumpaniji multinazzjonali, bil-għan li jiġi żgurat li t-taxxi jitħallsu fejn jinħolqu l-profitti u l-valur ekonomiku reali u li jiġu eliminati l-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitti;

### **Il-Ġappun, Singapore u l-Vjetnam**

32. Jilqa' d-dħul fis-seħħ tal-FTA UE-Ġappun tal-1 ta' Frar 2019 u jinnota li, skont l-ewwel elementi miġbura wara sena ta' implimentazzjoni<sup>(13)</sup>, l-esportazzjonijiet tal-UE lejn il-Ġappun żdiedu b'6,6 % meta mqabbla mal-istess perjodu tas-sena preċedenti;

33. Jilqa' d-dħul fis-seħħ tal-ftehim kummerċjali UE-Singapore fil-21 ta' Novembru 2019; jilqa' l-progress lejn l-implimentazzjoni tal-ftehim UE-Vjetnam u jappella għal progress rapidu kontinwu, b'mod partikolari fl-istabbiliment ta' istituzzjonijiet konġunti u r-ratiffika tal-konvenzjonijiet u l-impenji ewlenin pendenti tal-ILO dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex flimkien mas-SEAE, tiżgura l-infurzar konkret tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jkomplu għaddejjin bir-ratiffika tal-ftehim ta' Protezzjoni tal-Investiment UE-Vjetnam (EVIPA) sabiex, flimkien mal-ftehim ta' Kummerċ Ħieles UE-Vjetnam (EVFTA), ikunu jistgħu jidħlu fis-seħħ malajr kemm jista' jkun; jinnota li fl-2018 l-UE esportat madwar EUR 13,8 biljun f'oġġetti lejn il-Vjetnam, u jirrimarka li l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles (FTAs) ibbażati fuq ir-regoli u l-ftehimiet ta' protezzjoni tal-investiment (IPAs) se jiżguraw il-prevedibbiltà u l-istat tad-dritt

<sup>(13)</sup> [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip\\_20\\_161](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_20_161).

**L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020**

għall-investituri, kif ukoll iżidu l-esportazzjonijiet b'mod pożittiv fiż-żewġ direzzjonijiet u joħlqu stabbiltà u fiduċja għall-SMEs; iqis dawn il-ftehimiet bħala pass lejn il-konklużjoni ta' FTA mar-reġjun kollu tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN);

34. Jisħaq li t-tliet ftehimiet imsemmija hawn fuq jikkonsolidaw id-dinamika strateġika tal-Unjoni Ewropea f'qasam dinji ewlieni kkaratterizzati minn tkabbir rapidu tal-popolazzjoni u tad-dħul, b'opportunitajiet sinifikanti għall-operaturi tagħna; iqis, barra minn hekk, li bil-preżenza aktar b'saħħitha tagħha l-UE tista' toħloq alternattiva għad-dominju Ċiniż fiż-żona;

**L-Amerka Latina u l-Karibew**

35. Jenfasizza l-importanza li jissaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u politiċi ta' benefiċċju reċiproku mal-Amerka Latina; ifakkar li l-Unjoni Ewropea u l-Amerka Latina jżommu kooperazzjoni mill-qrib ibbażata fuq ir-rabtiet storiċi, kulturali u ekonomiċi tagħhom, mar-reġjun tal-Amerka Latina u l-Karibew (ALK) li jirrappreżenta l-ħames l-akbar sieħeb kummerċjali tal-UE; jemmen li l-preżenza tal-UE fir-reġjun hija fundamentali f'termini tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni abbażi ta' valuri komuni, kif ukoll bħala mezz biex tiġi segwita l-politika ta' azzjoni esterna tal-UE, partikolarment f'termini tat-tisħiħ tas-sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli; jistieden lill-Kummissjoni tiċċara l-intenzjoni tagħha rigward ftehimiet kummerċjali u ta' assoċjazzjoni futuri dwar il-kwistjoni tal-qsim tat-test;

36. Jisħaq fuq l-importanza tal-modernizzazzjoni li ġiet konkluzja reċentement tal-ftehim ta' assoċjazzjoni UE-Messiku u l-konklużjoni tal-ftehim ta' assoċjazzjoni tal-Mercosur, li t-tnejn għandhom il-potenzjal li japprofondixxu s-sħubija strateġika tagħna mal-Amerka Latina, li joħlqu opportunitajiet addizzjonali fir-relazzjonijiet kummerċjali tagħna ma' daww il-pajjiżi, u li jgħinu fid-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-provvista għall-ekonomija Ewropea; iqis li l-ftehim ta' assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Mercosur jirrappreżenta l-akbar ftehim ta' "blokk għal blokk" tat-tip tiegħu u għandu l-potenzjal li joħlqu żona ta' suq miftuħ ta' benefiċċju reċiproku li tinkludi madwar 800 miljun ċittadin; jirrimarka li dan il-ftehim, bħall-ftehimiet kummerċjali kollha tal-UE, irid jiżgura kompetizzjoni ġusta u jggarantixxi li l-istandards u l-metodi ta' produzzjoni Ewropej jiġu rispettati; jirrimarka li l-ftehim fih kapitolu vinkolanti dwar l-iżvilupp sostenibbli li jrid jiġi applikat, implimentat u vvalutat bis-sħiħ, kif ukoll impenji speċifiċi dwar id-drittijiet tax-xogħol u l-protezzjoni ambjentali, inkluża l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima u r-regoli ta' implimentazzjoni rilevanti; jenfasizza li l-ftehim UE-Mercosur ma jstax jiġi ratifikat fil-forma attwali;

37. Jinsab konvint li l-modernizzazzjoni tal-ftehim ta' assoċjazzjoni maċ-Ċili se sservi biex tkompli ssaħħaħ il-preżenza tal-UE fir-reġjun usa' u tgħin fil-promozzjoni ta' aġenda kummerċjali internazzjonali bbażata fuq l-iżvilupp sostenibbli, protezzjoni aktar b'saħħitha tal-istandards ambjentali u tax-xogħol u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li n-negozjati li għaddejjin bħalissa jwettqu dawn il-prinċipji u li jkun jista' jintlaħaq ftehim f'waqt;

**In-negozjati tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles li għaddejjin bħalissa**

38. Jitlob li fin-negozjati tal-FTAs tiġi segwita aġenda ambizzjuża, b'mod partikolari mal-Awstralja u New Zealand, it-Tuneżija, il-Marokk u l-Indoneżja u f'konformità mal-Patt Ekoloġiku, filwaqt li titqies in-natura sensitiva ta' ċerti prodotti agrikoli bħaċ-ċanga, il-laħam tan-nagħaġ, il-prodotti tal-ħalib u l-frott; itenni t-talba tiegħu għall-ftuħ rapidu tan-negozjati ta' investment mat-Tajwan, u jistieden lill-Kummissjoni tiftaħ eżerċizzju ta' identifikazzjoni bikrija;

39. Jieħu approċċ pramatiku lejn il-kwistjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali mar-Renju Unit, li għandhom ikunu komprensivi u ambizzjużi, bil-għan li ma jkun hemm ebda tariffa u ebda kwota, u għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji rigward il-kummerċ, l-investment u l-kompetittività li huma stabbiliti fir-rakkomandazzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar in-negozjati għal sħubija ġdida mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq<sup>(4)</sup>; jinnota li d-Dikjarazzjoni Politika tas-17 ta' Ottubru 2019, appoġġjata mir-Renju Unit, tistqarr li s-sħubija ekonomika futura se tkun imsejsa fuq dispożizzjonijiet li jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti għal kompetizzjoni miftuħa u ġusta, speċjalment jekk ma jintlaħaq ebda ftehim qabel tmien l-2020; jirrimarka li l-Istati Membri tal-UE huma esportaturi netti lejn ir-Renju Unit u li l-fatt li tinstab soluzzjoni li tissodisfa ż-żewġ partijiet irid ikun prijorità bil-għan li jiġu żgurati r-rispett u l-protezzjoni tal-interessi tal-esportaturi u l-investituri tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-kompetittività għall-kumpaniji u l-SMEs tal-UE;

<sup>(4)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2020)0152.

40. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tisfrutta l-momentum li nħoloq mill-ħruġ tar-Renju Unit biex tissimplifika l-politiki tal-UE tagħna, tneħħi l-burokrazija żejda u ssaħħaħ il-kompetittività għall-kumpaniji u l-SMEs tal-UE; jisħaq li l-FTA mar-Renju Unit għandu jkollu l-għan li jippermetti l-eqreb aċċess għas-suq u faċilitazzjoni tal-kummerċ possibbli sabiex jiġi minimizzat it-tfixkil għall-kummerċ u jkunu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti;

### **L-implimentazzjoni tal-FTAs**

41. Jirrikonoxxi l-eżitu ppreżentat fir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles (FTAs), b'mod partikolari dawk mal-Korea t'Isfel, l-Amerka Ċentrali u l-Amerka Latina, il-Kanada u s-sħab tal-Lvant; jisħaq li l-ftehimiet kummerċjali tal-UE għandhom rekord ċar li, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, jilhqnu l-objettiv primarju tagħhom li joħlqu opportunitajiet sinifikanti għall-esportaturi tal-UE fis-swieq tal-kummerċ ta' pajjiżi terzi; jisħaq, madankollu, li l-istimi tal-Kummissjoni jindikaw żieda fl-impatt ekonomiku negattiv tal-ostakli għall-kummerċ u l-investment bħala riżultat tax-xejra protezzjonista; jitlob lill-Kummissjoni tkompli twettaq valutazzjonijiet tal-impatt *ex post*, inkluż dwar is-sostenibbiltà, tal-impatt tal-ftehimiet kummerċjali fuq l-ekonomija tagħna;

42. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex kontinwament tftitex modi kif issaħħaħ ir-relazzjonijiet kummerċjali u tapprofondixxi aktar l-integrazzjoni ekonomika mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, b'mod partikolari fil-każ tat-tliet pajjiżi assoċjati;

43. Ifakkar fl-iżviluppi pożittivi li jikkonċernaw il-ftehim kummerċjali UE-Kanada (CETA); jinnota li, matul l-ewwel sena kalendarja sħiħa ta' implimentazzjoni, il-kummerċ bilaterali ta' oġġetti, inklużi l-prodotti agroalimentari, kiber b'10,3 % meta mqabbel mal-medja tat-tliet snin ta' qabel; ifakkar li s-surplus kummerċjali tal-UE mal-Kanada żdied b'60 % u ħoloq opportunitajiet addizzjonali għall-esportaturi tagħna; ifakkar ukoll li minn mindu l-ftehim daħal fis-seħħ b'mod proviżorju, iż-żewġ partijiet ħolqu sħubija solida billi akkumpanjaw it-test oriġinali b'rakkomandazzjonijiet importanti dwar il-kummerċ, l-azzjoni klimatika u l-ftehim ta' Pariġi, il-kummerċ, il-ġeneru, u l-SMEs, u jqis li dan huwa prova tad-dinamika ta' ftehim kummerċjali fl-implimentazzjoni tiegħu; jistieden lill-Kummissjoni tibgħat lill-Parlament data aktar reċenti relatata mal-esportazzjonijiet mill-SMEs tal-UE u s-sostenibbiltà ġenerali tal-ftehim; ifakkar fl-importanza tat-tisħiħ tal-implimentazzjoni u s-segwitu tal-kapitolu dwar il-kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli (TSD);

44. Itenni t-tħassib tiegħu dwar ir-rata baxxa ta' utilizzazzjoni tal-preferenzi fuq l-esportazzjonijiet tal-UE rrapportata minn xi wħud mis-sħab preferenzjali tal-UE, li tindika l-benefiċċji limitati tal-istrateġija tal-bilateralizmu kummerċjali għal operaturi ekonomiċi iżgħar; jinnota, b'mod partikolari, differenzi kbar fl-użu tal-preferenzi dwar l-esportazzjonijiet tal-Unjoni lil sħab kummerċjali differenti u differenzi iżgħar fl-użu tal-preferenzi dwar l-importazzjonijiet tal-UE minn sħab kummerċjali differenti; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tanalizza l-użu tal-preferenzi u toħroġ b'għodod innovattivi u soluzzjonijiet prattiċi ġodda; jenfasizza l-importanza ta' regoli ta' oriġini flessibbli, simplifikati u mhux ikkumplikati f'dan ir-rigward; jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, biex jissimplifikaw il-ħidma lejn strateġiji aktar effettivi għall-promozzjoni tal-kummerċ u l-komunikazzjoni u biex jużaw il-potenzjal sħiħ tad-Delegazzjonijiet tal-UE madwar id-dinja;

45. Jirrimarka li l-għadd kbir ta' ostakli kummerċjali u mhux kummerċjali u d-differenzi attwali fil-livell u l-kwalità tal-kontrolli, il-proċeduri doganali u l-politiki ta' sanzjonijiet fil-punti ta' dħal tal-UE fl-Unjoni Doganali, sikwit jirriżultaw f'distorsjoni tal-flussi kummerċjali li jipperikolaw l-integrità tas-suq uniku; għaldaqstant ihegġegħ lill-Kummissjoni tindirizza din il-kwistjoni biex tiżgura li l-kumpaniji jkunu jistgħu jikkompetu b'mod ġust b'kundizzjonijiet ekwivalenti;

46. Jissottolinja li l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi hija waħda mill-punti offensivi tal-Unjoni fin-negozjati dwar ftehimiet kummerċjali, u jenfasizza l-importanza li s-sħab tal-UE jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ikkonċernati; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura konformità akbar ma' dawk id-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet kummerċjali eżistenti u futuri;

47. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina b'mod speċifiku l-effetti kumulattivi tal-FTAs tal-UE fuq id-devjazzjoni tal-kummerċ, għall-UE kif ukoll għall-pajjiżi sħab tagħha, u tqabbel ir-riżultati mal-valutazzjonijiet tal-impatt individwali u maċ-ċifri reali;

48. Jenfasizza l-importanza li b'mod partikolari jiġu involuti l-parlamenti nazzjonali, is-soċjetà ċivili u s-settur privat ta' kull parti fin-negozjati kummerċjali; jappella għal parteċipazzjoni u konsultazzjoni akbar tas-sħab soċjali u tas-soċjetà ċivili fin-negozjati u fl-implimentazzjoni ta' ftehimiet kummerċjali, b'mod partikolari fi ħdan il-mandat tal-gruppi konsultattivi domestiċi, li r-rwol ta' monitoraġġ tagħhom jista' jiġi estiż għall-partijiet kollha tal-ftehimiet kummerċjali, u mhux biss għall-kapitolu dwar it-TSD;

L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020

### **Il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli**

49. Ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu espressa fir-rapport preċedenti tiegħu dwar l-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali komuni; jissottolinja li l-pjan ta' azzjoni bi 15-il punt tas-27 ta' Frar 2018 stabbilit mis-servizzi tal-Kummissjoni jirrappreżenta bażi tajba għal riflessjoni sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni tal-kapitolu dwar it-TSD; jirrimarka li l-ftehimiet ta' ġenerazzjoni ġdida jinkludu klawżoli dwar id-drittijiet tal-bniedem u kapitoli dwar l-iżvilupp sostenibbli, li għandhom jiġu implimentati b'mod komprensiv u fl-intier tagħhom sabiex jissalvagwardjaw u jippromwovu r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, tal-valuri tal-Unjoni u tal-istandards tax-xogħol, soċjali u ambjentali ta' livell għoli; jinnota l-evalwazzjoni tal-kapitolu dwar l-iżvilupp sostenibbli inklużi fir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-FTAs u jitlob li jkun hemm implementazzjoni f'waqtha tad-dispożizzjonijiet eżistenti tat-TSD; jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa metodoloġija preċiża u speċifika għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dawn il-kapitoli, minħabba l-fatt li tali evalwazzjoni ma tistax issir abbażi ta' data kwantitattiva biss; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti dwar kif jissaħħa l-infurzar tal-kapitolu dwar l-iżvilupp sostenibbli fil-ftehimiet kummerċjali;

50. Jieħu nota tal-inizjattiva mnedija minn DG JUST tal-Kummissjoni għal diliġenza dovuta obligatorja għall-kumpaniji, inkluża l-kunsiderazzjoni tagħha fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE, kif ukoll mekkaniżmu li jiżgura implimentazzjoni effettiva; jirrimarka li l-proposta dwar id-diliġenza dovuta obligatorja għandha tiżgura li dawn il-miżuri ma jżidux piż żejjed għall-SMEs Ewropej jew inaqqsu l-kompetittività tagħhom;

51. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimpenjaw ruħhom b'mod kostruttiv fin-negożjati għal Trattat tan-NU legalment vinkolanti dwar il-korporazzjonijiet transnazzjonali u intrapriżi kummerċjali oħra fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, bil-għan li jiġi żgurat l-aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u li jippermettilhom ifittxu rimedju;

52. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni għal Patt Ekoloġiku Ewropew, u jissottolinja li dan il-Patt għandu jkun appoġġjat b'mod attiv minn strateġija kummerċjali tal-UE bbilanċjata mil-lat ekoloġiku, ekonomiku u soċjali; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tagħmel il-konformità mal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima bħala "klawżola essenzjali" fil-ftehimiet kummerċjali;

53. Josserva li l-approċċ attwali diġà jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi; madankollu, jistieden lill-Kummissjoni tkun aktar attenta u titgħallem mill-esperjenza preċedenti tagħha kif jidher fl-istabbiliment ta' bord fuq talba tal-UE skont l-FTA UE-Korea, wara li l-Korea t'Isfel naqset milli tirratifika l-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar id-drittijiet tal-ħaddiema, b'mod partikolari dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u n-negożjar kollettiv;

54. Ifakkar li l-isforzi bikrija tal-Kummissjoni u tal-Parlament fin-negożjati kummerċjali mal-Messiku u mal-Vjetnam ħeġġew b'suċċess ir-ratifika miż-żewġ pajjiżi, rispettivament f'Novembru 2018 u f'Ġunju 2019, tal-Konvenzjoni 98 tal-ILO dwar id-dritt għall-organizzazzjoni u għan-negożjar kollettiv; jifraħ liż-żewġ pajjiżi għal pass daqshekk importanti; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-progress li jkun sar fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' konvenzjonijiet oħra tal-ILO, u tistabbilixxi mingħajr dewmien il-kumitat interparlamentari kif miġtiehem skont l-EVFTA, filwaqt li tagħti attenzjoni speċjali lill-projbizzjoni tat-tħaddim tat-tfal; jiddeplora l-fatt li l-Vjetnam ma rratifikax il-Konvenzjoni 87 tal-ILO dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja s-sitwazzjoni mill-qrib u titlob konsultazzjonijiet mal-Gvern tal-Vjetnam jekk jonqos milli jagħmel sforzi kontinwi u sostnuti biex jirratifika, kif previst mill-ftehim;

55. Ifakkar fil-ħtieġa għal pjan ta' azzjoni effettiv ħalli, fl-FTAs, jiġi implimentat l-għan ta' tolleranza żero għat-tħaddim tat-tfal, billi tinbena sħubija b'saħħitha mal-NGOs u l-awtoritajiet nazzjonali sabiex jiġu żviluppati alternattivi soċjali u ekonomiċi b'saħħithom għall-familji u l-ħaddiema, b'koerenza mal-azzjonijiet meħuda skont il-politika tal-iżvilupp tal-UE;

56. Jemmen li l-kapitolu dwar it-TSD fil-ftehimiet kummerċjali għandhom ikunu wieħed mill-muturi tad-dimensjoni esterna tal-Patt Ekoloġiku Ewropew; jissottolinja li kwalunkwe mekkaniżmu ġdid ta' aġġustament tal-karbonju għandu jkun kompatibbli mar-regoli tad-WTO kif ukoll mal-FTAs tal-UE; jisħaq li l-kumpaniji tal-UE m'għandhomx jitqiegħdu f'pożizzjoni ta' żvantaġġ kompetittiv;

57. Jinnota li l-politika kummerċjali u ta' investment tal-UE għandha tintuża bħala ingranaġġ għal ġestjoni responsabbli tal-ktajjen ta' provvista, li tinkludi li jiġi żgurat li n-negożji jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol u l-istandards ambjentali u li jkun hemm aċċess għall-ġustizzja; jieħu nota tal-impenni mill-Kummissjoni li se tippreżenta proposta leġiżlattiva sal-2021;

L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020

58. Jappella lill-Kummissjoni tiżgura li l-kundizzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem marbuta ma' preferenzi kummerċjali unilaterali bħalma huma l-SPĠ jew l-SPĠ+ huma effettivament implimentati u monitorjati; jisħaq li l-politika kummerċjali tal-UE għandha tgħin fil-ġlieda kontra l-kummerċ illegali, id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti;

59. Iqis li d-dimensjoni kummerċjali tal-COP15 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika għandha titqies bis-sħiħ; ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2020 dwar il-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP15) għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika<sup>(15)</sup>, li tistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvolvu ruħhom b'mod attiv ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari permezz tal-istrumenti ta' azzjoni esterna tagħhom, bħall-istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI), sabiex jipromwovu u jstabbilixxu objettivi għall-protezzjoni tal-bijodiversità, miżuri ta' konservazzjoni u restawr u governanza, b'mod partikolari fil-ftehimiet multilaterali u kummerċjali kollha, kif ukoll miżuri kontra n-nuqqas ta' konformità; konsegwentement, jistieden lill-Kummissjoni tinkludi kapitoli infurzabbli dwar it-TSD fil-ftehimiet kummerċjali futuri kollha;

60. Jeżiġi li minbarra l-konvenzjonijiet fundamentali tas-soltu tal-ILO, l-UE għandha thegħeġ lis-sħab ekonomiċi tagħha jirratifikaw u jimplementaw il-Konvenzjonijiet 189 dwar il-ħaddiema domestiċi, 156 dwar il-ħaddiema b'responsabbiltajiet tal-familja u 190 dwar il-vjolenza u l-fastidju;

### **Niddefendu l-interessi kummerċjali tal-UE**

61. Ifakkar li l-isforzi sabiex il-kummerċ jibqa' bbażat fuq ir-regoli jrid ikollhom rwol kruċjali fl-istrateġija kummerċjali tagħna u f'dan il-kuntest jilqa' l-adozzjoni tal-pakkett ta' modernizzazzjoni tal-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ fl-2018 u l-mekkaniżmu l-ġdid tal-iskrinjar tal-investment dirett barrani (FDI); jissottolinja li dan il-mekkaniżmu tal-iskrinjar għandu bħala għan il-kooperazzjoni u r-restrizzjoni potenzjali fir-rigward tal-investimenti barranin f'setturi strateġiċi bil-ħsieb li jiġu protetti l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-infurzar effettiv tal-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ (TDIs) sabiex tiproteġi l-industrija Ewropea minn prattiki inġusti tas-suq, u tevalwa u ssaħħa l-istrumenti ta' salvagwardja sabiex tagħmilhom aktar reattivi għal ċirkostanzi straordinari u adattati aħjar biex isaħħu l-industrija Ewropea billi jantiċipaw b'mod effettiv it-tfixkil tas-suq mill-fluss kummerċjali; jisħaq fuq il-ħtieġa għal skrinjar u kooperazzjoni b'saħħithom fil-kuntest ta' wara l-COVID-19, fejn xi setturi strateġiċi tal-UE jistgħu jkunu soġġetti għal pressjoni; jisħaq, madankollu, li l-mekkaniżmu l-ġdid tal-iskrinjar tal-FDI qatt ma għandu jintuża bħala miżura protezzjonista; jilqa' l-White Paper dwar is-sussidji barranin, u jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta leġiżlattiva kif xieraq jekk l-għodod attwali ma jkunux biżżejjed;

62. Jinnota li bħalissa hemm żieda enormi fl-importazzjonijiet tal-azzar miċ-Ċina u minn pajjiżi terzi oħra, li taffettwa b'mod gravi l-industrija Ewropea u tipperikola għadd kbir ta' impjiegi; jenfasizza li l-proċess ta' rieżami tal-miżuri ta' salvagwardja attwali dwar l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar jeħtieġ li jinkludi t-tnaqqis tal-kwoti eżistenti f'konformità mal-kapaċitajiet żejda importati, u li jabolixxi l-possibbiltà ta' trasferiment ta' kwoti mhux użati;

63. Jilqa' l-aħbar mill-Kummissjoni tal-ħatra kmieni fl-2020 ta' Uffiċjal Kap tal-Infurzar għall-Kummerċ (CTEO) biex jimmonitorja u jtejjeb il-konformità mal-ftehimiet kummerċjali tal-UE; jinnota li r-regoli skont il-ftehimiet kummerċjali tal-UE għandhom jiġu infurzati b'mod xieraq sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tagħhom u jiġu indirizzati d-distorsjonijiet tas-suq; jissottolinja l-ħtieġa li din il-pożizzjoni maħluqa ġdida tiffoka fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-ftehimiet kummerċjali tagħna, kif ukoll fuq il-ksur tal-aċċess għas-suq u l-impenji kummerċjali u ta' żvilupp sostenibbli; huwa tal-fehma li s-CTEO m'għandux biss jimmonitorja u jinforza l-obbligi ambjentali u tal-protezzjoni tax-xogħol skont il-ftehimiet kummerċjali tal-UE ma' pajjiżi terzi, iżda għandu jiffoka wkoll fuq l-implimentazzjoni tal-kapitoli kollha tal-ftehimiet kummerċjali sabiex jiggarantixxi li dawn jintużaw sal-potenzjal sħiħ tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tikkjarifika aktar dan ir-rwol;

64. Jistieden lill-Kunsill jiżgura ftehim rapidu dwar l-Istrument għall-Akkwist Internazzjonali, sabiex jipprovdi sigurtà legali, reċiproċità u kundizzjonijiet ekwivalenti għall-operaturi tal-UE; jappella għall-inklużjoni ta' katalgu globali ta' prodotti tal-kura tas-saħħa ta' emerġenza essenzjali biex jiġu evitati l-abbużi futuri minn fornituri ta' pajjiżi terzi fil-kummerċ internazzjonali matul pandemija globali; jinnota li s-swieq tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni huma l-aktar miftuħa fid-dinja u li ċerti pajjiżi terzi għandhom aċċess limitat ħafna għal tali swieq; jisħaq fuq l-importanza tal-promozzjoni tar-reċiproċità u l-benefiċċju reċiproku fil-qasam tal-aċċess għas-swieq u l-akkwist pubbliku, għall-benefiċċju tal-kumpaniji tal-UE;

<sup>(15)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2020)0015.

**L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020**

65. Jenfasizza l-hteġa li jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmi tal-iskrinjar tal-investment adegwati fl-Istati Membri kollha għall-protezzjoni kontra r-riskji rigward is-sigurtà u l-ordni pubbliku; iħeġġeġ lill-Istati Membri li għad m'għandhomx mekkaniżmi tal-iskrinjar biex jistabbilixxu soluzzjonijiet temporanji, u jstieden lill-Kummissjoni tappoġġja b'mod attiv dawn l-isforzi;

66. Jissottolinja li l-investment dirett barrani fl-UE u l-akkwist ta' infrastruttura għall-kura tas-saħħa u infrastruttura ewlenija oħra minn investituri barranin għandhom il-potenzjal li jagħmlu ħsara lill-isforzi tal-UE biex jindirizzaw il-pandemija tal-COVID-19 fl-Ewropa; jilqa' f'dan ir-rigward il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Gwida lill-Istati Membri qabel l-applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Iskrinjar tal-FDI; iħeġġeġ lil dawk l-Istati Membri li għadhom ma stabbilixxewx mekkaniżmu tal-iskrinjar biex jagħmlu dan b'mod urġenti; jstieden ukoll lill-Istati Membri kollha jużaw l-għodod kollha disponibbli biex jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmi effettivi biex jivvalutaw l-investment u l-akkwizzizzjoni potenzjali fir-rigward ta' theddid għall-infrastruttura kritika tas-saħħa fl-UE, u jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni jew imblokkar kif meħtieġ;

67. Itenni l-hteġa li jkun hemm kundizzjonijiet ekwivalenti bejn l-industriji Ewropej li jimplementaw standards klimatiki, ambjentali, ekoloġiċi u soċjali ambizzjużi, u dawk is-sħab kummerċjali li ma jsewewx l-istess standards għoljin; iqis, għaldaqstant, li hemm b'żonn urġenti ta' Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntiera kompatibbli mad-WTO li jsaħħa l-azzjoni klimatika globali u jiproteġi lill-industriji Ewropej minn kompetizzjoni inġusta;

68. Jstieden lill-mexxejja tal-UE u lill-Kummissjoni jieħdu deċizzjonijiet kuraġġużi rigward ir-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE, inkluża l-introduzzjoni ta' ġabra ta' riżorsi proprji ġodda; jafferma mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu, kif tinsab fir-rapport interim dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP), rigward il-lista ta' kandidati potenzjali għal riżorsi proprji ġodda: bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva, tassazzjoni fuq is-servizzi diġitali, taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji, dħul mill-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, kontribuzzjoni għall-plastik u mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera kompatibbli mad-WTO <sup>(16)</sup>;

69. Jinsab imħasseb dwar l-espansjoni kontinwa tal-mekkaniżmi ta' arbitraġġ bejn l-investituri u l-istati permezz ta' ftehimiet ta' investment; ifakkar li tali sistemi ġudizzjarji paralleli huma mfassla biex jiffavorixxu l-interessi u d-drittijiet korporattivi iżda mhux id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-kumpaniji, u jstgħu jqiegħdu friskju l-isparju politiku u d-dritt leġittimu tal-istati li jirregolaw; jiddennunzja l-fatt li d-ditti legali bdew jipromwovu pariri dwar kif investituri barranin jistgħu jġibu kawżi f'arbitraġġ bħala riżultat ta' miżuri tal-gvern relatati mal-COVID; jitlob moratorju fuq it-talbiet kollha ta' arbitraġġ relatati ma' miżuri mmirati lejn id-dimensjonijiet tas-saħħa, ekonomiċi u soċjali tal-pandemija u l-effetti tagħha;

70. Jappella għal tnedija mill-ġdid tan-negozjati għal Ftehim dwar il-Beni Ambjentali, u jstieden lill-Kummissjoni tippromovi modifiki unilaterali tat-tariffi applikati fuq "oġġetti ekoloġiċi" jekk dawn ikunu jstgħu jiġu identifikati bħala li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

71. Jitlob li d-dimensjoni esterna tal-inizjattivi tal-ekonomija ċirkolari <sup>(17)</sup> tiżdied fir-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi terzi permezz tal-kooperazzjoni regolatorja u d-djalogu;

**Il-kummerċ ta' servizzi u l-kummerċ diġitali**

72. Jilqa' n-negozjati plurilaterali li għaddejjin dwar l-oqsma ewlenin ta' kummerċ fis-servizzi, partikolarment dwar ir-regolamentazzjoni domestika tas-servizzi u l-faċilitazzjoni tal-investment; jinnota li preżenza kummerċjali f'pajjiżi terzi hija l-mod dominanti ta' provvista għal servizzi ta' kummerċ u għal kummerċ elettroniku;

73. Jisħaq li l-UE hija tassew l-akbar esportatur ta' servizzi fid-dinja u li s-servizzi jirrappreżentaw madwar 70 % tal-PDG tagħha; jenfasizza b'mod partikolari r-reżiljenza relattiva tal-kummerċ fis-servizzi matul il-kriżi tal-COVID-19, u jissottolinja r-rwol tiegħu fl-irkupru ekonomiku fl-Ewropa;

74. Jissottolinja l-hteġa li jiġu ffaċilitati l-isforzi ta' rkupru internazzjonali permezz ta' kummerċ miftuħ u ġust, inkluż il-kummerċ diġitali, li jeħteġ moratorju fuq id-dazji doganali fuq it-trażmissjonijiet elettroniċi; jappoġġja d-Dikjarazzjoni Konġunta tad-WTO dwar il-Kummerċ Elettroniku li tippromwovi regoli globali f'dan il-qasam; jappella għal disponibbiltà

<sup>(16)</sup> Ara r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Mejju 2020 dwar il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid, ir-riżorsi proprji u l-pjan ta' rkupru (Testi adottati, P9\_TA(2020)0124).

<sup>(17)</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52020DC0098&from=MT?>



L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020

għal eżitu sinifikanti sabiex jiġi ffaċilitat il-fluss tad-data bejn il-fruntieri u jiġu indirizzati l-ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ b'mezzi elettroniċi, f'konformità sħiħa mad-dritt tal-UE dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data, inkluż ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR), u sabiex tintuża l-flessibbiltà offruta mid-direttivi ta' negozjati; jilqa' l-fatt li dawn in-negozjati jlaqqgħu flimkien għadd kbir ħafna ta' membri tad-WTO, u jitlob li dawn jinżammu miftuħa u inklużivi kemm jista' jkun;

### L-SMEs

75. Jinnota li l-SMEs jirrappreżentaw madwar 30 % tal-valur tal-esportazzjonijiet tal-oġġetti tal-UE u aktar minn 80 % tal-intrapriżi kollha tal-UE li jesportaw oġġetti, iżda 5 % biss tal-SMEs huma attivi fuq il-front internazzjonali, li jfisser li maġġoranza kbira tiddependi fuq id-dinamiżmu tas-suq intern; jappoġġja l-idea li kapitolu speċifiku dwar l-SMEs għandu jkun parti mill-FTAs proposti kollha, b'halma huwa l-każ fil-ftehim bejn l-UE u l-Ġappun u l-ftehim modernizzat mal-Messiku, u li l-SMEs għandhom jiġu inklużi fir-reviżjoni ta' FTAs eżistenti; jinnota li l-ostakli għall-kummerċ u l-burokrazija huma partikolarment ta' piż għall-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tappoġġja lill-MSMEs, b'enfasi speċifika fuq dawk immexxija min-nisa u b'miżuri għalihom; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jagħtu attenzjoni partikolari għaċ-ċirkostanzi speċjali tal-MSMEs immexxija min-nisa meta jstabbilixxu helpdesks ta' esportazzjoni, biex jieħdu vantaġġ mill-possibbiltajiet maħluqa mill-FTAs u biex isaħħu s-servizzi, it-teknoloġiji u l-infrastrutturi (b'hal aċċess għall-internet) li huma ta' importanza partikolari għall-emanċipazzjoni ekonomika tan-nisa u tal-MSMEs immexxija min-nisa;

76. Jitlob lill-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, man-negozji u l-partijiet ikkonċernati, tiffaċilita l-użu u l-fehim tar-regoli ta' oriġini għall-SMEs; ifakkar lill-Kummissjoni fl-oġġettiv tagħha li, kmieni fl-2020, tnedi għodda ddedikata ta' awtovalutazzjoni tar-regoli tal-oriġini għall-SMEs fuq il-pjattaforma Access2Market, biex tgħin lill-kumpaniji jivvalutaw jekk prodott jistax jibbenefika minn preferenzi skont ftehim kummerċjali partikolari tal-UE, sabiex jiġi ffaċilitat l-użu tal-SMEs tal-preferenzi skont il-ftehimiet kummerċjali tal-UE, u sabiex l-SMEs fl-aħħar mill-aħħar igawdu l-benefiċċji sħaħ tal-ftehimiet kummerċjali u l-aċċess għas-swieq barranin, permezz tal-ġoti ta' informazzjoni faċli għall-utent, aġġornata u Prattika dwar il-politika kummerċjali u b'mod partikolari dwar l-FTAs; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex timmonitorja l-effetti tal-politika kummerċjali tagħha fuq l-SMEs, peress li dawn għandhom rwol essenzjali fil-kummerċ internazzjonali, filwaqt li jfakkar li minħabba d-daqs u r-riżorsi limitati tagħhom, l-ispejjeż amministrattivi u l-burokrazija jaffettwaw lill-SMEs b'mod sproporzjonat;

### Il-ġeneru u l-kummerċ

77. Jisħaq fuq l-oportunità għall-ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-UE biex jippromwov u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jsaħħu l-pożizzjoni ekonomika tan-nisa f'pajjiżi terzi, u jistieden lill-Kummissjoni tiġġieled l-isfruttament tan-nisa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jipproponu li jiġi nnegozjat kapitolu speċifiku dwar il-ġeneru fil-ftehimiet kummerċjali u ta' investment tal-UE; jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet dwar il-ġeneru u l-kummerċ maħruġa mill-Kumitat Konġunt UE-Kanada, li jstabbilixxu pjattaforma li tista' tippromwovi fehim dwar kif il-ftehimiet kummerċjali jistgħu jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

78. Jinnota li l-26 valutazzjoni tal-impatt fuq is-sostenibbiltà li tlestew minn Ġunju 2017 ma kienu jinkludu l-ebda statistika speċifika dwar il-kummerċ u l-ġeneru u li lanqas ir-rapport ta' implimentazzjoni tal-2018 ma jipprovdi data; jinsisti fuq il-ħtieġa li tibda tinġabar data diżaggregata skont il-ġeneru, u jistenna li r-rapport li jmiss ikun fih data komprensiva dwar l-impatt tal-FTAs skont l-impenn li ħadet il-Kummissjoni; jindika f'dak ir-rigward il-valutazzjoni bbażata fuq il-ġeneru mwettqa mill-Kanada b'hal l-aħjar Prattika li ta' min tiġi implimentata;

79. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-kompożizzjoni tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi (DAGs) tkun ibbilanċjata bejn il-ġeneri u li jiġi stabbilit Kumitat għall-Kummerċ u l-Ġeneru fl-ambitu ta' kull FTA biex jiġu identifikati n-nuqqasijiet u li, b'hal fil-każ tal-FTA bejn il-Kanada u l-Iżrael, il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim japplika għall-kwistjonijiet tal-ġeneru;

o

o o

80. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri, kif ukoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni.

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

P9\_TA(2020)0255

## Oġġezzjoni għal att ta' implimentazzjoni: L-ispeċifikazzjonijiet għad-diossidu tat-titanju (E 171)

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 li jstabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għad-diossidu tat-titanju (E 171) (D066794/04 – 2020/2795(RPS))**

(2021/C 395/03)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 li jstabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għad-diossidu tat-titanju (E 171),
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jstabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enzimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport ta' sinteżi ppreżentat fit-13 ta' Mejju 2019 mill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni adottata mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) fl-10 ta' Mejju 2019, u ppubblikata fit-12 ta' Ġunju 2019 <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 5a(3)(b) u l-Artikolu 5a(5) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni <sup>(5)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 112(2), (3) u (4)(c) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni mressqa mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-ikel,
- A. billi r-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jstabbilixxi regoli dwar l-addittivi tal-ikel użati fl-ikel biex jiżgura l-funzjonament effettiv tas-suq intern filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u livell għoli tal-protezzjoni tal-konsumatur, inklużi l-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi u prattiki ġusti fil-kummerċ tal-ikel, b'kont meħud tal-protezzjoni tal-ambjent, fejn xieraq.
- B. billi r-Regolament (KE) Nru 1331/2008 jstabbilixxi proċedura komuni għall-valutazzjoni u l-awtorizzazzjoni tal-addittivi tal-ikel, fost l-oħrajn, li tikkontribwixxi għall-moviment liberu tal-ikel fl-Unjoni u għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u għal livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, inkluża l-protezzjoni tal-interessi tal-konsumatur;

<sup>(1)</sup> ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

<sup>(2)</sup> ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> [https://ec.europa.eu/food/sites/food/files/safety/docs/reg-com\\_toxic\\_20190513\\_sum.pdf](https://ec.europa.eu/food/sites/food/files/safety/docs/reg-com_toxic_20190513_sum.pdf)

<sup>(4)</sup> EFSA statement on the review of the risks related to the exposure to the food additive titanium dioxide (E 171) performed by the French Agency for Food, Environmental and Occupational Health and Safety (ANSES), EFSA Journal 2019; 17(6):5714 (Stqarrija tal-EFSA dwar l-analiżi tar-riskji relatati mal-esponiment għall-addittiv tal-ikel id-diossidu tat-titanju (E 171) magħmula mill-Aġenzija Franċiża għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, Ambjentali u Okkupazzjonali) <https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/5714>

<sup>(5)</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

**L-użu tad-dioossidu tat-titanju (E 171) fl-ikel**

- C. billi d-dioossidu tat-titanju (E 171) huwa addittiv tal-ikel parzjalment magħmul minn nanopartikoli u li jinsab prinċipalment f'ikel bħal hlewriet, kejkijiet, deżerti, ġelat, gallettini, bars taċ-ċikkulata, u prodotti moħmija u tal-għaġina; billi l-funzjoni ewlenija tiegħu hija li jagħti l-kulur abjad jew l-opaċità tal-prodotti;
- D. billi d-dioossidu tat-titanju (E 171) jintuża prinċipalment fi prodotti tal-ikel li huma partikolarment popolari mat-tfal, bħaċ-chewing gum, il-ħelu, iċ-ċikkulata u l-ġelat, u dan iqajjem tħassib dwar l-esponiment potenzjali għoli ta' din il-parti vulnerabbli tal-popolazzjoni;

**Valutazzjoni tar-riskju għas-sikurezza**

- E. billi l-opinjoni xjentifika tat-28 ta' Ġunju 2016 mill-EFSA <sup>(6)</sup> dwar id-dioossidu tat-titanju (E 171) diġà indikat nuqqas ta' data, ħaġa li tfixxkel il-valutazzjoni tar-riskju sħiħa tal-addittiv; billi l-inċertezzu dwar is-sigurtà tad-dioossidu tat-titanju (E 171) jirriżultaw parzjalment min-nuqqas tal-manifatturi li jipprovdu d-data meħtieġa biex titwettaq il-valutazzjoni tar-riskju;
- F. billi għadd sinifikanti ta' pubblikazzjonijiet xjentifiċi reċenti <sup>(7)</sup> qajmu dubji dwar is-sikurezza tad-dioossidu tat-titanju (E 171) u enfasizzaw ir-riskji potenzjali relatati mal-konsum tiegħu;
- G. billi l-opinjoni tal-Aġenzija Franċiża għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, Ambjentali u Okkupazzjonali (ANSES) tat-12 ta' April 2019 <sup>(8)</sup> identifikat l-impatti karċinoġeniċi possibbli tad-dioossidu tat-titanju (E 171), fost effetti negattivi oħra, u kkonkludiet li għad hemm inċertezzu xjentifiċi dwar is-sikurezza tad-dioossidu tat-titanju (E 171) u l-lakuni fid-data jibqgħu, li jfisser li kwalunkwe tħassib dwar it-tossiċità potenzjali tad-dioossidu tat-titanju (E 171) għall-konsumaturi ma jistax jitneħħa; billi l-Uffiċċju Netherlandiż għall-Valutazzjoni tar-Riskji u r-Riċerka (BuRO) <sup>(9)</sup> enfasizza wkoll il-lakuni u l-inċertezzu tad-data;
- H. billi l-aħħar dikjarazzjoni tal-EFSA dwar id-dioossidu tat-titanju (E 171) fl-ikel <sup>(10)</sup> tirreferi għall-opinjoni tal-ANSES u tirrikonoxxi wkoll għadd ta' inċertezzu fir-rigward tas-sikurezza tal-użu tiegħu;
- I. billi 19-il xjenzjat minn tmien pajjiżi ltaqgħu fi Frar 2016 fl-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer (IARC), f'Lyon, Franza, biex jivvalutaw mill-ġdid il-karċinoġeniċità tad-dioossidu tat-titanju (E 171) u kkonkludew li dan għandu jiġi kklassifikat bħala possibbilment karċinoġeniku għall-bnedmin (jiġifieri l-grupp 2B) <sup>(11)</sup>;
- J. billi l-US National Institute for Occupational Safety and Health (NIOSH) iddetermina li l-esponiment għad-dioossidu tat-titanju ultrafin (E 171) għandu jitqies bħala karċinoġenu okkupazzjonali potenzjali <sup>(12)</sup>;

<sup>(6)</sup> Re-evaluation of titanium dioxide (E 171) as a food additive, EFSA Journal 2016; 14(9):4545 (Evalwazzjoni mill-ġdid tad-dioossidu tat-titanju (E 171) bħala addittiv tal-ikel), <https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/4545>

<sup>(7)</sup> Ara l-lista ta' Avicenn ta' pubblikazzjonijiet akkademiċi reċenti dwar l-effetti negattivi tan-nanopartikoli tal-E 171 u/jew it-TiO<sub>2</sub> permezz ta' esponiment orali ("Recent academic publications on adverse effects of E171 and/or TiO<sub>2</sub> nanoparticles via oral exposure") disponibbli fuq <http://veillenanos.fr/wakka.php?wiki=RisQIngestionNpTiO2/download&file=20190911AvicennE171recentpublications.pdf>; Skocaj, M., Filipic, M., Petkovic, J., and Novak, S., "Titanium dioxide in our everyday life; is it safe?", *Radiology and Oncology*, Diċembru 2011; 45(4): 227-247, (Id-dioossidu tat-titanju fil-ħajja tagħna ta' kuljum; huwa sikur?) <https://www.ncbi.nlm.nih.gov/pmc/articles/PMC3423755/>; u Pinget, G., et al., "Impact of the Food Additive Titanium Dioxide (E171) on Gut Microbiota-Host Interaction". *Frontiers in Nutrition*, 14 ta' Mejju 2019 (L-impatt tal-Addittiv tal-ikel id-dioossidu tat-titanju (E 171) fuq l-Interazzjoni Intestinali bejn il-Mikrobijota Intestinali u l-Ospiti), <https://www.frontiersin.org/articles/10.3389/fnut.2019.00057/full>

<sup>(8)</sup> Opinjoni tal-Aġenzija Franċiża għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, Ambjentali u Okkupazzjonali (ANSES) dwar ir-riskji assoċjati mal-inġestjoni tal-addittiv tal-ikel E 171, disponibbli fuq <https://www.anses.fr/en/system/files/ERCA2019SA0036EN.pdf>

<sup>(9)</sup> <https://www.nvwa.nl/documenten/consument/eten-drinken-roken/overige-voedselveiligheid/risicobeoordelingen/advies-van-buro-over-de-mogelijke-gezondheidseffecten-van-het-voedseladditief-titaniumdioxide-e171>

<sup>(10)</sup> EFSA statement on the review of the risks related to the exposure to the food additive titanium dioxide (E 171) performed by the French Agency for Food, Environmental and Occupational Health and Safety (ANSES) (Stqarrija tal-EFSA dwar ir-rieżami tar-riskji relatati mal-esponiment għall-addittiv tal-ikel id-dioossidu tat-titanju (E 171) magħmula mill-Aġenzija Franċiża għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, Ambjentali u Okkupazzjonali); *EFSA Journal* 2019; 17(6):5714, <https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/10.2903/j.efsa.2019.5714>

<sup>(11)</sup> "Carbon Black, Titanium Dioxide, and Talc", -"IARC Monographs on the Evaluation of Carcinogenic Risks to Humans", Volum 93, (Monografi tal-IARC dwar l-Evalwazzjoni tar-Riskji Karċinoġeniċi għall-Bnedmin) <https://publications.iarc.fr/Book-And-Report-Series/Iarc-Monographs-On-The-Identification-Of-Carcinogenic-Hazards-To-Humans/Carbon-Black-Titanium-Dioxide-And-Talc-2010>

<sup>(12)</sup> "Occupational Exposure to Titanium Dioxide" (Esponiment okkupazzjonali għad-dioossidu tat-titanju), *Current Intelligence Bulletin* 63, <https://www.cdc.gov/niosh/docs/2011-160/pdfs/2011-160.pdf>

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020****Deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni tar-riskju**

- K. billi, b'konsegwenza tal-opinjoni tal-ANSES u d-dikjarazzjoni sussegwenti tal-EFSA li ma setgħux jeliminaw it-tħassib, il-Gvern Franċiż adotta digriet li jipprevjoni l-bejgħ ta' prodotti tal-ikel li fihom id-diossidu tat-titanju (E 171) mill-1 ta' Jannar 2020, bħala miżura ta' prekawzjoni għall-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumaturi;
- L. billi, minkejja dan l-isfond, il-Kummissjoni, minflok ma pproponiet li telimina gradwalment l-użu tad-diossidu tat-titanju (E 171) fil-prodotti tal-ikel, ippreżentat abbozz ta' regolament li jibdel id-definizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet ta' dan l-addittiv tal-ikel, li jkompli jippermetti t-tqegħid legali, u ż-żamma tad-diossidu tat-titanju (E 171) fis-suq;
- M. billi kwalunkwe deċiżjoni li d-diossidu tat-titanju (E 171) ma jgħix ipprobit mis-suq toħloq żvantaġġ għall-kumpaniji li għażlu li japplikaw il-prinċipju ta' prekawzjoni u ssostitwixxew jew nehew id-diossidu tat-titanju (E 171) mill-prodotti tagħhom;

**Il-prinċipju ta' prekawzjoni u "fatturi oħra"**

- N. billi l-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistabilixxi l-prinċipju ta' prekawzjoni bħala wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-Unjoni;
- O. billi l-Artikolu 168(1) tat-TFUE jiddisponi li "livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa fiżika u mentali għandu jkun assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrategġiji u l-attivitatijiet kollha tal-Unjoni";
- P. billi aktar minn 85 000 ċittadin madwar l-Ewropa diġà ffirmaw petizzjoni<sup>(13)</sup> biex jappoġġjaw il-projbizzjoni Franċiża fuq id-diossidu tat-titanju (E 171) u talbu l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' prekawzjoni fid-dawl tal-inċertezzi fir-rigward tal-addittivi tal-ikel li ma għandhom l-ebda skop nutrittiv u jistgħu jippreżentaw riskju għall-konsumaturi;
- Q. billi l-approvazzjoni tal-addittivi tal-ikel tista' tqis ukoll fatturi oħra rilevanti għall-kwistjoni li qed tiġi kkunsidrata, inklużi fatturi soċjetali, ekonomiċi, tradizzjonali, etiċi u ambjentali, il-prinċipju ta' prekawzjoni u l-fattibbiltà tal-kontrolli kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 1331/2008;

**Kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni u alternattivi**

- R. billi l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jipprevedi li addittiv tal-ikel jista' jiġi awtorizzat biss jekk l-użu tiegħu jkun sikur, teknoloġikament ġustifikat, u jekk l-użu tiegħu ma jqarraqx, iżda għall-kuntrarju jibbenefika, lill-konsumatur;
- S. billi d-diossidu tat-titanju (E 171) jintuża biss għal skopijiet estetiċi u ma għandu l-ebda valur nutrittiv, u lanqas ma jissodisfa xi funzjoni teknoloġika ta' benefiċċju fl-ikel;
- T. billi ma hemm l-ebda hteġa teknoloġika konvinċenti għall-użu tad-diossidu tat-titanju (E 171), u ħafna manifatturi tal-ikel u bejjieġha bl-immunt li joperaw fis-suq Franċiż irnexxielhom ineħħu d-diossidu tat-titanju (E 171) mill-prodotti tagħhom biex jikkonformaw mad-digriet Franċiż li jissospendi t-tqegħid fis-suq ta' oġġetti tal-ikel li fihom l-addittiv<sup>(14)</sup>; billi xi kumpaniji multinazzjonali impenjaw ruħhom li jneħħu d-diossidu tat-titanju (E 171) mill-portafoll tal-ikel tagħhom<sup>(15)</sup>;

<sup>(13)</sup> <https://you.wemove.eu/campaigns/support-the-french-ban-on-potentially-harmful-food-additive-e171>

<sup>(14)</sup> Mill-inqas 340 prodott tal-ikel li kien fihom id-diossidu tat-titanju (E 171) ġew riformulati biex isiru "ħielsa mill-E 171" fperjodu ta' żmien qasir ħafna, skont l-Inventarju Online (mhux eżawrjenti) ta' "Aġir pour l'Environnement", <https://infonyano.agirpourenvironnement.org/liste-verte/>. Produtturi iżgħar, li diskutibbilment jafu jiffaċċjaw ostakli teknoloġiċi akbar minn operaturi akbar, ġew offruti appoġġ mill-organizzazzjonijiet professjonali tagħhom biex jeħilsu mid-dijossidu tat-titanju (E 171) fil-prodotti tagħhom, skont stqarrija għall-istampa tal-2018 mill-Ministeru Franċiż għall-Ekonomija u l-Finanzi, [https://www.economie.gouv.fr/files/directions\\_services/dgccrf/presse/communiqu/2018/CP\\_Nanoparticules201804.pdf](https://www.economie.gouv.fr/files/directions_services/dgccrf/presse/communiqu/2018/CP_Nanoparticules201804.pdf)

<sup>(15)</sup> <https://www.centerforfoodsafety.org/press-releases/4550/top-candy-company-mars-commits-to-phasing-out-harmful-nanoparticles-from-food-products>

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

U. billi l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri s'issa qed jitħabtu biex jinfurzaw ir-rekwiżit tat-tikkettar tan-nanopartikoli fl-ikel; billi t-testijiet imwettqa minn gruppi ta' konsumaturi fi Spanja, il-Belġju, l-Italja u l-Ġermanja sabu n-nanopartikoli tad-diossidu tat-titanju (E 171) fi proporzjonijiet akbar minn 50 %, mingħajr ma l-addittiv jiġi ttikkettat bħala "nano" <sup>(16)</sup>, inkluż f'oġġetti tal-ikel bħall-ħelu, iċ-chewing-gums, u kejkijiet li ta' spiss jiġu kkunsmati mit-tfal u minn sezzjonijiet vulnerabbli oħra tal-popolazzjoni;

1. Jopponi l-adozzjoni tal-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni;
2. Iqis li l-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni mhuwiex kompatibbli mal-għan u l-kontenut tar-Regolamenti (KE) Nru 1333/2008 u (KE) Nru 1331/2008;
3. Iqis li jekk id-diossidu tat-titanju (E 171) jibqa' jitħalla jitqiegħed u jinbiegħ fis-suq bħala addittiv tal-ikel, dan imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 u jaf ikollu effetti negattivi fuq is-saħħa tal-konsumaturi Ewropej;
4. Jitlob lill-Kummissjoni tirtira l-abbozz ta' regolament tagħha;
5. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika l-prinċipju ta' prekawzjoni u tneħħi d-diossidu tat-titanju (E 171) mil-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel permessi;
6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

<sup>(16)</sup> Inklużi Altroconsumo fl-Italja, OCU fi Spanja, Test-Achats fil-Belġju u UFC – Que Choisir fi Franza.

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

P9\_TA(2020)0256

## Oġġezzjoni skont l-Artikolu 112(2) u (3) u (4)(c): Il-livelli massimi tal-akrilammid f'ċerti oġġetti tal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 fir-rigward tal-livelli massimi ta' akrilammid f'ċerti oġġetti tal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar (D067815/03 – 2020/2735(RPS))

(2021/C 395/04)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 fir-rigward tal-livelli massimi ta' akrilammid f'ċerti oġġetti tal-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar (D067815/03,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jstipula l-proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,
- wara li kkunsidra r-regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2158 tal-20 ta' Novembru 2017 li jstabbilixxi miżuri ta' mitigazzjoni u livelli ta' parametri referenzjarji għat-tnaqqis tal-preżenza tal-akrilammid fl-ikel <sup>(2)</sup>
- wara li kkunsidra l-opinjoni xjentifika dwar l-akrilammid fl-ikel adottata mill-Bord dwar kontaminanti fil-katina tal-ikel (Bord CONTAM) tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) fit-30 ta' April 2015, u ppubblikata fl-4 ta' Ġunju 2015 <sup>(3)</sup>
- wara li kkunsidra l-Artikolu 5a(3)(b) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 112(2), (3) u (4)(c) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

### Aspetti Ġenerali

- A. billi l-akrilammid hi sustanza kimika komposta preżenti fl-ikel magħmula minn asparigina u zokkor ħielsa minn sustanzi preżenti b'mod naturali matul proċessar b'temperatura għolja bħal fil-qali, ix-xiwi u l-ħami;
- B. billi l-konsumaturi jiġu esposti għall-akrilammid minn ikel prodott b'mod industrijali, bħall-krisps, il-ħobż, il-gallettini u l-kafè, imma wkoll minn tisjir fid-dar, eż. fix-xiwi tal-ħobż jew fil-qali taċ-ċips;
- C. billi t-trabi, tfal żgħar u tfal oħra huma l-aktar grupp ta' età espost minħabba l-piż inqas ta' ġisimhom u għalhekk huma speċifikament vulnerabbli; billi hu magħruf li t-tfal għandhom metaboliżmu ogħla minħabba l-proporzjon akbar bejn il-fwied u l-piż tal-ġisem li jagħmilha aktar possibbli li l-glycidamide (il-metabolita tal-akrilammid, li tiffurma permezz tal-bijotrasformazzjoni) tista' tiġi fformata b'rata ogħla fit-tfal, u b'hekk tiżdied il-possibbiltà ta' tossiċità tal-akrilammid fit-tfal <sup>(5)</sup>;

<sup>(1)</sup> ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 304, 21.11.2017, p. 24.

<sup>(3)</sup> EFSA Journal 2015; 13(6):4104. <http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/4104>

<sup>(4)</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

<sup>(5)</sup> Ara Erkekoğlu, P., Baydar, T., "Toxicity of acrylamide and evaluation of its exposure in baby foods", *Nutrition Research Reviews*, Volum 23, Harga 2, Diċembru 2010, pp. 323-333, <https://doi.org/10.1017/S0954422410000211>

**Tħassib marbut mas-sikurezza**

- D. billi, skont il-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati (CLP00) approvati mill-Unjoni, l-akrilammid huwa tossiku jekk jinbela', jista' jikkawża difetti ġenetiċi, jista' jikkawża kanċer, jikkawża ħsara lill-organi minħabba esponiment fit-tul jew ripetut, huwa ta' ħsara f'kuntatt mal-ġilda, jikkawża irritazzjoni serja lill-għajnejn, huwa ta' ħsara jekk jinġibed man-nifs, huwa suspettat li jagħmel ħsara lill-fertilità, jikkawża irritazzjoni tal-ġilda u jista' jikkawża reazzjoni allerġika tal-ġilda; billi barra minn hekk, il-klassifikazzjoni pprovduta mill-kumpaniji lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) fir-reġistrazzjonijiet REACH tidentifika li din is-sustanza tista' tkun ta' ħsara għall-fertilità jew għat-tarbija fil-ġuf<sup>(6)</sup>;
- E. billi lil hinn minn dan, ġiet osservata deġenerazzjoni tan-nervituri periferali u tan-nervituri terminali f'xi żoni tal-moħħ relatati mal-memorja, it-tagħlim u l-funzjonijiet konjittivi<sup>(7)</sup>;
- F. billi l-opinjoni xjentifika tal-Bord CONTAM tat-30 ta' April 2015 dwar l-akrilammid fl-ikel<sup>(8)</sup> identifikat, mid-data kollha disponibbli, erba' punti aħħarin kritiċi possibbli għat-tossiċità tal-akrilammid, jiġifieri n-newrotossiċità, l-effetti fuq ir-riproduzzjoni tal-irġiel, it-tossiċità tal-iżvilupp, u l-karċinoġeniċità; billi l-Bord CONTAM innota wkoll li l-akrilammid huwa mutaġenu taċ-ċelloli ġerminali u li fil-preżent ma hemm l-ebda proċedura stabbilita għall-valutazzjoni tar-riskju bl-użu ta' dan il-punt aħħari; billi l-Bord CONTAM b'mod aktar speċifiku kkonferma l-evalwazzjonijiet preċedenti li l-akrilammid fl-ikel potenzjalment iżid ir-riskju tal-kanċer għall-konsumaturi fil-gruppi tal-etajiet kollha;
- G. billi t-tossiċità tal-akrilammid kienet diġà ġiet rikonoxxuta fl-2002 frapport konġunt tal-FAO/WHO<sup>(9)</sup>; billi l-akrilammid ġie kklassifikat bħala "karċinoġenu uman probabbli" mill-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer (IARC)<sup>(10)</sup>, bħala "raġonevolment antiċipat li jkun karċinoġenu uman" mill-Programm Nazzjonali dwar it-Tossikoloġija (NTP) tal-Istati Uniti<sup>(11)</sup>, u bħala "li x'aktarx hu karċinoġeniku għall-bnedmin" mill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent (EPA) tal-Istati Uniti<sup>(12)</sup>;
- H. billi l-proprjetajiet tal-akrilammid li jfixklu s-sistema endokrinali huma diskussi f'diversi studji xjentifiċi<sup>(13)</sup> u jeħtieġu eżami b'mod urġenti;

<sup>(6)</sup> ECHA Substance Infocard for Acrylamide, [https://echa.europa.eu/de/substance-information/-/substanceinfo/100.001.067?\\_dissubinfo\\_WAR\\_dissubinfoportlet\\_backURL=https%3A%2F%2Fecha.europa.eu%2Fhome%3Fp\\_p\\_id%3Ddissimplesearchhomepage\\_WAR\\_disssearchportlet%26p\\_p\\_lifecycle%3D0%26p\\_p\\_state%3Dnormal%26p\\_p\\_mode%3Dview%26p\\_p\\_col\\_id%3Dcolumn-1%26p\\_p\\_col\\_count%3D2%26\\_dissimplesearchhomepage\\_WAR\\_disssearchportlet\\_sessionCriteriaId%3D](https://echa.europa.eu/de/substance-information/-/substanceinfo/100.001.067?_dissubinfo_WAR_dissubinfoportlet_backURL=https%3A%2F%2Fecha.europa.eu%2Fhome%3Fp_p_id%3Ddissimplesearchhomepage_WAR_disssearchportlet%26p_p_lifecycle%3D0%26p_p_state%3Dnormal%26p_p_mode%3Dview%26p_p_col_id%3Dcolumn-1%26p_p_col_count%3D2%26_dissimplesearchhomepage_WAR_disssearchportlet_sessionCriteriaId%3D). Ara wkoll is-Sommarju tal-ECHA dwar il-Klassifikazzjoni u t-Tikkettar, <https://echa.europa.eu/de/information-on-chemicals/cl-inventory-database/-/discli/details/104230>: karċinoġeniku 1B (preżunt), mutaġeniku 1B (preżunt), tossiku għar-riproduzzjoni 2 (suspettat), sensitizzazzjoni tal-ġilda 1, u STOT 1 (tossiċità speċifika għall-organi fil-mira – li taffettwa s-sistema nervuża b'esponiment ripetut).

<sup>(7)</sup> Sommarju u konklużjonijiet tal-erbgħa u sittin laqgħa tal-Kumitat Espert Konġunt tal-FAO/WHO dwar l-Addittivi tal-Ikel (JECFA), 8-17 ta' Frar 2005, <http://www.fao.org/3/a-at877e.pdf>. Ara wkoll Matoso, V., Bargi-Souza, P., Ivanski, F., Romano, M.A., Romano, R.M., "Acrylamide: A review about its toxic effects in the light of Developmental Origin of Health and Disease (DOHaD) concept", *Food Chemistry*, 15 ta' Ġunju 2019, 283:422-430, <https://pubmed.ncbi.nlm.nih.gov/30722893/>

<sup>(8)</sup> EFSA Journal 2015; 13(6):4104, <http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/4104>

<sup>(9)</sup> Rapport ta' Konsultazzjoni Konġunta FAO/WHO, "Health Implications of Acrylamide in Food", 25-27 ta' Ġunju 2002, <https://apps.who.int/iris/bitstream/handle/10665/42563/9241562188.pdf?sequence=1>

<sup>(10)</sup> "IARC Monographs on the Evaluation of Carcinogenic Risks to Humans", Some Industrial Chemicals, IARC, Lyon, France, 1994, <https://publications.iarc.fr/Book-And-Report-Series/Iarc-Monographs-On-The-Identification-Of-Carcinogenic-Hazards-To-Humans/Some-Industrial-Chemicals-1994>. Ara wkoll M. Zhivagui, Ng, A.W.T., Ardin, M., et al., "Experimental and pancancer genome analysis reveal out widely contribution of acrylamide exposure to carcinogenesis in human", *Genome Research*, 2019; 29 (4): 521-531, [https://www.iarc.fr/wp-content/uploads/2019/03/pr267\\_E.pdf](https://www.iarc.fr/wp-content/uploads/2019/03/pr267_E.pdf)

<sup>(11)</sup> Report on Carcinogens, Acrylamide, National Toxicology Program, Department of Health and Human Services, Fourteenth Edition 2016, <https://ntp.niehs.nih.gov/ntp/roc/content/profiles/acrylamide.pdf>

<sup>(12)</sup> Toxicological review of Acrylamide (CAS No. 79-06-1), March 2010, U.S. Environmental Protection Agency, Washington, DC, <https://nepis.epa.gov/Exe/ZyPDF.cgi/P1006QL0.PDF?Dockey=P1006QL0.PDF>

<sup>(13)</sup> Matoso, V., Bargi-Souza, P., Ivanski, F., Roman, M.A., Romana, R.M., "Acrylamide: A review about its toxic effects in the light of Developmental Origin of Health and Disease (DOHaD) concept", *Food Chemistry* 283 (2019) 422-430, <https://www2.unicentro.br/ppgvet/files/2019/11/3-Acrylamide-A-review-about-its-toxic-effects-in-the-light-of-Developmental-Origin-of-Health-and-Disease-DOHaD-concept.pdf?x26325>, Kassotis, C.D., et al., "Endocrine-Disrupting Activity of Hydraulic Fracturing Chemicals and Adverse Health Outcomes After Prenatal Exposure in Male Mice", *Endocrinology*, December 2015, 156(12):4458-4473, <https://academic.oup.com/endo/article/156/12/4458/2422671>, Hamdy, S.M., Bakeer, H.M., Eskander, E.F., Sayed, O.N., "Effect of acrylamide on some hormones and endocrine tissues in male rats", *Human & Experimental Toxicology* 2012, 31(5);, 483-91, <https://journals.sagepub.com/doi/10.1177/0960327111417267>

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020****Il-prinċipju ta' prekawzjoni**

- I. billi l-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistabbilixxi l-prinċipju ta' prekawzjoni bħala wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-Unjoni;
- J. billi l-Artikolu 168(1) tat-TFUE jiddisponi li "livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa fiżika u mentali għandu jkun assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni";

**Rekwiżiti legali speċifiċi**

- K. billi l-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (KEE) Nru 315/93 jipprevedi li l-ikel li fih kontaminant f'ammont li mhux akċettabbli mil-lat tas-saħħa pubblika u b'mod partikolari f'livell tossikoloġiku ma għandux jitqiegħed fis-suq, u li l-livelli tal-kontaminanti għandhom jinżammu baxxi daqs kemm dan jista' raġonevolment jinkiseb billi jiġu segwiti prattiki tajbin fl-istadji kollha tal-produzzjoni tal-ikel;
- L. billi r-Regolament (UE) 2017/2158 jirrikjedi li l-operaturi tan-negozji tal-ikel japplikaw miżuri ta' mitigazzjoni u jwettqu ċerti attivitajiet biex inaqqsu l-livelli tal-akrilammid f'ċerti oġġetti tal-ikel bil-għan li jiġi żgurat li l-livelli tal-akrilammid fil-prodotti tagħhom jibqgħu taħt il-"livelli tal-parametri referenzjarji", li jintużaw biex tiġi vverifikata l-effikaċja tal-miżuri ta' mitigazzjoni permezz ta' kampjunar u analiżi;
- M. billi l-livelli tal-parametri referenzjarji stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2158 ilhom japplikaw minn April 2018, u għandhom jiġu riveduti mill-Kummissjoni kull tliet snin u l-ewwel darba fi żmien tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament, bil-għan li jiġu stabbiliti livelli aktar baxxi <sup>(14)</sup>;
- N. billi l-livelli tal-parametri referenzjarji huma neqsin għal diversi kategoriji ta' prodotti, bħall-krisps veġetali, il-croquettes, jew il-crackers tar-ross, li rigward uħud minnhom ġie pprovat li fihom livelli għoljin ta' akrilammid; billi r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1888 <sup>(15)</sup> tistabbilixxi lista mhux eżawrjenti ta' kategoriji tal-ikel li għandhom jiġu mmonitorjati regolament għall-preżenza tal-akrilammid;
- O. billi, f'konformità mal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KEE) Nru 315/93, il-Kummissjoni tista', fejn meħtieġ, tistabbilixxi t-tolleranzi massimi għal kontaminanti speċifiċi, sabiex tiproteġi s-saħħa pubblika; billi għadu ma ġie stabbilit l-ebda livell massimu għall-akrilammid fl-ikel; billi l-Premessa 15 tar-Regolament (UE) 2017/2158 tindika li b'mod komplementari għall-miżuri ta' mitigazzjoni, għandu jiġi kkunsidrat l-iffissar ta' livelli massimi għall-akrilammid f'ċertu ikel;

**L-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni**

- P. billi l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni jirrikonoxxi l-importanza li l-livelli tal-akrilammid fl-ikel jinżammu baxxi daqs kemm dan jista' raġonevolment jinkiseb;
- Q. billi l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni jipproponi li jiġu stabbiliti livelli massimi għal żewġ kategoriji speċifiċi ħafna ta' ikel biss, jiġifieri għall-"gallettini u l-biskuttelli għat-trabi u għat-tfal żgħar" (150 µg/kg, li jikkorrispondu għal-livell tal-parametru referenzjarju kurrenti) u għall-"ikel tat-trabi, l-ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali għat-trabi u t-tfal żgħar minbarra l-gallettini u l-biskuttelli" (50 µg/kg, li huwa saħansitra 10 µg/kg ogħla mil-livell tal-parametru referenzjarju kurrenti ta' 40 µg/kg);
- R. billi d-data ta' okkorrenza li l-Kummissjoni bbażat l-abbozz ta' regolament tagħha fuqha tirriżulta mill-perjodu 2015-2018; billi, jekk ir-Regolament (UE) 2017/2158 għandu jkollu effett fuq il-livelli tal-akrilammid fl-ikel, jista' jkun raġonevolment mistenni li l-manifatturi tal-ikel għandhom tal-anqas sa issa jkunu laħqu l-valur tal-parametru referenzjarju stabbilit tliet snin ilu;

**Is-sitwazzjoni tas-suq u l-valutazzjoni tal-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni**

- S. billi r-riċerka mwettqa fil-ħarifa tal-2018 minn għaxar organizzazzjonijiet tal-konsumaturi madwar l-Ewropa <sup>(16)</sup> wriet li firxa ta' prodotti li ma jaqgħux taħt iż-żewġ kategoriji regolati fl-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni, bħall-gallettini u l-wejfers, spiss jiġu kkunsmati minn tfal taħt it-tliet snin; u xi wħud minn dawn il-prodotti huma ovpjament ikkummerċjalizzati b'mod li jimmiraw għat-tfal (jiġifieri d-disinn tal-imballaġġ b'karattri tal-kartuns li jappellaw għat-tfal); billi sitwazzjoni simili tista' tkun mistennija għal prodotti bħal crackers jew ċereali tal-kolazzjon;

<sup>(14)</sup> L-Artikolu 5 u l-Premessa 11 tar-Regolament (KE) 2017/2158.

<sup>(15)</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1888 tas-7 ta' Novembru 2019 dwar il-monitoraġġ tal-preżenza tal-akrilammid f'ċerti oġġetti tal-ikel (ĠU L 290, 11.11.2019, p. 31)

<sup>(16)</sup> [https://www.beuc.eu/publications/beuc-x-2019-010\\_more\\_efforts\\_needed\\_to\\_protect\\_consumers\\_from\\_acrylamide\\_in\\_food.pdf](https://www.beuc.eu/publications/beuc-x-2019-010_more_efforts_needed_to_protect_consumers_from_acrylamide_in_food.pdf)



Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

- T. billi l-livell tal-parametru referenzjarju għall-“gallettini u l-wejfers” (350 µg/kg) u l-livell tal-parametru referenzjarju għall-“gallettini u l-biskuttelli għat-trabi u għat-tfal żgħar” (150 µg/kg) ivarjaw b'mod sinifikanti, mingħajr ma l-ġenituri jkunu magħmula konxji tad-differenza f'termini tal-kontenut massimu ta' akrilammid mixtieq;
- U. billi nstab ukoll li għall-gallettini u l-wejfers, terz mill-prodotti ttestjati kienu fil-livell tal-parametru referenzjarju jew 'il fuq minnu, u mill-gallettini u l-wejfers identifikati bħala “kkunsmati ta' spiss minn tfal taħt it-tliet snin” qrib żewġ terzi ma kinux jaqbu l-parametru referenzjarju stabbilit għall-kategorija “gallettini u biskuttelli għat-trabi u għat-tfal żgħar”;
- V. billi mhux ikkontestat li l-okkorrenza tal-akrilammid fl-ikel tista' tiġi minimizzata billi jiġu applikati miżuri xierqa ta' mitigazzjoni <sup>(17)</sup>; billi, fil-kategoriji kollha tal-ikel, ġie ppruvat li huwa possibbli li jiġu manifatturati prodotti b'kontenut baxx ta' akrilammid <sup>(18)</sup>;
- W. billi, fir-rigward tal-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni, kemm id-data mir-riċerka tal-konsumaturi <sup>(19)</sup> fl-2018 kif ukoll id-data dwar l-okkorrenza li tirriżulta mill-bażi ta' data tal-EFSA mill-perjodu 2015-2018 juru li livelli aktar baxxi mill-150 µg/kg u l-50 µg/kg proposti nkisbu faċilment minn maġġoranza kbira ħafna tal-produtturi fiż-żewġ kategoriji tal-ikel; billi wieħed jista' jassumi li llum kważi l-prodotti kollha jistgħu jilhqqu dawk il-livelli; billi huma għalhekk meħtieġa livelli aktar stretti sabiex jiġi stabbilit inċentiv għal aktar tnaqqis;
- X. billi l-iffissar ta' livelli massimi jiffaċilita b'mod ċar l-infurzar tar-regoli dwar l-akrilammid mill-Istati Membri; billi, madankollu, il-livelli massimi xorta jridu jiġu stabbiliti f'konformità mal-prinċipju ALARA (“l-aktar baxx li jista' raġonevolment jinkiseb”) kif stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 315/93;
- Y. billi, bħala konklużjoni, il-livelli proposti fl-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni diġà huma faċilment issodisfati mill-biċċa l-kbira tal-prodotti fis-suq, u ġie ppruvat li livelli aktar baxxi jistgħu jinkisbu mingħajr il-ħtieġa ta' sforzi kbar;

#### **Kunsiderazzjonijiet oħra**

- Z. billi aktar riċerka tista' tgħin biex wieħed jifhem ir-raġunijiet għall-varjabbiltà għolja tal-livelli tal-akrilammid fil-kategoriji tal-ikel u biex wieħed jidentifika strateġiji li jkollhom l-għan li jimminimizzaw il-formazzjoni tal-akrilammid;
- AA. billi l-monitoraġġ tal-effikaċja tar-regoli dwar l-akrilammid huwa kruċjali; billi dan jimplika li l-Istati Membri jwettqu kontrolli effettivi u frekwenti biżżejjed u jiġbru data dwar l-okkorrenza tal-akrilammid;
- AB. billi kampanji ta' informazzjoni għall-pubbliku jistgħu jgħinu biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar prodotti b'kontenut potenzjalment oġhla ta' akrilammid u jinfurmawhom dwar kif jillimitaw l-esponiment tal-akrilammid waqt it-tisjir;
1. Jopponi l-adozzjoni tal-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni;
  2. Iqis li l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni mhux kompatibbli mal-għan u mal-kontenut tar-Regolament (KEE) Nru 315/93;
  3. Iqis li jekk jibqgħu jkunu permessi livelli għoljin ta' akrilammid fl-ikel, dan jista' jkollu effetti negattivi fuq is-saħħa tal-konsumaturi Ewropej; iqis, għalhekk, li huwa ta' importanza estrema li jitnaqqsu l-livelli tal-akrilammid fl-ikel;
  4. Iqis li l-livell massimu propost għall-akrilammid fil-kategorija tal-ikel ta' “ikel tat-trabi, ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali għat-trabi u t-tfal żgħar minbarra gallettini u biskuttelli” għandu jiġi stabbilit taħt, u ċertament mhux 'il fuq mill-livell ta' parametru referenzjarju kurrenti ta' 40 µg/kg;

<sup>(17)</sup> Ara r-Regolament (UE) 2017/2158.

<sup>(18)</sup> [https://www.beuc.eu/publications/beuc-x-2019-010\\_more\\_efforts\\_needed\\_to\\_protect\\_consumers\\_from\\_acrylamide\\_in\\_food.pdf](https://www.beuc.eu/publications/beuc-x-2019-010_more_efforts_needed_to_protect_consumers_from_acrylamide_in_food.pdf)

<sup>(19)</sup> [https://www.beuc.eu/publications/beuc-x-2019-010\\_more\\_efforts\\_needed\\_to\\_protect\\_consumers\\_from\\_acrylamide\\_in\\_food.pdf](https://www.beuc.eu/publications/beuc-x-2019-010_more_efforts_needed_to_protect_consumers_from_acrylamide_in_food.pdf)

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

5. Iqis li l-livell massimu propost għall-akrilammid fil-kategorija tal-ikel ta' "gallettini u biskuttelli għat-trabi u għat-tfal żgħar" għandu jiġi stabbilit b'mod ċar taħt il-livell tal-parametru referenzjarju attwali ta' 150 µg/kg;
  6. Jitlob lill-Kummissjoni tistabbilixxi livelli massimi stretti mhux biss għaż-żewġ kategoriji ta' prodotti proposti fl-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni, iżda wkoll għal kategoriji oħra ta' prodotti, u bl-aktar mod urġenti għal gallettini u biskuttelli li ma jaqgħux taħt il-kategorija speċifika ta' "gallettini u biskuttelli għat-trabi u t-tfal żgħar";
  7. Jistenna bil-ħerqa r-reviżjoni tal-livelli tal-parametri referenzjarji sa April 2021 bil-ħsieb li dawn jitnaqqsu; jinsisti li l-livelli tal-parametri referenzjarji jridu jirriflettu t-tnaqqis kontinwu tal-preżenza tal-akrilammid fl-ikel, u jkunu orjentati lejn dawk bl-aħjar prestazzjoni, sabiex jinċentivaw sforzi addizzjonali mill-manifatturi;
  8. Jilqa' r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1888 tas-7 ta' Novembru 2019 dwar il-monitoraġġ tal-preżenza tal-akrilammid f'ċertu ikel; jinsisti li l-livelli tal-parametri referenzjarji (u possibbilment jiġu segwiti minn livelli massimi) jeħtieġ li jiġu stabbiliti malajr għall-kategoriji ta' prodotti li jirriżultaw li fihom livelli għoljin ta' akrilammid;
  9. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintensifikaw ir-riċerka dwar il-formazzjoni tal-akrilammid fl-ikel bil-ħsieb li jiġu identifikati strateġiji li jkollhom l-għan li jimminimizzaw il-formazzjoni tal-akrilammid; jitlob li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jstimulaw ir-riċerka dwar il-proprjetajiet possibbli li jfixklu s-sistema endokrinali tal-akrilammid u l-glycidamide;
  10. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kapaċitajiet tagħhom ta' kontroll tal-ikel bil-għan li jimmonitorjaw l-effikaċja tar-regoli dwar l-akrilammid u jiġbru, jipubblikaw u jgħaddu data dwar l-okkorrenza tal-akrilammid lill-EFSA;
  11. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinfurmaw lill-pubbliku dwar il-kategoriji ta' prodotti b'kontenut potenzjalment oġhla ta' akrilammid u dwar strateġiji dwar kif jista' jiġi limitat l-esponiment għall-akrilammid waqt it-tisjir;
  12. Jistieden lill-Kummissjoni tirtira l-abbozz ta' regolament tagħha u tippreżenta wieħed ġdid lill-kumitat;
  13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.
-

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

P9\_TA(2020)0257

**L-Istrateġija Ewropea għall-Foresti – It-Triq 'il Quddiem****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar l-Istrateġija Ewropea għall-Foresti – It-Triq 'il Quddiem (2019/2157(INI))**

(2021/C 395/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019)0640), il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 (COM(2020)0380), u r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew <sup>(1)</sup> u tas-16 ta' Jannar 2020 dwar il-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP15) għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' New York dwar il-Foresti, ratifikata fit-23 ta' Ġunju 2014 mill-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni tas-7 ta' Diċembru 2018 intitolat "Progress fl-Implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-foresti – 'Strateġija ġdida tal-UE għall-foresti: għall-foresti u s-settur ibbażat fuq il-foresti'" (COM(2018)0811),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2015 dwar "Strateġija ġdida tal-UE għall-Foresti: għall-foresti u s-settur ibbażat fuq il-foresti" <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni tat-23 ta' Lulju 2019 bit-titlu "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja" (COM(2019)0352),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' April 2019 dwar il-progress dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti u dwar qafas strateġiku ġdid għall-foresti (08609/2019),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi <sup>(4)</sup> u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni konsekuttivi b'aġġornamenti tal-Lista ta' speċijiet invażivi, fosthom ukoll l-ispeċijiet tas-siġar,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-30 ta' Ottubru 2019 dwar ir-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni tas-7 ta' Diċembru 2018 bit-titlu "Progress fl-Implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-foresti – 'Strateġija ġdida tal-UE għall-Foresti: għall-foresti u s-settur tal-foresti'",
- wara li kkunsidra l-Valutazzjoni Globali dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi ppubblikata mill-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES) fil-31 ta' Mejju 2019,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent dwar "The European environment – state and outlook 2020: knowledge for transition to a sustainable Europe" (L-ambjent Ewropew – l-istat u l-prospetti għall-2020: għarfien għal tranżizzjoni lejn Ewropa sostenibbli), ippubblikat fl-4 ta' Diċembru 2019,

<sup>(1)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2020)0005.

<sup>(2)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2020)0015.

<sup>(3)</sup> ĠU C 346, 21.9.2016, p. 17.

<sup>(4)</sup> ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35.

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' April 2019 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti,
  - wara li kkunsidra r-Rieżami ta' Nofs it-Terminu tal-Istrateġija għall-Bijodiversità sal-2020,
  - wara li kkunsidra l-Istrateġija aġġornata tal-UE dwar il-Bijoeconomija,
  - wara li kkunsidra l-Istrateġija dwar il-Klima għall-2050,
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru 2019 dwar l-Istrateġija aġġornata tal-UE dwar il-Bijoeconomija <sup>(5)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2018 bit-titlu "Pjaneta Nadifa għal Kulħadd: Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima" (COM(2018)0773),
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-16 ta' Mejju 2018 dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti <sup>(6)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-istrateġija Ewropa 2020, inklużi l-inizjattivi "Unjoni ta' Innovazzjoni" u "Ewropa Effiċjenti fir-Riżorsi",
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A9-0154/2020),
  - wara li kkunsidra r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri tal-UE skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB), il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD),
- A. billi se jkun impossibbli li jinkisbu l-impenji interni u internazzjonali tal-UE favur, pereżempju, il-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU, il-Protokoll ta' Kjoto, il-Ftehim ta' Pariġi u l-ħolqien ta' soċjetà b'emissjonijiet zero, mingħajr il-benefiċċji klimatiċi u servizzi ekosistemiċi oħrajn ipprovduti mill-foresti u mis-settur ibbażat fuq il-foresti;
- B. billi t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ma jagħmel l-ebda riferiment għal politika komuni tal-UE dwar il-foresti, u r-responsabbiltà għall-foresti taqa' fuq l-Istati Membri; billi, madankollu, l-UE kkontribwiet fil-passat, permezz tal-politiki u l-linji gwida tagħha, inkluż l-Artikolu 4 TFUE fir-rigward tal-enerġija, l-ambjent u l-agrikoltura, għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti (SFM) u għad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri dwar il-foresti;
- C. billi l-foresti u t-totalità tal-katina tal-valur ibbażata fuq il-foresti huma fundamentali għall-iżvilupp ulterjuri tal-bijoeconomija ċirkolari minħabba li dawn jipprovdu l-impjiegi, jiżguraw il-benesseri ekonomiku fiż-żoni rurali u urbani, jipprovdu servizzi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ta' adattament, joffru benefiċċji relatati mas-saħħa, jipproteġu l-bijodiversità u l-prospetti ta' żoni rurali, insulari u muntanjużi u jiġġieldu d-deżertifikazzjoni;
- D. billi riċerka ta' kwalità għolja ffinanzjata kif suppost, l-innovazzjoni, il-ġbir tal-informazzjoni, il-manutenzjoni u l-iżvilupp ta' bażijiet ta' data, l-aħjar prattiki u l-kondiviżjoni tal-għarfien huma tal-akbar importanza għall-ġejjieni tal-foresti multifunzjonali tal-UE u għat-totalità tal-katina tal-valur ibbażata fuq il-foresti, fid-dawl tad-domanda dejjem akbar li huma sottoposti għaliha u tal-hteġa li jiġu indirizzati d-diversi opportunitajiet u sfidi li qed tiffaċċja s-soċjetà;
- E. billi l-foresti huma parti mill-wirt naturali tagħna, li rridu nippreservaw u inmantnu, u billi sabiex dan il-wirt jirnexxi u jkun sors ta' bijodiversità u riżorsa ekonomika, turistika u soċjali huwa essenzjali li jiġi ġestit tajjeb;

<sup>(5)</sup> [https://ec.europa.eu/knowledge4policy/publication/council-conclusions-updated-eu-bioeconomy-strategy-29-november-2019\\_en](https://ec.europa.eu/knowledge4policy/publication/council-conclusions-updated-eu-bioeconomy-strategy-29-november-2019_en)

<sup>(6)</sup> ĠU C 361, 5.10.2018, p. 5.

## Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

- F. billi l-Fond għall-Iżvilupp Rurali, fil-qafas tal-PAK, ipprovda għodod u riżorsi biex jappoġġa s-settur tal-forestrija u għandu jkompli jagħmel hekk fil-PAK ta' wara l-2020, permezz ta' enfasi qawwija fuq l-SFM;
- G. billi hemm 16-il miljun sid privat ta' foresti fl-UE, li huma proprjetarji ta' madwar 60 % tal-foresti tal-UE; billi d-daqs medju tal-foresti li huma proprjetarji privati huwa ta' 13-il ħa, filwaqt li madwar żewġ terzi tas-sidien ta' foresti privati għandhom anqas minn 3 ħa ta' foresta;
- H. billi l-foresti ġestiti b'mod sostenibbli huma importanti ferm biex jiġu garantiti l-impjegi fiż-żoni rurali, u jirrappreżentaw benefiċċju għas-saħħa tal-bniedem filwaqt li fl-istess ħin jagħtu kontribut vitali għall-ambjent u l-bijodiversità;
- I. billi l-miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ta' adattament għalih fil-foresti huma interkonnessi inkwantu l-aspetti jridu jkunu bbilanċjati u s-sinerġiji bejniethom għandhom jitgħeggu, speċjalment fi ħdan l-Istrateġiji u l-Pjanijiet ta' Adattament tal-Istati Membri;
- J. billi l-foresti Ewropej u s-sitwazzjonijiet tagħhom ivarjaw u għalhekk hemm bżonn li jiġu ttrattati b'mod differenti, iżda dejjem bil-għan li jittejbu l-funzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħhom;
- K. billi r-reġjuni ultraperiferiċi fihom riżervi rikki ħafna ta' bijodiversità u huwa fundamentali li dawn jiġu ppreservati;
- L. billi t-telf tal-bijodiversità fil-foresti għandu konsegwenzi ambjentali, ekonomiċi u soċjali sinifikanti;
- M. billi l-kwalità tal-ħamrija għandha rwol kruċjali fil-provvista ta' servizzi ekosistemiċi bħall-filtrazzjoni u l-ħażna tal-ilma, u b'hekk il-protezzjoni mill-għargħar u n-nixfa, is-sekwestru tas-CO<sub>2</sub>, il-bijodiversità u t-tkabbir tal-bijomassa; billi t-titjib tal-kwalità tal-ħamrija, pereżempju f'ċerti reġjuni meta foresta koniferuża tiġi kkonvertita f'foresti decidwa permanenti, huwa proċess li jippreżenta sfida mil-lat ekonomiku li jdum għexieren ta' snin;
- N. billi r-rwol kruċjali tal-SFM għandu jiġi promoss fis-soċjetà Ewropea, li qed tinqata' dejjem aktar mill-foresti u l-forestrija, filwaqt li jiġu enfasizzati l-benefiċċji multipli li jipprovdu l-foresti mil-lat ekonomiku, soċjali u ambjentali, kif ukoll mil-lat kulturali u storiku;
- O. billi, minbarra s-sekwestru tal-karbonju, il-foresti għandhom impatt pożittiv fuq il-klima, l-atmosfera, il-preservazzjoni tal-bijodiversità u l-ġestjoni tax-xmajjar u tal-passaġġi fuq l-ilma, jipproteġu l-ħamrija mill-erożjoni mill-ilma u mir-riħ, u għandhom proprjetajiet naturali utli oħra;
- P. billi kważi 23 % tal-foresti Ewropej jinsabu fis-siti tan-Natura 2000, fejn il-perċentwali f'ċerti Stati Membri taqbeż il-50 %, u kważi nofs il-ħabitats naturali fiż-żoni Natura 2000 huma foresti;
- Q. billi l-foresti jistgħu jkunu kemm sorsi ta' prodotti primarji tal-foresti bħall-injam, kif ukoll jipprovdu prodotti sekondarji ta' valur bħall-faqqiegħ, it-tartufi, il-ħxejjex aromatiċi, l-għasel u l-frott tal-bosk, li huma importanti ħafna għall-attivitajiet ekonomiċi f'ċerti reġjuni tal-Unjoni;
- R. billi l-foresti Ewropej jiżvolġu rwol importanti fit-titjib tal-ambjent, fl-iżvilupp tal-ekonomija, fl-issodisfar tal-ħtiġijiet tal-Istati Membri għall-prodotti tal-injam u fit-tisħiħ tal-benesseri tal-popolazzjoni;
- S. billi l-agroforestrija, definita bħala sistemi ta' użu tal-art fejn jitkabbru s-siġar fuq l-istess unità ta' art fejn jitwettqu l-prattiki agrikoli, hija sensiela ta' sistemi ta' ġestjoni tal-art li jagħtu spinta lill-produttività ġenerali, jiġġeneraw aktar bijomassa, imantnu u jirrestawraw il-ħamrija, u jipprovdu għadd ta' servizzi ekosistemiċi ta' valur;
- T. billi r-rwol multifunzjonali tal-foresti, iż-żmien konsiderevoli li jieħdu biex jiġu stabbiliti kif ukoll l-importanza li tiġi żgurata diversità tajba ta' speċijiet jrendu l-użu sostenibbli u l-preservazzjoni u l-multiplikazzjoni tar-riżorsi tal-foresti kompitu Ewropew importanti;

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

- U. billi l-kaċċa soċjalment u ambjentalment responsabbli għandha wkoll rwol importanti fil-foresti u r-reġjuni semi-forestali, peress li din tikkontrolla l-għadd ta' annimali tal-priża jew it-tixrid ta' mard relatat, bħad-deni Afrikan tal-ħnieżer;
- V. billi l-foresti għandhom rwol kruċjali fil-ġlieda kontra l-erożjoni tal-ħamrija u d-deżertifikazzjoni tal-massi tal-art; billi l-istudji juru li s-siġar fil-parks u fl-ambjent tal-bliet għandhom effett pożittiv f'termini taż-żamma ta' temperaturi aktar baxxi meta mqabbla ma' żoni mingħajr siġar;
- W. billi fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali (2014-2020) hemm miżuri fil-PAK immirati biex jgħinu lill-atturi ekonomiċi jiżviluppaw kapaċitajiet fir-rigward tal-ġestjoni tal-forestrija;
- X. billi xi reġjuni tal-forestrija ġew invaduti b'mod massiv minn pesti u insetti bħall-woodworm u diversi fungi; billi popolazzjonijiet naturali tal-foresti tal-qastan ġew invaduti b'mod massiv mill-*Cryphonectria parasitica*, li toħloq theddida serja għas-sopravivenza ta' dawn il-popolazzjonijiet, iżda fit-tul ukoll għall-attivitajiet relatati mwettqa mill-bniedem, bħall-produzzjoni u l-ġbir tal-qastan;
- Y. billi d-data disponibbli dwar il-foresti fil-livell tal-UE mhijiex kompluta u hija ta' kwalità li tvarja, u dan ixekkel il-koordinament tal-UE fil-ġestjoni tal-foresti;
- Z. billi l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam qed isir ukoll fl-UE;

**Il-passat – ħarsa lura lejn is-suċċessi u l-isfidi reċenti fil-qasam tal-implimentazzjoni**

1. Jilqa' l-pubblikazzjoni tar-rapport tal-Kummissjoni bit-titlu "Progress fl-Implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-foresti – 'Strateġija ġdida tal-UE għall-Foresti: għall-foresti u s-settur tal-foresti'" (COM(2018)0811);
2. Jilqa' l-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti u l-involviment tal-Kumitat Forestrarju Permanenti, il-Grupp ta' Djalogu Ċivili dwar il-Forestrija u s-Sufra, il-Grupp ta' Esperti dwar in-Nirien fil-Foresti, il-Grupp ta' Esperti dwar l-Industriji bbażati fuq il-Foresti u Kwistjonijiet relatati mas-Settur, u l-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-Pjan ta' Implimentazzjoni Pluriennali fis-settur tal-Foresti (Forest MAP);
3. Jirrikonoxxi li r-rapport tal-Kummissjoni tal-2018 dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija attwali tal-UE għall-Foresti jiddikjara li l-istrateġija kienet utli bħala għodda ta' koordinazzjoni u li, b'mod ġenerali, l-oqsma ta' prijorità "tmienja u wieħed" tal-istrateġija ġew implimentati b'relattivament ftit impedimenti, bl-eċċezzjoni tal-isfidi ewlenin li għandhom jiġu indirizzati permezz tal-politika tal-bijodiversità u l-isfidi kontinwi fl-oqsma "X'foresti għandna u kif qed jinbidlu?", speċifikament rigward il-perċezzjoni pubblika u l-informazzjoni dwar is-settur tal-forestrija, u "It-tisħiħ tal-l-koordinazzjoni u l-komunikazzjoni", speċifikament rigward il-politiki relatati mal-foresti;
4. Jenfasizza l-fatt li ntlaħaq qbil dwar definizzjoni tal-SFM bħala parti mill-proċess pan-Ewropew FOREST EUROPE; jinnota li d-definizzjoni ġiet inkorporata fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u fis-sistemi volontarji, bħal ċertifikazzjonijiet forestali, li huma fis-seħħ fl-Istati Membri;
5. Jenfasizza li l-promozzjoni tal-SFM fl-UE, bħala parti mill-Istrateġija tal-UE għall-Foresti u l-miżuri ta' żvilupp rurali implimentati skont il-Politika Agrikola Komuni (PAK), kellha impatt ferm pożittiv fuq il-foresti u l-kundizzjonijiet forestali u fuq l-għajxien fiż-żoni rurali, kif ukoll fuq il-bijodiversità tal-foresti fl-UE u tejbet il-benefiċċji għall-klima offruti mis-settur ibbażat fuq il-foresti; jinnota, madankollu, li għad hemm bżonn li l-SFM tissaħħaħ b'mod ibbilanċjat sabiex jiġi żgurat li l-istatus ekoloġiku tal-foresti jittejjeb, jissaħħu s-saħħa u r-reżiljenza tal-ekosistemi u jiġi żgurat li l-foresti jkunu jistgħu jadattaw aħjar għall-kundizzjonijiet klimatiċi li qed jinbidlu, jitnaqqsu r-riskji u l-impatti tad-disturbi naturali, u jiġu salvagwardjati l-oportunitajiet għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri li jiġġestixxu l-foresti, pereżempju b'tali mod li l-oġġettivi tas-sidien tal-foresti u tal-SMEs jintlaħqu, u biex tittejjeb il-kwalità tal-foresti u l-imsaġar eżistenti; iqis li l-istrateġija tal-UE għall-foresti għandha tinkludi strumenti xierqa f'dan ir-rigward; jirrimarka li l-Istati Membri huma obbligati jwettqu l-SFM b'mod eżemplari; iqis li l-mudelli tal-ġestjoni tal-foresti għandhom jinkludu s-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika, definita bħala l-amministrazzjoni u l-użu tal-foresti u tal-artijiet tal-foresti b'tali mod li jżommu l-bijodiversità, il-produttività, il-kapaċità reġenerattiva, il-vitalità u l-potenzjal tagħhom biex jaqdu, issa u fil-ġejjieni, il-funzjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali rilevanti, fil-livelli lokali, nazzjonali u globali, u li ma jagħmlux

ħsara lil ekosistemi oħra; jenfasizza li r-rikonossiment u s-salvagwardja tad-drittijiet tal-proprjetà huma essenzjali biex jinkiseb impenn fit-tul għall-SFM; jinnotta li s-salvagwardja u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti tagħna huma parti ewlenija mill-benesseri ġenerali tagħna, peress li huma dar għal attivitajiet ta' interess pubbliku fil-qasam tad-divertiment u s-saħħa kif ukoll l-edukazzjoni, u jirrikonoxxi li l-SFM tippromwovi l-protezzjoni tal-bijodiversità tal-foresti Ewropej; jitlob għall-protezzjoni tal-foresti primarji bi struttura preservata, rikkezza tal-ispeċijiet u żona adegwata fejn dawn il-foresti għadhom jeżistu; jinnotta li m'hemm l-ebda definizzjoni fil-livell tal-UE dwar il-foresti primordjali u jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi definizzjoni, li għandha titħejja mill-Kumitat Forestrarju Permanenti, fil-proċess tal-abbozzar ta' Strateġija futura tal-UE għall-Foresti; jenfasizza li jista' jkun hemm fehmiet diverġenti dwar il-kapaċitajiet ta' assorbiment tas-CO<sub>2</sub> ta' tipi differenti ta' foresti, u għalhekk jemmen li l-istrateġija l-ġdida tal-UE għall-foresti għandha tippromwovi l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti; jiddispijaċih dwar il-prattiki insostenibbli u l-qtugħ illegali tas-siġar li qed iseħħu fxi Stati Membri minkejja r-Regolament tal-UE dwar l-Injam, u jistieden ukoll lill-Istati Membri biex jagħmlu aktar biex itemmu dan, u wkoll biex itejbu jew isaħħu l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom fejn meħtieġ; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni urġenti dwar dawn il-kwistjonijiet, permezz ta' monitoraġġ mill-qrib u permezz tal-infurzar tal-liġijiet tal-UE fis-seħħ, u jistieden lill-Kummissjoni biex b'ħeffa tieħu proċeduri ta' ksur meta jseħħ ksur kif ukoll biex issegwi l-każijiet ta' qtugħ illegali permezz tal-korpi kompetenti kollha; jistieden lill-Kummissjoni tiffinalizza, mingħajr dewmien, il-kontroll tal-idoneità tar-regoli tal-UE kontra l-qtugħ illegali tas-siġar;

6. Jasal għall-konklużjoni li d-differenzi bejn l-Istati Membri, kif ukoll id-differenzi bejn ir-reġjuni fi ħdan l-Istati Membri, kienu fattur importanti fil-kunsiderazzjoni tal-miżuri fil-livell tal-UE;

7. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu li f'partijiet mill-Unjoni, in-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE fis-seħħ u s-suspett ta' korruzzjoni rriżultaw fil-qtugħ illegali ta' siġar u attivitajiet ta' forestrija insostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu l-korruzzjoni u jimplementaw bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni fis-seħħ;

### **Il-preżent – is-sitwazzjoni attwali tal-foresti tal-UE**

8. Jenfasizza li l-foresti tal-UE, flimkien ma' dawk tat-territorji extra-Ewropej u r-reġjuni ultraperiferiċi, huma multifunzjonali u kkaratterizzati minn diversità kbira, inklużi f'aspetti bħax-xejriet tas-sjeda, id-daqs, l-istruttura, il-bijodiversità, ir-reżiljenza u l-isfidi; jirrimarka li l-foresti, b'mod partikolari l-foresti mħallta, joffru lis-soċjetà varjetà wiesgħa ta' servizzi ekosistemiċi inklużi habitats għall-ispeċijiet, sekwestru tal-karbonju, materja prima, enerġija rinnovabbli, kwalità tal-arja mtejba, ilma nadif, rkupru tal-ilma ta' taħt l-art, kontroll tal-erożjoni u protezzjoni min-nixfa, l-għargħar u l-valangi, u jipprovdu ingredjenti għal prodotti mediċinali, u huma wkoll riżorsa kulturali u rikreazzjonali importanti; billi dan kollu ma jidherx li għadu kompletament salvagwardjat, peress li s-sidien tal-foresti ma jistgħux jinvestu mill-ġdid fil-foresti minħabba s-sitwazzjoni ekonomika diffiċli kkawżata mit-tibdil fil-klima u fatturi oħra; jinnotta li skont l-aħħar stimi, 26 % tal-ispeċijiet tal-foresti u 15 % tal-habitats tal-foresti biss urew status ta' konservazzjoni favorevoli; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw is-salvagwardja tal-ekosistemi u, fejn meħtieġ, jiżviluppaw u jtejbu linji gwida rigward prodotti forestali mhux tal-injam;

9. Jieħu nota tal-progress li sar fil-valutazzjoni tas-servizzi ekosistemiċi taħt l-inizjattiva Mmappjar tal-Ekosistemi u tas-Servizzi tagħhom (MAES); jenfasizza, madankollu, li bħalissa ma hemm l-ebda remunerazzjoni xierqa għall-provvista ta' servizzi ekosistemiċi bħas-sekwestru tas-CO<sub>2</sub>, it-trawwim tal-bijodiversità jew it-titjib tal-ħamrija u li l-forestiera li jiffukaw fuq it-trasformazzjoni tal-foresti tagħhom kif xieraq attwalment jistgħu jkunu qed jiġġestixxu l-foresti tagħhom b'telf minkejja l-provvista ta' servizzi ekosistemiċi sostanzjali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jesploraw possibbiltajiet biex jinċentivaw u jirremuneraw is-servizzi tal-klima, tal-bijodiversità u servizzi ekosistemiċi oħra kif xieraq sabiex tkun tista' ssir trasformazzjoni tal-foresti ekonomikament vijabbli;

10. Jinnotta li matul dawn l-aħħar deċennji r-riżorsi tal-foresti tal-UE qed jiżdiedu f'termini ta' kopertura u volum tal-foresti, u li attwalment il-foresti u żoni msagħra oħra jkopru madwar 43 % tas-superfiċje tal-UE, u jilhqnu mill-inqas 182 miljun ettaru u jikkostitwixxu 5 % tal-foresti totali tad-dinja, u dan huwa dovut għall-afforestazzjoni u r-riġenerazzjoni naturali; jinnotta li nofs in-network Natura 2000 huwa magħmul minn żoni forestali (jiġifieri 37,5 miljun ettaru) u li 23 % tal-foresti kollha fl-Ewropa jinsabu fi ħdan is-siti tan-Natura 2000, filwaqt li ċerti Stati Membri għandhom aktar minn nofs it-territorju tagħhom kopert minn foresti u huma dipendenti fuq il-forestrija; jieħu att tal-importanza li jitjeb l-għarfien dwar Natura 2000 u l-effetti ta' dan in-network fuq il-bijodiversità, il-ġestjoni tal-foresti u użi oħra tal-art fl-UE; jinnotta li 60 % tal-foresti tal-UE huma proprjetà privata, bi proporzjon għoli ta' azjendi forestali żgħar (inqas minn 3 ettari) u 40 % huma proprjetà pubblika; jirrimarka li aktar minn 60 % tal-foresti produttivi fl-UE, u aktar minn 20 % madwar id-dinja, huma ċertifikati skont l-istandards volontarji tal-SFM; jinnotta wkoll li l-perċentwali tal-injam tond li ġej minn foresti ċertifikati pproċessati mill-industrija bbażati fuq l-injam globalment hija ogħla minn 20 % u li din il-perċentwali tilħaq

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

il-50 % fl-UE; jirrimarka li s-settur jimpjega mill-inqas 500 000 persuna direttament <sup>(7)</sup> u 2,6 miljun indirettament fl-UE <sup>(8)</sup> u li ż-żamma ta' dan il-livell ta' impjeg kif ukoll il-kompetittività fit-tul tas-settur jeħtieġu sforzi kostanti biex jiġu attirati lejn is-settur ħaddiema tas-sengħa u mħarrġa u jiġi żgurat li l-ħaddiema jkollhom aċċess xieraq għall-assistenza soċjali u medika; jinnota li dawn l-impjegi jiddependu fuq ir-reżiljenza u l-ġestjoni tajba tal-ekosistemi tal-foresti fit-tul; jenfasizza r-rwol kruċjali li jiżvolġu s-sidien tal-foresti fl-implimentazzjoni tal-SFM u r-rwol importanti li għandhom il-foresti fil-ħolqien ta' impjegi ekoloġiċi u fit-tkabbir fiż-żoni rurali; jissottolinja, barra minn hekk, li s-sidien u l-manigġers tal-foresti tal-UE għandhom tradizzjoni twila u esperjenza ta' ġestjoni tal-foresti multifunzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-ħtieġa ta' appoġġ għas-sidien tal-foresti, inkluż appoġġ finanzjarju, fl-Istrateġija ġdida tal-UE għall-Foresti; iqis li tali appoġġ għandu jkun suġġett għall-applikazzjoni tal-SFM, sabiex jiġi żgurat investiment kontinwu f'teknoloġiji moderni, u f'miżuri ambjentali u klimatiċi li jsaħħu r-rwol multifunzjonali li għandhom il-foresti, bi strument finanzjarju speċifiku għall-ġestjoni taż-żoni fin-network Natura 2000, u fil-ħolqien ta' kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti; jemmen li tali appoġġ finanzjarju għandu jkun ir-riżultat ta' taħlita robusta ta' strumenti finanzjarji, finanzjament nazzjonali u finanzjament mis-settur privat; jenfasizza l-importanza li jiġi evitat eżodu rurali u jqis li huwa essenzjali li jsir investiment fl-ekosistemi; jilqa' l-afforestazzjoni u r-riforestazzjoni bħala għodod xierqa fit-titjib tal-kopertura tal-foresti, speċjalment f'artijiet abbandunati li mhumiex adatti għall-produzzjoni tal-ikel, qrib żoni urbani u periurbani, kif ukoll f'żoni muntanjużi, fejn xieraq; jinkoraġġixxi azzjonijiet appoġġati finanzjarjament għall-użu tal-injam maħsud proporzjonalment għall-istokk tal-forestrija sostenibbli u għaż-żieda tal-kopertura tal-foresti u art imsaġġra oħra fejn rilevanti, b'mod partikolari f'dawk l-Istati Membri fejn il-kopertura tal-foresti hija baxxa, filwaqt li jinkoraġġixxi fi Stati Membri oħra l-preservazzjoni tal-kopertura tal-foresti f'żoni b'funzjonijiet ekoloġiċi aċċentwati; josserva li l-foresti jospitaw parti sinifikanti tal-bijodiversità terrestri tal-Ewropa;

11. Josserva li ż-żona tal-foresti fl-Unjoni qed tikber, fost raġunijiet oħra minħabba l-afforestazzjoni, u li l-foresti kummerċjali ġestiti mhux biss jorbtu l-karbonju aħjar mill-foresti mhux ġestiti iżda jnaqqsu wkoll l-emissjonijiet u l-problemi kkawżati mid-deterjorament tal-kundizzjoni tal-foresti; jinnota li l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti kummerċjali għandha l-aħjar impatt fuq il-klima, u li l-pajjiżi li jiġġestixxu l-foresti tagħhom tajjeb għandhom jiġu ppremjati għal dan;

12. Jirrikonoxxi li l-investiment pubbliku u privat fit-tul f'SFM imsaħħa li jqiegħed enfasi ugwali fuq il-benefiċċji soċjali, ambjentali u ekonomiċi tal-foresti u fuq mekkaniżmi adegwati ta' finanzjament u kumpens jista' jgħin biex jiġu żgurati r-reżiljenza u l-kapaċità ta' adattament tal-foresti u jgħin lis-settur tal-foresti jibqa' ekonomikament vijabbli u sod mil-lat ambjentali, iżda jista' jikkontribwixxi wkoll għall-kisba ta' bosta għanijiet tal-UE, inklużi l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u t-tranżizzjoni lejn bijoekonomija ċirkolari u l-promozzjoni tal-bijodiversità; jenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' mekkaniżmi ta' finanzjament tal-UE oħra li jkun fuq il-faċilment aċċessibbli, ikkoordinati tajjeb u rilevanti, bħal strumenti finanzjarji jew l-appoġġ tal-Bank Ewropew tal-Investiment fit-tisħiħ tal-investiment fi proġetti tal-forestrija, immirati lejn l-SFM u l-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tan-nirien fil-foresti, kif ukoll il-fondi strutturali u fondi mill-programmi Orizzont, Erasmus + u LIFE +, li jistgħu jipprovdur appoġġ essenzjali għall-investiment u s-servizzi għall-ħżin u s-sekwestru tal-karbonju bħala parti mill-SFM, filwaqt li tiġi żgurata wkoll il-konsistenza mal-Patt Ekoloġiku;

13. Jirrikonoxxi l-benefiċċji klimatiċi kruċjali tal-foresti u tas-settur ibbażat fuq il-foresti; itenni l-bżonn li jiġu promossi l-aspetti ambjentali, ekonomiċi u soċjali tal-foresti u l-ġestjoni tal-foresti b'mod bilanċjat, filwaqt li jissaħħu l-benefiċċji klimatiċi ġenerali li joriġinaw mill-foresti u mill-katina tal-valur ibbażata fuq il-foresti, jiġifieri s-sekwestru tas-CO<sub>2</sub>, il-ħażna tal-karbonju fil-prodotti tal-injam u s-sostituzzjoni tal-materja prima; jenfasizza l-ħtieġa li s-sekwestru tas-CO<sub>2</sub> fil-foresti jinżamm, jiġi promoss aktar u fejn possibbli jiżded għal livell li jippermetti l-ġestjoni sostenibbli tal-funzjonijiet kollha tal-foresti, il-ħżin tal-karbonju fil-post, inkluż fl-agroforesti, fl-injam mejjet u fil-ħamrija tal-foresti u fil-prodotti bbażati fuq l-injam permezz ta' SFM attiva; jirrimarka li aktar minn 10 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-UE huma assorbiti mill-foresti; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi promoss l-użu tal-injam bħala materjal tal-bini sostenibbli peress li jippermettilna nimxu lejn ekonomija aktar sostenibbli; ihegġegħ lill-Kummissjoni tesplora mekkaniżmi differenti bbażati fuq is-suq sabiex tinċentiva s-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili b'materja prima rinnovabbli li toffri benefiċċji klimatiċi; jenfasizza r-rwol kruċjali tal-materjal ibbażat fuq l-injam fis-sostituzzjoni ta' alternattivi bbażati fuq il-fossili u alternattivi b'impronta ambjentali ogħla f'industriji bħall-bini, it-tessuti, is-sustanzi kimiċi u l-imballaġġ, u l-ħtieġa li jitqiesu bis-sħiħ il-benefiċċji klimatiċi u ambjentali ta' din is-sostituzzjoni ta' materjal; jenfasizza wkoll il-vantaġġi li s'ssa għandhom ma ntużawx biżżejjed offruti mis-sostituzzjoni ta' prodotti li jintużaw darba biss, b'mod partikolari l-prodotti tal-plastik, bi prodotti

<sup>(7)</sup> Bażi ta' data tal-Eurostat dwar il-forestrija, disponibbli fuq: <https://ec.europa.eu/eurostat/web/forestry/data/database>

<sup>(8)</sup> L-iskeda informattiva tal-Parlament Ewropew ta' Mejju 2019 dwar l-Unjoni Ewropea u l-foresti.



sostenibbli bbażati fuq l-injam; jenfasizza li l-użu ċirkolari ta' prodotti bbażati fuq l-injam għandu jiżdied ukoll sabiex jittejjeb l-użu tar-riżorsi sostenibbli tagħna, tiġi promossa l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, jitnaqqas l-iskart u jiġi estiż iċ-ċiklu tal-ħajja tal-karbonju għall-użu ta' bijoekonomija ċirkolari sostenibbli u lokali;

14. Jilqa', fir-rigward tas-sostituzzjoni tal-materja prima u tal-enerġija bbażati fuq il-fossili, il-ħidma kontinwa tal-promozzjoni tal-aktar użu effiċjenti tal-injam skont il-"prinċipju ta' użu kaskata"; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu bl-implimentazzjoni tal-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijomassa skont ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, u jagħmlu l-aħjar użu mill-effett ta' sostituzzjoni billi jissostitwixxu materjali u enerġija bbażati fuq il-fossili b'intensità ta' CO<sub>2</sub>; jinnota, madankollu, l-importanza li jiġu evitati d-distorsjonijiet tas-suq bla bżonn għall-materja prima bbażata fuq l-injam f'dak li għandu x'jaqsam ma' skemi ta' appoġġ għall-bijoenerġija; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li żieda prevedibbli fid-domanda għall-injam u l-bijomassa trid tkun akkumpanjata minn SFM; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-hteġa li jiżdied il-finanzjament għar-riċerka dwar is-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili u ta' materjal tal-fjuwils fossili; jinnota li l-fdalijiet fi tmiem il-katina tal-valur tal-injam jistgħu jintużaw b'mod favorevoli bħala bijomassa sabiex jissostitwixxu s-sħana bbażata fuq il-fossili, iżda li fejn possibbli l-injam għandu jinżamm għal użi b'ċiklu tal-ħajja itwal sabiex jiżdied il-ħżin globali tad-diossidu tal-karbonju;

15. Jenfasizza l-effetti pożittivi tal-ħitan ta' kenn tal-foresti, kemm għall-protezzjoni tal-art agrikola kif ukoll għaż-żieda fil-produzzjoni agrikola; jirrakkomanda bil-qawwa l-metodi li jħeġġu lill-bdiewa jiżviluppaw ħitan ta' kenn tal-foresti;

16. Jenfasizza r-rwol essenzjali tas-siġar u l-buxxijiet li jiffjorixxu fl-ekosistemi naturali għas-settur tal-apikultura, u fl-assistenza għall-proċess naturali tad-dakkir u t-tisħiħ tal-konsolidazzjoni u l-protezzjoni ta' art deterjorata u/jew art ħarxa; iħeġġeġ l-inklużjoni ta' siġar u buxxijiet bħal dawn fil-programmi ta' appoġġ tal-UE, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi reġjonali;

17. Jiddispjaċih għall-fatt li, għalkemm il-foresti fl-UE jiġu ġestiti skont il-prinċipju miftiehem b'mod komuni tal-SFM u l-kopertura tal-foresti fl-UE żdiedet matul dawn l-aħħar deċennji, ġie żvilupp approċċ differenti għall-SFM fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2020/852 miftiehem reċentement tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088<sup>(9)</sup>;

18. Jissottolinja l-importanza ta' ekosistemi tal-foresti reżiljenti u f'saħħithom, inklużi l-fawna u l-flora, sabiex jinżamm u jittejjeb il-provvediment ta' bosta servizzi ekosistemiċi li l-foresti jipprovdu, bħall-bijodiversità, l-arja nadifa, l-ilma, il-ħamrija f'saħħitha u l-injam u l-materja prima mhux tal-injam; jenfasizza li l-għodod volontarji u l-leġislazzjoni fis-seħħ, bħad-direttivi tal-UE dwar l-Għasafar u l-Habitats, jaffettwaw id-deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni tal-art u jridu jiġu rispettati u implimentati b'mod xieraq;

19. Josserva li l-bdiewa u s-sidien tal-foresti huma atturi ewlenin fiż-żoni rurali; jilqa' r-rikonoxximent tar-rwol tal-forestrija, tal-agroforestrija u tal-industrija bbażati fuq il-foresti fil-Programm tal-Iżvilupp Rurali tal-PAK 2014-2020 u t-titjib introdott permezz tar-Regolament Omnibus; jinkoraġġixxi s-salvagwardja ta' dan ir-rikonoxximent fil-PAK 2021-2027, kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

20. Jenfasizza l-adeqwatezza u l-vijabbiltà tal-aproċċ f'żewġ stadji biex tiġi vverifikata s-sostenibbiltà tal-bijomassa forestali, kif miftiehem fir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli; jinnota li dan għandu jinkiseb billi jitkompla l-iżvilupp imwaqqaf ta' kriterji speċifiċi ta' sostenibbiltà għall-użu intermedjarju mill-Kumitat Forestrarju Permanenti u l-Kummissjoni;

21. Jirrikonoxxi li r-rwol tal-foresti fir-rigward tal-provvediment ta' valuri rikreattivi u ta' attivitajiet relatati mal-foresti, bħall-ħsad ta' prodotti forestali mhux tal-injam, pereżempju l-faqqiegħ u l-frott artab; jieħu nota tal-opportunitajiet għat-titjib tat-tneħħija tal-bijomassa f'termini ta' prevenzjoni tan-nirien fil-foresti permezz tar-ragħa, iżda jinnota wkoll li r-ragħa tal-organiżmi selvaġġi għandha impatt negattiv fuq in-nebbieta u għalhekk jindika l-hteġa ta' ġestjoni sostenibbli tal-fawna tar-ragħa;

<sup>(9)</sup> ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13.

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Il-ġejjieni – ir-rwol kruċjali tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti wara l-2020 u tal-Patt Ekoloġiku Ewropew sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU**

22. Jilqa' l-pubblikazzjoni reċenti tal-Patt Ekoloġiku Ewropew tal-Kummissjoni u jistenna b'interess l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti li jmiss wara l-2020, li għandha tiġi allinjata mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità; iqis, barra minn hekk, li l-intensifikazzjoni tal-bijoeconomija ċirkolari hija approċċ essenzjali biex tinkiseb soċjetà b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku; jissottolinja l-importanza li jissaħħaħ aktar il-potenzjal tal-foresti sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, u tal-iżvilupp tal-bijoeconomija ċirkolari filwaqt li jiġu ggarantiti servizzi ekosistemiċi oħra inkluża l-bijodiversità;

23. Jilqa' l-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2020 u speċjalment ir-rikonoxximent tal-kontribut tal-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għas-26 sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet (COP26) tal-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li fil-ġejjieni l-foresti ma għandhomx jitqiesu bħala l-uniku tip ta' sink tas-CO<sub>2</sub>, peress li tali impressjoni tagħti lil setturi oħrajn inqas incensiv biex jimminimizzaw l-emissjonijiet tagħhom; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa ta' azzjonijiet konkreti u effikaċi fl-istrateġiji u l-pjanijiet ta' adattament għall-klima, li jinkorporaw is-sinerġiji bejn il-mitigazzjoni u l-adattament, li se jkun kruċjali biex jitnaqqsu l-impatti detrimentali tat-tibdil fil-klima fuq disturbu bħan-nirien fil-foresti u l-effetti negattivi tagħhom fuq l-ekonomija rurali, il-bijodiversità u l-provvista ta' servizzi ekosistemiċi; jenfasizza l-ħtieġa ta' aktar riżorsi u l-iżvilupp ta' ġestjoni tan-nirien ibbażata fuq ix-xjenza biex jiġu indirizzati l-effetti tat-tibdil fil-klima fil-foresti; jinnota li sabiex jiġu ppreservati l-bijodiversità u l-funzjonalità tal-foresti, flimkien mal-ħtieġa tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u kif rikonoxxut ukoll fir-Regolament dwar l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija (LULUCF), l-injam mejjet fil-foresta jikkonstitwixxi mikrohabitats li fuqhom jiddependu n-numru kbir ta' speċijiet;

24. Itenni li l-foresti u s-settur ibbażat fuq il-foresti jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-iżvilupp ta' bijoeconomiji ċirkolari lokali fl-UE; jenfasizza r-rwol kruċjali tal-foresti, tas-settur ibbażat fuq il-foresti u tal-bijoeconomija sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u n-newtralità klimatika sal-2050; jenfasizza li fl-2015, il-bijoeconomija kienet tirrappreżenta suq b'valur stmat ta' aktar minn EUR 2,3 triljun, li jipprovdi 20 miljun impjieg u li jirrappreżenta 8,2 % tal-impjiegi totali fl-UE; jinnota li kull euro investit fir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tal-bijoeconomija fil-qafas ta' Orizzont 2020 se jiġġenera madwar EUR 10 f'valur miżjud; jirrimarka li l-ilħuq tal-għanijiet tal-UE għall-ambjent, il-klima u l-bijodiversità qatt mhux se jkun possibbli mingħajr foresti li huma multifunzjonali, b'saħħithom u ġestiti b'mod sostenibbli bl-applikazzjoni ta' perspettiva fit-tul, flimkien ma' industrij vijabbli bbażati fuq il-foresti; jenfasizza li, f'ċerti ċirkostanzi, hemm kompromessi bejn il-ħarsien tal-klima u l-protezzjoni tal-bijodiversità fis-settur tal-bijoeconomija, u b'mod partikolari fil-forestrija, li għandha rwol ċentrali fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima; jesprimi t-tħassib tiegħu li dan il-kompromess ma ġiex indirizzat biżżejjed f'diskussjonijiet riċenti dwar il-politika; jissottolinja l-bżonn li jiġi żviluppat approċċ koerenti li jikkombina l-protezzjoni tal-bijodiversità u l-ħarsien tal-klima f'settur ibbażat fuq il-foresti u bijoeconomija li jirnexxu; jenfasizza l-importanza li tiġi żviluppata u żgurata bijoeconomija bbażata fuq is-suq fl-UE, pereżempju billi jiġu incensivati l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' bijoprodotti ġodda b'katina tal-provvista li tagħmel użu effiċjenti mill-materjali tal-bijomassa; iqis li l-UE għandha tinkoraġġixxi l-użu tal-injam, tal-prodotti tal-injam maħsud jew tal-bijomassa forestali sabiex jiġu stimulat l-produzzjoni u l-impjiegi sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġixxu r-ritorn tal-materjal ta' oriġini bijoloġika, inkluż l-iskart kollu tal-injam, lejn il-katina tal-valur billi jħeġġu l-ekodisinn, jagħtu spinta lill-miri tar-riċiklaġġ u jippromwovu l-użu tal-materja prima sekondarja magħmula mill-injam għall-prodotti qabel l-inċinerazzjoni potenzjali tagħhom fit-tmiem tal-ħajja tagħhom;

25. Jenfasizza l-ħtieġa li jingħata appoġġ politiku sħiħ u reali lis-settur tal-forestrija u jenfasizza, f'dan ir-rigward, li hija meħtieġa Strateġija tal-UE għall-Foresti ambizzjuża, indipendenti u awtonoma għall-perjodu ta' wara l-2020 b'mod parallel ma' strateġiji settorjali rilevanti oħra; jinnota li peress li l-agroforestrija jista' jkollha karatteristiċi kemm agricoli kif ukoll tal-forestrija, l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti jeħtieġ li tiġi kkoordinata mal-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt"; jitlob li tiġi adottata Strateġija ġdida tal-UE għall-Foresti li tibni fuq l-approċċ olistiku għall-SFM u li tqis l-aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali kollha tal-katina tal-valur ibbażata fuq il-foresti, u li tiżgura l-kontinwità tar-rwol multifunzjonali u multidimensjonali li l-foresti għandhom; jenfasizza li jeħtieġ li tiġi żviluppata Strateġija tal-UE għall-Foresti li tkun koordinata, ibbilanċjata, koerenti u integrata aħjar mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE relatata mal-foresti, mas-settur ibbażat fuq il-foresti, inklużi l-persuni li jaħdmu, direttament jew indirettament, fis-settur tal-forestrija u li jgħixu f'dawn il-foresti u, u mas-servizzi multipli li jipprovdu, minħabba l-għadd dejjem akbar ta' politiki nazzjonali u tal-UE li jaffettwaw direttament jew indirettament lill-foresti u l-ġestjoni tagħhom fl-UE;

26. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel kull sforz biex tiżgura, fl-implimentazzjoni tal-Fond għall-Iżvilupp Reġjonali, li, b'mod partikolari, jitravmu inizjattivi mmirati biex iwaqqfu t-telf tal-bijodiversità fil-foresti, jippromwovu t-tħawwil imħallat u ta' speċijiet nattivi u jtejbu l-ġestjoni tal-foresti, u li jiġu implimentati proġetti u li l-fondi jkunu diretti lejn il-ksib tal-oġettivi;

27. Huwa tal-fehma li l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti għandha taġixxi bħala pont bejn il-politiki nazzjonali dwar il-foresti u l-agroforesti u l-oġettivi tal-UE relatati mal-foresti u l-agroforesti, u jirrikonoxxi kemm il-ħtieġa li tiġi rrispettata l-kompetenza nazzjonali kif ukoll il-ħtieġa ta' kontribut għall-oġettivi usa' tal-UE, filwaqt li tindirizza b'mod koerenti l-ispeċifitajiet tal-foresti kemm dawk taħt sjieda privata kif ukoll dawk taħt sjieda pubblika; jitlob li tittieħed azzjoni biex jiġu żgurati l-istabbiltà u l-prevedibbiltà fit-tul għas-settur tal-forestrija u għall-bijoeconomija kollha kemm hi;

28. Jenfasizza kemm huwa importanti li d-deċiżjonijiet dwar il-politiki tal-UE relatati mal-foresti u mas-settur ibbażat fuq il-foresti u mal-katina tal-valur tiegħu jittieħdu abbażi tal-evidenza; jappella għall-konsistenza fl-ambizzjoni tal-aspetti kollha relatati mal-foresti tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Istrateġija dwar il-Bijodiversità mal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti għal wara l-2020, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-SFM ikollha impatt pożittiv fuq is-soċjetà, inklużi l-konnettività u r-rappreżentattività tal-ekosistemi tal-foresti u l-iżgurar ta' benefiċċji fit-tul u stabbli għall-klima u għall-ambjent, filwaqt li tikkontribwixxi wkoll biex jintlaħqu l-SDGs; jenfasizza li kwalunkwe linja gwida possibbli tal-UE relatata mal-SFM għandha tiġi żviluppata fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti għal wara l-2020;

29. Jenfasizza l-ħtieġa li jitqiesu r-rabtiet li hemm bejn is-settur ibbażat fuq il-foresti u setturi oħra, bħall-agrikoltura, u l-koordinazzjoni tagħhom fi ħdan il-bijoeconomija ċirkolari, kif ukoll l-importanza tad-diġitalizzazzjoni u l-investment fl-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-preservazzjoni tal-bijodiversità, li jistgħu jikkontribwixxu b'mod pożittiv għal aktar soluzzjonijiet għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u għall-ħolqien tal-impjiegi; jinnota li l-foresti huma parti integrali mill-iżvilupp sostenibbli;

30. Jenfasizza l-importanza li għandhom għas-soċjetà rurali s-sistemi agroforestali, li huma ta' densità baxxa ħafna u bilkemm huma vijabbli ekonomikament, filwaqt li jitqies li d-dħul annwali huwa kkomplementat minn attivitajiet oħra, bħat-trobbija tal-bhejjem, it-turiżmu u l-kaċċa, li jeħtieġ li jirċievu finanzjament biżżejjed biex jiġu pprevenuti d-deżertifikazzjoni u l-isfruttament żejjed;

31. Jenfasizza li minħabba t-tibdil fil-klima u l-effetti tal-attività tal-bniedem, id-disturbi naturali bħan-nirien, in-nixfiet, l-għargħar, il-maltempati, l-infestazzjonijiet mill-pesti, il-mard u l-erożjoni diġà qed iseħħu llum u se jseħħu b'mod aktar frekwenti u intens fil-futur, u dan se jikkawża ħsara lill-foresti fl-UE, u li dan se jirrikjedi ġestjoni tar-riskji u tal-kriżijiet imfassla għal kull xenarju; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa li tiġi żviluppata Strateġija tal-UE għall-Foresti robusta għal wara l-2020, kif ukoll miżuri ta' ġestjoni tar-riskji, bħat-tisħiħ tar-reżiljenza Ewropea għad-diżastri u tal-għodod ta' twissija bikrija, bil-ħsieb li nkunu mħejjija aħjar għal dawn l-avvenimenti u nipprevenuhom aħjar, li nżidu r-reżiljenza tal-foresti u nagħmluhom aktar reżistenti għall-klima, pereżempju billi nsaħħu l-implimentazzjoni tal-ġestjoni sostenibbli u attiva tal-foresti u permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni, li se jagħmluha possibbli li nottimizzaw l-adattabilità tal-foresti tagħna; ifakkar li skont l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, is-sorsi ewlenin tal-presjoni fuq il-foresti fl-UE jinkludu l-użu l-espanzjoni ta' żoni urbani u t-tibdil fil-klima; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu offruti mekkaniżmi ta' appoġġ aħjar kif ukoll riżorsi finanzjarji u strumenti biex is-sidien tal-foresti japplikaw miżuri ta' prevenzjoni kif ukoll ir-restawr taż-żoni affettwati, bħar-riforestazzjoni ta' art deterjorata li mhijiex adatta għall-agrikoltura, b'rikors ukoll għal fondi speċjali għad-diżastri, inkluż permezz ta' intervent straordinarju, bħalma hu l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea; jappella għall-ħtieġa li tiġi żgurata l-koerenza bejn l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti u l-Mekkaniżmu Ewropew għall-Protezzjoni Ċivili; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmu ta' emerġenza, u jemmen li huwa essenzjali li fil-miżuri agroforestali jiġi inkluż appoġġ għas-silvopastoralizmu (ragħa tal-foresti) u li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jimplimentaw fil-programm li jmiss għall-Iżvilupp Rurali; jenfasizza l-ħtieġa ta' aktar riżorsi u żvilupp tal-ġestjoni tan-nirien ibbażata fuq ix-xjenza u tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jieħdu kont tar-riskji, filwaqt li jitqiesu l-għeruq soċjoekonomiċi, klimatiċi u ambjentali tan-nirien tal-foresti; jitlob l-introduzzjoni ta' komponent ta' rispons għall-isfidi komuni relatati mat-tibdil fil-klima;

32. Jistieden lill-Istati Membri jfasslu inizjattivi biex jippreservaw u, fejn meħtieġ, jistabbilixxu foresti b'valur għoli ta' konservazzjoni, bil-mekkaniżmi u l-istrumenti meħtieġa biex jinċentivaw u, fejn applikabbli, jikkumpensaw lis-sidien tal-foresti, sabiex l-għarfien u x-xjenza jkunu jistgħu javvanzaw fir-rigward ta' dawn il-foresti, flimkien mal-preservazzjoni tal-habitats naturali;

33. Jirrikonoxxi r-rwol tal-bijodiversità biex jiġi żgurat li l-ekosistemi tal-foresti jibqgħu f'saħħithom u reżiljenti; jenfasizza l-importanza tas-siti tan-Natura 2000, li joffru l-possibbiltà li s-soċjetà tiġi pprovduta diversi servizzi ekosistemiċi, inkluża l-materja prima; jinnota, madankollu, li huma meħtieġa pariri tekniċi u biżżejjed riżorsi finanzjarji ġodda għall-ġestjoni ta' tali żoni; jenfasizza li t-telf ekonomiku kkawżat mill-miżuri ta' protezzjoni għandu jiġi kkumpensat b'mod ġust; jenfasizza l-importanza tal-integrazzjoni prammatika tal-konservazzjoni tan-natura fil-SFM, mingħajr ma neċessarjament jtkabbru ż-żoni protetti u filwaqt li jiġu evitati piżijiet amministrattivi u finanzjarji addizzjonali; jappoġġa l-istabbiliment ta' networks maħluqa abbażi ta' inizjattivi mmexxija mill-Istati Membri għal dan il-għan; jistieden lill-atturi statali jew reġjonali jinnegozjaw ir-ripopolazzjoni tal-foresti li jinsabu max-xmajjar, fejn rilevanti, mal-partijiet ikkonċernati

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

speċjalizzati, bl-għan li jinħolqu habitats bijodiversi, li wara l-ħolqien tagħhom se jiġu żviluppati servizzi ekoloġiċi, bħall-assorbiment ta' sustanzi ta' ħsara li jiċċirkolaw fl-ilmijiet ta' taħt l-art; jenfasizza r-riżultati tal-istudju ta' evalwazzjoni tal-impatt tal-PAK li jindikaw fejn l-istrumenti u l-miżuri tal-PAK għandhom il-potenzjal li jkunu kontributuri aktar sinifikanti għall-għanijiet tal-bijodiversità, u jinkoraġġixxi l-esplorazzjoni ta' modi li bihom jistgħu jittejjbu l-għodod eżistenti; jinkoraġġixxi wkoll aktar riċerka dwar ir-relazzjoni bejn il-bijodiversità u r-reżiljenza;

34. Josserva li kważi 25 % tal-erja totali tal-foresti fl-UE tagħmel parti min-network Natura 2000;

35. Jinnota li n-negozjati mmexxija mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti u appoġġati mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura ffriżaw fuq il-kwistjoni ta' ftehim pan-Ewropew legalment vinkolanti dwar il-foresti, peress li l-Federazzjoni Russa kienet irtirat mill-proċess ta' negozjar; ikompli, madankollu, jappoġġa strumenti robusti biex tingħata spinta lill-SFM fil-livell pan-Ewropew u globali;

36. Jenfasizza li għadd dejjem akbar ta' politiki tal-UE jindirizzaw il-foresti minn direzzjonijiet differenti; jinkoraġġixxi l-ikkompletar tal-proċess li għaddej bħalissa stabbilit mill-Istrateġija attwali tal-UE għall-Foresti biex jiġi żvilupp approċċ ta' sostenibbiltà mhux ibbażat fuq l-użu finali, bl-involvement mill-qrib tal-Kumitat Forestrarju Permanenti u tal-Istati Membri, li jibni fuq l-aproċċ f'żewġ stadji tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli riformulata; jemmen li l-aproċċ f'żewġ stadji jista' jintuża f'politiki oħra li għandhom l-għan li jiżguraw il-kriterji ta' sostenibbiltà tal-bijomassa tal-foresti u l-koerenza transettorjali tal-politiki tal-UE u jippremjaw il-kisbiet relatati mal-ekosistemi, b'mod partikolari l-kisbiet tal-foresti soċjalment sinifikanti relatati mal-klima; fl-istess ħin, jirrikonoxxi li l-forestrija fl-UE diġà topera bl-ogħla standards ta' sostenibbiltà; jinnota li l-aproċċ ta' sostenibbiltà għall-bijomassa tal-foresti jrid iqis il-ħtieġa li l-injam ikun kompetittiv meta mqabbel ma' materja prima oħra; jenfasizza l-importanza tal-użu ta' għodod żviluppati mis-suq, u jinkoraġġixxi, bħas-sistemi ta' ċertifikazzjoni tal-foresti li hemm fis-seħħ, bħala mezz xieraq ta' prova biex tiġi vverifikata s-sostenibbiltà tar-riżorsi tal-foresti;

37. Jenfasizza l-importanza kruċjali tal-miżuri tal-foresti u tal-agroforestrija taħt il-PAK u miżuri oħra tal-forestrija, kif ukoll l-iżgurar ta' kundizzjonijiet tas-suq ġusti u kompetittivi fi ħdan l-UE, għall-iżvilupp b'suċċess ta' bjoekonomija ċirkolari sostenibbli, filwaqt li tiġi implimentata l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti; ifakkar fil-ħtieġa tal-kontinwità u ta' miżuri espliċiti u mtejjba tal-forestrija u tal-agroforestrija taħt il-PAK 2021-2027; jirrimarka li tnaqqis ulterjuri fil-baġit tal-PAK ikollu effett negattiv fuq l-investment fl-SFM u fuq l-ilħuq tal-oġettivi tal-UE fis-settur tal-foresti; iqis li l-SFM għandu jkollha post viżibbli fil-pjanijiet strateġiċi l-ġodda tal-PAK; jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fil-miżuri tal-forestrija tal-UE u fl-għajnuna mill-istat b'mod ġenerali, pereżempju sabiex tingħata spinta lill-promozzjoni u lill-preservazzjoni tal-veġetazzjoni tal-injam marbuta mal-karatteristiċi tal-pajsaġġ u l-politiki assoċjati mal-pagamenti tal-ewwel u t-tieni Pilastru, u billi jiġu permessi eżenzjonijiet ġenerali li jagħmluha possibbli li tingħata reazzjoni fil-pront għall-isfidi li jsiru lill-foresti; jinsab imħasseb fl-istess ħin li l-miżuri orizzontali tal-Programm tal-Iżvilupp Rurali (PŻR) bħall-miżuri għall-"Bdiewa żgħażagħ" ma jinkludux attivitajiet tal-forestrija, tal-inqas fxi Stati Membri;

38. Jenfasizza l-benefiċċji tal-assoċjazzjoni bejn ir-ragħa u l-ġestjoni tal-foresti, jiġifieri t-tnaqqis tar-riskju ta' nirien u t-tnaqqis fl-ispejjeż tal-manutenzjoni tal-foresti; iqis li r-riċerka u t-trasferiment tal-għarfien lill-professionisti f'dan ir-rigward huma kruċjali; jenfasizza l-valur tas-sistemiestensivi tradizzjonali tal-agroforestrija u tas-servizzi tal-ekosistemi li huma jwettqu; jistieden lill-Kummissjoni tikkordina l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti mal-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" sabiex tilħaq dawn l-għanijiet u tippromwovi programmi ta' taħriġ speċjalizzati fl-UE kollha, sabiex il-bdiewa jsiru konxji tal-benefiċċji u l-prattika tal-integrazzjoni tal-veġetazzjoni tal-injam mal-agrikoltura; jieħu nota tal-adozzjoni baxxa tal-għadd kbir ta' miżuri fi ħdan ir-Regolament dwar l-Iżvilupp Rurali 2014-2020 imfassla biex jappoġġjaw l-integrazzjoni intenzjonata tal-veġetazzjoni tal-injam mal-biedja; jirrikonoxxi l-kapaċità tal-agroforestrija li tagħti spinta lill-produttività ġenerali tal-bijomassa foqasma speċifiċi, u jissottolinja l-punt li l-ekosistemi mħallta jipproduċu aktar bijomassa u jassorbu aktar karbonju atmosferiku;

39. Jenfasizza li l-Unjoni għandha talloka biżżejjed fondi għall-miżuri għas-settur ibbażat fuq il-foresti, li jikkorrispondu għall-aspettattivi l-ġodda ta' dak is-settur, inkluż l-investment fl-iżvilupp ta' żoni forestali u fit-titjib tal-vijabbiltà tal-foresti, iż-żamma ta' networks ta' toroq forestali, it-teknoloġija, l-innovazzjoni, u l-ipproċessar tal-forestrija u l-użu tal-prodotti tal-forestrija;

40. Jistieden lill-Istati Membri jallinjaw id-diversi strateġiji u pjanijiet li għandhom għall-ġestjoni tal-forestrija sabiex il-miri rispettivi jkunu jistgħu jiġu segwiti u kkorreġuti kif xieraq meta jkun il-waqt, minflok ma jinħolqu mużajki amministrattivi li mbagħad jheddu l-ilħuq tal-għanijiet stabbiliti fid-dokumenti strateġiċi tagħhom;

41. Jiddispjaċih mill-ommissjoni, fil-proposta tal-PAK għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, rigward l-agroforestrija; iqis li huwa fundamentali li r-regolament li jmiss tal-PAK jirrikonoxxi l-benefiċċji tal-agroforestrija u jkompli jippromwovi u jappoġġa l-istabbiliment, ir-riġenerazzjoni, ir-rinnovazzjoni u l-manutenzjoni tas-sistemi agroforestali; jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jadottaw fil-Pjanijiet Strateġiċi taqgħom miżuri ta' appoġġ għall-agroforestrija;

42. Jilqa' l-inizjattiva mħabbra mill-Kummissjoni dwar il-“Farm Carbon Forest”, li għandha l-għan li tippremja lill-bdiewa li jimpenjaw ruħhom fi proġetti maħsuba biex inaqqsu l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> jew biex iżidu l-ħżin tas-CO<sub>2</sub> sabiex jikkontribwixxu għall-oġġettiv ta' “newtralità karbonika” fl-2050, fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku l-ġdid;

43. Jissottolinja r-rwol essenzjali tar-riċerka u l-innovazzjoni ta' livell għoli biex jiġi promoss il-kontribut tal-foresti, tal-agroforestrija u tas-settur ibbażat fuq il-foresti ħalli jingħelbu l-isfidi ta' żmienna; jenfasizza l-importanza tal-programmi ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE għal wara l-2020, jirrikonoxxi r-rwol tal-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka Agrikola, u jinnota li r-riċerka u t-teknoloġija għamlu progress kbir minn mindu ġiet introdotta l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti fl-2013; jenfasizza kemm hu importanti li tiġi inkoraġġita riċerka ulterjuri dwar, *iter alia*, l-ekosistemi tal-foresti, il-bijodiversità, is-sostituzzjoni sostenibbli tal-materja prima u l-enerġiji bbażati fuq il-fossili, il-ħżin tal-karbonju, il-prodotti bbażati fuq l-injam u l-prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti; jitlob li tiġi ffinanzjata b'mod kontinwu r-riċerka dwar il-ħamrija u r-rwol taqgħha fir-reżiljenza u l-adattament tal-foresti għat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni u t-titjib tal-bijodiversità tal-foresti, kif ukoll il-forniment ta' servizzi oħra tal-ekosistemi u effetti ta' sostituzzjoni, u li tinġabar data dwar metodi innovattivi ta' protezzjoni u ta' bini tar-reżiljenza tal-foresti; jinnota bi tħassib li d-data dwar il-foresti primarji għadha mhix kompluta; jenfasizza li aktar riċerka u finanzjament jagħtu kontribut pożittiv lill-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, lill-preservazzjoni tal-ekosistemi tal-foresti u lill-istimolu tal-bijodiversità, lit-tkabbir ekonomiku sostenibbli u lill-impjegi, speċjalment fiż-żoni rurali; jieħu nota tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li kapitalizzazzjoni b'saħħitha tal-innovazzjoni tul il-katina tal-valur tgħin biex jingħata appoġġ lill-kompetittività tas-settur ibbażat fuq il-foresti; jilqa' f'dan ir-rigward l-ambizzjoni klimatika l-għdida tal-BEI li jiffinanzja proġetti li jistgħu jagħtu spinta lill-oportunitajiet għas-settur ibbażat fuq il-foresti, li jaqdi rwol importanti fis-sostituzzjoni tal-materjali u l-enerġiji bbażati fuq il-fossili; ifaħħar ir-riċerka u l-innovazzjoni relatati mal-foresti li diġà twettqu, speċjalment fl-ambitu tal-programmi Orizzont 2020 u LIFE+; ifaħħar dawk il-każijiet fejn ir-riżultati jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-bjoekonomija sostenibbli, filwaqt li jfittxu bilanċ bejn l-aspetti differenti tal-SFM u jenfasizzaw ir-rwol multifunzjonali tal-foresti; jistieden lill-Kummissjoni tinvesti fir-riċerka dwar is-sejbien ta' soluzzjoni għat-tixrid tal-organiżmi ta' ħsara u mard fil-foresti, u fejn meħtieġ, tintensifika tali riċerka;

44. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu inizjattivi, flimkien mal-manifatturi tal-makkinarju tal-forestrija, biex ittejjeb id-disinn ambjentali ta' dak il-makkinarju sabiex tirrikonċilja livell għoli ta' protezzjoni għall-ħaddiema b'impatt minimu fuq il-ħamrija u l-ilma fil-foresti;

45. Jinsab imħasseb li l-erja totali tas-superfiċje tal-foresta naqset bil-kbir fid-dinja kollha mis-snin 1990 'il hawn; jenfasizza l-fatt li d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti fid-dinja kollha huma problemi serji; jenfasizza li l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti għandha teżerċita influwenza fil-kuntest politiku dinji u tinkludi l-oġġettivi esterni tal-UE u l-azzjoni dwar il-promozzjoni tal-SFM fid-dinja kollha, kemm bilateralmment kif ukoll permezz ta' proċessi multilaterali relatati mal-foresti, filwaqt li tqiegħed l-enfasi fuq miżuri biex titwaqqaf id-deforestazzjoni madwar id-dinja inkluż l-appoġġ għal ktajjen ta' produzzjoni u provvista legali, sostenibbli u mingħajr deforestazzjoni li ma jirriżultawx fi ksar tad-drittijiet tal-bniedem, u biex tiġi żgurata l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-foresti; jirrimarka li għandhom jiġu żviluppatti inizjattivi ta' politika biex jiġu indirizzati b'mod determinat kwistjonijiet barra l-UE, filwaqt li jitqiesu l-gradji differenti ta' ambizzjoni rigward il-politika ambjentali f'pajjiżi tropikali differenti, u l-fatturi li jixprunaw Prattiki mhux sostenibbli fil-foresti minn fuq barra s-settur; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu implimentati miżuri ta' traċċabbiltà għall-importazzjonijiet u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jrawmu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi sabiex jikkonsolidaw standards ogħla ta' sostenibbiltà; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi inkoraġġita l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam u l-pjan ta' azzjoni FLEGT (Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali) sabiex tkun tista' ssir prevenzjoni aħjar tad-dħul ta' injam maqtugħ jew miksub illegalment, li jikkostitwixxi kompetizzjoni inġusta għas-settur tal-forestrija Ewropew u fis-suq tal-UE; itenni l-ħtieġa ta' sistemi ta' ċertifikazzjoni u għall-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tal-SFM fil-ftehimiet kummerċjali; jitlob interpretazzjoni koerenti u sistematika tas-sistema ta' diliġenza dovuta tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam;

46. Jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni u ta' forza tax-xogħol tas-sengħa u mħarrġa tajjeb f'dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni b'suċċess tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti fil-prattika; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jimplimentaw miżuri u jużaw strumenti Ewropej eżistenti bħall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-programmi ta' taħriġ Ewropej (ET2020) biex jingħata appoġġ lit-tiġdid tal-ġenerazzjonijiet u jiġi kkompensat in-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa fis-settur;

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

47. Jitlob li l-importazzjoni ta' injam akkwistat illegalment tiġi inkluża fil-ftehimiet kummerċjali, bis-sanzjonijiet li għandhom jiġu imposti f'każ ta' ksur;

48. Jistieden lill-Istati Membri u lill-industrija tal-injam jagħmlu kontribuzzjonijiet sostanzjali biex jiżguraw li jiġu rifořestati żoni daqs kemm jiġu defořestati;

49. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żviluppata aktar Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Foresti għall-Ewropa fl-UE kollha, filwaqt li jitqiesu s-sistemi eżistenti, fl-ambitu tar-responsabbiltà kondiviża tad-Direttorati Ġenerali kollha rilevanti tal-Kummissjoni li jaħdmu fuq suġġetti differenti koperti mis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Foresti għall-Ewropa; jemma li l-koordinazzjoni ta' dan l-istrument għandha titwettaq mill-Istrateġija tal-UE għall-Foresti; jenfasizza l-importanza li tiġi pprovduta informazzjoni f'ħin reali, komparattiva, ibbażata fuq ix-xjenza u bbilanċjata dwar ir-riżorsi tal-foresti Ewropej filwaqt li jiġi mmonitorjat jekk il-foresti u r-riżervi naturali humiex ġestiti u ppreservati tajjeb jekk meħtieġ, u filwaqt li jkun hemm fil-mira t-tbassir tal-impatt tad-disturbi naturali li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima u l-konsegwenzi tagħhom, b'indikaturi ambjentali u soċjoekonomiċi għall-iżvilupp ta' kwalunkwe politika tal-UE relatata mal-foresti; jinnota li l-inventarji nazzjonali tal-foresti jirrappreżentaw għodda ta' monitoraġġ komprensiva għall-valutazzjoni tal-istokkijiet tal-forestrija u jqisu l-kunsiderazzjonijiet reġjonali; jistieden lill-UE toħloq network ta' monitoraġġ għall-foresti Ewropej biex tiġbor informazzjoni fil-livell lokali, b'rabta mal-programmi ta' osservazzjoni tal-art Copernicus;

50. Jilqa' t-tendenza lejn id-diġitalizzazzjoni fis-settur u jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu diġitali ta' traċċabbiltà tal-injam fl-UE kollha għall-ġbir tad-data, it-trasparenza konsistenti, l-iżguraw ta' kundizzjonijiet ekwi, u t-tnaqqis ta' mġiba mhux kompetittiva u azzjoni ħażina intenzjonata fil-kummerċ tal-injam, fl-UE u barra minnha, permezz ta' sistema ta' verifika; huwa tal-fehma wkoll li tali sistema ta' verifika ttejjeb il-konformità, tillimita u tiġġieled il-frodi finanzjarji, filwaqt li xxekkel il-prattiki tal-kartelli u żżarma l-operazzjonijiet loġistiċi u l-movimenti tal-qtuġh illegali tas-siġar; barra minn hekk jinkoraġġixxi skambji tal-prattiki tajba mal-Istati Membri li diġà implimentaw riformi bħal dawn fil-livell nazzjonali;

51. Jissottolinja l-fatt li l-Istati Membri għandhom kompetenza u rwol ċentrali fit-thejġija u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti għal wara l-2020; jistieden lill-Kumitat Forestrarju Permanenti tal-Kummissjoni biex jappoġġja lill-Istati Membri f'dan il-kompitu; jenfasizza kemm huma importanti l-iskambju tal-informazzjoni u l-involviment parallel tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħas-sidien u l-manigġers tal-foresti, fil-Grupp ta' Djalogu Ċivili dwar il-Forestrija u s-Sufra, u li jibqgħu jsiru l-laqgħat regolari tiegħu u jiżdiedu l-koordinazzjoni u s-sinerġiji mal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinvolvi lill-Parlament fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti tal-inqas fuq bażi annwali; jappella għat-tisħiħ tar-rwol tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati u l-politiki rilevanti fil-livell tal-UE; barra minn hekk, jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol ewlieni x'jaqdu fit-tisħiħ tal-użu sostenibbli tal-foresti u, b'mod partikolari, l-ekonomija rurali; jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri sabiex jissaħħu l-benefiċċji tal-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti; barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni u lid-Direttorati Ġenerali tagħha b'kompetenzi relatati mal-foresti biex jaħdmu strateġikament ħalli jiżguraw il-koerenza fi kwalunkwe xogħol relatat mal-forestrija u jsaħħu l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti;

52. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu prijorità lit-tkomplija tat-taħriġ vokazzjonali ta' kwalità għolja fis-snaġġa' relatati mal-kostruzzjoni ekoloġija u l-injam, u jipprovdu n-nefqa u l-investiment pubbliċi meħtieġa fil-qasam sabiex jantiċipaw il-ħtiġijiet futuri tal-industrija tal-injam tal-UE;

53. Ifakkar fil-wegħda tal-Kummissjoni dwar it-tolleranza żero għan-nuqqas ta' konformità; jenfasizza li għadd ta' każijiet ta' ksur attwalment miftuħa kontra l-Istati Membri jindirizzaw valuri insostitwibbli tal-ekosistemi tal-foresti Ewropej, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni taġixxi malajr f'dawn il-każijiet;

54. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, b'koordinazzjoni mas-servizzi ta' spezzjoni tax-xogħol tal-Istati Membri, tivverifika li l-makkinarju introdott fis-suq u użat mill-industrija tal-injam jikkonforma mad-Direttiva 2006/42/KE dwar il-makkinarju u li huwa mġhammar b'sistema ta' estrazzjoni u ġbir tas-serratura;

55. Jinsab konvint li l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti għandha tippromwovi u tappoġġja l-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-SFM, it-taħriġ vokazzjonali għall-ħaddiema u l-manigġers tal-foresti, ir-riżultati fis-settur tal-foresti u l-kooperazzjoni mtejbja fost l-Istati Membri fir-rigward tal-azzjonijiet transfruntiera u l-kondiviżjoni

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

tal-informazzjoni, sabiex jiġi żgurat it-tkabbir ta' foresti Ewropej b'saħħithom; barra minn hekk, jenfasizza l-hteġa ta' komunikazzjoni mtejba dwar l-importanza tal-ġestjoni sostenibbli taż-żoni forestali, flimkien mal-possibbiltà li jiġu estiżi, implimentati u kkoordinati kampanji ta' informazzjoni dwar in-natura multifunzjonali tal-foresti u l-ħafna benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali pprovduti mill-ġestjoni tal-foresti fil-livelli rilevanti kollha tal-UE, sabiex iċ-ċittadini kollha jsiru konxji tar-rikkezza ta' dan il-wirt u tal-hteġa li nimmaniġġjaw, inżommu u nużaw b'mod sostenibbli r-riżorsi tagħna biex nevitaw kwalunkwe kunflitt fis-soċjetà;

56. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jħeġġu lill-partijiet ikkonċernati tal-forestrija rispettivi tagħhom biex jilħqu parti usa' tal-popolazzjoni permezz ta' għodod u programmi edukattivi, kemm għall-istudenti kif ukoll għall-persuni ta' etajiet oħra, filwaqt li jenfasizzaw l-importanza tal-foresti kemm għall-attivitajiet immexxija mill-bniedem kif ukoll għall-preservazzjoni tal-bijodiversità u tal-ekosistemi varjati;

57. Jinnota li d-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji sostenibbli jaqdu rwol ewlieni biex jipprovdu valur miżjud fl-iżvilupp ulterjuri tas-settur ibbażat fuq il-foresti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu t-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki dwar, pereżempju, il-ġestjoni sostenibbli u attiva tal-foresti;

o

o o

58. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

P9\_TA(2020)0258

## L-Eritrea, il-każ ta' Dawitt Isaak

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar l-Eritrea, b'mod partikolari l-każ ta' Dawit Isaak (2020/2813(RSP))

(2021/C 395/06)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Eritrea, b'mod partikolari dik tas-6 ta' Lulju 2017 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-11 ta' Mejju 2020 tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Eritrea,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-30 ta' Ġunju 2020 tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Eritrea, li nqrat waqt l-44 sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Eritrea,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 2444 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tal-14 ta' Novembru 2018, li ttemm b'effett immedjat is-sanzjonijiet kollha tan-NU kontra l-Eritrea (l-embargo fuq l-armi, l-iffriżar tal-assi u l-projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar),
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1944 tal-10 ta' Diċembru 2018 li tħassar id-Deċiżjoni 2010/127/PESK dwar ċerti miżuri restrittivi kontra l-Eritrea <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Każ 428/12 (2012) ippreżentat quddiem il-Kummissjoni Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli fisem Dawit Isaak u prigionieri politiċi oħra,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Finali tas-66 sessjoni tal-Kummissjoni Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli tat-22 ta' Mejju 2017,
  - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra,
  - wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tal-Eritrea, adottata fl-1997, li tiggarrantixxi l-libertajiet ċivili, inkluża l-libertà reliġjuża,
  - wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli,
  - wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) tal-1966,
  - wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (il-Ftehim ta' Cotonou) <sup>(3)</sup>, kif rivedut fl-2005 u fl-2010, li l-Eritrea hija firmatarja tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi Dawit Isaak, ċittadin biċ-ċittadinanza tal-Eritrea u tal-Iżvezja, u għaldaqstant ċittadin tal-Unjoni Ewropea, ġurnalista u koproprietarju tal-gazzetta *Setit*, l-ewwel gazzetta indipendenti tal-Eritrea, li titqassam fuq medda wiesgħa, ġie arrestat mill-awtoritajiet tal-Eritrea fit-23 ta' Settembru 2001, flimkien ma' 21 persuna oħra; billi l-Gvern Eritrean jakkuża lil Dawit Isaak li huwa "traditur", għalkemm qatt ma ġie mixli jew imressaq quddiem il-qorti; billi Dawit Isaak kien irritorna mill-Iżvezja wara l-indipendenza tal-Eritrea fl-1992 biex jassisti fis-solidifikazzjoni tad-demokrazija emerġenti tal-pajjiż;

<sup>(1)</sup> ĠU C 334, 19.9.2018, p. 140.

<sup>(2)</sup> ĠU L 314, 11.12.2018, p. 60.

<sup>(3)</sup> ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.



Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

- B. billi l-arresti seħħew wara l-pubblikazzjoni ta' ittra miftuħa li tikkundanna r-reġim u li tistieden lill-President Isaias Afwerki jagħmel riformi demokratiċi; billi fil-jum tal-arrest, il-gvern ħabbar projbizzjoni fuq il-midja indipendenti kollha; billi d-detenuati ma ġewx akkużati b'reat;
- C. billi Dawit Isaak inħeles mill-kustodja fid-19 ta' Novembru 2005 wara interventi sinifikanti f'ismu mill-Gvern tal-Iżveżja, fost l-oħrajn; billi huwa reġa' ġie arrestat jumejn wara waqt li kien fi triqta lejn l-isptar, bl-awtoritajiet tal-Eritrea jsostnu li kien inħeles temporanjament biss sabiex jagħmel trattament mediku; billi minn dak iż-żmien lil hawn, Dawit Isaak inżamm fiżolament mill-awtoritajiet tal-Eritrea, li jirrifjutaw li jiżvelaw il-post eżatt fejn jinsab jew id-dettalji tas-saħħa u l-benessri tiegħu;
- D. billi f'Diċembru 2008, kien hemm rapporti mhux konfermati li Dawit Isaak ġie trasferit għal ħabs b'sigurtà massima f'Embatkala, u li f'it wara, fil-11 ta' Jannar 2009, iddaħħal fi sptar tal-forza tal-ajru f'Asmara, u huwa maħsub li kien marid serjament; billi n-natura u l-firxa tal-marda tiegħu għadhom mhux magħrufa u l-Gvern tal-Eritrea jirrifjuta li jikkonferma li kien l-isptar;
- E. billi l-familja ta' Dawit Isaak, inkluż it-tliet itfal tiegħu, ilhom jiffaċċjaw ansjetà u inċertezzi kbar ħafna minn meta għeb, u f'it li xejn għandhom informazzjoni dwar l-istat ta' saħħet dan qaribhom, fejn jinsab jew xi prospetti għandu; billi bint Dawit Isaak, Betlehem Isaak, għadha taħdem favur il-ħelsien ta' missierha; billi fl-2020, Betlehem Isaak ikkonfermat li missierha kien ħaj;
- F. billi l-Kummissjoni Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli ddeċidiet li l-ġurnalisti arrestati fl-Eritrea f'Settembru 2001, inkluż Dawit Isaak, kienu qed jinżammu f'detenzjoni arbitrarja u illegali, u ħeġġet lill-awtoritajiet Eritreani jeħilsuhom jew tal-anqas iwettqu proċess ġust;
- G. billi s-sitwazzjoni fiċ-ċentri ta' detenzjoni tal-Eritrea li huma ffullati żżejjed u mhumiex sanitarji hija trattament krudili u inuman; billi dawn il-kundizzjonijiet ipogħu lid-detenuati friskju akbar ta' trażmissjoni tal-COVID-19; billi l-aċċess għall-kura tas-saħħa, l-ikel u s-sanità huwa estremament limitat jew kompletament nieqes, u jħalli lid-detenuati dipendenti fuq il-viżitaturi għal provvisti bażiċi; billi l-lockdowns tal-ħabsijiet maħsuba biex jissieltu l-pandemija kkontribwew għal aktar malnutrizzjoni u mard mentali u fiżiku korrispondenti; billi ħafna aktar prigionieri qed jinżammu f'kontejners marittimi, fejn huma soġġetti għal kundizzjonijiet ta' temperatura estremament ħarxa;
- H. billi, minn mindu kisbet l-indipendenza, l-Eritrea taħt Isaias Afwerki sistematikament baġtet il-ħabs eluf ta' persuni minħabba l-fehmiet politiċi tagħhom jew xogħolhom bħala ġurnalisti, jew għax ipprattikaw ir-reliġjon tagħhom; billi l-għajbien infurzat iseħħ fuq bażi strutturali; billi d-detenuati huma tipikament soġġetti għal arresti u detenzjonijiet arbitrarji u illegali mingħajr akkuża u huma miċħuda l-aċċess għal avukati jew żjarat familjari;
- I. billi, skont ir-Rapport dwar l-Iżvilupp tal-Bniedem tal-Programm ta' Żvilupp tan-NU għall-2019, l-Eritrea hija kklassifikata fil-182 post minn 189 pajjiż fl-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem għall-2019; billi fl-2020, l-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa tar-Reporters Mingħajr Fruntieri jikklassifika l-Eritrea fil-178 post minn 180; Billi fl-2019, il-Kumitat għall-Protezzjoni tal-Ġurnalisti kklassifika lill-Eritrea bħala l-pajjiż l-aktar iċċensurat fid-dinja;
- J. billi r-rapport tal-Kummissjoni tan-NU tal-inkjesta dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-Eritrea, li ġie ppubblikat fid-9 ta' Mejju 2016, innota li matul dawn l-aħħar 25 sena twettqu delitti kontra l-umanità b'mod mifruq u sistematiku fiċ-ċentri ta' detenzjoni, fil-kampijiet ta' taħriġ militari u f'postijiet oħra madwar il-pajjiż;
- K. billi skont ir-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Eritrea tas-16 ta' Mejju 2019, "il-momentum pożittiv għall-paċi u s-sigurtà fir-reġjun żied l-aspettattivi fl-Eritrea u fil-komunità internazzjonali li l-Gvern tal-Eritrea se jimplementa riformi politiċi u istituzzjonali", madankollu, "l-awtoritajiet tal-Eritrea għadhom ma ħadux sehem fi proċess ta' riformi domestiċi u s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem għadha ma nbidlitx"; billi sa mill-2009 lil hawn, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU ġie miċħud l-aċċess għall-Eritrea biex iwettaq żjarat fil-pajjiż;

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

- L. billi f'Mejju 2019, l-awtoritajiet Eritreani wettqu repressjoni kontra kongregazzjonijiet Kristjani mhux rikonoxxuti u ħatfu skejjel u faċilitajiet tas-saħħa affiljati mal-Kattoliċi, u b'hekk affettwaw b'mod negattiv id-drittijiet għas-saħħa u għall-edukazzjoni tal-popolazzjoni;
- M. billi l-President tal-Eritrea jkompli jirrifjuta li jorganizza elezzjonijiet u jimplementa l-kostituzzjoni tal-pajjiż, minkejja l-fatt li din ġiet ratifikata fl-1997 u li l-liġi elettorali tal-Eritrea ġiet ratifikata fl-2002; billi l-leġiżlatura interim ilha ma tilitaq' mill-2002 u l-ġudikatura hija kkontrollata mill-gvern;
- N. billi l-iżviluppi reċenti fil-paċi u fis-sigurtà reġjonali kienu mistennija li ser iwasslu għall-introduzzjoni ta' riformi fis-servizz nazzjonali u għad-demobilizzazzjoni tal-koskritti fl-Eritrea; billi sal-lum, ma kien hemm ebda dikjarazzjoni uffiċjali dwar tnaqqis fid-durata tas-servizz nazzjonali jew dwar xi pjanijiet ta' demobilizzazzjoni; billi s-servizz nazzjonali għadu involontarju fin-natura tiegħu u għal żmien indefinit; billi s-servizz nazzjonali jqiegħed bosta ċittadini, inklużi nisa u bniet, f'sitwazzjoni ta' skjavitù fejn ħajjithom tinsab taħt il-kontroll ta' oħrajn u fejn huma jsofru, *inter alia*, abbużi fiżiċi, sesswali u verbali u jaf jiġu sfurzati jaħdmu bħala ħaddiema domestiċi;
- O. billi f'Lulju 2018, l-Eritrea u l-Etjopja ffirmaw ftehim ta' paċi storiku li temm għoxrin sena ta' kunflitt; billi l-ftehim ta' paċi ta' Lulju 2018 offra prospetti ġodda għall-iżvilupp soċjoekonomiku tal-pajjiż, marbut mal-avvanz tal-integrazzjoni ekonomika reġjonali fil-Qarn tal-Afrika;
- P. billi wara l-ftehim ta' paċi bejn l-Eritrea u l-Etjopja, l-UE bidlet l-approċċ tagħha rigward l-Eritrea abbażi ta' "prinċipji ta' impenn", li qabel ma kienu jippermettu la djalogu politiku u lanqas kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE mal-Eritrea, l-hekk imsejjaħ approċċ fuq "żewġ binarji";
- Q. billi s-sħubija tal-UE mal-Eritrea hija rregolata bil-Ftehim ta' Cotonou, u billi l-partijiet għal dan il-ftehim huma marbuta li jirrispettaw u jimplementaw it-termini tiegħu, b'mod partikolari r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazzja u tal-istat tad-dritt;
- R. billi, minkejja ksur gravi u sistematiku mill-Eritrea tal-elementi essenzjali u fundamentali tal-Ftehim ta' Cotonou dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-UE qatt ma tat bidu għal konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 96 tal-ftehim, minkejja t-talbiet tal-Parlament Ewropew biex tagħmel dan;
- S. billi l-UE hija donatur sinifikanti għall-Eritrea f'dak li jirrigwarda l-għajnuna għall-iżvilupp; billi wara l-ftehim ta' paċi tal-2018 bejn l-Eritrea u l-Etjopja, l-UE u l-Eritrea qablu dwar Strateġija ġdida ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp għall-2019–2020 li fiha l-UE allokata EUR 180 miljun;
- T. billi l-gvern awtokratiku jipprova jikkontrolla d-dijaspora Eritreana permezz ta' taxa fuq l-introjtu ta' 2% għall-espatrijati u billi jwettaq spjunaġġ fuq id-dijaspora u għandu fil-mira l-qraba li jibqgħu fl-Eritrea;
1. Jesiġi li l-priġunieri tal-kuxjenza kollha fl-Eritrea jinħelsu minnufih u bla kundizzjonijiet, b'mod partikolari ċ-ċittadin tal-UE Dawit Isaak u l-ġurnalisti l-oħrajn li ilhom detenuti minn Settembru 2001; jesiġi informazzjoni immedjata dwar fejn jinsab Dawit Isaak u l-qagħda ta' saħħtu; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Eritreani jagħtuh aċċess għar-rappreżentanti tal-UE, tal-Istati Membri u tal-Iżvezja biex jiġu stabbiliti l-ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa tiegħu u kwalunkwe għajnuna oħra meħtieġa;
  2. Jikkundanna bl-akbar qawwa l-vjolazzjonijiet sistematiki, mifruxa u gravi tad-drittijiet tal-bniedem min-naħa tal-Eritrea; jistieden lill-Gvern tal-Eritrea biex itemm id-detenzjoni ta' politiċi tal-oppożizzjoni, ġurnalisti, mexxejja reliġjużi u persuni ċivili innoċenti;
  3. Jappella lill-Unjoni Afrikana, bħala sieħeb tal-UE b'impenn espliċitu għall-valuri universali tad-demokrazzja u tad-drittijiet tal-bniedem biex iżżid l-attività rigward is-sitwazzjoni ta' haśra fl-Eritrea u sabiex taħdem flimkien mal-UE biex jinkiseb il-ħelsien ta' Dawit Isaak u priġunieri politiċi oħrajn;

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

4. Jesiġi li, minħabba l-kriżi tas-saħħa attwali tal-COVID-19, il-kundizzjonijiet sanitarji ħżiena fil-ħabsijiet tal-Eritrea u r-riskju għoli ta' infezzjoni għad-detenu, jiġu immedjatament provduti ikel, ilma u kura medika adegwati; jesprimi tħassib li l-pandemija tal-COVID-19 qiegħda tigrava s-sitwazzjoni ta' karestija u malnutrizzjoni li teżisti f'partijiet tal-pajjiż u qiegħda tikkontribwixxi għal nuqqas ta' ikel;
5. Jesiġi li l-Gvern tal-Eritrea jagħti ċertifikat ta' ħajja u informazzjoni dettaljata dwar x'sar minn dawk kollha li ġew imċaħħda mil-libertà fiżika, u dwar fejn jinsabu; jappella għal proċessi ġusti għal dawk akkużati, il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet ta' kwalunkwe priġunier li ma ġie akkużat b'ebda reat u l-abolizzjoni tat-tortura u ta' trattamenti degradanti oħra bħar-restrizzjonijiet fuq l-ikel, l-ilma u l-kura medika; ifakkar lill-Gvern tal-Eritrea fl-obbligu tiegħu li jindirizza l-ksur kollu tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż billi jinvestiga l-qtil extraġudizzjarju u l-għajbien infurzat kif ukoll il-piena kapitali, li għandhom jiġu aboliti skont ir-rakkomandazzjonijiet ippreżentati fir-Rapport Annwali 2020 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU;
6. Jiddeplora l-fatt li l-Eritrea ma tipprovi eba spazju għal difensuri indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem, membri tal-oppożizzjoni politika jew ġurnalisti indipendenti; jappella, għaldaqstant, lill-Gvern tal-Eritrea jiftaħ spazju ċiviku għall-organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili u jippermetti l-ħolqien ta' partiti politiċi oħra fil-pajjiż; ifakkar lill-Eritrea fl-obbligi tagħha skont il-konvenzjonijiet tal-ILO, b'mod partikolari rigward id-dritt ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ta' trade unions li jorganizzaw, jipprotestaw paċifikament, jipparteċipaw fl-affarijiet pubbliċi, u jmexxu kampanji favur it-titjib tad-drittijiet tal-ħaddiema;
7. Jesiġi li l-Gvern tal-Eritrea jieqaf milli juża xogħol furzat fuq iċ-ċittadini tiegħu permezz ta' servizz nazzjonali indefinit u jtemm il-prattika obbligatorja li t-tfal kollha jwettqu l-aħħar sena skolastika tagħhom f'kamp ta' taħriġ militari;
8. Jappella lill-Kummissjoni taċċerta jekk il-kundizzjonalità tal-għajnuna tal-UE hijiex rispettata u biex tiżgura li eba finanzjament għal proġetti fl-Eritrea ma jkun ta' benefiċċju għall-Gvern tal-Eritrea, b'mod partikolari dawk li jitwettqu bl-użu ta' servizz nazzjonali tax-xogħol; jiddeplora, f'dan ir-rigward, il-fatt li l-Kummissjoni qiegħda tkompli tiffinanzja l-"Proġett ta' Toroq", u jistedinha tirreaġixxi strettament għall-ħtiġijiet tal-poplu Eritrean għall-iżvilupp, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba, is-sigurtà u l-libertà tal-espressjoni, tal-istampa u tal-għaqda, u tevalwa l-eżiti ta' tanġibbli rigward id-drittijiet tal-bniedem li rriżultaw mill-istrateġija UE-Eritrea u l-hekk imsejjaħ "approċċ fuq żewġ binarji";
9. Jappella għall-implimentazzjoni immedjata tal-Kostituzzjoni tal-Eritrea tal-1997 li ġiet abbozzata f'konsultazzjoni shiħha mal-partijiet ikkonċernati kollha u mas-soċjetà ċivili u ġiet adottata kif xieraq;
10. Jikkundanna li l-gvern tal-Eritrea juża "taxxa fuq id-dijaspora" extraterritorjali; iħeġġeġ lill-gvern jirrispetta l-libertà ta' moviment u jtemm il-politiki ta' "ħtija b'assoċjazzjoni" li għandhom fil-mira l-membri tal-familja ta' dawk li jevadu s-servizz nazzjonali, ifittxu li jaħarbu mill-Eritrea jew jonqsu milli jħallsu t-taxxa fuq id-dħul ta' 2 % imposta mill-gvern fuq l-espatrijati Eritreani, inklużi iċ-ċittadini tal-UE;
11. Jappella lill-Eritrea tneħħi l-projbizzjoni fuq il-midja indipendenti u tippermetti l-ħolqien ta' partiti politiċi, bħala għodda ċentrali għall-promozzjoni tad-demokrazija fil-pajjiż; jappella biex l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem jitħallew joperaw liberament fil-pajjiż;
12. Jesiġi li l-awtoritajiet Eritreani jtemmu d-detenzjoni ta' politiċi tal-oppożizzjoni, ġurnalisti, mexxejja reliġjużi, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u persuni ċivili innoċenti; iħeġġeġ lill-Eritrea tirrispetta bis-sħiħ u tippoteġi l-libertà tar-reliġjon u twaqqaf il-persekuzzjonijiet kontinwi tagħha abbażi tat-twemmin;
13. Itenni t-talba urġenti tiegħu għal mekkaniżmu globali tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem, l-hekk imsejjaħ Att Magnitsky Ewropew; jappella lill-Kunsill jadotta dan il-mekkaniżmu permezz ta' deċiżjoni relatata mal-interessi u l-obbjettivi strateġiċi tal-Unjoni skont l-Artikolu 22(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;
14. Jesiġi li l-Eritrea tirrispetta bis-sħiħ u timplimenta minnufih il-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni oħra Krudili, Inumani jew Degradanti u tirrispetta bis-sħiħ l-obbligi tagħha skont il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli, li t-tnejn li huma jipprojbixxu t-tortura;
15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Unjoni Afrikana, lill-President tal-Eritrea, lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u lill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE.

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

P9\_TA(2020)0259

## **Il-Liġi dwar l-“Aġenti Barranin” fin-Nikaragwa**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar il-Liġi tal-“Aġenti Barranin” fin-Nikaragwa (2020/2814(RSP))**

(2021/C 395/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar in-Nikaragwa, b'mod partikolari dawk tal-31 ta' Mejju 2018 <sup>(1)</sup>, tal-14 ta' Marzu 2019 <sup>(2)</sup> u tad-19 ta' Diċembru 2019 <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Ftehim tad-29 ta' Ġunju 2012 li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali fuq in-naħa l-oħra <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra d-dokument ta' strateġija għall-pajjiż tal-UE u l-programm indikattiv pluriennali 2014-2020 dwar in-Nikaragwa,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Nikaragwa,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1716 tal-14 ta' Ottubru 2019 li jstabbilixxi qafas għal sanzjonijiet immirati fin-Nikaragwa <sup>(5)</sup>, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/606 tal-4 ta' Mejju 2020 li żied sitt uffiċjali Nikaragwani fil-lista ta' sanzjonijiet immirati, inkluż l-iffriżar tal-assi u projbizzjonijiet fuq vjaġġar <sup>(6)</sup>,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Viċi President/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) fisem l-Unjoni Ewropea dwar in-Nikaragwa, b'mod partikolari dawk tal-20 ta' Novembru 2019 u tal-4 ta' Mejju 2020,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, Michelle Bachelet, fil-45 Sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-14 ta' Settembru 2020, u r-rapport tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tad-19 ta' Ġunju 2020 dwar in-Nikaragwa,
- wara li kkunsidra l-bullettini ppubblikati mill-Mekkaniżmu Speċjali ta' Monitoraġġ għan-Nikaragwa (MESENI) stabbilit mill-Kummissjoni Inter-Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) tal-1966,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u dawk il-Libertà tal-Espressjoni Online u Offline,
- wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tan-Nikaragwa,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

<sup>(1)</sup> ĠU C 76, 9.3.2020, p. 164.

<sup>(2)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2019)0219.

<sup>(3)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2019)0111.

<sup>(4)</sup> ĠU L 346, 15.12.2012, p. 3.

<sup>(5)</sup> ĠU L 262, 15.10.2019, p. 1.

<sup>(6)</sup> ĠU L 139 I, 4.5.2020, p. 1.

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

- A. billi fit-22 ta' Settembru 2020, il-membri tal-Assemblea Nazzjonali Nikaragwana tal-*Alianza Frente Sandinista de Liberación Nacional* (Front Liberali Nazzjonali Sandinista), il-partit fil-poter, ippreżenta proposta għal *Liġi għar-Regolamentazzjoni tal-Aġenti Barranin*, immudellata fuq il-*Liġi Russa tal-2012* dwar l-aġenti barranin, li, jekk tiġi adottata, se tobbliga lil kull persuna, organizzazzjoni jew istituzzjoni, inklużi l-istrumenti tal-midja u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jirċievu fondi minn barra l-pajjiż, jiġu rreġistrati mal-Ministeru għall-Intern (*Migob*) u jissottomettu ruħhom għal monitoraġġ finanzjarju mill-Unità tal-Analiżi Finanzjarja (*UAF*);
- B. billi kwalunkwe persuna jew entità rreġistrata mal-Ministeru għall-Intern bħala "aġent barrani" tkun soġġetta għal sorveljanza mill-qrib u jkollha "żżomm lura milli tintervjeni f'affarijiet jew fi kwistjonijiet politiċi domestiċi" kif dikjarat fl-Artikolu 12, u b'hekk id-drittijiet ċivili u politiċi tagħha jiġu ristretti, filwaqt li tkun tista' tiġi ppersegwitata, tingħata fastidju u tiġi mixlija b'reat kriminali; billi, jekk tiġi adottata, din il-*Liġi* taffettwa b'mod negattiv id-dritt għal parteċipazzjoni politika u pubblika ugwali, inkluża l-oppożizzjoni, u b'hekk tkompli toħloq distorsjoni tas-sistema politika fin-Nikaragwa; billi dan jista' jwassal għal sitwazzjonijiet gravi ta' kriminalizzazzjoni illegali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, tal-attivisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;
- C. billi l-*Liġi għar-Regolamentazzjoni tal-Aġenti Barranin*, jekk tiġi approvata, tintuża bħala strument ta' ripressjoni kontra l-persuni u l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem li jirċievu riżorsi minn kooperazzjoni internazzjonali fin-Nikaragwa; billi l-adozzjoni ta' din il-*Liġi* jista' jkollha impatt dirett fuq il-kooperazzjoni tal-UE fil-pajjiż u fuq individwi marbuta mal-interessi Ewropej;
- D. billi diversi membri tal-partit fil-gvern tal-Assemblea Nazzjonali pproponew ukoll *Liġi* speċjali dwar iċ-ċiberkriminalità li tfttex li tiċċensura l-midja diġitali, kif ukoll *Liġi* ġdida dwar reati ta' mibegħda li tirriforma l-kodiċi kriminali sabiex tippermetti l-impożizzjoni ta' priġunerija għall-għomor għal dissens politiku, mingħajr ebda definizzjoni ċara ta' liema mġiba twassal għal sentenza daqshekk ħarxa, u li tista' tintuża biex tikkastiga lil dawk li jtkellmu kontra l-politiki ripressivi tal-gvern;
- E. billi huwa ċar li dawn il-*Liġijiet* proposti għandhom l-għan li jllimitaw il-libertajiet fundamentali bħal-libertà tal-espressjoni, kemm online kif ukoll offline, il-libertà tal-assoċjazzjoni, u l-libertà tar-reliġjon, li jirrestrinġu aktar l-ispazju ċivili għaċ-ċittadini Nikaragwani u li jeżerċitaw kontroll totalitarju fuq iċ-ċittadini, l-istrumenti tal-midja u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tad-drittijiet tal-bniedem, mingħajr ebda kontrokontroll u b'marġini kbar ta' diskrezzjoni fl-implimentazzjoni tagħhom permezz tal-monitoraġġ tal-attivitajiet kollha tagħhom, b'enfasi fuq l-isfera politika, l-isfera tax-xogħol u dik ekonomika; billi dawn il-*Liġijiet*, jekk jiġu adottati, jiksru sensiela ta' drittijiet u libertajiet fundamentali minqaxa fil-Kostituzzjoni tan-Nikaragwa, li huma kollha rikonoxxuti fil-ftehimiet, fil-patti u fit-trattati internazzjonali li n-Nikaragwa hija firmatarja tagħhom;
- F. billi dawn l-inizjattivi huma l-aħħar eżempji ta' tali ksur u jikkorboraw xejra usa' ta' ripressjoni u każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali; billi personalitajiet tas-soċjetà ċivili, attivisti ambjentali, ġurnalisti, personalitajiet tal-oppożizzjoni politika, membri ta' komunitajiet reliġjużi, b'mod partikolari l-Knisja Kattolika, studenti, eks priġunieri politiċi, u l-familji tagħhom kollha għadhom fil-mira tal-forzi tas-sigurtà u tal-gruppi armati favur il-gvern permezz ta' arresti, kriminalizzazzjoni, forza eċċessiva, rejds fuq djarhom, fastidju mill-pulizija, attacchi sesswali u żieda fil-vjolenza u l-intimidazzjoni ffaċċjati minn attivisti nisa, theddid tal-mewt, vandaliżmu, malafama pubblika, u kampanji ta' malafama online;
- G. billi, kif iddikjarat mill-Kummissarju Ġholi tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, Michelle Bachelet, "ma sar l-ebda progress fis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-ebda sinjal li l-gvern qed jindirizza b'mod kostruttiv it-tensjonijiet u l-problemi strutturali li waslu għall-kriżi soċjopolitika f'April 2018"; billi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jirrapportaw li 94 persuna meqjusa bħala avversari tal-gvern għadhom qed jiġu detenuti arbitrarjament, l-aktar fuq akkużi foloz għal reati mhux relatati;
1. Jikkundanna t-tentattivi biex tiġi adottata l-*Liġi* antikostituzzjonali għar-Regolamentazzjoni tal-Aġenti Barranin, il-*Liġi* Speċjali dwar iċ-Ċiberkriminalità u l-*Liġi* kontra r-Reati ta' Mibegħda, u jstieden lill-assemblea nazzjonali tirrifjuta dawn il-*Liġijiet*, kif ukoll kwalunkwe *Liġi* oħra li tillimita l-libertajiet fundamentali tal-poplu Nikaragwan; jenfasizza li, jekk jiġu approvati, dawn il-*Liġijiet* se jipprovdu lill-gvern ta' Daniel Ortega għodda ripressiva ġdida biex isikket mhux biss lill-kritiċi tiegħu, iżda lil kwalunkwe individwu jew organizzazzjoni li tirċievi finanzjament barrani, u li dan se jwassal għal żieda fl-għadd ta' vittmi ta' tali ripressjoni u li se jkompli jaggrava l-klima fuq skala usa' ta' intimidazzjoni u theddid, li jwassal għal ksur inaċċettabbli tad-drittijiet tal-bniedem fin-Nikaragwa;

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

2. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-poplu tan-Nikaragwa u jikkundanna l-azzjonijiet ripressivi kollha tal-Gvern Nikaragwan, b'mod partikolari l-imwiet ikkawżati; jikkundanna r-ripressjoni ta' attivisti tas-soċjetà ċivili, il-personaġġi tal-oppożizzjoni politika, l-istudenti, il-ġurnalisti, il-gruppi indiġeni, il-membri tal-komunitajiet reliġjużi, b'mod partikolari l-Knisja Kattolika, u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jitlob il-ħelsien immedjat tal-priġunieri politiċi kollha li ġew detenuti b'mod arbitrarju, li l-akkużi kollha kontribom jiġu rtirati u biex jiġu rispettati s-salvagwardji legali fundamentali tagħhom;

3. Ihegġegħ lill-Gvern tan-Nikaragwa jieqaf jikkriminalizza l-vuċijiet indipendenti u jwaqqaf kull għan li jikkontrolla u jirrestrinġi l-ħidma tas-soċjetà ċivili u tal-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, tal-personaġġi tal-oppożizzjoni politika, tal-mezzi tal-midja u tal-ġurnalisti; ihegġegħ lill-Gvern tan-Nikaragwa jirritorna l-proprjetà kkonfiskata lill-istrumenti tal-aħbarijiet, iroddilhom lura l-liċenzji tagħhom biex joperaw u jirrestawra l-personalità ġuridika tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi; jitlob li jkun hemm kooperazzjoni sħiħa mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u li dawn ikunu jistgħu jirritornaw fil-pajjiż, inkluża l-Kummissjoni Inter-Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-MESEN u l-Grupp Internazzjonali ta' Esperti Indipendenti tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani (OAS); jilqa' r-risoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU ta' Ġunju 2020 li tagħti mandat għal monitoraġġ imsaħħaħ mill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar is-sitwazzjoni fin-Nikaragwa, u l-appoġġ tal-UE għall-adozzjoni tagħha;

4. Jenfasizza li kwalunkwe limitazzjoni għat-tgawdija tad-drittijiet għal-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni kemm online kif ukoll offline, il-libertà tal-għaqda paċifika u tal-assoċjazzjoni, u d-dritt li jiġu difiżi d-drittijiet tal-bniedem huma inkompatibbli mal-Kostituzzjoni tan-Nikaragwa u mal-obbligi internazzjonali tagħha skont il-ftehimiet dwar id-drittijiet tal-bniedem;

5. Jirrifjuta l-użu mhux xieraq tal-istituzzjonijiet u l-liġijiet mill-gvern awtoritarju tan-Nikaragwa bl-intenzjoni li jikkriminalizza l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-avversarji politiċi għal skopijiet politiċi u illegali; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Gvern tan-Nikaragwa jirrispetta bis-sħiħ u fl-intier tagħhom l-impenji li ħa fil-ftehimiet ta' Marzu 2019 mal-gruppi tal-oppożizzjoni u mal-Alleanza Ċivika, li issa huma inklużi fil-Koalizzjoni Nazzjonali, bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni demokratika, paċifika u negozijata għall-kriżi politika fin-Nikaragwa;

6. Ifakkar lill-Gvern tan-Nikaragwa li elezzjonijiet ħielsa, kredibbli, inklużivi u trasparenti jistgħu jseħħu biss jekk ma jkunx hemm ripressjoni, u jekk jiġu fis-seħħ ir-restawr tal-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet kostituzzjonali tal-poplu kollu tan-Nikaragwa, inkluż id-dritt għal-libertà tal-espressjoni, tal-għaqda, tat-twemmin u tal-protesta paċifika; jistieden lill-Gvern tan-Nikaragwa jilħaq ftehim permezz ta' mezzi demokratiċi paċifiċi u negozijati mal-gruppi tal-oppożizzjoni, inkluża l-Koalizzjoni Nazzjonali, dwar ir-riformi elettorali u istituzzjonali meħtieġa biex jiggarantixxu elezzjonijiet kredibbli, inklużivi u trasparenti, li attwalment huma skedati għal Novembru 2021, kollha f'konformità mal-istandards internazzjonali, billi jimplimenta wkoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE tal-2011, u tal-OAS; jemmen, għal dan il-għan, li l-elezzjonijiet iridu jiġu osservati minn osservaturi nazzjonali u internazzjonali akkreditati kif xieraq;

7. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar ir-rapporti reċenti tal-organizzazzjonijiet tan-Nikaragwa li l-awtoritajiet ordnaw lill-pulizija nazzjonali twettaq ksur tad-drittijiet tal-bniedem u li qed jiġu assistiti f'din ir-ripressjoni minn gruppi ċivili favur il-gvern u l-organizzazzjonijiet territorjali tal-partit fil-gvern, li wħud minnhom huma armati u organizzati bħala gruppi paramilitari; jitlob li l-gvern iwettaq diżarm ta' dawn il-gruppi paramilitari u jitlob li daww responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u għad-dgħajfien tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt jinżammu responsabbli, u jitlob ukoll li jsir rieżami tal-liġi kontroversjali dwar l-amnestija, li tista' tipprekludi l-prosekuzzjoni ta' daww responsabbli għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem;

8. Fid-dawl tal-abbużi u l-ksur gravi kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem, jekk il-"Liġi dwar l-Aġenti Barranin", il-"Liġi Speċjali dwar iċ-Ċiberkriminalità", u l-"Liġi kontra r-Reati ta' Mibegħda" proposti jiġu adottati, jekk il-Gvern tan-Nikaragwa jkompli ma jkollux ir-rieda li jniedi djalogu nazzjonali għal riforma elettorali xierqa, u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika fin-Nikaragwa tkompli, jitlob li l-Kunsill, malajr, ikabbar il-lista ta' individwi u entitajiet li għandhom jiġu sanzjonati, inklużi l-President u l-Viċi-President, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali biex dawn ma jkunux ta' ħsara għall-poplu tan-Nikaragwa; itenni t-talba urġenti tiegħu għal mekkaniżmu globali tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kunsill jadotta dan il-mekkaniżmu permezz ta' deċiżjoni relatata mal-interessi u l-obiettivi strateġiċi tal-Unjoni skont l-Artikolu 22(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

9. Jitlob li tintbagħat delegazzjoni tal-Parlament fin-Nikaragwa kemm jista' jkun malajr sabiex tkompli timmonitorja s-sitwazzjoni fil-pajjiż u jhegġegħ lill-awtoritajiet tan-Nikaragwa jippermettulha dħul mingħajr xkiel fil-pajjiż, u aċċess għall-interlokuturi u l-faċilitajiet kollha;

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

10. Ifakkar fit-talba tiegħu, fir-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2019, għall-estradizzjoni immedjata ta' Alessio Casimirri, li għadu jgħix f'Managua taħt il-protezzjoni tal-Gvern tan-Nikaragwa, lejn l-Italja, fejn irid jiskonta sitt sentenzi definittivi ta' għomor il-ħabs għall-involviment ippruvat tiegħu fil-ħtif u l-qtil tal-ex Prim Ministru u l-mexxej tal-partit Demokristjan Aldo Moro u l-qtil tal-gwardji tiegħu fis-16 ta' Marzu 1978 f'Ruma;
  11. Jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, flimkien mar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, biex ikompli u jżid l-appoġġ materjali u tekniku tiegħu lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-istrumenti tal-midja indipendenti fin-Nikaragwa; jistieden lid-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea għan-Nikaragwa u lill-Istati Membri b'missjonijiet diplomatiċi fuq il-post biex jimplimentaw bis-sħiħ il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem;
  12. Ifakkar li, fid-dawl tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Amerka Ċentrali, in-Nikaragwa jeħtiġilha tirrispetta u tikkonsolida l-prinċipji tal-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, u jtenni t-talba tiegħu li, fid-dawl taċ-ċirkostanzi attwali, tiskatta l-klawżola demokratika tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni;
  13. Jenfasizza li l-assistenza tal-UE lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandha tinżamm u tissaħħaħ biex itaffi l-impatt tal-COVID-19;
  14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, lill-Assemblea Parlamentari Ewro-Latino-Amerikana, lill-Parlament tal-Amerka Ċentrali, lill-Grupp ta' Lima, u lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tan-Nikaragwa.
-

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

P9\_TA(2020)0260

## Is-sitwazzjoni tal-migranti Etopjani fiċ-ċentri tad-detenzjoni fl-Arabja Sawdija

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar is-sitwazzjoni tal-migranti Etopjani fiċ-ċentri tad-detenzjoni fl-Arabja Sawdija (2020/2815(RSP))

(2021/C 395/08)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Arabja Sawdija, b'mod partikolari dawk tal-11 ta' Marzu 2014 dwar l-Arabja Sawdija, ir-relazzjonijiet tagħha mal-UE u r-rwol tagħha fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika ta' Fuq<sup>(1)</sup>, tat-12 ta' Frar 2015 dwar il-każ tas-Sur Raif Badawi<sup>(2)</sup>, tat-8 ta' Ottubru 2015 dwar il-każ ta' Ali Mohammed al-Nimr<sup>(3)</sup>, tal-31 ta' Mejju 2018 dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tan-nisa fl-Arabja Sawdija<sup>(4)</sup>, u tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-qtil tal-ġurnalist Jamal Khashoggi fil-konsulat Sawdi f'Istanbul<sup>(5)</sup>, kif ukoll tal-25 ta' Frar 2016 dwar is-sitwazzjoni umanitarja fil-Jemen<sup>(6)</sup> u tat-30 ta' Novembru 2017<sup>(7)</sup> u tal-4 ta' Ottubru 2018 dwar is-sitwazzjoni fil-Jemen<sup>(8)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Mejju 2018 dwar il-protezzjoni tat-tfal migranti (2018/2666(RSP))<sup>(9)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' April 2017 dwar l-indirizzar tal-movimenti tar-rifuġjati u tal-migranti ir-rwol tal-azzjoni esterna tal-UE (2015/2342(INI))<sup>(10)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM) tal-15 ta' Settembru 2020 bit-titolu "Urgent Action Needed to Address Conditions in Detention in Kingdom of Saudi Arabia: IOM Director General", (Meħtieġa Azzjoni Urġenti biex tindirizza l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fir-Renju tal-Arabja Sawdija: Direttur Ġenerali IOM),
  - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tad-19 ta' Diċembru 2018 bit-titolu "Global Compact for Safe, Orderly and Regular Migration" (Patt Globali għal Migrazzjoni Sikura, Ordinata u Regolari),
  - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u tal-Membri tal-Familji tagħhom,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 144 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi minn April 2020, skont ir-rapporti tal-Human Rights Watch, madwar 30 000 migrant Etopjan, inklużi nisa tqal u tfal, qed jinżammu arbitrarjament fl-Arabja Sawdija taħt kundizzjonijiet orribbli wara li tkeċċew bil-forza mit-tramuntana tal-Jemen mill-awtoritajiet Houthis; billi ħafna minn dawn il-migranti allegatament qasmu l-fruntiera taħt spjar mill-forzi Sawdi u Houthis; billi ġie rrapportat li 2 000 migrant li għadhom maqbuda fuq in-naħa Jemenita tal-fruntiera taħt kundizzjonijiet ħżiena aggravati mit-tifqigħa tal-COVID-19 jinsabu kompletament imċaħħda mill-aċċess għall-ħtiġijiet bażiċi;
- B. billi l-ħaddiema migranti nqabdu b'mod vjolenti mill-forzi Sawdin u ġew detenuti fiċ-ċentru tad-detenzjoni ta' Al-Dayer, qabel ma ġew trasferiti f'għaxar ċentri ta' detenzjoni oħra, b'mod partikolari l-Ħabs ta' Shmeisi bejn il-bliet ta' Jeddah u Mecca, u l-Ħabs Ċentrali Jizan, li allegatament jospita eluf ta' detenuti Etopjani; billi skont l-awtoritajiet konsulari tal-Etopja, dawn ma għandhomx biżżejjed ikel u ilma, sanità u kura tas-saħħa adegwati, u l-ġrieħi minn spjar ma ġew imdewwija; billi ġew irrappurtati diversi mwiet, inklużi ta' tfal, u diversi detenuti ppruvaw itemmu ħajjithom; billi ġie rrapportat li dawk li ilmentaw dwar il-kundizzjonijiet tagħhom mal-gwardji ġew ittorturati severament mill-forzi tas-sigurtà tal-Arabja Sawdija;

<sup>(1)</sup> ĠU C 378, 9.11.2017, p. 64.

<sup>(2)</sup> ĠU C 310, 25.8.2016, p. 29.

<sup>(3)</sup> ĠU C 349, 17.10.2017, p. 34.

<sup>(4)</sup> ĠU C 76, 9.3.2020, p. 142.

<sup>(5)</sup> ĠU C 345, 16.10.2020, p. 67.

<sup>(6)</sup> ĠU C 35, 31.1.2018, p. 142.

<sup>(7)</sup> ĠU C 356, 4.10.2018, p. 104.

<sup>(8)</sup> ĠU C 11, 13.1.2020, p. 44.

<sup>(9)</sup> ĠU C 41, 6.2.2020, p. 41.

<sup>(10)</sup> ĠU C 298, 23.8.2018, p. 39.



Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

- C. billi l-ħaddiema migranti, inklużi dawk mill-pajjiżi Afrikani u Asjatiċi, jammontaw għal madwar 20 % tal-popolazzjoni tal-Arabja Sawdija u kellihom rwol essenzjali fl-ekonomija tal-Arabja Sawdija u pajjiżi oħra fir-reġjun, fil-biċċa l-kbira b'impjiegi b'pagi baxxi u spiss b'xogħol fiżikament diffiċli; billi l-isfruttament u l-abbuż tagħhom b'ħala ħaddiema b'pagi baxxi bi ftit jew l-ebda aċċess għad-drittijiet ġew dokumentati sew f'bosta rapporti min-NU u minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħra;
- D. billi skont is-sistema Kafala, sistema ta' sponsorizzazzjoni abbużiva tal-viżi indikata mill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem b'ħala skjavitù moderna, il-ħaddiema migranti ma jstgħux jidħlu jew joħorġu mill-pajjiż jew jibdlu l-impjieg minghajn il-kunsens tal-isponsor tagħhom, ma għandhom protezzjoni legali, u spiss ma jitħallsux jew jitħallsu b'mod insuffiċjenti; billi l-Arabja Sawdija hija rrapportata li qed tikkunsidra li tabolixxi s-sistema Kafala;
- E. billi, b'ħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19 li għaddejjja b'haliessa, il-pessjoni qed tiżdied fuq gruppi vulnerabbli, b'mod partikolari l-ħaddiema migranti, fl-Arabja Sawdija u f'pajjiżi oħra fir-reġjun, u dan wassal għal livell ogħla ta' diskriminazzjoni u ta' ostilità lejhom; billi l-migranti spiss jiġu stigmatizzati b'ħala li allegatament ittrażmettew il-virus tal-COVID-19, u dan iwassal biex ħafna drabi jitilfu l-impjieg tagħhom u jitpoġġew f'sitwazzjonijiet perikolużi ħafna minghajn ebda akkomodazzjoni jew salarju u għalhekk bi ftit li xejn meżżi biex jirregolarizzaw l-istatus tagħhom jew jiffinanzjaw ritorn possibbli lejn pajjiżhom waħedhom;
- F. billi f'Novembru 2017, l-Arabja Sawdija nediet kampanja mmirata lejn il-migranti akkużati bi ksur tar-regolamenti u l-iġijiet residenzjali, tas-sigurtà tal-fruntieri u tax-xogħol; billi f'Settembru 2019, l-awtoritajiet ħabbru li l-kampanja kienet wasslet għal aktar minn 3,8 miljun arrest u kienet irreferiet 'il fuq minn 962 000 individwu għad-deportazzjoni; billi madwar 380 000 Etjopjan ġew deportati mill-Arabja Sawdija lejn l-Etjopja bejn Mejju 2017 u April 2020, skont l-IOM;
- G. billi l-Gvern Etjopjan huwa konxju mill-kundizzjonijiet terribbli li taħthom qed jinżammu ċ-ċittadini Etjopjani fl-Arabja Sawdija; billi t-trasferiment ta' fondi minn Etjopjani barra mill-pajjiż jiffurmaw parti importanti mill-ekonomija Etjopjana u huma fundamentali għal ħafna familji;
- H. billi l-awtoritajiet Sawdin ma wettqu l-ebda investigazzjoni effettiva minkejja li ddikjaraw li kienu se jinvestigaw il-kwistjoni fil-bidu ta' Settembru 2020; billi l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni marru għall-agħar, peress li d-detenu ti minn dak iż-żmien 'l hawn ġew insawta u tteħdulhom il-mowbajls tagħhom;
- I. billi t-trattament ħażin tal-migranti hu parti minn xejra usa' ta' abbużi mifruxa tad-drittijiet tal-bniedem fl-Arabja Sawdija; billi l-awtoritajiet Sawdin użaw ir-restrizzjonijiet imposti mill-ħtieġa li jiġġieldu l-COVID-19 b'ħala kopertura biex ikomplu jiksru d-drittijiet tal-bniedem tal-priġunieri politiċi, b'ħali fil-kas ta' Loujain al-Hathloul, difensur tad-drittijiet tan-nisa, u ta' membri li ma jaqblux mal-familja fil-gvern, b'ħali-Prinċipessa Basmah bimt Saud u l-Prinċep Salman bin Abdulaziz bin Salman, billi żammewhom f'detenzjoni arbitrarja u sigrieta; billi l-arresti ta' dawn u ta' attivisti politiċi oħra huma parti minn repressjoni severa fuq id-dissidenza mill-awtoritajiet Sawdin, li tinkludi l-qtil tal-ġurnalist Jamal Khashoggi fil-konsulat Sawdi f'Istanbul fl-2018, li għalih għadu ħadd ma nstab responsabbli;
- J. billi, skont ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, qed jitwettqu abbużi mill-awtoritajiet tal-Arabja Sawdija bl-użu ta' teknoloġija ta' sorveljanza elettronika; billi l-Arabja Sawdija għadha waħda mill-ħames pajjiżi ewlenin fid-dinja li twettaq eżekuzzjonijiet;
- K. billi r-Renju tal-Arabja Sawdija għandu wieħed mill-aktar livelli baxxi ta' ratifika tat-trattati internazzjonali ewlenin dwar id-drittijiet tal-bniedem, u ma rratifikax l-istrumenti ewlenin rilevanti għall-protezzjoni kontra d-detenzjoni arbitrarja u d-detenzjoni tal-immigrazzjoni, inkluż il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni kontra t-Tortura (li jipprevedi mekkaniżmi nazzjonali ta' prevenzjoni u żjarat ta' monitoraġġ tad-detenzjoni), il-Konvenzjoni dwar il-Ħaddiema Migranti, il-Konvenzjoni dwar ir-Rifuġjati u l-Konvenzjoni dwar l-Apolidija;
- L. billi fil-laqgħa tiegħu mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Arabja Sawdija, Faisal Bin Farhan Al Saud fi Brussell fid-29 ta' Settembru 2020, ir-Rappreżentant Għoli Josep Borrell tenna l-intenzjoni tal-UE li tintensifika d-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem;

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

1. Jikkundanna bil-qawwa t-trattament ħażin tal-migranti Etjopjani u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom, b'mod partikolari fiċ-ċentri tad-detenzjoni fl-Arabja Sawdija; jistieden lill-awtoritajiet tal-Arabja Sawdija jeħilsu minnufih lid-detenu kollha, filwaqt li jagħtu prijorità lil dawk li jinsabu fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli, inklużi n-nisa u t-tfal;
2. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Arabja Sawdija jiżguraw li kull persuna li tidħol fl-Arabja Sawdija mill-Jemen titħalla tagħmel dan b'mod sikur u tiġi ttrasferita lejn ċentru ta' akkoljenza xieraq li jissodisfa l-istandards internazzjonali rigward l-ikel, is-servizzi mediċi u tas-saħħa, l-installazzjonijiet sanitarji, l-iġjene personali, bi twieqi u dawl, ħwejjeġ, spazju tal-art, temperatura, ventilazzjoni u eżerċizzju fil-beraħ, kif ukoll il-prekawzzjonijiet kollha meħtieġa biex tiġi limitata t-trażmissjoni tal-COVID-19, it-tuberkulożi u mard ieħor; jitlob li jsiru tentattivi biex jinstabu alternattivi mhux ta' kustodja għad-detenzjoni għall-migranti u r-rifugiati, u jirrifjuta f'dan is-sens kwalunkwe trattament inuman jew degradanti tal-migranti;
3. Iħeġġeġ lill-Arabja Sawdija ttejjem immedjatament it-tortura u trattament ħażin ieħor fid-detenzjoni, u tipprovdi kura mentali u fiżika xierqa lil kulħadd, b'attenzjoni partikolari għas-superstiti tal-istupru; ifakkar li, kif iċċarat mill-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Tfal, it-tfal qatt ma għandhom jinżammu għal finijiet ta' immigrazzjoni, u li qatt ma jista' jiġi ġġustifikat li d-detenzjoni tkun fl-aħjar interessi ta' t-tfal; jistieden lill-awtoritajiet tal-Arabja Sawdija jeħilsu b'urġenza lit-tfal flimkien mal-membri tal-familja tagħhom, u jipprovdu alternattivi sikuri mhux ta' kustodja għad-detenzjoni li l-aġenziji umanitarji jista' jkollhom aċċess għalihom b'mod regolari;
4. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Arabja Sawdija jwettqu investigazzjoni indipendenti u imparzjali dwar l-allegazzjonijiet kollha ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-isparar fuq il-migranti fil-fruntiera u l-qtil illegali, it-tortura u trattament ħażin ieħor matul id-detenzjoni, iżommu lill-awturi kollha responsabbli fi proċessi ġusti li jissodisfaw l-istandards internazzjonali mingħajr rikors għall-piena tal-mewt jew il-kastig korporali, u jipprovdu kura mentali u fiżika xierqa lil dawk li sofrew taħt kundizzjonijiet terribbli;
5. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Arabja Sawdija jippermettu minnufih lill-osservaturi internazzjonali indipendenti, inkluż ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, biex jidħlu fil-pajjiż, jimmonitorjaw regolarment il-ħabs u l-faċilitajiet ta' detenzjoni, iwettqu investigazzjonijiet imparzjali dwar allegazzjonijiet ta' tortura u mwiet suspettużi fid-detenzjoni, u jwettqu żjarat privati u regolari mal-primunieri;
6. Itenni t-talba tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem għall-ħelsien ta' kull persuna detenuta mingħajr bażi legali suffiċjenti, filwaqt li jiġi żgurat aċċess adegwat għall-kura tas-saħħa u jinħolqu kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni xierqa ta' miżuri ta' mitigazzjoni tal-pandemija, inkluż it-tbeġhid soċjali;
7. Ifakkar għal darb'oħra lill-awtoritajiet tal-Arabja Sawdija fl-obbligi internazzjonali tagħhom skont id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra;
8. Jirrikonoxxi li l-ġid u l-prosperità tal-ekonomija tal-Arabja Sawdija hija dovuta inparti għal madwar 13-il miljun ħaddiem barrani u migrant fil-pajjiż, u għalhekk jinnota li l-proċess ta' modernizzazzjoni domestika li għaddej bħalissa jeħtieġ li jinkludi riforma tal-politiki tax-xogħol u tal-immigrazzjoni sabiex jiġu pprovduti kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati għall-ħaddiema barranin u biex jiġu evitati l-istigmatizzazzjoni u l-isfruttament tagħhom;
9. Jistieden lill-Gvern tal-Arabja Sawdija jaħdem mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol biex jabolixxi b'mod sħiħ is-sistema Kafala u jipprovdi salvagwardji legali adegwati lill-ħaddiema migranti kollha fil-pajjiż, inkluż permezz ta' spezzjonijiet strutturali tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom; jinsab imħasseb dwar l-impatt partikolarment negattiv tad-diskriminazzjoni sistemika tan-nisa migranti, u b'mod partikolari tal-ħaddiema domestiċi migranti li huma aktar vulnerabbli għall-abbuż fiżiku, siġhat tax-xogħol estremament twal u nuqqas ta' libertà ta' moviment, u li spiss ibatu mill-fatt li l-impjegaturi tagħhom ikollhom kontroll fuq it-trasferiment ta' xogħolhom jew it-tluq tagħhom mill-pajjiż; jistieden lill-Gvern tal-Arabja Sawdija jirratifika l-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni (Nru 87) u dwar id-Dritt ta' Organizzazzjoni u tal-Innegozjar Kollettiv (Nru 98);
10. Jitlob garanziji li mhux se jkun hemm ritorni tal-massa u li l-applikazzjonijiet għall-asil se jiġu eżaminati fuq bażi ta' każ b'każ;

11. Jistieden lill-Gvern tal-Etjopja jiffaċilita r-ripatrijazzjoni volontarja, sikura u dinjituża tal-migranti Etjopjani kollha malajr kemm jista' jkun, inkluż billi jinvolvi ruħu mal-IOM, filwaqt li jagħti prijorità lin-nisa, lit-tfal u lill-persuni vulnerabbli; jitlob li l-assistenza u ż-żjarat konsulari jsiru disponibbli għaċ-ċittadini detenuti kollha fl-Arabja Sawdija, u jhegġegħ lill-Gvern Etjopjan iwieġeb fil-ħin u b'mod effettiv għat-talbiet għal appoġġ;
12. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-Patt Globali tan-NU għal Migrazzjoni Sikura, Ordната u Regolari, peress li jippromwovi standards li jippermettu lill-pajjiżi ospitanti jipproteġu aħjar id-drittijiet fundamentali tal-bniedem ta' gruppi vulnerabbli, bħall-migranti ekonomiċi Etjopjani maqbuda fl-Arabja Sawdija u fil-Jemen;
13. Jirrikonoxxi l-fatt li kemm l-Arabja Sawdija kif ukoll l-Etjopja għandhom interess reċiproku fl-istabbiliment ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni dwar il-mobbiltà li huwa maħsub biex jiffaċilita l-komplementarjetajiet tas-swieġ tax-xogħol tagħhom, u jfakkar li l-Patt Globali tan-NU għal Migrazzjoni Sikura, Ordната u Regolari jipprovdi pariri u bini ta' kapaċità f'dan il-qasam;
14. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar iż-żieda fir-repressjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fl-Arabja Sawdija u l-proċessi inguсти għall-aħħar tal-migranti u tal-membri tal-minoranza Shi' a tal-pajjiż; jinnota t-tħabbira reċenti li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet is-swat bħala forma ta' kastig se jiġi sostitwit bi żmien il-ħabs; ihegġegħ lill-Gvern tal-Arabja Sawdija jimponi moratorju immedjat fuq il-piena tal-mewt u kwalunkwe forma ta' kastig korporali, inklużi l-amputazzjoni u s-swat, bil-għan li jiġu kompletament aboliti;
15. Jistieden lis-SEAE u lill-Istati Membri jitolbu li l-Arabja Sawdija teħles minnufih lil dawk kollha detenuti b'mod inguст talli eżerċitaw id-drittijiet bażiċi tagħhom, inklużi d-difensuri tad-drittijiet tan-nisa, l-attivisti politiċi u oħrajn; jesprimi tħassib dwar is-sitwazzjoni tar-rebbieħ tal-Premju Sakharov 2015, Raif Badawi, li allegatament kien soġġett għal attentat ta' qtil waqt li kien il-ħabs, u jitlob il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tiegħu;
16. Jistieden lir-Renju tal-Arabja Sawdija jastjeni minn kwalunkwe diskriminazzjoni sistemika kontra n-nisa, il-migranti, inklużi n-nisa migranti, u l-minoranzi, inklużi l-minoranzi reliġjużi; jiddeplora l-fatt li, minkejja li jilqa' r-riformi għan-nisa sa mill-2019, liġijiet diskriminatorji kontra n-nisa, inkluż fir-rigward tal-istatus personali tagħhom, u s-sistema ta' tutela maskili, għad iridu jiġu aboliti għalkollox;
17. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Arabja Sawdija jeħilsu mingħajr kundizzjonijiet lid-difensuri kollha tad-drittijiet tan-nisa, b'mod partikolari l-attivisti tal-Moviment tad-Dritt tan-Nisa li Jsqu, Loujain al-Hathloul u Fahad Albutairi, Samar Badawi, Nassima al-Sada, Nouf Abdulaziz u Maya'a al-Zahrani, u jwaqqgħu l-akkużi kollha kontrihom u kontra Iman al-Nafjan, Aziza al-Yousef, Amal al-Harbi, Ruqayyah al-Mharib, Shadan al-Anezi, Abir Namankni u Hatoon al-Fassi jikkundanna bil-qawwa kull tortura, abbuż sesswali u forom oħra ta' trattament ħażin li jiġu imposti fuqhom; jitlob li ssir investigazzjoni imparzjali dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom u jitlob li l-awturi kollha jitressqu quddiem il-guстиżzja;
18. Jistieden lill-Gvern tal-Arabja Sawdija jemenda l-Artikolu 39 tal-Liġi Bażika tal-1992 u l-Liġi Kontra l-Kriminalità Ċibernetika biex jiggarantixxi l-libertà tal-istampa u tal-espressjoni kemm offline kif ukoll online; jistieden lill-Gvern tal-Arabja Sawdija jemenda l-Liġi tiegħu dwar l-Assoċjazzjonijiet b'konformità mad-dritt internazzjonali biex jippermetti l-istabbiliment u l-operat ta' organizzazzjonijiet indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem;
19. Ihegġegħ lill-awtoritajiet tal-Arabja Sawdija jippermettu lir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-migranti u lir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem aċċess bla xkiel għall-pajjiż b'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom;
20. Jistieden lid-delegazzjoni tal-UE u lill-missjonijiet diplomatiċi tal-Istati Membri tal-UE fl-Arabja Sawdija biex jitolbu b'urġenza permess biex iżuru ċ-ċentri ta' detenzjoni tal-migranti; jinsisti li l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem trid tkun fil-qalba tal-politika esterna tal-UE;
21. Ihegġegħ lill-VP/RGħ, lis-SEAE u lill-Istati Membri, flimkien mar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, biex jagħtu bidu għall-iżvilupp ta' approċċ komuni lejn l-implimentazzjoni effettiva tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Arabja Sawdija; jistieden, f'dan is-sens, lill-VP/RGħ jidentifika punti ta' riferiment u għanijiet prattiċi speċifiċi qabel ma jniedi djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-Arabja Sawdija;

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

22. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Arabja Sawdija jirratifikaw il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, ineħħu r-riżervi li saru għall-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW), jirratifikaw il-Protokoll Fakultattiv għas-CEDAW, u jirratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-ħarsien tal-ħaddiema migranti kollha u tal-membri tal-familji tagħhom, il-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni kontra t-Tortura, il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 u l-Konvenzjoni dwar l-Apolidija; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Arabja Sawdija jestendu stedina permanenti lill-Proċeduri Speċjali kollha tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (HRC) biex iżuru l-pajjiż; jitlob li jiġi stabbilit Rapporteur Speċjali tan-NU dwar l-Arabja Sawdija, b'konformità mal-Proċeduri Speċjali l-oħra tal-HRC maħluqa għall-aktar sitwazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja;
23. Itenni t-talba tiegħu biex jintemmu l-esportazzjonijiet lejn l-Arabja Sawdija ta' teknoloġija ta' sorveljanza u tagħmir ieħor li jista' jiffaċilita r-ripressjoni interna;
24. Iħeġġeġ għal darb'oħra lill-Kunsill biex jadotta l-mekkaniżmu ta' sanzjonijiet tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem bħala deċiżjoni relatata mal-interessi u l-oġettivi strateġiċi tal-Unjoni skont l-Artikolu 22(1) tat-TUE u biex jiżgura li, hekk kif jiġi adottat, jiġu applikati malajr sanzjonijiet immirati mal-UE kollha għal dawk responsabbli għall-qtil tal-ġurnalist Jamal Khashoggi;
25. Iħeġġeġ lill-President tal-Kunsill Ewropew tal-Ministri, lill-President tal-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jnaqqsu r-rappreżentanza istituzzjonali u diplomatika tal-UE fis-Summit tal-Mexxejja tal-G20, sabiex tiġi evitata l-leġittimizzazzjoni tal-impunità għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-detenzjonijiet illegali u arbitrarij kontinwi fl-Arabja Sawdija;
26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Gvern tat-Turkija, lill-Maestà Tiegħu r-Re Salman bin Abdulaziz Al Saud u lill-Prinċep Eredi Mohammad Bin Salman Al Saud, lill-Gvern tar-Renju tal-Arabja Sawdija, kif ukoll lis-Segretarju Ġenerali taċ-Ċentru għad-Djalogu Nazzjonali tar-Renju tal-Arabja Sawdija; jitlob li din ir-riżoluzzjoni tiġi tradotta għall-Għarbi;
-

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

P9\_TA(2020)0264

**L-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-Bulgarija****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-Bulgarija (2020/2793(RSP))**

(2021/C 395/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 4, 6, 7, 9 u 10 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), u l-Artikolu 20 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress fil-Bulgarija (CVM) sabiex tindirizza punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata<sup>(1)</sup>, ir-rapporti annwali korrispondenti għall-perjodu 2007-2019 u r-rapport tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2019 dwar il-Progress fil-Bulgarija taħt is-CVM (COM(2019)0498),
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż tas-Semestru Ewropew dwar il-Bulgarija ppubblikati fl-20 ta' Mejju 2020 (COM(2020)0502),
- wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-5 ta' Novembru 2009 fil-kawża ta' *Kolevi vs. il-Bulgarija* <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Kummissjoni tal-2019 dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-Baġit tal-UE,
- wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1 ta' Lulju 2014 fil-kawża ta' *Dimitrov u oħrajn vs. il-Bulgarija* <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għall-2019,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja tad-9 ta' Diċembru 2019 dwar abbozz ta' emendi għall-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali tal-Bulgarija u l-Att dwar is-Sistema Ġudizzjarja, dwar investigazzjonijiet kriminali kontra maġistrati tal-ogħla livell,
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 06/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "L-indirizzar tal-frodi fl-infiq fil-qasam tal-koeżjoni tal-UE: jeħtieġ li l-awtoritajiet maniġerjali jsaħħu l-identifikazzjoni, ir-rispons u l-koordinazzjoni",
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja tad-9 ta' Ottubru 2017 dwar l-Att dwar is-Sistema Ġudizzjarja tal-Bulgarija,
- wara li kkunsidra l-opinjoni konġunta tal-Kummissjoni ta' Venezja u tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR) tal-OSKE, tad-19 ta' Ġunju 2017 dwar emendi għall-Kodiċi Elettorali tal-Bulgarija,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja tat-23 ta' Ottubru 2015 dwar l-abbozz ta' att li jemenda u jissupplimenta l-Kostituzzjoni (fil-qasam tal-ġudikatura) tar-Repubblika tal-Bulgarija,

<sup>(1)</sup> ĠU L 354, 14.12.2006, p. 58.

<sup>(2)</sup> Is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-5 ta' Novembru 2009, *Kolevi vs. il-Bulgarija* (applikazzjoni Nru 1108/02).

<sup>(3)</sup> Is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1 ta' Lulju 2014, *Dimitrov u oħrajn vs. il-Bulgarija* (applikazzjoni Nru 77938/11).

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

- wara li kkunsidra d-deċizzjoni tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa tat-3 ta' Settembru 2020 dwar l-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawżi *S.Z. vs. il-Bulgarija* u *Kolevi vs. il-Bulgarija*,
  - wara li kkunsidra r-rapport annwali għall-2020 mill-organizzazzjonijiet sħab għall-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Promozzjoni tal-Protezzjoni tal-Ġurnaliżmu u s-Sikurezza tal-Ġurnalisti,
  - wara li kkunsidra r-Risoluzzjoni 2296 (2019) tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, tas-27 ta' Ġunju 2019, dwar id-djalogu wara l-monitoraġġ mal-Bulgarija,
  - wara li kkunsidra l-Azzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa kontra l-Kriminalità Ekonomika u l-Korruzzjoni,
  - wara li kkunsidra t-tieni rapport ta' konformità dwar il-Bulgarija, tas-6 ta' Diċembru 2019, mill-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa (GRECO),
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, tat-3 ta' Settembru 2020, dwar il-vjolenza tal-pulizija kontra l-ġurnalisti fil-Bulgarija u r-rapport tagħha wara ż-żjara tagħha fil-Bulgarija mill-25 sad-29 ta' Novembru 2019,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant tal-OSKE għal-Libertà tal-Media tat-18 ta' Marzu 2020 dwar l-attakk brutali fuq il-ġurnalist Bulgaru Slavi Angelov,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-President tal-Konferenza tal-INGOs tal-Kunsill tal-Ewropa, tad-9 ta' Lulju 2020, dwar l-emendi proposti għall-Att dwar Entitajiet Legali Mingħajr Skop ta' Qligħ tal-Bulgarija,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tar-Rapporteurs Speċjali tan-NU dwar ir-razziżmu u dwar il-kwistjonijiet ta' minoranzi, tat-13 ta' Mejju 2020,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-vjolenza kontra n-nisa, il-kawżi u l-konsegwenzi tagħha, tal-21 ta' Ottubru 2019,
  - wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet konklużivi reċenti tal-Korpi tat-Trattati tan-NU dwar il-Bulgarija,
  - wara li kkunsidra l-proposta għal kostituzzjoni ġdida tar-Repubblika tal-Bulgarija ppreżentata fis-17 ta' Awwissu 2020,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Mejju 2018 dwar il-pluraliżmu tal-midja u l-libertà tal-midja fl-Unjoni Ewropea (\*),
  - wara li kkunsidra d-dibattitu tiegħu dwar l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-Bulgarija tal-5 ta' Ottubru 2020,
  - wara li kkunsidra d-diskussjoni li saret fil-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern fl-10 ta' Settembru 2020 dwar is-sitwazzjoni attwali tas-CVM,
  - wara li kkunsidra l-iskambji ta' fehmiet li saru mill-Grupp ta' Monitoraġġ tad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali minn meta twaqqaf mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern fil-5 ta' Settembru 2019, b'mod partikolari l-iskambju ta' fehmiet li sar fit-28 ta' Awwissu 2020 dwar is-sitwazzjoni fil-Bulgarija,
  - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2020 intitolata "Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt: Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea" (COM(2020)0580) u d-dokument ta' akkumpanjament intitolat "Il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Bulgarija" (SWD(2020)0301),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, u billi dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn il-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel huma prevalenti (Artikolu 2 tat-TUE);

(\*) ĠU C 41, 6.2.2020, p. 64.

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

- B. billi l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-valuri u l-prinċipji minquxa fit-Trattati tal-UE u fi strumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, huma obbligi li jaqgħu fuq l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u jridu jiġu osservati;
- C. billi l-Artikolu 6(3) tat-TUE jafferma li d-drittijiet fundamentali, kif iggarantiti mill-KEDB u kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, jikkostitwixxu prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni;
- D. billi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipji minquxa fiha huma parti mid-dritt primarju tal-Unjoni;
- E. billi l-libertà ta' espressjoni u l-libertà u l-pluraliżmu tal-media huma minquxa fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u fl-Artikolu 10 tal-KEDB;
- F. billi l-indipendenza tal-ġudikatura hija rekwiżit essenzjali tal-prinċipju demokratiku tas-separazzjoni tas-setgħat u hija minquxa fl-Artikolu 19(1) tat-TUE, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Artikolu 6 tal-KEDB;
- G. billi l-Unjoni topera abbażi tal-preżunzjoni ta' fiduċja reċiproka li l-Istati Membri jaġixxu f'konformità mad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, kif minqux fil-KEDB u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;
- H. billi l-istat tad-dritt huwa wieħed mill-valuri komuni li fuqhom hija bbażata l-Unjoni u huwa prekundizzjoni għall-funzjonament effettiv tal-Unjoni kollha, u billi l-Kummissjoni, flimkien mal-Parlament u l-Kunsill, hija responsabbli skont it-Trattati biex tiggarrantixxi r-rispett għall-istat tad-dritt bħala valur fundamentali tal-Unjoni u tiżgura li d-dritt, il-valuri u l-prinċipji tal-Unjoni jiġu rispettati;
- I. billi r-rifjut sistematiku ta' Stat Membru wieħed li jikkonforma mal-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattati li aderixxa magħhom b'mod ħieles jaffettwa u jhedded lill-Unjoni kollha kemm hi; billi nuqqas ta' reazzjoni għal dan it-tip ta' sitwazzjoni jdgħajfef il-kredibbiltà tal-Unjoni;
- J. billi l-Kummissjoni ta' Venezja u l-ODIHR tal-OSKE sabu li l-kodiċi elettorali Bulgaru jxekkel id-diversità lingwistika u d-drittijiet tal-vot taċ-ċittadini li jgħixu barra mill-pajjiż<sup>(5)</sup>;
- K. billi għadd ta' inċidenti ġew irrappurtati fis-snin reċenti li kienu jinvolvu l-użu ta' diskors ta' mibegħda kontra l-minoranzi, inkluż mill-ministri tal-gvern; billi l-immunità parlamentari tintuża sistematikament biex tippoteġi lill-membri tal-Assemblea Nazzjonali Bulgara mill-obbligu ta' rendikont għal diskors ta' mibegħda<sup>(6)</sup>;
- L. billi, f'dawn l-aħħar snin, ir-rapporti dwar l-użu ħażin tal-fondi tal-Unjoni fil-Bulgarija żdiedu, u għandhom jiġu investigati bir-reqqa; billi f'dawn l-aħħar xhur, iċ-ċittadini Bulgari raw għadd kbir ta' allegazzjonijiet ta' korruzzjoni fil-livelli għolja, li xi wħud minnhom involvew direttament lill-Prim Ministru; billi, barra minn hekk, f'dawn l-aħħar xhur, il-media internazzjonali rrapportat ripetutament interkonnessjonijiet possibbli bejn gruppi kriminali u awtoritajiet pubbliċi fil-Bulgarija;
- M. billi l-Uffiċċju tal-Prosekutur ressaq akkużi kontra l-eks Ministru għall-Ambjent u l-Ilma u l-eks Viċi Ministru għall-Ambjent u l-Ilma, u l-eks Viċi Ministru għall-Ekonomija, li kollha tkeċċew immedjatament mill-gvern;

<sup>(5)</sup> Opinjoni konġunta tal-Kummissjoni ta' Venezja u tal-ODIHR tal-OSKE dwar emendi għall-Kodiċi Elettorali fil-Bulgarija, 19 ta' Ġunju 2017, CDL-AD(2017)016.

<sup>(6)</sup> Il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, rapport wara ż-żjara tagħha fil-Bulgarija mill-25 sad-29 ta' Novembru 2019, 31 ta' Marzu 2020, p. 33 u p. 38.

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

- N. billi dawn ir-rivelazzjonijiet wasslu għal dimostrazzjonijiet kbar u protesti tas-soċjetà ċivili, li komplew mingħajr waqfien għal aktar minn tliet xhur, u raw lill-Bulgari jitolbu ġustizzja, rispett għall-istat tad-dritt, u ġudikatura indipendenti, u jipprotestaw kontra l-erożjoni tad-demokrazija u l-korruzzjoni endemika; billi t-talbiet tal-protestanti kienu jinkludu r-riżenja tal-gvern u tal-Prosekutur Ġenerali, kif ukoll elezzjonijiet parlamentari immedjati; billi dawn il-protesti allegatament intlaqgħu bi vjolenza sproporzjonata mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi;
- O. billi d-dritt għal protesta huwa dritt fundamentali li ma jstax jiġi soġġett għal projbizzjoni jew miżuri ta' kontroll b'mod ġenerali u assolut u jista' jiġi ristrett biss permezz ta' miżuri tal-pulizija leġittimi, proporzjonati u meħtieġa u f'ċirkostanzi eċċezzjonali; billi l-ebda dimostrazzjoni m'għandha titqies mhix protetta b'dan id-dritt; billi trid tingħata prijorità mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi lit-tferrix volontarju mingħajr l-użu tal-forza; billi l-libertà tal-għaqda timxi id f'id mal-libertà ta' espressjoni, u tiddikjara li kulħadd għandu d-dritt tal-libertà ta' espressjoni, inkluża l-libertà li wieħed ikollu opinjoni u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil minn awtorità pubblika u irrISPETTIVAMENT mill-fruntieri;
- P. billi l-Ministru tal-Intern, il-Ministru tal-Finanzi, il-Ministru tal-Ekonomija u l-Ministru tat-Turiżmu rriżenjaw fil-15 ta' Lulju 2020, u l-Ministru tal-Ġustizzja rriżenja fis-26 ta' Awwissu 2020;
- Q. billi l-Prim Ministru ħabbar li se jirriżenja fil-mument li l-Assemblea Nazzjonali tiddeċiedi li ssejjaħ l-elezzjonijiet tal-Gran Assemblea Nazzjonali (?);
- R. billi għad hemm tħassib serju dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-Bulgarija; billi dan jhedded li jdġhajjef il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet pubbliċi;
- S. billi skont stħarriġ Ewrobarometru speċjali dwar l-attitudnijiet taċ-ċittadini tal-UE fir-rigward tal-korruzzjoni ppubblikat f'Ġunju 2020, 80 % tal-Bulgari intervistati qiesu li l-korruzzjoni hija mifruxa f'pajjiżhom, u 51 % qiesu li l-korruzzjoni zdieget fit-tliet snin preċedenti;
- T. billi skont l-Indiċi tal-Istat tad-Dritt 2020 tal-World Justice Project, il-Bulgarija qiegħda fit-53 post minn 128 pajjiż u, fil-kuntest tal-Unjoni, hija kklassifikata fil-post ta' qabel tal-aħħar; billi skont l-Indiċi dwar il-Perċezzjonijiet tal-Korruzzjoni 2019 ta' Transparency International, ippubblikat fil-bidu ta' din is-sena, il-Bulgarija tinsab fl-aħħar post tal-lista mill-pajjiżi tar-reġjun tal-Unjoni, u hija kklassifikata fl-74 post fid-dinja;
- U. billi soċjetà ċivili attiva u media pluralista jiżvolġu rwol essenzjali fil-promozzjoni ta' soċjetà miftuħa u pluralista u tal-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess demokratiku, u fit-tisħiħ tal-obbligu ta' rendikont tal-gvernijiet; billi l-libertà tal-media fil-Bulgarija qed tiddeterjora, kif jidher ukoll mill-klassifikazzjoni tal-pajjiż fir-rapporti ppubblikati minn Reporters Mingħajr Fruntieri; billi fl-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa tal-2020, ippubblikat lejn l-aħħar ta' April 2020, il-Bulgarija hija kklassifikata fil-111-il post fid-dinja, u fl-aħħar post fost l-Istati Membri tal-UE għat-tielet sena konsekuttiva; billi l-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Promozzjoni tal-Protezzjoni tal-Ġurnaliżmu u s-Sikurezza tal-Ġurnalisti fiha tliet twissijiet tal-Livell 1 ta' ksar sever u dannuż kontra l-libertà tal-media, dwar liema għadha mistennija tweġiba mill-awtoritajiet Bulgari; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-influenza ta' pajjiżi terzi fix-xena tal-media bħala parti minn strateġija akbar għat-tixrid ta' propaganda u diżinformazzjoni kontra l-UE;
- V. billi l-Bulgarija għad għandha ħafna nuqqasijiet istituzzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-indipendenza tal-ġudikatura, nuqqasijiet li ġew rikonoxxuti mill-Kummissjoni matul is-snin fir-rapporti tagħha fl-ambitu tal-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika (CVM); billi, madankollu, fl-aħħar rapport dwar is-CVM, ippubblikat fit-22 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni sabet li l-progress li l-Bulgarija wriet fl-ambitu tas-CVM kien suffiċjenti biex tissodisfa l-impenji li ħadet mal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni, u għalhekk irrakkomandat li jitneħħa l-mekkaniżmu ta' superviżjoni; billi, ladarba qieset l-osservazzjonijiet tal-Parlament u l-Kunsill, il-Kummissjoni għadha trid tieħu deċiżjoni finali fir-rigward tat-tneħħija tas-CVM; billi ittra mill-President Sassoli esprimiet appoġġ għat-tneħħija tas-CVM, iżda saħqet fuq il-ħtieġa li jiġu implimentati u infurzati l-impenji u r-riformi, u enfasizzat is-sitwazzjoni tal-indipendenza tal-ġudikatura, il-korruzzjoni u l-libertà tal-media;
- W. billi l-mekkaniżmu komprensiv il-ġdid għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, kif irrakkomandat mill-Parlament, biċ-ċiklu ta' monitoraġġ annwali tiegħu li japplika bl-istess mod għall-Istati Membri kollha, għandu jkopr u l-valuri kollha minqaxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u għandu fl-aħħar mill-aħħar jissostitwixxi s-CVMs għar-Rumanija u l-Bulgarija;

(?) <https://government.bg/bg/prestentar/novini/obrashtenie-na-ministar-predsedatelya-boyko-borisov>



- X. billi r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt 2020 li ġie ppubblikat dan l-aħħar jirrikonoxxi li l-Bulgarija għad għandha xi sfidi fir-rigward tal-indipendenza tas-sistema ta' prosekuzzjoni fir-rigward tal-eżekuttiv, u jindika n-nuqqas tat-tlestija ta' reġim effettiv ta' obbligu ta' rendikont għall-Prosekutur Ġenerali; billi r-rapport isemmi wkoll tħassib dwar l-effikaċja tal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-aġġudikazzjoni tal-każijiet ta' korruzzjoni fil-Bulgarija; billi fil-qasam tal-libertà tal-media, ir-rapport jenfasizza diversi elementi ta' tħassib, mill-effikaċja tal-awtoritajiet nazzjonali tal-media fil-Bulgarija san-nuqqas ta' trasparenza fir-rigward tas-sjieda tal-media, kif ukoll theddid u attacki kontra l-ġurnalisti;
1. Jiddispijaċi ħafna għall-fatt li l-iżviluppi fil-Bulgarija wasslu għal deterjorament sinifikanti fir-rispett għall-prinċipji tal-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali, inklużi l-indipendenza tal-ġudikatura, is-separazzjoni tas-setgħat, il-għieda kontra l-korruzzjoni u l-libertà tal-medji; jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-poplu tal-Bulgarija fit-talbiet u l-aspirazzjonijiet leġittimi tiegħu għall-ġustizzja, it-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u d-demokrazija;
  2. Jisħaq li huwa fundamentalment importanti li jiġi garantit li l-valuri elenkati fl-Artikolu 2 tat-TUE jkunu rrispettati bis-sħiħ, u li d-drittijiet fundamentali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jkunu garantiti; jistieden lill-awtoritajiet Bulgari jiżguraw ir-rispett sħiħ u bla kundizzjonijiet għal daww il-valuri u d-drittijiet;
  3. Jieħu nota tal-proposta li titlaqqa' l-Gran Assemblea Nazzjonali sabiex tiġi adottata kostituzzjoni ġdida; jisħaq li kwalunkwe riforma kostituzzjonali għandha tkun soġġetta għal dibattitu bir-reqqa u inklużiv u bbażat fuq konsultazzjonijiet xierqa mal-partijiet ikkonċernati kollha, b'mod partikolari s-soċjetà ċivili, u adottata bl-usa' kunsens possibbli; jieħu nota tal-ittra mibgħuta mill-President tal-Assemblea Nazzjonali lill-President tal-Kummissjoni ta' Venezja fit-18 ta' Settembru 2020, li fiha jippreżenta talba uffiċjali għall-għoti ta' appoġġ espert u l-ħruġ ta' opinjoni mill-Kummissjoni ta' Venezja dwar l-abbozz ta' kostituzzjoni ġdida tar-Repubblika tal-Bulgarija; jistieden lill-awtoritajiet Bulgari jfittxu b'mod proattiv evalwazzjoni mill-Kummissjoni ta' Venezja u korpi rilevanti oħra ta' organizzazzjonijiet internazzjonali dwar il-miżuri involuti qabel l-approvazzjoni finali tagħhom;
  4. Jieħu nota tal-adozzjoni fit-tieni qari tal-emendi għall-Kodiċi Elettorali Bulgaru; jinnota bi tħassib li l-Parlament Bulgaru bħalissa jinsab fil-proċess li jadotta liġi elettorali ġdida, filwaqt li l-elezzjonijiet parlamentari ordinarji jridu jsiru sa seba' xhur oħra; jistieden lill-awtoritajiet Bulgari jiżguraw konformità sħiħa tal-leġislazzjoni elettorali mar-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kummissjoni ta' Venezja u tal-ODIHR tal-OSKE, b'mod partikolari fir-rigward tal-istabbiltà tal-elementi fundamentali tal-liġi elettorali, li m'għandhomx ikunu miftuħa għall-emendi inqas minn sena qabel elezzjoni;
  5. Huwa konvint bis-sħiħ li l-Parlament Bulgaru għandu jkollu rwol ċentrali fl-iżguraw tal-obbligu ta' rendikont tal-eżekuttiv u huwa wieħed mill-kontrolli meħtieġa biex jinżamm l-istat tad-dritt; huwa mħasseb dwar il-prattika tal-maġġoranza fil-gvern li tgħaddi leġislazzjoni malajr, ħafna drabi mingħajr dibattitu kif jixraq jew konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati; jieħu nota tal-livell baxx ħafna ta' fiduċja pubblika fil-Parlament Bulgaru<sup>(6)</sup>; jiddispijaċi għar-restrizzjonijiet reċenti imposti fuq il-ġurnalisti fil-bini tal-Assemblea Nazzjonali, li jillimitaw l-aċċess tagħhom għall-membri parlamentari u b'hekk il-possibiltajiet għall-iskrutinju tal-media fuq ix-xogħol tal-leġislatura;
  6. Jinsab ferm imħasseb dwar il-fatt li xi kwistjonijiet sistemiċi fis-sistema ġudizzjarja identifikati mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kummissjoni ta' Venezja għadhom ma ġewx solvuti, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mal-Kunsill Ġudizzjarju Suprem u l-Prosekutur Ġenerali, speċjalment in-nuqqas ta' kwalunkwe mekkaniżmu effettiv għall-obbligu ta' rendikont jew il-kontrolli u l-bilanċi funzjonali fir-rigward tal-ħidma tagħhom; jinsisti li l-awtoritajiet Bulgari jikkonformaw bis-sħiħ mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja u tal-GRECO li jirrigwardaw il-ġudikatura, b'mod partikolari fir-rigward tal-Kunsill Ġudizzjarju Suprem u l-istatus tal-Prosekutur Ġenerali, sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tal-ġudikatura; jinnota li r-rapport tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2019 dwar il-progress fil-Bulgarija fl-ambitu tas-CVM isemmi li sar dibattitu wiesa' fil-media, b'xi partijiet ikkonċernati jesprimu tħassib dwar il-proċedura ta' nomina u l-kandidat ewlieni għall-Prosekutur Ġenerali, u li l-protesti fit-toroq kienu organizzati mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;
  7. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas kontinwu ta' investigazzjonijiet ta' korruzzjoni fil-livelli għolja li jagħtu kwalunkwe riżultat tanġibbli; jinnota li l-korruzzjoni, l-ineffċjenza, u nuqqas ta' obbligu ta' rendikont jibqgħu problemi mifruxa fil-ġudikatura, u li l-fiduċja pubblika fis-sistema ġudizzjarja tibqa' baxxa minħabba l-perċezzjoni li l-maġistrati huma suxxettibbli għall-pressjoni politika u jagħmlu ġustizzja inugwali; jinnota n-numru akbar ta' investigazzjonijiet ta' korruzzjoni fil-livelli għolja, inklużi każijiet b'aspetti transfruntiera, miftuħa kontra uffiċjali ta' grad għoli u persuni ta'

(6) <https://www.gallup-international.bg/43810/public-opinion-political-situation/>

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

interess pubbliku kbir; jinnota bi tħassib id-diskrepanzi bejn id-deċiżjonijiet tal-qrati ta' prim istanza u dawk tal-qrati superjuri, li jikkontribwixxu wkoll għan-nuqqas ta' kundanni finali u effettivi; jiġbed l-attenzjoni għall-hteġa li jitwettqu investigazzjonijiet serji, indipendenti u attivi u li jinkisbu riżultati fl-oqsma tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-kriminalità organizzata u l-ħasil tal-flus, u li jiġu eżaminati bir-reġqa l-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni fil-livelli għoljali ħarġu wara r-reġistrazzjonijiet bl-awdjo fis-sajf tal-2020 u fir-rigward tal-iskandli Apartment-gate u Guesthouse-gate, il-kwistjoni tat-tanker taż-żejt, il-każ tal-proprjetà ta' ħdejn il-baħar ta' Rosenets u l-iskandlu marbut mal-allegat trasferiment illegali ta' flus mill-Bank tal-Iżvilupp Bulgaru, li meta jiġu kkunsidrati kollha f'daqqa jissuġġerixxu nuqqasijiet profondi u sistemiċi fl-istat tad-dritt u fil-miżuri kontra l-korruzzjoni fil-Bulgarija; jesprimi, barra minn hekk, tħassib dwar eżempji inqas prominenti ta' nuqqasijiet fl-istat tad-dritt fil-Bulgarija, bħat-trattament ta' sidien ta' appartamenti f'Sunset Resort, Pomorie; jilqa' b'sodisfazzjon it-twaqqif ta' aġenzija unifikata ġdida kontra l-korruzzjoni fil-Bulgarija; jistieden lill-awtoritajiet Bulgari jiżguraw li l-aġenzija tkun tista' timmaniġġja l-mandat wiesa' tar-responsabbiltajiet tagħha b'mod effettiv, inklużi l-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-konfiska ta' assi illegali;

8. Jesprimi tħassib kbir dwar id-deterjorament serju tal-libertà tal-media fil-Bulgarija matul dawn l-aħħar għaxar snin; jistieden lill-awtoritajiet Bulgari jrawmu ambjent favorevoli għal-libertà ta' espressjoni, b'mod partikolari billi jżidu t-trasparenza tas-sjeda tal-media u jipprevjenu l-konċentrazzjoni eċċessiva tas-sjeda tal-media u tan-networks tad-distribuzzjoni, inkluż permezz tal-applikazzjoni xierqa tal-qafas leġiżlattiv eżistenti, kif ukoll billi jirrevokaw id-dispożizzjonijiet kriminali kontra reati ta' malafama; jissottolinja l-hteġa li l-kompożizzjoni u l-mandat tal-Kunsill għall-Media Elettronika jsiru aktar indipendenti u effettivi; huwa mħasseb dwar ir-rapporti tal-prattika kontinwa li l-media tiġi influwenzata permezz ta' allokkazzjoni preferenzjali ta' fondi tal-Unjoni lill-media favur il-gvern;

9. Jinnota li l-ħarsien tal-ġurnalisti huwa fl-interess vitali tas-soċjetà; jistieden lill-awtoritajiet Bulgari jiżguraw il-protezzjoni tal-ġurnalisti f'kull ħin u għalhekk iħarsu l-indipendenza tagħhom; jikkundanna bil-qawwa l-każijiet fejn il-ġurnalisti kritiċi mill-gvern saru l-mira ta' kampanji ta' tħammiġ u jistieden lill-awtoritajiet Bulgari jrażżnu dawn il-prattiki mhux demokratiċi; jiddeplora l-inċidenti ta' vjolenza kontra reporters u l-qerda tat-tagħmir tekniku tagħhom; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Bulgari jvaraw investigazzjoni komprensiva fil-każijiet kollha ta' vjolenza kontra ġurnalisti li qed jirrapportaw dwar il-protesti; jistieden lill-awtoritajiet Bulgari jiżguraw li l-uffiċjali tal-pulizija u uffiċjali oħra jirrispettaw il-libertà tal-istampa u jippermettu lill-ġurnalisti u lill-professjonisti tal-media jirrapportaw dwar id-dimostrazzjonijiet b'mod sikur; jisħaq li l-vjolenza f'idejn l-aġenti tal-istat tmur kontra d-dmir tal-Istati Membri li jirrispettaw il-libertà tal-istampa u li jipproteġu s-sikurezza tal-ġurnalisti<sup>(9)</sup>;

10. Jistieden lill-awtoritajiet Bulgari jindirizzaw b'mod sħiħ u komprensiv l-allerti kollha mressqa fuq il-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Promozzjoni tal-Protezzjoni tal-Ġurnaliżmu u s-Sikurezza tal-Ġurnalisti, u biex isegwu bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, sabiex jiġi żgurat ambjent sikur għall-ġurnalisti fil-Bulgarija;

11. Jesprimi l-appoġġ inekwivoku tiegħu għall-poplu tal-Bulgarija fit-talbiet u l-aspirazzjonijiet leġittimi tiegħu għall-ġustizzja, it-trasparenza, l-obbligat ta' rendikont u d-demokrazzja; jemmen b'saħħa li d-dimostrazzjonijiet paċifiċi huma dritt fundamentali f'kull pajjiż demokratiku u jappoġġja d-dritt tan-nies għal protesta paċifika; jikkundanna kull forma ta' vjolenza kontra dimostrazzjonijiet paċifiċi; jissottolinja li l-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-informazzjoni jridu jiġu rispettati l-ħin kollu; jenfasizza li l-użu tal-vjolenza u tal-forza sproporzjonata mhuwiex aċċettabbli; jesprimi b'mod partikolari d-diżappunt tiegħu għall-allegazzjonijiet ta' użu tal-forza kontra nisa u tfal, inklużi tfal b'diżabilità; jinsab imħasseb dwar l-awditi illegali u eċċessivi ta' negozji privati li esprimew pubblikament l-appoġġ tagħhom għall-protesti; jikkundanna l-intervent vjolenti u sproporzjonat mill-pulizija matul il-protesti f'Lulju, Awwissu u Settembru 2020; jistieden lill-awtoritajiet Rumeni jiżguraw investigazzjoni sħiħa, trasparenti, imparzjali u effikaċi dwar l-azzjonijiet tal-pulizija;

12. Jikkundanna l-kundizzjonijiet inumani fil-ħabsijiet Bulgari misjuba mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, inklużi l-iffullar eċċessiv, kundizzjonijiet sanitarji u materjali ħżiena, possibbiltajiet limitati għal attivitajiet barra miċ-ċelel, kura medika inadegwata u l-applikazzjoni fit-tul ta' reġimi penitenzjarji restrittivi<sup>(10)</sup>;

<sup>(9)</sup> Il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, dikjarazzjoni bit-titolu "Il-Bulgarija jeħteġ li tinvestiga l-vjolenza tal-pulizija kontra l-ġurnalisti", Strasburgu, 3 ta' Settembru 2020.

<sup>(10)</sup> Ara s-sentenzi tas-27 ta' Jannar 2015, *Neshkov u oħrajn vs. il-Bulgarija* (applikazzjonijiet Nru 36925/10, 21487/12, 72893/12, 73196/12, 77718/12 u 9717/13); tat-12 ta' Mejju 2017, *Simeonovi vs. il-Bulgarija* (applikazzjoni Nru 21980/04); tal-21 ta' Jannar 2016, *Boris Kostadinov vs. il-Bulgarija* (applikazzjoni Nru 61701/11); tad-29 ta' Ġunju 2017, *Dimcho Dimov vs. il-Bulgarija* (Nru 2) (applikazzjoni Nru 77248/12); tas-17 ta' Novembru 2015, *Dimitrov u Ridov vs. il-Bulgarija* (applikazzjoni Nru 34846/08) u tal-5 ta' Ottubru 2017, *Kormeov vs. il-Bulgarija* (applikazzjoni Nru 39014/12).

13. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-fatt li, wara aktar minn 45 sentenza kontra l-Bulgarija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-awtoritajiet Bulgari naqsu milli jikkonformaw mal-obbligu tagħhom li jwettqu investigazzjonijiet effettivi; iqis li dawn in-nuqqasijiet rikorrenti żvelaw l-eżistenza ta' problema sistemika<sup>(1)</sup>; jenfasizza li skont ir-rapport annwali tal-Kunsill tal-Ewropa tal-2019 dwar is-superviżjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi u d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, hemm 79 sentenza ewlenija kontra l-Bulgarija li għad iridu jiġu implimentati;

14. Jinsab imħasseb li minkejja d-diversi Direttivi tal-UE dwar id-drittijiet proċedurali għall-persuni suspettati u akkużati kif stabbiliti fil-pjan direzzjonali tal-2009, id-drittijiet proċedurali mhumiex qed jiġu rispettati biżżejjed fil-Bulgarija; jemmen li dan għandu impatt profond fuq id-drittijiet fundamentali<sup>(2)</sup>;

15. Jikkundanna l-każijiet kollha ta' diskors ta' mibegħda, diskriminazzjoni u ostilità kontra persuni ta' oriġini Romani, nisa, persuni LGBTI u persuni li jagħmlu parti minn gruppi ta' minoranzi oħra, li jibqgħu kwistjoni ta' tħassib qawwi; jistieden lill-awtoritajiet jirrispondu b'mod vigoruż għal inċidenti ta' diskors ta' mibegħda, inkluż minn politiċi ta' livell għoli, itejbu l-protezzjoni legali kontra d-diskriminazzjoni u r-reati ta' mibegħda, u jinvestigaw u jieħdu passi kontra tali reati; jilqa' l-projbizzjoni għudizzjarja tal-manifestazzjoni neo-Nażista annwali "Lukov March" u l-ftuħ ta' investigazzjoni dwar l-organizzazzjoni warajha – il-"BNU"; jistieden lill-Gvern Bulgaru jtejjeb il-kooperazzjoni mal-osservaturi internazzjonali u lokali tad-drittijiet tal-bniedem u jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex id-drittijiet tal-minoranzi b'mod effettiv, b'mod partikolari d-drittijiet tal-libertà ta' espressjoni u l-libertà ta' assoċjazzjoni, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tas-sentenzi rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem<sup>(3)</sup>; jistieden lill-awtoritajiet u lill-uffiċjali Bulgari jikkundannaw bil-qawwa l-atti kollha ta' vjolenza u diskors ta' mibegħda kontra l-minoranzi;

16. Jiddeplora l-klima ta' ostilità kontra nies ta' oriġini Romani, fxi komunitajiet popolati, b'mod partikolari kontra dawk li kellhom jitolqu minn djarhom wara manifestazzjonijiet immirati lejn il-komunitajiet tagħhom f'diversi lokalitajiet; jiddeplora l-fastidju u l-iżgumbramenti vjolenti ta' persuni Roma fiż-żona ta' Voyvodinovo; jistieden lill-awtoritajiet jindirizzaw b'mod urġenti s-sitwazzjoni tal-persuni affettwati; jemmen li miżuri determinati għat-titjib tas-sitwazzjoni ġenerali tal-akkomodazzjonijiet tal-persuni ta' oriġini Romani għandhom ikompli; jemmen li huwa neċessarju li tiġi eradikata kompletament is-segregazzjoni edukattiva tat-tfal ta' oriġini Romani; jistieden lill-awtoritajiet iwaqqfu d-diskors ta' mibegħda u d-diskriminazzjoni razzjali kontra persuni tal-minoranza Romani fir-reazzjoni għall-COVID-19, u jwaqqfu l-operazzjonijiet tal-pulizija li jimmiraw il-viċinati Romani matul il-pandemija;

17. Jieħu nota tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta' Lulju 2018 rigward in-nuqqas ta' konformità tal-Konvenzjoni ta' Istanbul mal-Kostituzzjoni tal-Bulgarija; jiddispjaċih għall-fatt li din id-deċiżjoni żżomm il-Bulgarija milli tirratifika l-Konvenzjoni; jinsab imħasseb ferm dwar id-diskors pubbliku persistenti negattiv dwar il-Konvenzjoni, u li jirrappreżentaha b'mod żbaljat, li kien imsawwar minn kampanja ta' diżinformazzjoni u ta' tħammiġ mifruxa wara kopertura negattiva dwarha minn diversi mezzi tal-media b'rabtiet allegati mal-partiti tal-gvern u tal-oppożizzjoni, sitwazzjoni li saret aktar inkwetanti bil-parteċipazzjoni ta' politiċi u partiti politiċi rappreżentati fil-Parlament Bulgaru; jinsab imħasseb li l-attitudni negattiva persistenti lejn il-Konvenzjoni tkompli tikkontribwixxi għall-istigmatizzazzjoni ta' gruppi vulnerabbli friskju ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, li s-sitwazzjoni tagħhom għet aggravata b'mod partikolari mill-miżuri tal-COVID-19 u ta' lockdown madwar l-Ewropa, inkluża l-Bulgarija, u tkompli tinkoraġġixxi u trawwem sens ta' impunità fost min iwettaq reati abbażi tal-ġeneru; jiddispjaċih għall-fatt li l-bidliet reċenti fil-Kodiċi Kriminali li introduċew pieni aktar stretti għall-vjolenza abbażi tal-ġeneru ma kinux biżżejjed biex jindirizzaw il-kumplessità tal-kwistjoni u fuq kollox biex jevitawha; jistieden, għalhekk, lill-awtoritajiet Bulgari biex itejbu l-prevenzjoni u l-għieda kontra l-vjolenza domestika, jagħmlu dak li huwa meħtieġ sabiex jippermettu r-ratifika tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, u jintroduċu kemm jista' jkun elementi mill-Konvenzjoni li huma konformi mal-ordni kostituzzjonali tal-pajjiż filwaqt li jfittxu soluzzjoni usa' għall-elementi li jifdal, kif ukoll biex iżidu l-għadd ta' postijiet ta' kenn u servizzi soċjali oħra meħtieġa biex jingħata appoġġ lill-vittmi ta' vjolenza domestika;

18. Iqis li jeħtieġ li tiġi eliminata d-diskriminazzjoni kontra l-persuni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali jew tal-identità tal-ġeneru tagħhom, kemm fil-liġi kif ukoll fil-prattika fl-isferi kollha; jistieden lill-awtoritajiet Bulgari jemendaw l-Att dwar il-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni biex jinkludu b'mod espliċitu l-identità tal-ġeneru bħala raġuni għad-diskriminazzjoni; jistieden lill-awtoritajiet Bulgari jemendaw il-Kodiċi Kriminali attwali biex jinkludi r-reati u d-diskors ta' mibegħda

<sup>(1)</sup> Ara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-3 ta' Marzu 2015, *S.Z. vs. il-Bulgarija* (applikazzjoni Nru 29263/12).

<sup>(2)</sup> Ara l-aktar rapporti reċenti dwar żjarat perjodiċi tal-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament jew Pieni Inumani jew Degradanti;

<sup>(3)</sup> Is-sentenzi tad-19 ta' Jannar 2006, *The United Macedonian Organisation Ilinden u oħrajn vs. il-Bulgarija* (applikazzjoni Nru 59491/00); tat-18 ta' Ottubru 2011, *The United Macedonian Organisation Ilinden u oħrajn vs. il-Bulgarija* (Nru 2) (applikazzjoni Nru 34960/04); tal-11 ta' Jannar 2018, *United Macedonian Organisation Ilinden u oħrajn vs. il-Bulgarija* (Nru 3) (applikazzjoni Nru 29496/16) u tal-11 ta' Jannar 2018, *Yordan Ivanov u oħrajn vs. il-Bulgarija* (applikazzjoni Nru 70502/13).

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi sesswali; jistieden lill-awtoritajiet Bulgari jimplimentaw il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u, f'dak il-kuntest biex jindirizzaw is-sitwazzjoni ta' konjuġi u ġenituri tal-istess sess bil-għan li jiżguraw li jgawdu mid-dritt għan-nondiskriminazzjoni fil-liġi u fil-fatt, u li jistabbilixxu qafas legali xieraq li jipprovdi drittijiet ugwali għall-koppji kollha;

19. Jinsab imħasseb li persuni li jistgħu jkunu jeħtieġu protezzjoni internazzjonali ma tħallewx jidħlu fit-territorju Bulgaru jew tkeċċew, xi drabi bil-forza, mingħajr l-oppurtunità li japplikaw għal asil jew għal valutazzjoni individwalizzata<sup>(14)</sup>; jinsab partikolarment imħasseb dwar id-deportazzjoni inkwetanti ta' membri tal-oppożizzjoni Torka, bi ksur ta' trattati internazzjonali u minkejja inġunzjonijiet validi maħruġa minn qrati kompetenti Bulgari<sup>(15)</sup>; jistieden lill-awtoritajiet Bulgari jiżguraw konformità sħiħa tal-leġiżlazzjoni u l-prattika dwar l-asil mal-acquis dwar l-asil u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni tittratta l-proċedura ta' ksur kontra l-Bulgarija bħala kwistjoni ta' prijorità;

20. Jesprimi tħassib qawwi dwar l-emendi proposti għall-Att dwar Entitajiet Legali Mingħajr Skop ta' Qligħ, li joħloq ambjent ostili ħafna għal dawk l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bi status ta' benefiċċju pubbliku li qed jirċievu finanzjament barrani, u li jissograw li jkunu f'kunflitt mal-prinċipju tal-libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt għall-privatizza<sup>(16)</sup>; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Bulgari jikkunsidraw bir-reqqa l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward;

21. Jinnota li sar ċertu progress mill-Bulgarija fl-ambitu tas-CVM; jistieden lill-Gvern Bulgaru jikkoopera mal-Kummissjoni, f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera kif stabbilit fit-TUE, fl-implimentazzjoni kontinwa tal-impenji tiegħu; jistieden lill-awtoritajiet Bulgari jżommu lura milli jagħmlu riformi unilaterali li jpoġġu r-rispett għall-istat tad-dritt friskju, u b'mod partikolari l-indipendenza tal-ġudikatura u s-separazzjoni tas-setgħat; jinnota li l-Kummissjoni indikat li għalissa mhijiex se tneħħi s-CVM għall-Bulgarija; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tissorvelja r-riforma tal-ġudikatura u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-Bulgarija fil-qafas tas-CVM, sakemm ikun għadu ma ġiex stabbilit mekkaniżmu li jiffunzjona bis-sħiħ biex jissorvelja r-rispett għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, applikabbli b'mod ugwali għall-Istati Membri kollha; jistieden, lill-Kummissjoni, barra minn hekk, tuża wkoll għodod oħra disponibbli fejn xieraq, inklużi proċeduri ta' ksur, il-Qafas tal-Istat tad-Dritt tal-UE u l-għodod baġitarji, ladarba jkunu disponibbli;

22. Jilqa' l-pubblikazzjoni tal-ewwel Rapport Annwali tal-UE dwar l-Istat tad-Dritt li jkopri l-Istati Membri kollha; jinnota t-tħassib identifikat mill-Kummissjoni f'għadd ta' oqsma fir-rigward tal-Bulgarija; jistieden lill-awtoritajiet Bulgari jaġixxu b'ħeffa sabiex jindirizzaw dan it-tħassib;

23. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Gvern Bulgaru, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jiżgura kontroll aktar strett fuq il-mod kif jintefqu l-fondi tal-Unjoni u li jindirizza immedjatament it-tħassib li l-flus tal-kontribwenti jintużaw għall-arrikkiment ta' crieiki assoċjati mal-partit fil-gvern;

24. Jilqa' l-adeżjoni tal-Bulgarija mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u jinsab fiduċjuż li l-parteċipazzjoni tagħha fl-UPPE fiha nnifisha se tikkostitwixxi kontroll aktar strett fuq l-użu korrett tal-fondi tal-UE f'dan ir-rigward;

25. Itenni l-pożizzjoni tiegħu dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri<sup>(17)</sup>, inkluża l-ħtieġa li jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tal-benefiċjarji, u jistieden lill-Kunsill jibda negozjati interistituzzjonali malajr kemm jista' jkun;

26. Jistieden lill-awtoritajiet Bulgari jinvestigaw ir-rivelazzjonijiet li jinsabu fil-fajls tal-FinCEN, li wrew li tliet banek Bulgari kienu involuti fl-ipproċessar ta' pagamenti li ġew identifikati li jinvolvu sogru kbir ta' ħasil tal-flus u marbuta mal-finanzjament tal-kriminalità organizzata u t-terroriżmu; huwa tal-fehma li l-Bulgarija jeħtieġ tieħu azzjoni deċiżiva biex ittejjeb is-supervizzjoni tas-settur bankarju u żżid il-miżuri kontra l-ħasil tal-flus, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-istituzzjonijiet li jinvestigaw dawn il-kwistjonijiet; jissottolinja l-fatt li l-fajls tal-FinCEN żvelaw in-nuqqasijiet tas-sistema globali u l-vulnerabbiltà tagħha għall-abbuż mill-kriminali u minn persuni korrotti, u enfasisza l-ħtieġa urġenti li tittiejjeb

<sup>(14)</sup> Il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, Osservazzjonijiet Konklużivi dwar ir-raba' rapport peridiku tal-Bulgarija, il-15 ta' Novembru 2018, paragrafi 29 u 30.

<sup>(15)</sup> Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, applikazzjoni pendenti, *Abdullah Biyyük vs. il-Bulgarija* (applikazzjoni Nru 23843/17); United States Department of State, Bureau of Democracy, Human Rights and Labor, Bulgaria 2016 Human Rights Report, p. 16.

<sup>(16)</sup> Il-Kunsill tal-Ewropa, dikjarazzjoni mill-President tal-Konferenza tal-INGOs, "The proposed amendments to the Non-Profit Legal Entities Act in Bulgaria give rise for concern" (L-emendi proposti għall-Att dwar Entitajiet Legali Mingħajr Skop ta' Qligħ fil-Bulgarija jagħtu lok għal tħassib), id-9 ta' Lulju 2020.

<sup>(17)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2019)0349.

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

is-superviżjoni bankarja madwar id-dinja u li jiġu adottati mekkaniżmi aħjar għat-trattament tat-tranżazzjonijiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaċċelleraw il-ħidma f'dan il-qasam, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' awtorità superviżorja Ewropea, xi ħaġa li l-Parlament diġà talab għaliha;

27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa u lin-Nazzjonijiet Uniti.

---

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

P9\_TA(2020)0265

## **Finanzi Diġitali: riskji emerġenti relatati mal-kriptoassi – sfidi regolatorji u superviżorji fil-qasam tas-servizzi, l-istituzzjonijiet u s-swieq finanzjarji**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-Finanzi Diġitali: riskji emerġenti relatati mal-kriptoassi – sfidi regolatorji u superviżorji fil-qasam tas-servizzi, l-istituzzjonijiet u s-swieq finanzjarji (2020/2034(INL))**

(2021/C 395/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 bit-titolu "Strateġija Ewropea għad-Data" (COM(2020)0066),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Marzu 2018 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni tal-FinTech: Għal settur finanzjarju Ewropew iktar kompetittiv u innovattiv" (COM(2018)0109),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tas-6 ta' April 2016 bit-titolu "Qafas Konġunt biex jiġi miġġieled it-theddid ibridu – reazzjoni tal-Unjoni Ewropea" (JOIN(2016)0018),
- wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 bit-titolu "Intelliġenza Artifiċjali – Approċċ Ewropew għall-eċċellenza u għall-fiduċja" (COM(2020)0065),
- wara li kkunsidra t-tweġiba mogħtija fl-10 ta' April 2017 mill-Viċi President Dombrovskis fisem il-Kummissjoni, għall-Mistoqsija E-001130/2017,
- wara li kkunsidra r-rapport finali tad-Direttorat Ġenerali għall-Istabilità Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2019 bit-titolu "Governance for a DLT/Blockchain enabled European electronic Access Point (EEAP)" (Il-Governanza għal Punt ta' Aċċess Elettroniku Ewropew (EEAP) bl-użu tad-DLT/Blockchain) <sup>(4)</sup>,

<sup>(1)</sup> ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35.

<sup>(3)</sup> ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73.

<sup>(4)</sup> <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/98da7b74-38db-11ea-ba6e-01aa75ed71a1/language-en/format-PDF/source-113099411>

- wara li kkunsidra l-istudju tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament dwar it-Tariffa tal-Interkambju <sup>(5)</sup>,
- wara li kkunsidra l-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni tas-17 ta' Frar 2020 dwar l-“Analiżi tal-qafas regolatorju għad-ditti tal-investment u l-operaturi tas-suq”,
- wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Forum ta' Livell Għoli dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ġunju 2020 bit-titolu “A New Vision for Europe's Capital Markets” (Viżjoni Għda għas-Swieq Kapitali tal-Ewropa) <sup>(6)</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2019 bit-titolu “Regulatory Obstacles to Financial Innovation: 30 recommendations on regulation, innovation and finance” (L-Ostakli Regolatorji għall-Innovazzjoni Finanzjarja: 30 rakkomandazzjoni dwar ir-regolamentazzjoni, l-innovazzjoni u l-finanzi),
- wara li kkunsidra l-parir konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej lill-Kummissjoni Ewropea tal-10 ta' April 2019 dwar il-ħtieġa ta' titjib leġiżlattiv relatat mar-rekwiżiti tal-ġestjoni tar-riskji tal-ICT fis-settur finanzjarju tal-UE,
- wara li kkunsidra l-parir konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej lill-Kummissjoni Ewropea tal-10 ta' April 2019 dwar il-kostijiet u l-benefiċċji tal-iżvilupp ta' qafas koerenti ta' ttestjar tar-reżiljenza ċibernetika għal parteċipanti u infrastrutturi rilevanti tas-suq fis-settur finanzjarju kollu tal-UE,
- wara li kkunsidra r-rapport konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej tas-7 ta' Jannar 2019 bit-titolu “FinTech: Regulatory sandboxes and innovation hubs” (Fintech: Sandboxes regolatorji u ċentri ta' innovazzjoni) <sup>(7)</sup>,
- wara li kkunsidra l-linji gwida tal-Awtoritajiet Bankarji Ewropej tad-29 ta' Novembru 2019 dwar l-ICT u l-ġestjoni tar-riskji għas-sigurtà,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Awtorità Bankarja Ewropea tad-9 ta' Jannar 2019 b'pariri lill-Kummissjoni Ewropea dwar il-kriptoassi,
- wara li kkunsidra l-pariri tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq lill-Kummissjoni tad-9 ta' Jannar 2019 dwar l-offerti inizjali tal-muniti u l-kriptoassi,
- wara li kkunsidra d-dokument ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea ta' Diċembru 2019 dwar qafas tal-UE għas-swieq fil-kriptoassi,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tas-27 ta' Marzu 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fornituri ta' Servizzi ta' Finanzjament Kollettiv Ewropej (ECSP) għan-Negozji <sup>(8)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Ottubru 2018 dwar teknoloġiji tar-reġistru distribwit u blockchains: noħolqu l-fiduċja bid-diżintermedjazzjoni <sup>(9)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Mejju 2017 dwar FinTech: l-influwenza tat-teknoloġija fuq il-futur tas-settur finanzjarju <sup>(10)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2017 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar Regoli ta' Dritt Ċivili dwar ir-Robotika <sup>(11)</sup>,
- wara li kkunsidra l-istudju ta' April 2020 mitlub mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament Ewropew bit-titolu “Crypto-assets: Key developments, regulatory concerns and responses” (Kriptoassi: Żviluppi ewlenin, tħassib regolatorju u reazzjonijiet regolatorji),

<sup>(5)</sup> <https://ec.europa.eu/competition/publications/reports/kd0120161enn.pdf>

<sup>(6)</sup> [https://ec.europa.eu/info/files/200610-cmu-high-level-forum-final-report\\_en](https://ec.europa.eu/info/files/200610-cmu-high-level-forum-final-report_en)

<sup>(7)</sup> JC 2018 74

<sup>(8)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2019)0301.

<sup>(9)</sup> ĠU C 11, 13.1.2020, p. 7.

<sup>(10)</sup> ĠU C 307, 30.8.2018, p. 57.

<sup>(11)</sup> ĠU C 252, 18.7.2018, p. 239.

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

- wara li kkunsidra l-istudju ta' Frar 2014 mitlub mill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur tal-Parlament Ewropew bit-titolu "Consumer Protection Aspects of Financial Services" (Aspetti tal-Protezzjoni tal-Konsumatur tas-Servizzi Finanzjarji),
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Bank Ċentrali Ewropew ta' Lulju 2019 dwar l-implikazzjonijiet tad-diġitalizzazzjoni fil-pagamenti bl-imnut għar-rwol ta' katalizzatur tal-Eurosistema,
  - wara li kkunsidra d-diskors ewlieni ta' Benoît Cœuré tal-31 ta' Jannar 2019 dwar "FinTech for the People" (FinTech għan-Nies),
  - wara li kkunsidra d-diskors ewlieni ta' Yves Mersch tas-26 ta' Frar 2019, fit-3 Konferenza Annwali dwar il-FinTech u l-Innovazzjoni Diġitali, dwar "Lending and payment systems in upheaval: the FinTech challenge" (Tibdil kbir fis-sistemi ta' self u pagament: l-isfida tal-FinTech),
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja tas-6 ta' Ġunju 2019 dwar "Decentralized financial technologies: Report on financial stability, regulatory and governance implications" (Teknoloġiji finanzjarji deċentralizzati: Rapport dwar l-istabilità finanzjarja u l-implikazzjonijiet regolatorji u ta' governanza),
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja tal-14 ta' Frar 2019 dwar "FinTech and market structure in financial services: Market developments and potential financial stability implications" (Il-FinTech u l-istruttura tas-suq fis-servizzi finanzjarji: Żviluppi fis-suq u implikazzjonijiet potenzjali għall-istabilità finanzjarja),
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja tas-16 ta' Lulju 2018 dwar "Crypto-assets: Report to the G20 on work by the FSB and standard-setting bodies" (Kriptoassi: Rapport lill-G20 dwar il-ħidma tal-FSB u l-korpi tal-iffissar tal-istandards),
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja tas-27 ta' Ġunju 2017 dwar "Financial Stability Implications from FinTech, Supervisory and Regulatory Issues that Merit Authorities' Attention" (Implikazzjonijiet tal-FinTech għall-Istabilità Finanzjarja: Kwistjonijiet Superviżorji u Regolatorji li Jimmeritahom l-Attenzjoni tal-Awtoritajiet),
  - wara li kkunsidra d-dokument konsultattiv tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja tal-14 ta' April 2020 dwar "Addressing the regulatory, supervisory and oversight challenges raised by 'global stablecoin' arrangements" (Nindirizzaw l-isfidi regolatorji, superviżorji u ta' sorveljanza mill-arranġamenti ta' "stablecoin globali"),
  - wara li kkunsidra l-investigazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma tal-G7 dwar l-Istablecoins ta' Ottubru 2019 dwar l-impatt tal-istablecoins globali,
  - wara li kkunsidra l-"Guidance for a Risk-Based Approach to Virtual Assets and Virtual Asset Service Providers" (Gwida għal Approċċ Ibbażat fuq ir-Riskju għall-Assi Virtwali u għall-Fornituri tas-Servizzi tal-Assi Virtwali) tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja ta' Ġunju 2019,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja kif aġġornati f'Ġunju 2019, b'mod partikolari r-Rakkomandazzjoni 16 dwar it-trasferimenti elettroniċi,
  - wara li kkunsidra l-analiżi tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali ta' Jannar 2020 dwar "Policy responses to FinTech: a cross-country overview" (Reazzjonijiet politiċi għall-FinTech: analiżi ta' diversi pajjiżi),
  - wara li kkunsidra l-intervent ta' Fernando Restoy tas-16 ta' Ottubru 2019 waqt is-XVI-il djalogu politiku reġjonali tas-settur bankarju pubbliku-privat tal-ASBA-BID-FELABAN dwar "Regulating FinTech: what is going on, and where are the challenges?" (Regolamentazzjoni tal-FinTech: x'inhu jiġri, u fejn huma l-isfidi?),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 47 u 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0161/2020),
- A. billi l-finanzi diġitali huma qasam tas-settur finanzjarju li qed jevolvi b'mod kostanti u li jistħoqqlu monitoraġġ u kunsiderazzjoni kontinwi kemm fil-livell tal-industrija kif ukoll fil-livell regolatorju;



## Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

- B. billi s-suq intern tal-Unjoni huwa kkaratterizzat minn kompetizzjoni miftuħa u għandu l-għan li joħloq kundizzjonijiet ekwi permezz ta' qafas regolatorju armonizzat, dipendenza fuq standards internazzjonali, konverġenza superviżorja u kooperazzjoni superviżorja; billi l-istrateġija tal-finanzi diġitali tal-Unjoni għandha għalhekk tkun ibbażata fuq l-istess prinċipji;
- C. billi teżisti ħtieġa ta' approċċ bilanċjat fir-regolamentazzjoni tal-FinTechs, fl-inkoraġġiment tal-innovazzjoni u fl-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-investituri u ta' stabbiltà finanzjarja;
- D. billi t-terminu "kriptoassi" jintuża biex jirreferi għal varjetà wiesgħa ta' assi diġitali, inklużi l-muniti u t-tokens virtwali, iżda mhux limitat għalihom, imma xi kultant jeskludi ċerti forum ta' stablecoins jew ċerti tokens bħat-tokens tat-titoli;
- E. billi l-aktar żewġ komponenti komuni tal-kriptoassi adottati huma (i) in-natura privata tal-intitolament rigward l-assi, il-pretensjoni jew id-dritt sottostanti, u (ii) l-użu tal-kriptografija u tat-teknoloġija tar-reġistru distribwit (DLT) jew ta' teknoloġija simili biex isostnu l-iskambji tal-assi u l-valur inerenti jew perċepit tiegħu;
- F. billi, fil-preżent, il-kriptoassi la huma maħruġa u lanqas iggarantiti minn bank ċentrali jew awtorità pubblika fl-Unjoni, u jista' jkollhom varjetà ta' użi, inkluż bħala mezz ta' skambju, għal skopijiet ta' investment, u sabiex jiġi aċċessat oġġett jew servizz;
- G. billi l-istablecoins għandhom karatteristiċi simili għall-kriptoassi u ma jhdux il-forma ta' xi munita speċifika, iżda jiddependu fuq sett ta' għodod li għandhom l-għan li jimminimizzaw il-fluttwazzjonijiet tal-prezz tagħhom kif denominat f'munita; billi xi kriptoassi, inklużi l-istablecoins u t-teknoloġiji assoċjati tagħhom, għandhom il-potenzjal li jżidu l-effiċjenzi, il-kompetizzjoni u t-trasparenza u jgħibu opportunitajiet u benefiċċji sostanzjali għas-soċjetà, peress li wħud minnhom jistgħu jwasslu għal pagamenti orħos u aktar mgħaġġla u joffru sorsi ta' finanzjament ġodda għall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs); billi s-sett ta' għodod li għandu l-għan li jimminimizza l-fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet ma ġiex ittestjat f'sitwazzjonijiet fejn numri sinifikanti ta' tranżazzjonijiet qed isiru bl-istablecoins;
- H. billi d-dibattitu pubbliku dwar l-istablecoins varati privatament jista' jkun relatat ma' ċerti nuqqasijiet tax-xenarju tal-pagamenti tal-Unjoni;
- I. billi l-istablecoins jistgħu jsiru mezz ta' pagament użat ħafna, u dan għandu jwassal għal azzjoni regolatorja u superviżorja xierqa;
- J. billi Munita Diġitali tal-Bank Ċentrali (CBDC) hija bbażata fuq il-kunċett ta' assi stabbli, hija sovrana fin-natura tagħha u għalhekk hija distinta mill-kriptoassi; billi l-Bank tal-Poplu taċ-Ċina qiegħed jittestja munita diġitali tal-bank ċentrali, il-Pagament Elettroniku tal-Munita Diġitali (DCEP); jenfasizza li l-użu globali potenzjali tad-DCEP jista' jkollu implikazzjonijiet għall-kummerċ internazzjonali u l-protezzjoni tal-konsumatur;
- K. billi inizjattivi possibbli għall-implimentazzjoni tas-CBDCs qed jiġu kkunsidrati, kemm fl-Unjoni kif ukoll fl-ivell globali;
- L. billi l-finanzi diġitali għandhom element transfruntier qawwi, li jmur lil hinn mil-livell tal-Unjoni, u għalhekk il-kooperazzjoni internazzjonali u l-iffissar tal-istandards kif ukoll is-superviżjoni effiċjenti u effettiva tal-Unjoni f'dan il-qasam huma essenzjali;
- M. billi l-iżvilupp ta' għodod tal-finanzi diġitali jista' jkollu element qawwi ta' flussi ta' kapital li jattira investimenti transfruntieri; jenfasizza, għalhekk, li l-finanzi diġitali jistgħu jikkontribwixxu għall-kompetittività tal-Unjoni fis-swieq globali;
- N. billi, skont data tas-suq <sup>(12)</sup>, minn Ġunju 2020 jeżistu aktar minn 5 600 kriptoassi globalment, b'kapitalizzazzjoni tas-suq totali ta' aktar minn USD 260 biljun <sup>(13)</sup>, li 65 % minnhom huma Bitcoin biss;

<sup>(12)</sup> <https://coinmarketcap.com>

<sup>(13)</sup> [https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2020/648779/IPOL\\_STU\(2020\)648779\\_EN.pdf](https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2020/648779/IPOL_STU(2020)648779_EN.pdf)

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

- O. billi, skont data tas-suq, l-istablecoins laħqu kapitalizzazzjoni tas-suq totali ta' EUR 10 biljun f'Ġunju 2020 minn 1,5 biljun f'Jannar 2018 u, minkejja li l-portata tagħhom għadha limitata meta mqabbla ma' kriptomuniti oħra, għandhom il-potenzjal li jilħqu malajr skala globali u bażi wiesgħa ħafna ta' utenti, speċjalment jekk jiġu adottati minn kumpaniji BigTech li jisfruttaw in-networks tagħhom;
- P. billi esperti tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), fil-pubblikazzjoni tagħhom tal-2019<sup>(14)</sup>, innotaw li minkejja li l-kriptoassi huma spekulattivi ħafna, ma jirrappreżentawx theddida immedjata għall-istabilità finanzjarja; billi dik il-fehma għet kondiviża kemm mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)<sup>(15)</sup> kif ukoll mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)<sup>(16)</sup>; billi l-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI), fir-rapport tiegħu tal-2018 dwar l-istabilità finanzjarja globali, u l-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB), fir-rapport tiegħu ta' Lulju 2018, laħqu l-istess konklużjonijiet, għalkemm fl-opinjoni tal-FSB is-sitwazzjoni xorta waħda għandha tiġi mmonitorjata, minħabba kemm iseħħu malajr il-bidliet f'dawn is-swieq;
- Q. billi, kif indikat fir-rapport tal-EBA, l-istituzzjonijiet finanzjarji bħalissa qed jimpenjaw ruħhom f'attivitajiet relattivament limitati relatati mal-kriptoassi, iżda l-interess tagħhom x'aktarx jikber b'mod partikolari fil-kuntest tal-użu dejjem jiżdied ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq id-DLT; billi attivitajiet bħal dawn jinkludu ż-żamma jew l-akkwiżizzjoni ta' skopertura għall-kriptoassi, is-sottoskrizzjoni tal-offerti inizjali tal-muniti (ICOs), jew l-offerta ta' servizzi b'rabta mal-kriptoassi bħalma huma l-provvista ta' kartiera ta' kustodja jew skambji; billi r-regoli prudenzjali attwali mhumiex adattati biżżejjed għall-volatilità għolja u r-riskji kbar tal-kriptoassi;
- R. billi riċerka reċenti tissuġġerixxi li l-kriptoassi jintużaw prinċipalment bħala investiment spekulattiv, aktar milli bħala mezz ta' ħlas għal oġġetti jew servizzi offruti minn negozjant legali; billi l-ASE enfasizzaw li l-kriptoassi li ma jikkwalifikawx bħala strumenti finanzjarji fl-ambitu tar-regolamentazzjoni finanzjarja tal-Unjoni joħlqu riskji speċifiċi, jiġifieri f'termini ta' protezzjoni tal-investitur u tal-konsumatur kif ukoll għall-integrità tas-suq; billi l-kriptoassi jistgħu jżidu r-riskji tal-ħasil tal-flus, il-prattiki frawdolenti, l-evazzjoni tat-taxxa u l-attakki esterni;
- S. billi l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex tippermetti lill-kumpaniji tas-servizzi finanzjarji jissodisfaw l-obbligi attwali ta' sorveljanza u ta' konformità tagħhom;
- T. billi fil-firxa ta' kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji skont id-dritt tal-Unjoni, il-klassifikazzjoni tagħhom bħala tali tiddependi mill-applikazzjoni min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti tad-dritt tal-Unjoni fil-livell nazzjonali, li toħloq diskrepanzi fl-approċċ superviżorju u regolatorju, tagħmel ħsara lill-konsistenza u lill-kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni; billi din il-klassifikazzjoni u l-integrazzjoni fil-qafas leġiżlattiv tal-Unjoni mhijiex mingħajr diffikultajiet, minħabba li kriptoassi differenti għandhom karatteristiċi differenti, li jistgħu jinbidlu maż-żmien;
- U. billi l-ICOs jistgħu jipprovdu sors alternattiv ta' finanzjament għal negozji innovattivi u negozji ġodda fil-faċi bikrija tal-iżvilupp tagħhom, iżda jesponu wkoll lill-investituri għal riskji għoljin ta' telf minħabba n-natura spekulattiva ħafna tagħhom u l-vulnerabbiltà għall-frodi; billi r-Rapport Ekonomiku Annwali tal-2018 tal-Bank għall-Flusijiet Internazzjonali kkonstata li mill-inqas 22,5 % tal-ICOs irriżulta li huma skemi Ponzi frawdolenti;
- V. billi l-kriptoassi għandhom il-potenzjal li jnaqqsu l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet b'mod sikur f'dinja b'sorveljanza diġitali dejjem akbar jekk ikunu soġġetti għal reġim regolatorju strett, adattat għall-iskop u bbażat fuq ir-riskju;
- W. billi l-finanzi diġitali jistgħu jikkontribwixxu f'diversi modi biex jiġu indirizzati l-effetti ekonomiċi tat-tifqigħa tal-COVID-19 fir-rigward tal-konsegwenzi għaċ-ċittadini, l-SMEs u impriżi u servizzi finanzjarji oħra; billi t-tifqigħa tal-COVID-19 uriet, fl-livelli differenti bejn l-Istati Membri, il-potenzjal li l-finanzi diġitali joffru kemm lill-konsumaturi kif ukoll lill-ekonomija;

<sup>(14)</sup> [https://www.ecb.europa.eu/pub/economic-bulletin/articles/2019/html/ecb.ebart201905\\_03~c83aeaa44c.en.html#toc4](https://www.ecb.europa.eu/pub/economic-bulletin/articles/2019/html/ecb.ebart201905_03~c83aeaa44c.en.html#toc4)

<sup>(15)</sup> ESMA Advice – Initial Coin Offerings and Crypto-Assets ([https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma50-157-1391\\_crypto\\_advice.pdf](https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma50-157-1391_crypto_advice.pdf))

<sup>(16)</sup> EBA Report with advice for the European Commission on crypto-assets (<https://eba.europa.eu/sites/default/documents/files/documents/10180/2545547/67493daa-85a8-4429-aa91-e9a5ed880684/EBA%20Report%20on%20crypto%20assets.pdf>)

## Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

- X. billi l-impriżi l-kbar tat-teknoloġija u l-pjattaformi diġitali globali qed joffru dejjem aktar is-servizzi finanzjarji; billi daww il-operaturi l-kbar fis-settur diġitali jibbenefikaw minn vantaġġi kompetittivi bħal ekonomiji ta' skala, networks vasti ta' utenti transfruntiera, aċċess faċli għall-finanzjament u l-kapaċità li jaħsdu kwantitajiet kbar ta' data pprovduti mill-utenti permezz ta' teknoloġiji tal-ipproċessar tad-data bħall-"analiżi tal-big data", li jġġeneraw valur miżjud enormi fvarjetà ta' modi; billi l-preżenza ta' impriżi "BigTech" fis-swieq tal-FinTech għandha l-potenzjal li tagħmel ħsara lill-kompetizzjoni ġusta u lill-innovazzjoni;
- Y. billi attività frawdolenti li ġiet skoperta reċentement relatata ma' impriżi fl-industrija tal-FinTech tenfasizza l-hteġa ta' perspettiva olistika tar-riskji għall-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-investituri assoċjati ma' nuqqasijiet fir-rappurtar finanzjarju, ma' frodi u ma' proċeduri ta' insolvenza;
- Z. billi s-sehem ta' pagamenti li mhumiex ibbażati fuq il-flus żdied b'mod sinifikanti matul dawn l-aħħar snin; billi qafas imtejjeb għal tranżazzjonijiet mingħajr flus m'għandux jikkomprometti l-kapaċità li jintużaw il-flus bħala mezz ta' pagament;
- AA. billi s-settur finanzjarju huwa l-akbar utent tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) fid-dinja, u jirrappreżenta madwar għoxrin fil-mija tan-nefqa kollha tal-ICT;
- AB. billi l-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda fis-settur finanzjarju tista' toħloq riskji ġodda li jeħtieġ li jiġu regolamentati u monitorjati sabiex jiġu salvagwardjati l-istabilità finanzjarja, l-integrità tas-suq intern u l-protezzjoni tal-konsumaturi;
- AC. billi ż-żieda fl-użu tal-intelliġenza artifiċjali fis-servizzi finanzjarji se twassal għal hteġa ta' reżiljenza operattiva aktar b'saħħitha u s-supervizzjoni xierqa korrispondenti, kif ukoll ta' protezzjoni tad-data kif prevista fid-dritt tal-Unjoni;
- AD. billi problemi operattivi ġodda, b'mod partikolari r-riskji għall-ICT u s-sigurtà, jistgħu jgħolqu riskji sistemiċi għas-settur finanzjarju; u billi tali riskji ġodda għandhom jiġu indirizzati permezz ta' miżuri xierqa, kif indikat mill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku <sup>(17)</sup>;
- AE. billi l-ġabra ta' regoli attwali tal-UE għas-servizzi finanzjarji tiegħu approċċ frammentat fir-rigward tal-kwistjoni tad-dispożizzjonijiet dwar ir-riskji operattivi;
- AF. billi r-riskji tal-ICT u tas-sigurtà ffaċċjati mis-settur finanzjarju, u l-livell ta' integrazzjoni tiegħu fil-livell tal-Unjoni, jirrikjedu azzjonijiet speċifiċi u aktar avvanzati li jibnu fuq, iżda jmorru lil hinn minn, id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni <sup>(18)</sup>;
- AG. billi r-reżiljenza ċibernetika hija parti integrali mill-ħidma fuq ir-reżiljenza operattiva tal-istituzzjonijiet finanzjarji mwettqa mill-awtoritajiet flivell globali;
- AH. billi suq finanzjarju tal-Unjoni li jiffunzjona, u li jkun sostenibbli u reżiljenti għandu jkollu effiċjenza allokkattiva qawwija ta' kapital u riskju u l-akbar inklużjoni finanzjarja taċ-ċittadini fis-servizzi finanzjarji;
- AI. billi l-użu ta' servizzi tal-cloud computing jista' joffri vantaġġi sinifikanti fir-rigward tar-reżiljenza operattiva u l-effiċjenza għall-fornituri tas-servizzi finanzjarji meta mqabbel ma' soluzzjoni ta' legat fuq il-post, iżda jgħib miegħu sfidi addizzjonali b'raba mas-sigurtà tad-data u tal-proċessi, il-kontinwità tan-negozju f'każ ta' qtugħ u l-vulnerabbiltà ġenerali fir-rigward tar-reati ċibernetiċi;

<sup>(17)</sup> <https://www.esrb.europa.eu/news/pr/date/2020/html/esrb.pr200107~29129d5701.en.html>

<sup>(18)</sup> ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1.

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

- AJ. billi huma meħtieġa kundizzjonijiet ekwi bejn l-impriżi tas-servizzi finanzjarji u l-impriżi tat-teknoloġija biex jiġi żgurat li l-impriżi kollha jikkompetu fuq l-istess livell, billi jsegwu l-prinċipju ta' "l-istess riskju, l-istess attività, l-istess regolamentazzjoni";
- AK. billi l-introduzzjoni ta' servizzi finanzjarji diġitali la għandha twassal għal arbitraġġ regolatorju u lanqas għal tnaqqis fil-protezzjoni tal-konsumatur, tnaqqis fis-sikurezza jew riskji għall-istabilità finanzjarja;
- AL. billi ħafna istituzzjonijiet finanzjarji kbar tal-Unjoni jiddependu minn fornituri ta' pajjiżi terzi għal servizzi ta' cloud computing;
- AM. billi l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu rwol importanti x'jiżvolġi biex jgħin lill-kumpaniji jifhemu l-obbligi tagħhom ta' konformità mal-GDPR;
- AN. billi l-kriptoassi ġeneralment m'għandhomx oriġinatur magħruf u ma jgħolqux pretensjoni finanzjarja għal assi sottostanti, għall-kuntrarju tal-istablecoins, it-tokens tat-titoli u t-tokens tal-komoditajiet, li kollha għandhom oriġinatur magħruf;
- AO. billi għalkemm it-tokens maħruġa mill-intraprendituri fil-forma ta' pretensjonijiet għal-likwidità, pretensjoni ta' ekwità jew pretensjoni għal prodott/servizz futur, jistgħu jiġu kklassifikati b'modi alternattivi, il-klassifikazzjoni tagħhom fid-dritt tal-Unjoni għandha tagħti prevedibbiltà regolatorja u omoġeneità fis-swieq Ewropej; billi regolamentazzjoni teknoloġikament rilevanti u funzjonali tat-tokens għandha tqis id-disinji ibridi potenzjali u tipprovdi definizzjonijiet li jimmassimizzaw il-protezzjoni tal-konsumatur u tal-investitur, iżidu ċ-ċertezza tad-dritt u jisfruttaw il-potenzjal qawwi ta' dawn l-istrumenti fil-finanzjament ta' proġetti intraprenditorjali riskjużi; billi l-funzjoni ekonomika sottostanti tat-tokens hija indikatur sinifikanti għall-klassifikazzjoni tagħhom;
- AP. billi t-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) adottat definizzjoni wiesgħa ta' munita virtwali u rakkomandat l-inkorporazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus/il-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT) ta' kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li twettaq attivitajiet li jinkludu l-iskambju bejn il-kriptoassi, it-trasferiment ta' kriptoassi u l-parteċipazzjoni fis-servizzi finanzjarji relatati ma' offerti inizjali tal-muniti, u l-provvista tagħhom;
- AQ. billi l-ħasil tal-flus huwa periklu kritiku li jrid jiġi evitat fil-qasam tal-finanzi diġitali; billi anke jekk il-finanzi diġitali jistgħu jtejbju l-inklużjoni finanzjarja, reġim komprensiv ta' "kun af lill-klijent tiegħek" (KYC) u ta' konformità mal-AML, kif previst fid-dritt tal-Unjoni, xorta waħda għandu jkun fis-seħħ; billi, għalkemm il-kriptoassi jistgħu jintużaw għal attivitajiet illegali, l-istatus regolatorju tagħhom bħala mezz ta' pagament, minflok mezz ta' skambju, jista' jtejjeb il-monitoraġġ u l-prevenzjoni tal-kriminalità finanzjarja;
- AR. billi konnettività akbar, l-Internet tal-Oġġetti u l-interazzjoni tal-bnedmin u l-magni jistgħu jgħolqu esperjenzi ta' servizzi finanzjarji aħjar iżda jinvolvu wkoll riskji ġodda rigward il-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali, il-kwalità tal-interazzjoni, il-ġestjoni tar-riskji operattivi u l-isfidi tas-sigurtà ċibernetika;

**Rakkomandazzjonijiet:****Kunsiderazzjonijiet ġenerali**

1. Jilqa' l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-Pakkett dwar il-Finanzi Diġitali li jinkludi żewġ proposti leġiżlattivi dwar il-kriptoassi u r-reżiljenza operattiva; iqis li l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-kriptoassi, kif ukoll att dwar is-servizzi finanzjarji transsettorjali rigward ir-reżiljenza operattiva u ċibernetika, huma f'waqthom, utli u meħtieġa minħabba żviluppi reċenti fis-swieq tal-Unjoni u f'dawk globali u jirrappreżentaw pass kruċjali lejn iċ-ċertezza tad-dritt u l-iżvilupp ta' reġim regolatorju ġdid; jiddispaċih, madankollu, li l-Kummissjoni ma indirizzatx b'mod xieraq il-problemi relatati mal-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u l-attività kriminali assoċjata mal-kriptoassi, li fil-biċċa l-kbira għadhom mhux solvuti; jitlob lill-Kummissjoni, tiegħu azzjonijiet urġenti f'dawn l-oqsma skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness;

## Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

2. Iqis li l-finanzi diġitali, li għandhom rwol ewlieni fl-iżvilupp tal-attivitajiet finanzjarji, se jkunu essenzjali għas-suċċess tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) permezz ta' żieda fl-għażliet ta' finanzjament għall-kumpaniji u ċ-ċittadini, kif ukoll għażliet ta' investment, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra kif tagħti s-setgħa lill-innovaturi u għalhekk tisfrutta l-benefiċċji tal-finanzi diġitali biex tmexxi 'l quddiem l-integrazzjoni tas-suq kapitali u l-parteċipazzjoni tal-investituri bl-innut fl-Unjoni u tkabbar id-daqs tagħha globalment;

3. Jenfasizza ż-żieda fl-importanza tal-monitoraġġ u r-rieżami tal-miżuri relatati mar-regolamentazzjoni tal-finanzi diġitali, b'mod partikolari meta wieħed iżomm f'moħħu r-rilevanza dejjem tiżdied tas-settur hekk kif id-dinja qed tindirizza l-pandemija tal-COVID-19; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu indirizzati r-riskji speċifiċi li l-finanzi diġitali jgħolqu fil-livell regolatorju u superviżorju permezz ta' qafas leġiżlattiv xieraq u dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-konsumatur;

4. Jenfasizza l-importanza li l-Kummissjoni tallinja mill-qrib il-ħidma tagħha ma' fora u korpi regolatorji internazzjonali fl-iżvilupp ta' standards internazzjonali minħabba n-natura transġurisdizzjonali tal-finanzi diġitali, mingħajr preġudizzju għall-prerogattiva tal-Unjoni li tadotta dispożizzjonijiet regolatorji u superviżorji rilevanti għaċ-ċirkostanzi tal-Unjoni; ifakkar, b'mod partikolari, fil-ħtieġa li tiġi żgurata l-interoperabbiltà tal-qafas regolatorju tal-Unjoni mal-prinċipji miftiehma internazzjonalment;

5. Jinnota li l-iżvilupp ta' ħafna teknoloġiji relatati mal-finanzi diġitali għadu fil-bidu tiegħu; jenfasizza li kwalunkwe miżura leġiżlattiva ġdida għalhekk trid tkun soġġetta għal valutazzjoni bir-reqqa u li tħares 'il quddiem tar-riskji u l-benefiċċji għall-konsumaturi u l-istabilità finanzjarja; jistieden lill-Kummissjoni tuża approċċ proporzjonat, ibbażat fuq ir-riskju, transsettorjali, olistiku u ffukat fuq ir-riżultati għall-ħidma tagħha fuq il-finanzi diġitali;

6. Jistieden lill-Kummissjoni tislet mill-għarfien u l-esperjenza miksuba mill-Forum Ewropew għall-Faċilitaturi tal-Innovazzjoni biex taġixxi bħala innovatur sabiex jinħoloq ambjent favorevoli u sostenibbli għaċ-ċentri u d-ditti tal-FinTech Ewropej, kif ukoll l-industrija finanzjarja stabbilita li tuża l-finanzi diġitali, biex jiżdied u jiġi attirat l-investment barrani u tiżdied il-preżenza tal-Unjoni fis-swieq globali;

7. Iqis, f'dan ir-rigward, li l-finanzi diġitali għandhom jitqiesu bħala għodda essenzjali u effettiva għall-SMEs Ewropej, bil-kapaċità li jipprovdut soluzzjonijiet f'ħin reali u rapidi adattati għall-bżonnijiet ta' finanzjament tagħhom; jemmen li l-finanzi diġitali għandhom il-potenzjal jgħinu biex jingħalaq id-distakk fil-finanzjament tal-SMEs;

8. Jenfasizza li kwalunkwe miżura meħuda fil-livell tal-Unjoni għandha tiżgura li l-parteċipanti fis-suq, miż-żgħar sal-kbar, ikollhom l-ispazju regolatorju għall-innovazzjoni u li kwalunkwe leġiżlazzjoni u superviżjoni ġdida jew aġġornata u superviżjoni fil-qasam tal-finanzi diġitali għandha tirrifletti l-prinċipji li ġejjin:

- a. l-istess attivitajiet u servizzi u r-riskji simili assoċjati tagħhom għandhom ikunu soġġetti għall-istess regoli;
- b. il-proporzjonalità u n-newtralità teknoloġika;
- c. approċċ ibbażat fuq ir-riskju, it-trasparenza u l-akkontabbiltà;
- d. ir-rispett tad-drittijiet fundamentali, b'mod speċifiku l-protezzjoni tal-privatezza u d-data personali, kif iggarantit mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;
- e. livelli għoljin ta' protezzjoni tal-konsumaturi u tal-investituri;
- f. kundizzjonijiet ekwi;
- g. approċċ li jiffavorixxi l-innovazzjoni;

9. Jirrimarka li kwalunkwe miżura ġdida jew aġġornata adottata fil-livell tal-Unjoni għandha tqis l-iżviluppi rapidi fis-swieq li qed jespandu tal-kriptoassi u tal-ICOs; jenfasizza li jridu jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern kollu, filwaqt li jiġu evitati l-forum shopping u l-arbitraġġ regolatorju; iwissi li tali miżuri m'għandhomx jgħolqu l-opportunitajiet ta' tkabbir għan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs, u għandhom joffru ekosistema sostenibbli biex il-finanzi diġitali jiżviluppaw fi ħdan is-suq intern, filwaqt li jiżguraw l-istabilità finanzjarja, l-integrità tas-suq u l-protezzjoni tal-investituri u tal-konsumaturi;

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

10. Jirrimarka li s-sandboxes regolatorji u ċ-ċentri tal-innovazzjoni għandhom il-potenzjal biex ikunu għodod utli għall-kumpaniji tal-finanzi diġitali biex jittestjaw prodotti finanzjarji, servizzi finanzjarji jew mudelli kummerċjali innovattivi f'ambjent ikkontrollat, u biex jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jifhmu tali attivitajiet aħjar u jiżviluppaw kompetenza regolatorja fit-teknoloġiji emerġenti, biex b'hekk jiffaċilitaw id-djalogu bejn il-kumpaniji u r-regolaturi; jenfasizza, madankollu, li jistgħu jgħolqu wkoll riskji sinifikanti għall-protezzjoni tal-konsumaturi u l-investituri u jippermettu frodi finanzjarja, filwaqt li jgħolqu riskji ta' frammentazzjoni superviżorja u arbitraġġ regolatorju;

11. Jissottolinja li kwalunkwe sandbox, inkluża sandbox pan-Ewropea, għandha tipprova ssib bilanċ bejn l-oġettivi tat-trawwim tal-innovazzjoni u l-istabilità finanzjarja u tal-protezzjoni tal-investitur u l-konsumatur, filwaqt li tqis id-daqs, is-sinifikat sistemiku u l-attività transfruntiera tad-ditti involuti; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi qafas komuni tal-Unjoni għal sandbox pan-Ewropea għas-servizzi finanzjarji diġitali, peress li dan jipprovdi benefiċċji addizzjonali għall-innovazzjoni u l-istabilità finanzjarja, u tnaqqis fil-frammentazzjoni superviżorja;

12. Jenfasizza l-importanza tat-triangolu tal-fiducia, il-verifika tal-identità u d-data sabiex ikun żgurat li l-operaturi, l-investituri, il-konsumaturi u s-superviżuri jkun jista' jkollhom fiducia fil-finanzi diġitali;

13. Iqis li jkun xieraq li jiġu analizzati aktar l-inizjattivi għall-implimentazzjoni tas-CBDCs kemm fl-Unjoni kif ukoll fl-ivell globali; jistieden lill-BĊE jikkunsidra li jwettaq valutazzjoni tal-impatt komprensiva bil-ħsieb li jippreżenta għażliet ta' perspettiva dwar is-CBDCs, inkluża analiżi tal-opportunitajiet u r-riskji tal-istabbiliment ta' euro diġitali; jemmen li din il-valutazzjoni għandha tikkunsidra wkoll ir-rwol tat-teknoloġiji sottostanti; jistieden ukoll lill-awtoritajiet superviżorji tal-Unjoni jipprovwu aktar riċerka f'dan il-qasam, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-BĊE jinvolvu ruħhom fi djalogu fil-livell internazzjonali, filwaqt li jivvalutaw il-benefiċċji u l-implikazzjonijiet potenzjali ta' użu usa' tas-CBDCs globalment;

14. Jemmen li l-parametri u l-prinċipji għall-valutazzjoni tal-impatt u l-analiżi sussegwenti għandhom jiddependu mir-rwol tas-CBDCs fis-supplementar tat-tnaqqis fl-użu tal-flus, fl-iżgurar tal-fiducia fis-sistema finanzjarja, fil-previżjoni ta' inklużjoni finanzjarja u ta' aċċess akbar għal mezz pubbliku ta' pagament, filwaqt li jiggarantixxu l-istabilità finanzjarja u monetarja;

15. Jenfasizza l-ħtieġa ta' konverġenza regolatorja u superviżorja aktar b'saħħitha, bil-għan li jiġi żviluppat qafas komuni tal-Unjoni; jenfasizza r-rwol kruċjali tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) biex dan jiġi ffaċilitat; jappella għal djalogu strutturat bejn l-ASE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCA) li għandu jiffoka fuq l-isfidi superviżorji attwali u l-konverġenza tal-prattiki lejn superviżjoni bla xkiel fil-livelli kollha, l-aktar fir-rigward tal-finanzi diġitali, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-protezzjoni tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data u l-isfidi u l-opportunitajiet tas-sigurtà ċibernetika; iqis li dan id-djalogu strutturat għandu jiffoka, fil-qasam tal-finanzi diġitali, fuq it-tnaqqis tal-arbitraġġ u tal-kompetizzjoni superviżorja, u fuq ostakli eżistenti oħra għall-operazzjonijiet transfruntieri;

16. Jipproponi superviżur Ewropew uniku, biex jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib ma' ASEs u NCAs oħra, abbażi ta' ġabra komuni tar-regoli u setgħat ta' intervent fil-prodott għas-sorveljanza, fl-oqsma li ġejjin ta' attivitajiet relatati mal-kriptoassi: fornituri involuti f'servizzi ta' skambju bejn muniti virtwali u muniti ta' kors legali kif ukoll fornituri ta' kartieri, u l-Fornituri ta' Servizzi ta' Assi Virtwali l-oħra kollha koperti mill-istandards tal-FATF; fl-istess ħin, jinnota li r-responsabbilita' ta' dak is-superviżur Ewropew jeħtieġ li tiġi żgurata, u jeħtieġ li jiġi pprovdut proċess ta' rieżami ġudizzjarju għall-azzjonijiet tas-superviżur Ewropew; jinnota, f'dan ir-rigward, il-proposta tal-Kummissjoni tal-24 ta' Settembru 2020 għal Regolament dwar is-Swieq fil-Kriptoassi; jenfasizza li s-superviżur uniku, f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet superviżorji rilevanti oħra fil-livell tal-Unjoni, għandu jkollu sorveljanza tal-aktivitajiet relatati mal-kriptoassi b'element transfruntier sinifikanti fl-Unjoni u għandu jiżviluppa strutturi interni xierqa biex jiżgura superviżjoni effiċjenti u effettiva tal-kriptoassi fil-livell tal-Unjoni;

17. Jaqbel mal-pożizzjoni tal-BĊE dwar l-importanza tal-flus fiżiċi bħala valuta legali; jenfasizza li l-progress fil-qasam tal-muniti virtwali u l-pagamenti diġitali ma jridx iwassal għal restrizzjonijiet rigward il-pagamenti bil-flus kontanti fil-livell tal-konsumatur jew għall-abolizzjoni tal-flus kontanti;

18. Jenfasizza t-tħassib tiegħu dwar l-impatt ambjentali tal-kriptomminar; jenfasizza l-hteġa ta' soluzzjonijiet bil-għan tal-mitigazzjoni tal-impronta ekoloġika tal-kriptoassi stabbiliti; jistieden lill-Kummissjoni tqis dan f'kull inizjattiva regolatorja li jmiss, filwaqt li żżomm f'moħħha l-impenn tal-UE għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u għat-tranżizzjoni meħtieġa għal soċjetà newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050;

### **Definizzjoni ta' Qafas għall-Kriptoassi**

19. Iqis li l-iżvilupp ta' tassonomija pan-Ewropea komprensiva għal prodotti ġodda bħall-kriptoassi huwa pass meħtieġ lejn it-trawwim ta' fehim komuni, il-faċilitazzjoni tal-kollaborazzjoni bejn il-ġurisdizzjonijiet u l-għoti ta' ċertezza regolatorja akbar lill-parteċipanti fis-suq li joperaw bejn il-fruntieri; jirrakkomanda li jitqiesu l-oqfsa regolatorji u superviżorji nazzjonali eżistenti; jinnota l-importanza tal-koooperazzjoni internazzjonali u tal-inizjattivi globali fir-rigward ta' qafas tal-Unjoni għall-kriptoassi, filwaqt li titqies b'mod partikolari n-natura bla fruntieri tagħhom;

20. Iqis li l-iżvilupp ta' mudell ta' tassonomija miftuħ fil-livell tal-Unjoni jista' jkun aktar xieraq meta jitqies li dan huwa segment tas-suq li qed jevolvi u tali tassonomija għandha sservi bħala bażi għal azzjonijiet leġiżlattivi jew regolatorji xierqa; jemma, madankollu, li m'hemm ebda soluzzjoni "waħda tajba għal kulħadd" fejn tidħol il-kwalifika legali tal-kriptoassi u għalhekk huwa importanti li jkun hemm qafas li jippermetti l-monitoraġġ u l-adattament mis-superviżuri;

21. Jenfasizza li n-negozji ġodda ffukati fuq il-konsumatur ħafna drabi qed jibnu servizzi finanzjarji innovattivi għall-benefiċċju taċ-ċittadini u tal-kumpaniji tal-Unjoni, u li kwalunkwe qafas leġiżlattiv għandu jifassal bil-għan li titħeġġeġ aktar innovazzjoni u għażla tal-konsumatur fis-servizzi finanzjarji;

22. Jinnota li, fin-nuqqas ta' approċċ regolatorju komuni tal-UE għall-kriptoassi, l-Istati Membri diġà bdew jadottaw azzjonijiet leġiżlattivi u superviżorji unilaterali u jiffaċċjaw pressjoni dejjem akbar biex jaġixxu minħabba tħassib dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi; jirrimarka li interpretazzjonijiet diverġenti u approċċ mhux koordinat bejn l-Istati Membri jistgħu jwasslu għal frammentazzjoni tas-suq, iżidu l-inċertezza tad-dritt, jikkompromettu l-kundizzjonijiet ekwi u jipprovdu opportunitajiet għal arbitraġġ regolatorju;

23. Jemma, għalhekk, li kwalunkwe kategorizzazzjoni ulterjuri għandha tkun bilanċjata u flessibbli sabiex tadatta għal mudelli u riskji kummerċjali li qed jevolvu u biex tagħti spazju lill-innovazzjoni u lill-kompetittività fis-settur waqt li, fl-istess ħin, jiġi żgurat li r-riskji jistgħu jiġu identifikati u mitigati fi stadju bikri;

24. Jenfasizza wkoll li tinhteġ kjarifika tal-gwida dwar il-proċessi regolatorji u prudenzjali applikabbli sabiex tiġi pprovduta ċertezza regolatorja u jiġi definit trattament superviżorji u prudenzjali xieraq tal-kriptoassi; jaqbel mal-fehma tal-Kumitat ta' Basel u tal-EBA li l-banek li jakkwistaw il-kriptoassi għandhom japplikaw trattament prudenzjali konservattiv tal-kriptoassi, speċjalment dawk b'riskju għoli;

25. Iqis li l-istituzzjonijiet finanzjarji regolati, b'mod partikolari l-istituzzjonijiet ta' kreditu, l-istituzzjonijiet ta' pagament u l-fondi tal-pensjonijiet, għandhom ikunu soġġetti għal limiti massimi speċifiċi ta' skopertura fid-dawl tar-riskji potenzjali għall-protezzjoni tal-konsumatur u tal-investitur u għall-istabilità finanzjarja assoċjata ma' livelli għoljin ta' attività tal-kriptoassi; jaqbel ukoll mal-fehma li diliġenza dovuta b'saħħitha, governanza u ġestjoni tar-riskji robusti, divulgazzjoni sħiħa ta' kwalunkwe skopertura u djalogu sod mas-superviżuri huma kollha ta' importanza fundamentali; jemma li r-reviżjoni li jmiss tal-qafas tar-rekwiżiti ta' kapital għandha tinkludi emendi f'dan ir-rigward;

26. Iqis li l-aġenti u l-parteċipanti kollha involuti f'attività relatata mal-kriptoassi għandhom ikunu soġġetti għall-istandards tal-qafas regolatorju finanzjarju eżistenti, kif applikabbli; jissottolinja wkoll il-hteġa li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet u mekkaniżmi legali biex jiġi żgurat li l-istandards regolatorji għall-attivitajiet relatati mal-kriptoassi, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tal-konsumatur u tal-AML/CFT, jiġu infurzati wkoll meta tali attivitajiet jew servizzi jiġu pprovduti jew operati minn barra l-Unjoni; jissottolinja, barra minn hekk, li hemm bżonn ta' regoli speċifiċi dwar it-trasparenza u l-integrità tas-suq, mill-inqas ekwivalenti għal dawk tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE<sup>(19)</sup> (MiFID II) għall-emittenti jew l-isponsors kollha tal-kriptoassi, li jstabbilixxu regoli stretti dwar l-informazzjoni lill-klijenti potenzjali, u li għandhom ikunu ċari u mhux qarrieqa, bħar-rekwiżiti ta' valutazzjoni tal-adeqgatezza;

<sup>(19)</sup> ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349.

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

27. Iqis li xi kryptoassi, dawk użati l-aktar f'kanali illegali, m'għandhomx jiġu legittimizzati billi jinġiebu taħt ir-reġim regolatorju eżistenti; jenfasizza li kwalunkwe leġittimizzazzjoni mhux mixtieqa tipperikola l-protezzjoni tal-konsumaturi u tikkomprometti l-integrità tas-suq; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tistabilixxi regoli stretti rigward twissijiet lil klijenti potenzjali u tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti jingħataw is-setgħat ta' intervent meħtieġa biex jirrestrinġu jew jipprojbixxu operazzjonijiet u attivitajiet f'dawk il-kryptoassi li jintużaw b'mod predominanti għal finijiet illegali;

28. Jenfasizza li r-riskji relatati mal-parteċipazzjonijiet u l-iskoperturi għall-kryptoassi għandhom ikunu integrati bis-sħiħ fil-proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorji ladarba t-tassonomija tkun disponibbli; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa ta' rekwiżiti ta' divulgazzjoni xierqa u standardizzati ta' kwalunkwe skopertura materjali jew servizz relatati mal-kryptoassi;

29. Jirrimarka li se jinħtieġ li jiġu indirizzati d-diskrepanzi regolatorji fid-dritt tal-Unjoni eżistenti permezz ta' bidliet immirati, kif se jinħtieġ il-ħolqien ta' reġimi regolatorji mfassla apposta għal attivitajiet ta' kryptoassi ġodda u li qed jevolvu, bħall-ICOs jew offerti inizjali tal-kambji (IEOs); jinnota li ċerti tipi ta' kryptoassi jistgħu jidhru fil-qafas regolatorju eżistenti, pereżempju bħala "titoli trasferibbli" kif definiti mill-MiFID II; jemmen li dawk il-kryptoassi li jistgħu jaqgħu fl-ambitu tal-MiFID II għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħal titoli trasferibbli oħra li jaqgħu fl-ambitu ta' dak ir-reġim, u bħala tali ma jkunux jeħtieġu qafas leġiżlattiv imfassal apposta, iżda pjuttost ikunu jeħtieġu bidliet immirati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-MiFID II;

30. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu rregolati ċerti kryptoassi li ma jaqgħux fl-ambitu tad-dispożizzjonijiet tal-MiFID II b'mod armonizzat fil-livell tal-Unjoni;

31. Jinnota li l-istablecoins jirrappreżentaw kategorija unika ta' kryptoassi; jirrimarka li, f'dan l-istadju, l-użu tal-istablecoins għadu mhuwiex prominenti fl-Unjoni; jenfasizza, madankollu, li l-adozzjoni mifruxa tagħhom tista' toħloq theddid sinifikanti għall-istabilità finanzjarja u t-trażmissjoni tal-politika monetarja kif ukoll għall-kontroll demokratiku; jilqa' għalhekk l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' qafas leġiżlattiv li, *inter alia*, ikollu l-għan li jiżgura li jkun hemm rata ta' konverżjoni stabbli bejn l-istablecoins u l-munita ta' kors legali u li l-istablecoin rispettiv ikun rikonvertibbli f'munita ta' kors legali b'parità fi kwalunkwe ħin; jenfasizza l-ħtieġa, madankollu, li l-emittenti kollha tal-istablecoins ikunu legalment obbligati li jagħtu lid-detentur pretensjoni diretta u li jfdu l-istablecoins b'parità f'munita ta' kors legali fi kwalunkwe ħin u li jistabilixxu mekkaniżmi adegwati għas-salvagwardja u għas-segregazzjoni tar-riżervi ta' stabilizzazzjoni għal dan il-għan;

32. Jenfasizza li l-ICOs u l-IEOs għandhom il-potenzjal li jżidu l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs, in-negozji ġodda u n-negozji innovattivi li qed jespandu, jistgħu jaċċelleraw it-trasferiment tat-teknoloġija u jistgħu jkunu parti essenzjali mis-CMU; jinnota, madankollu, li diversi awtoritajiet superviżorji ħarġu twissijiet rigward l-ICOs minħabba n-nuqqas ta' trasparenza u rekwiżiti ta' divulgazzjoni tagħhom, li għandhom il-potenzjal li jikkawżaw riskji għall-investituri u l-konsumaturi;

33. Jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tivvaluta l-vantaġġi li tipproponi qafas leġiżlattiv għall-ICOs u l-IEOs bl-għan li jiżiedu t-trasparenza, iċ-ċertezza tad-dritt, il-protezzjoni tal-investituri u tal-konsumaturi, u tnaqqas ir-riskji li jirriżultaw minn informazzjoni asimmetrika, imġiba frawdolenti u attivitajiet illegali; jinsisti li s-superviżjoni u l-monitoraġġ ta' dan il-qafas jiġu kkoordinati fil-livell tal-Unjoni;

34. Jenfasizza li qafas komuni tal-Unjoni dwar il-kryptoassi għandu jgħin jissalvagwardja livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u tal-investitur, l-integrità tas-suq u l-istabilità finanzjarja, jinforza l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-AML, bħall-obbligi KYC fir-rigward tal-aġenti involuti fi tranżazzjonijiet relatati mal-kryptoassi, b'eżenzjonijiet biss għal tranżazzjonijiet okkażjonali taħt livell minimu, u jtejjeb is-sorveljanza tat-teknoloġija sottostanti sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet li jinvestigaw il-kriminalità jkunu jistgħu jidentifikaw il-benefiċjarji aħħarin tat-tranżazzjonijiet ta' pagament b'mod affidabbli u bi sforz limitat;

35. Huwa mħasseb dwar ir-riżultati ta' riċerka reċenti<sup>(20)</sup> li turi li nofs it-tranżazzjonijiet tal-kryptoassi huma marbuta ma' attivitajiet illegali, bħax-xiri jew il-bejgħ ta' oġġetti jew servizzi illegali, il-ħasil ta' flus u l-pagamenti fattakki bir-ransomware; jenfasizza r-riżultati reċenti li jindikaw li 76 biljun dollaru ta' attività illegali fis-sena jinvolve l-Bitcoins;

<sup>(20)</sup> Disponibbli b'mod elettroniku fuq <https://ssrn.com/abstract=3102645>.



36. Itenni l-ħtieġa li jiġu indirizzati b'mod effikaċi r-riskji tal-AML/CTF li jirriżultaw minn attivitajiet transfruntieri u teknoloġiji ġodda, b'mod partikolari dawk maħluqa mill-kriptoassi;

37. Jissottolinja li d-diskrepanzi eżistenti fil-qafas tal-AML għall-kriptoassi bħal fl-applikazzjoni tal-prinċipju KYC, iwasslu għal kundizzjonijiet mhux ekwi bejn tipi differenti ta' attività finanzjarja; iqis li d-dispożizzjonijiet tal-AML/CTF għal fornituri ta' servizzi relatati mal-kriptoassi għandhom jiġu infurzati wkoll għal fornituri barranin li joffru s-servizzi tagħhom fl-Unjoni; jenfasizza li definizzjoni komprensiva ta' "assi virtwali" hija meħtieġa biex tirrifletti aħjar in-natura u l-funzjoni tal-kriptoassi għall-fini tal-AML/CTF; jirrimarka li d-definizzjoni ta' finanzjament tat-terroriżmu għandha tiġi aġġornata wkoll biex ikun żgurat li l-kriptoassi jiġu koperti b'mod adegwat;

38. Jinnota l-aġġornament tar-Rakkomandazzjoni 16 eżistenti tal-FATF rigward ir-Regola dwar l-Ivvjaġġar għall-Fornituri ta' Servizzi tal-Assi Virtwali (VASPs) u jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-implikazzjonijiet tagħha għall-fornituri tal-kambji tal-kriptomunita u tal-kartieri elettroniċi fil-qafas tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE<sup>(21)</sup>;

39. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tal-entitajiet obbligati fil-qafas tal-AML/CTF, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-FATF u tal-ESMA, biex jiġi żgurat li l-attivitajiet kollha li jinvolvu l-kriptoassi, fir-rigward tal-fornituri ta' skambji virtwali għal virtwali, kategoriji oħra ta' fornituri ta' kartieri u ICOs, ikunu soġġetti għall-istess obbligi tal-AML/CTF;

40. Huwa tal-fehma li l-proliferazzjoni tal-finanzi diġitali m'għandha tħalli lil ħadd lura u li d-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet tal-finanzi diġitali għall-konsumaturi u għall-investituri mhux professjonali trid timxi id fid ma' sforzi akbar biex jiġu żgurati t-trasparenza, l-għarfien pubbliku u l-aċċess għall-informazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvestu fi programmi biex itejbu l-litteriżmu diġitali u finanzjarju;

41. Jinnota li l-introduzzjoni ta' kwalunkwe munita diġitali żviluppata minn bank ċentrali ġgħib magħha sfidi u riskji sinifikanti (eż. riskji għall-istabilità finanzjarja, protezzjoni tad-depożiti, implikazzjonijiet għat-trażmissjoni tal-politika monetarja, implikazzjonijiet għall-intermedjazzjoni kreditizja, sostituzzjoni ta' mezzi oħra ta' pagament, esklużjoni tal-parteċipanti tas-suq privat, eċċ.) li jistgħu faċilment ikunu aktar sinifikanti mill-benefiċċji perċepiti tas-CBDCs;

42. Jinnota li wħud min-nuqqasijiet perċepiti tas-sistema Ewropea ta' pagamenti jistgħu jiġu rrimedjati b'titjib gradwali tar-reġim eżistenti bħal żieda fl-introduzzjoni ta' pagamenti istantanji kosteffiċjenti;

### **Approċċ komuni għar-reżiljenza ċibernetika tas-settur finanzjarju**

43. Jirrimarka li ż-żieda fid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi finanzjarji, kif ukoll l-esternalizzazzjoni lil fornituri esterni ta' soluzzjonijiet jew manutenzjoni tal-IT, bħall-fornituri ta' servizz ta' cloud, jistgħu jgħinu b'mod partikolari lin-negozji ġodda biex jinnovaw u jkollhom aċċess għal teknoloġija li altrimenti ma kienu ikollhom; iwissi, madankollu, li l-iskopertura tal-istituzzjonijiet u s-swieq finanzjarji għal tfixkil ikkawżat minn fallimenti interni, attakki esterni jew b'konsegwenza ta' diffikultajiet finanzjarji qed issir aktar evidenti u għalhekk ir-riskji operattivi jeħtieġ li jiġu vvalutati bir-reqqa fid-dawl ta' dan ix-xenarju li qed jevolvi; iqis li l-oġġettivi ta' gwida ta' kwalunkwe leġislazzjoni proposta f'dan ir-rigward għandhom għalhekk ikunu s-sigurtà, ir-reżiljenza u l-effiċjenza;

44. Jieħu nota tal-fatt li, filwaqt li huwa partikolarment diffiċli li jiġu stabbiliti l-ispejjeż totali tal-inċidenti ċibernetiċi, l-istimi tal-industrija jvarjaw minn USD 45 biljun għal USD 654 biljun għall-ekonomija globali fl-2018;

<sup>(21)</sup> ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73.

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

45. Jenfasizza li s-settur finanzjarju tradizzjonalment kien mira ewlenija għall-kriminali ċibernetiċi li jkunu qed ifittxu gwadann finanzjarju;

46. Huwa mħasseb dwar l-analiżi tal-BERS li turi li huwa tabilħaqq konċepibbli li inċidenti ċibernetiku jista' jevolvi fi kriżi ċibernetika sistemika li thedded l-istabilità finanzjarja <sup>(22)</sup>;

47. Jirrimarka li xi biċċiet settorjali tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji diġà fihom rekwiżiti speċifiċi fir-rigward tal-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni, filwaqt li dan mhuwiex il-każ għal oqsma oħra tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji; ifakkar li l-awtoritajiet superviżorji ħarġu twissijiet lill-konsumaturi rigward l-ICOs, peress li n-nuqqas ta' rekwiżiti xierqa ta' trasparenza u divulgazzjoni jista' jikkawża riskji potenzjali u serji għall-investituri;

48. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi bidliet leġiżlattivi fil-qasam tal-ICT u r-rekwiżiti tas-sigurtà ċibernetika għas-settur finanzjarju tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu l-istandards internazzjonali, sabiex tiġi indirizzata kwalunkwe inkonsistenza, diskrepanza u lakuna li jinsab li tkun teżisti fil-liġi rilevanti; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tikkunsidra l-ħtieġa ta' analiżi superviżorja tal-fornituri tal-ICT, filwaqt li jinnota r-riskji ta' konċentrazzjoni u ta' kontagġju li jistgħu jinħolqu minn dipendenza qawwija fuq numru żgħir ta' fornituri tal-ICT u tal-cloud computing mis-settur tas-servizzi finanzjarji;

49. Iqis li dawn il-bidliet għandhom jiffukaw fuq erba' oqsma ewlenin:

(a) il-modernizzazzjoni tal-governanza u l-ġestjoni tar-riskji tal-ICT, u l-konformità mal-istandards internazzjonali;

(b) l-allinjament tar-regoli tar-rappurtar fir-rigward ta' inċidenti tal-ICT;

(c) qafas komuni għall-penetrazzjoni u l-ittestjar tar-reżiljenza operattiva fis-setturi finanzjarji kollha;

(d) is-sorveljanza u standards minimi għal fornituri terzi kritiċi ta' servizzi tal-ICT;

50. Jenfasizza l-ħtieġa ta' aktar kondiviżjoni ta' informazzjoni, b'mod partikolari dwar inċidenti, u koordinazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet regolatorji u superviżorji rilevanti, billi jitqies li l-bini ta' reżiljenza u tat-tħejjija biex jiġu ttrattati inċidenti ċibernetiċi u operattivi fuq skala kbira jirrikjedi kooperazzjoni effettiva mhux biss bejn il-fruntieri iżda anki bejn diversi setturi; huwa tal-fehma li dan għandu jsir billi jingħataw ċerti setgħat lis-superviżuri biex jissorveljaw b'mod aktar effettiv l-attivitajiet ipprovduti minn partijiet terzi, b'mod partikolari drittijiet ta' spezzjoni, drittijiet ta' awditjar u drittijiet ta' sanzjonar imsaħħa;

51. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħa il-kooperazzjoni fil-fora internazzjonali sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' standards internazzjonali fir-rigward tal-cloud computing u l-esternalizzazzjoni; jitlob li ssir analiżi dwar il-ħtieġa ta' miżuri speċifiċi għall-Unjoni sabiex is-sorveljanza tal-cloud computing u tal-esternalizzazzjoni jiġu konformi mal-livell ta' sorveljanza tas-sistemi miruti; jirrimarka li jeħtieġ ukoll li jiġu żviluppati standards internazzjonali f'dawn l-oqsma; huwa tal-fehma li, filwaqt li r-responsabbiltà għall-konformità hija tal-operaturi finanzjarji, is-sorveljanza tal-fornituri terzi kritiċi għandu jkollha l-għan li timmonitorja r-riskju tal-konċentrazzjoni u r-riskji għall-istabilità finanzjarja, u li tiżgura l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti; huwa tal-fehma li dan għandu jsir billi jingħataw ċerti setgħat lis-superviżuri biex jissorveljaw b'mod aktar effettiv l-attivitajiet ipprovduti minn partijiet terzi, b'mod partikolari drittijiet ta' spezzjoni, drittijiet ta' awditjar u drittijiet ta' sanzjonar imsaħħa;

52. Jišhaq li r-reżiljenza tas-sistema finanzjarja tirrikjedi qafas teknoloġiku b'saħħtu għas-superviżjoni ta' applikazzjonijiet teknoloġiċi avvanzati fis-servizzi finanzjarji; jissottolinja l-ħtieġa ta' strateġija konkreta li ttejjeb l-użu tat-teknoloġija regolatorja (RegTech) u t-teknoloġija superviżorja (SupTech);

53. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-superviżuri jstabbilixxu azzjonijiet mhux leġiżlattivi biex isaħħu t-tħejjija operattiva fis-settur finanzjarju biex jiġu indirizzati inċidenti ċibernetiċi u operattivi fuq skala kbira, permezz ta' eżerċizzji konġunti, protokollu operattivi ("playbooks"), għodod siguri ta' kollaborazzjoni u investimenti fir-rinfurzar ta' infrastrutturi kritiċi u kapaċitajiet Ewropej ta' ridondanza; jenfasizza l-ħtieġa li s-superviżuri jkollhom għarfien espert intern u riżorsi adegwati biex iwettqu tali eżerċizzji u azzjonijiet superviżorji;

<sup>(22)</sup> Il-BERS ippubblika rapport dwar l-attakki ċibernetiċi sistemiċi fi Frar 2020 (<https://www.esrb.europa.eu/news/pr/date/2020/html/esrb.pr200219~61abad5f20.en.html>)

54. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta u timmonitorja r-riskju ta' opportunitajiet kummerċjali fis-“suq iswed” emerġenti, u tal-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu, il-frodi u l-evażjoni tat-taxxa u attivitajiet kriminali oħra;

### Data

55. Ifakkar li l-għbir u l-analiżi tad-data għandhom rwol ċentrali għall-finanzi diġitali, u għalhekk jenfasizza l-ħtieġa ta' applikazzjoni konsistenti u teknoloġikament newtrali tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar id-data; jenfasizza li l-intelliġenza artifiċjali hija waħda mit-teknoloġiji fundamentali fir-rigward tat-titjib tal-kompetittività tal-Unjoni flivell globali;

56. Jirrimarka li l-Unjoni hija dik li tistabbilixxi l-istandards globali fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali; jenfasizza li t-trasferiment u l-użu ta' data personali u mhux personali fis-settur tas-servizzi finanzjarji għandhom isiru b'konformità mad-dritt u mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti kollha tal-Unjoni filwaqt li jippermettu l-fluss legali u sigur tad-data meħtieġ biex jiżiedu l-inizjattivi finanzjarji innovattivi;

57. Jišhaq li l-fluss liberu tad-data fl-Unjoni huwa meħtieġ biex jiżied il-finanzjament innovattiv; jirrimarka li l-flussi transfruntieri tad-data, inkluż lejn u minn pajjiżi terzi, iridu jiġu mmonitorjati u rregolati skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data;

58. Jitlob, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni tiżgura li l-entitajiet fil-qasam tal-finanzi diġitali jkunu jistgħu jaċċessaw fuq bażi ekwa data rilevanti, affidabbli u utli b'konformità mal-GDPR billi jinħoloq valur akbar għall-klijent, jitravwem il-potenzjal tal-finanzi diġitali u li l-imprezzi FinTech innovattivi jingħataw opportunitajiet biex jikbru fl-Unjoni u lil hinn minnha; jenfasizza l-importanza li jiġu rrispettati r-regoli tal-kompetizzjoni fis-suq intern u li jiġi żgurat li l-interessi tal-konsumaturi u l-innovazzjoni ma ssirilhomx ħsara; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-offerta ta' servizzi finanzjarji minn ditti “Big Tech”, u anke kif il-vantaġġi kompetittivi inerenti għal dawn l-operaturi jistgħu jgħawġu l-kompetizzjoni fis-suq, u jagħmlu ħsara lill-interessi tal-konsumaturi u l-innovazzjoni;

59. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni ssib bilanċ bejn l-iżgurar tas-sigurtà tad-data u l-protezzjoni tal-konsumaturi, u ż-żamma tal-esperjenza tal-konsumatur u tal-effiċjenza tas-servizz;

60. Jitlob li l-Kummissjoni, abbażi tal-istandard eżistenti tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE<sup>(23)</sup>, tikkunsidra infrastruttura għall-onboarding diġitali u l-użu ta' identitajiet finanzjarji diġitali, li jkollha l-għan li tarmonizza r-rekwiżiti regolatorji eżistenti fl-Unjoni kollha sa fejn ikun meħtieġ u tiffaċilita l-użu tagħhom biex ikun hemm operazzjonijiet inqas frammentati fis-suq intern u konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti kontra l-ħasil tal-flus; jenfasizza l-importanza u l-benefiċċji potenzjali tal-użu tal-identitajiet finanzjarji diġitali fis-setturi u fl-Istati Membri kollha, filwaqt li jiġi żgurat li jikkonformaw mal-istandards tal-protezzjoni tad-data u tal-privatezza u billi jiġu ggarantiti miżuri xierqa u proporzjonati biex jiġu evitati inċidenti fir-rigward tad-data jew tal-identità;

61. Jirrimarka li, għall-proċessi KYC, ir-rekwiżiti legali għall-onboarding fil-livell tal-konsumatur mill-istituzzjonijiet finanzjarji huma differenti f'kull Stat Membru u għalhekk l-onboarding transfruntier b'settijiet ta' data eżistenti ħafna drabi mhux possibbli, u dan jgħodd ukoll għall-onboarding ta' klijenti korporattivi u l-proċess KYC/KYB (kun af in-negozju tiegħek) relatat tiegħu; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza din il-kwistjoni u trawwem l-armonizzazzjoni tad-data KYC meħtieġa mill-Istati Membri;

62. Jirrikonoxxi li l-interoperabbiltà bejn l-entitajiet diġitali flivell nazzjonali u tal-Unjoni hija fundamentali sabiex tintlaħaq l-aċċettazzjoni tas-suq mixtieqa;

(23) ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73.

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

63. Jirrimarka li d-data tal-klijenti jew il-"big data", li hija fundamentali għall-ħolqien ta' valur addizzjonali għall-klijenti u għaż-żamma tal-kompetittività, qed tintuża dejjem aktar mill-istituzzjonijiet finanzjarji; itenni l-konklużjonijiet fundamentali; ifakkar fil-qafas leġiżlattiv għall-ipproċessar tad-data personali previst fil-GDPR u jistieden lill-partijiet ikkonċernati kollha jżidu l-isforzi biex jiggarantixxu l-infurzar tad-drittijiet inklużi fih; jenfasizza, b'mod partikolari, il-prinċipju rigward id-dritt tal-individwi li jippossedu u jikkontrollaw id-data tagħhom u d-dritt tal-portabbiltà tad-data;

64. Iqis li identità awtosovrana bbażata fuq id-DLT tista' tkun element ewlieni fl-iżvilupp ta' firxa ta' servizzi u pjattaformi ġodda għas-suq diġitali, indipendenti mill-aggregaturi tad-data u li tevita l-intermedjarji, waqt li fl-istess ħin tipprovdni standards għoljin ta' sigurtà u ta' protezzjoni tad-data għaċ-ċittadini individwali tal-UE;

65. Jemmen li n-nuqqas ta' data u informazzjoni aċċessibbli u affidabbli rigward l-attivitajiet tal-finanzi diġitali jista' jkun ta' detriment għat-tkabbir, għall-protezzjoni tal-konsumaturi, għall-integrità tas-suq u għall-istabilità finanzjarja, kif ukoll għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa; jirrakkomanda żieda fit-trasparenza u rappurtar imtejjeb tal-attività tal-finanzi diġitali sabiex jitnaqqsu l-asimmetriji u r-riskji, b'mod partikolari rigward l-operaturi attwali tal-big data li jistgħu jisiltu benefiċċji sproporzjonati minn aċċess akbar għad-data; jenfasizza l-importanza ta' kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tal-aċċess transfruntier għad-data kif iggarantit mill-GDPR f'dak li jikkonċerna d-data personali;

66. Jirrimarka li, f'dan il-kuntest, l-istandards għandhom rwol ewlieni fil-promozzjoni ulterjuri tal-ġestjoni, il-kondiviżjoni u l-iskambju tad-data, inklużi l-interoperabbiltà u l-portabbiltà tad-data. Dan jirrikjedi wkoll infrastruttura affidabbli u legalment sigura kif ukoll qafas legali sod fir-rigward tal-ġbir u l-kondiviżjoni tad-data li jagħtu lin-negozji fiduċja fil-kooperazzjoni dwar id-data bejn il-kumpaniji jew saħansitra bejn l-industriji;

67. Jappella għal sorveljanza effikaċi tal-analiżi tal-"big data" b'mod li jindirizza l-opaċità tal-mudelli filwaqt li jiżgura li jkun hemm aċċess suffiċjenti għal data rilevanti u ta' kwalità; jenfasizza l-ħtieġa ta' aktar akkontabbiltà, spjegabbiltà u trasparenza fir-rigward tal-algoritmi, l-ipproċessar u l-analiżi tad-data, bħala għodod essenzjali biex jiġi ggarantit li l-individwu jkun infurmat b'mod xieraq dwar l-ipproċessar tad-data personali tiegħu;

68. Jissottolinja l-importanza ta' servizzi bankarji miftuħa għat-titjib tal-kwalità tas-servizzi ta' pagament bl-inklużjoni ta' parteċipanti ġodda fis-suq li jipprovdu aktar effiċjenza operattiva u tal-prezzijiet lill-konsumatur; jirrimarka li tranżizzjoni minn servizzi bankarji miftuħa għal finanzi miftuħa, i.e. l-inklużjoni ta' servizzi finanzjarji għajr il-pagamenti, hija prijorità strateġika li għandha l-potenzjal ittejjeb l-effiċjenza, tnaqqas ir-riskji tal-konċentrazzjoni u ssaħħaħ l-inklużjoni finanzjarja;

69. Huwa tal-fehma li l-proposta mitluba m'għandhiex implikazzjonijiet finanzjarji;

o

o o

70. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fl-annessi lill-Kummissjoni u lill-Kunsill kif ukoll lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI:****RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA****A. PRINĊIPIJI U OBJETTIVI TAL-PROPOSTA**

1. Biex titwitta t-triq għal approċċ orjentat lejn il-futur fir-rigward tar-regoli li jikkonċernaw il-finanzi diġitali fl-Unjoni;
2. Biex jiġi żgurat li l-finanzi diġitali jistgħu jkomplu jkunu xprun innovattiv tat-tkabbir u l-impjegi fis-suq uniku kollu;
3. Biex jitrawwem fehim komuni tal-kwistjonijiet ewlenin li jikkonċernaw il-finanzi diġitali u titħeġġeġ l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti, li jwasslu għal attività transfruntiera msaħħa;
4. Biex tiżdied il-kondiviżjoni tad-data f'konformità mal-prinċipji tal-Unjoni sabiex tiġi stimolata l-innovazzjoni. L-objettiv għandu jkun li jiġi ffaċilitat l-aċċess għad-data pubblika fl-Unjoni kollha. Dan ikun ta' benefiċċju mhux biss għall-kumpaniji tal-finanzi diġitali, iżda jkun ta' benefiċċju wkoll għal għadd ta' oqsma oħra ta' politika tal-Unjoni u jżid it-trasparenza tas-suq;
5. Biex jitqiesu tliet oqsma għal azzjoni inizjali tal-Unjoni, b'mod speċifiku l-iżvilupp ta' qafas għall-kriptoassi, l-iżvilupp ta' qafas għar-reżiljenza ċibernetika u operattiva, kif ukoll il-ħidma biex il-kunċett tal-onboarding diġitali jiġi armonizzat fis-suq uniku.

**B. AZZJONIJIET LI GĦANDHOM JIĠU PROPOSTI**

1. Li titressaq proposta leġiżlattiva għall-kriptoassi, li tipprovdi ċertezza tad-dritt għat-trattament tal-kriptoassi filwaqt li tiżgura standards għoljin ta' protezzjoni tal-konsumaturi u tal-investituri, integrità tas-suq u stabbiltà finanzjarja. Tali qafas għandu jikkunsidra tassonomija miftuħa u komprensiva fl-Unjoni kollha, u jkollu l-għan li jilleġiżla skont il-prinċipju li l-istess regoli japplikaw skont l-istess attività u riskji u l-prinċipji tal-proporzjonalità, biex b'hekk jiġi minimizzat l-arbitraġġ regolatorju u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi.

Tali proposta leġiżlattiva għandha:

- a) tipprovdi gwida dwar il-proċessi regolatorji, superviżorji u prudenzjali applikabbli u t-trattament tal-kriptoassi; tadotta regoli speċifiċi dwar it-trasparenza u l-integrità tas-suq mill-inqas ekwivalenti għal dawk tal-MIFID II għall-emittenti jew l-isponsors tal-kriptoassi;
- b) tindirizza d-diskrepanzi regolatorji fil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni fir-rigward tal-kriptoassi, pereżempju, il-klassifikazzjoni ta' ċerti kriptoassi bħala "titoli trasferibbli" skont il-MiFID II biex ikun żgurat li jiġu ttrattati bl-istess mod bħal titoli trasferibbli oħra;
- c) toħloq reġim regolatorju mfassal apposta għal attivitajiet ġodda u li qed jevolvu tal-kriptoassi, bħall-ICOs jew l-HEOs, u kwalunkwe kriptoassi li ma jaqax taħt il-qafas regolatorju eżistenti, filwaqt li tiżgura li jiġu rregolati b'mod armonizzat fil-livell tal-Unjoni;
- d) tindirizza l-impatt ambjentali tal-kriptomminar u l-ħtieġa ta' soluzzjonijiet bil-għan tal-mitigazzjoni tal-impronta ekoloġika tal-kriptoassi stabbiliti;

2. Li nersqu lejn konverġenza regolatorja u superviżorja aktar b'saħħitha, bil-għan li jiġi żvilupp qafas komuni tal-Unjoni; jappella għal djalogu strutturat bejn l-ASE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li għandu jiffoka fuq l-isfidi superviżorji attwali u l-konverġenza tal-prattiki lejn superviżjoni bla xkiel fil-livelli kollha fil-qasam tal-finanzi diġitali;

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

3. Li jiġi żviluppat qafas leġiżlattiv għall-istablecoins, filwaqt li jiġi żgurat li tal-anqas jissodisfaw l-istandards tad-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE<sup>(1)</sup>, inkluża rata ta' konverżjoni stabbli, li tista' tinfeda b'parità, bil-muniti ta' kors legali;
4. Abbażi ta' valutazzjoni, titressaq proposta għal qafas komuni tal-Unjoni għal sandbox pan-Ewropea għas-servizzi finanzjarji diġitali;
5. Li tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-qafas tal-AML/CTF fir-rigward tal-kriptoassi u li jingħalqu l-lakuni eżistenti, b'mod partikolari permezz tal-miżuri deskritti fil-paragrafi 33-38;
6. Li jiġi żgurat li l-proliferazzjoni tal-finanzi diġitali ma tħalli lil ħadd lura. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex itejbu l-litteriżmu diġitali u finanzjarju;
7. Li titressaq proposta leġiżlattiva dwar ir-reżiljenza ċibernetika, li tiżgura standards konsistenti tal-ICT u tas-sigurtà ċibernetika fis-settur finanzjarju kollu tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu l-istandards internazzjonali. Tali qafas għandu jkun orjentat lejn il-futur u jiffoka fuq il-modernizzazzjoni tar-regoli attwali applikabbli fir-rigward tar-reżiljenza ċibernetika, filwaqt li jelimina wkoll kwalunkwe lakuna u diskrepanza regolatorja, li jistgħu jipperikolaw l-impriżi, l-investituri u l-konsumaturi;
8. Biex jinħatar superviżur Ewropew uniku għas-sorveljanza u r-reġistrazzjoni tal-attivitajiet rilevanti kollha relatati mal-kriptoassi b'element fl-Unjoni, f'kooperazzjoni ma' superviżuri oħra fil-livell tal-Unjoni, abbażi ta' ġabra ta' regoli komuni;
9. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li ttwettaq analiżi superviżorja tal-fornituri tal-ICT fil-qasam tas-servizzi finanzjarji li jipprovdu s-servizzi tagħhom fl-Unjoni kif deskritt fil-paragrafu 47;
10. Jistieden lill-Kummissjoni tippromovi bidliet leġiżlattivi fil-qasam tal-ICT u rekwiżiti tas-sigurtà ċibernetika għas-settur finanzjarju tal-Unjoni. Dawn il-bidliet għandhom jiffukaw fuq l-erba' oqsma ewlenin deskritti fil-paragrafu 48;
11. Li ssir ħidma biex jiġu żviluppati standards tal-Unjoni fil-qasam tal-cloud computing u l-esternalizzazzjoni, waqt li fl-istess ħin issir ħidma mas-sħab internazzjonali biex jiġu żviluppati standards internazzjonali, kif deskritt fil-paragrafu 50;

**Data**

12. Li jiġi propost qafas għall-onboarding diġitali. Tali qafas għandu jikkonforma mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni bħad-dispożizzjonijiet kontra l-ħasil tal-flus, l-istandards tal-protezzjoni tad-data u tal-privatezza, u għandu jkollu l-oġettiv li jiżgura fehim komuni tal-identitajiet tal-finanzi diġitali fis-suq uniku kollu, filwaqt li jrawwem l-armonizzazzjoni tal-onboarding transfruntier;
13. Li ssir ħidma biex jittejjbu l-akkontabbiltà, l-ispeggabbiltà u t-trasparenza fir-rigward tal-algoritmi, l-ipproċessar u l-analiżi tad-data kif deskritt fil-paragrafu 66.

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7.

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

P9\_TA(2020)0266

**Żvilupp ulterjuri tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU): titjib tal-aċċess għall-finanzjament fis-swieq kapitali, b'mod partikolari mill-SMEs, u żieda ulterjuri fil-parteċipazzjoni tal-investituri fil-livell tal-konsumatur****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar żvilupp ulterjuri tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU): titjib tal-aċċess għall-finanzjament fis-swieq kapitali, b'mod partikolari mill-SMEs, u żieda ulterjuri fil-parteċipazzjoni tal-investituri fil-livell tal-konsumatur (2020/2036(INI))**

(2021/C 395/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli Li Jmiss tas-CMU ta' Ottubru 2019,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Forum ta' Livell Għoli dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali tal-10 ta' Ġunju 2020,
  - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali" (COM(2020)0103),
  - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Lulju 2020 bit-titolu "Inlestu għall-bidliet. Komunikazzjoni dwar l-istat tat-tlestija fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit" (COM(2020)0324),
  - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Marzu 2018 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni tal-FinTech: Għal settur finanzjarju Ewropew iktar kompetittiv u innovattiv" (COM(2018)0109),
  - wara li kkunsidra l-Pakkett ta' Rkupru tas-Swieq Kapitali propost mill-Kummissjoni fl-24 ta' Lulju 2020,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Lulju 2015 dwar "Il-Bini ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali" <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2016 dwar "Analiżi u sfidi tar-Regolament tal-UE dwar is-Servizzi Finanzjarji: l-impatt u t-triq 'il quddiem lejn qafas tal-UE aktar effiċjenti u effikaċi għal Regolamentazzjoni Finanzjarja u Unjoni tas-Swieq Kapitali" <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżultati tal-Istħarriġ regolari tal-BĊE dwar l-Aċċess tal-Intrapriżi għall-Finanzjament,
  - wara li kkunsidra t-Tbassir Ekonomiku għas-Sajf 2020 tal-Kummissjoni,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0155/2020),
- A. billi l-azzjonijiet kollha li ttieħdu biex tinholq Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) għandu jkollhom bħala l-oġettiv ewlenin tagħhom it-titjib tal-firxa ta' għażliet ta' finanzjament aktar attraenti, stabbli u sostenibbli offruti lill-kumpaniji u liċ-ċittadini, filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà ekonomika, jiġi minimizzat ir-riskju finanzjarju u jiġu protetti b'mod adegwat l-interessi tal-investituri fil-livell tal-konsumatur, il-pensjonanti u l-konsumaturi, biex tiġi inċentivata l-parteċipazzjoni finanzjarja u biex daww li jfaddlu jsiru investituri; billi l-aċċess għall-finanzjament mill-bejgħ ta' ishma għall-SMEs, l-impredituri u l-ekonomija soċjali sar saħansitra aktar kruċjali għall-irkupru wara l-COVID-19;
- B. billi s-suq intern tal-UE huwa kkaratterizzat minn kompetizzjoni miftuħa, qafas regolatorju, dipendenza minn standards internazzjonali u kooperazzjoni superviżorja; billi l-istrateġija tas-CMU għandha għalhekk tkun ibbażata fuq l-istess prinċipji;

<sup>(1)</sup> ĠU C 265, 11.8.2017, p. 76.<sup>(2)</sup> ĠU C 11, 12.1.2018, p. 24.

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

- C. billi l-livell ta' finanzjament meħtieġ għall-irkupru tal-ekonomija tal-UE joħloq hteġa imperattiva ta' investiment għaqli u b'mod sostenibbli għall-ġenerazzjonijiet futuri; billi s-CMU għandha tkun kontributor ewlieni għat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli, kompetittiva u reżiljenti li tikkomplementa l-investiment pubbliku, f'konformità mal-Patt Ekoloġiku tal-UE; billi bħalissa qed jiġi żvilupp qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli; billi dan il-qafas jifforma parti integrali mill-isforzi tal-UE, fl-ambitu tas-CMU, biex il-finanzi jiġu konnessi mal-ħtiġijiet tal-ekonomija u l-aġenda għall-iżvilupp sostenibbli tal-Unjoni;
- D. billi s-swieq kapitali tal-UE jistgħu jgħinu lill-ekonomija u lill-irkupru ekonomiku ferm meħtieġ meta jkunu trasparenti, kompetittivi, reżiljenti, ikklerjati b'mod ċentrali u appoġġjati minn regolamentazzjoni ġusta;
- E. billi xi investituri għandhom tolleranza tar-riskju oġhla minn oħrajn, u billi mhux in-negozji kollha huma f'pożizzjoni li jiksbu aċċess għal finanzjament fis-swieq kapitali u jibbenefikaw minnu;
- F. billi l-ħolqien ta' assi sikur fiż-żona tal-euro huwa kruċjali għall-integrazzjoni finanzjarja u l-iżvilupp ta' CMU; billi assi sikur fl-UE huwa neċessarju għall-ħolqien ta' suq Ewropew tal-bonds integrat, profond u likwidu bħala parti ċentrali mis-CMU, li jista' jservi bħala parametru referenzjarju tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro għall-valwazzjoni ta' bonds, ekwitajiet u assi oħra, u anke bħala kollateral fiż-żona tal-euro kollha;
- G. billi ħafna mill-azzjonijiet meħuda s'issa biex tinkiseb is-CMU mexjin fid-direzzjoni t-tajba minkejja li ma ntlaħqux diversi miri, u l-importanza tas-self bankarju meta mqabbel mal-ekwitajiet fil-fatt żdiedet f'dawn l-aħħar snin; billi għad fadal ħafna xogħol xi jsir f'termini ta' konverġenza, preċiżjoni, effikaċja u simplifikazzjoni tal-miżuri adottati; billi viżjoni ambizzjuża għall-proġett tas-CMU hija essenzjali biex jingħelbu s-sensittivitajiet nazzjonali u biex jinbena l-momentum biex titlesta s-CMU b'tali mod li l-UE ssir suq attraenti għall-investiment kapitali barrani u biex tiżdied il-kompetittività tagħha fis-swieq globali;
- H. billi l-iżvilupp ta' CMU jimxi id fid mal-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, u b'mod partikolari mat-tlestija tal-Unjoni Bankarja; billi fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2020 dwar "L-Unjoni Bankarja – rapport annwali 2019"<sup>(3)</sup>, il-Parlament iħeġġeġ it-tlestija tal-Unjoni Bankarja permezz tal-ħolqien ta' Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti implimentata bis-sħiħ; billi l-Unjoni Bankarja se tibqa' wkoll mhux kompluta sakemm ma jkollhiex garanzija ta' kontinġenza kredibbli għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni; jitlob ukoll li tiġi kkunsidrata l-hteġa li jiġi stabbilit u jinħoloq mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni fiskali għaż-żona tal-euro kollha kemm hi; billi s-CMU trid tiġi kkomplementata minn miżuri ta' politika kontroċikliċi sabiex jiġi żgurat aċċess ugwali għall-finanzjament u għall-opportunitajiet ta' investiment madwar l-UE;
- I. billi r-regolamenti finanzjarji, b'mod partikolari fis-settur bankarju u tal-awditjar, dan l-aħħar ġew modifikati b'reazzjoni għall-COVID-19; billi l-finanzjament fis-swieq kapitali huwa meħtieġ biex tiżdied il-kapaċità ta' finanzjament globali u titnaqqas id-dipendenza mis-self bankarju fl-UE; billi settur bankarju kapitalizzat tajjeb se jkompli jkollu rwol importanti fil-finanzjament tan-negozji, b'mod speċjali l-SMEs;
- J. billi n-nuqqas ta' mekkaniżmu ċentralizzat b'informazzjoni pubblika faċilment aċċessibbli, affidabbli, li tinftiehem u komparabbli huwa waħda mir-raġunijiet għaliex il-kumpaniji jitħabtu biex isibu investituri; billi l-investituri jsibuha diffiċli biex jevalwaw ditti ġodda u zġhar b'rekord ta' negozju qasir, u għaldaqstant ixekklu l-ftuħ ta' impriżi innovattivi ġodda, b'mod speċjali minn imprendituri zġhażagħ;
- K. billi mir-Reċessjoni l-Kbira rriżulta kunsens li l-arkitettura istituzzjonali taż-żona tal-euro teħtieġ riforma biex tissaħħaħ il-kapaċità tagħha li tindirizza xokkijiet ekonomiċi kbar; billi, f'dan ir-rigward, il-letteratura ekonomika għandha t-tendenza ssib li assorbiment oġhla tax-xokkijiet fl-Istati Uniti jirriżulta b'mod prinċipali minn kondivizzjoni tar-riskju privat aktar effikaċi permezz ta' swieq kapitali u ta' kreditu;

<sup>(3)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2020)0165.



## Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

- L. billi l-SMEs ammontaw għal 99,8 % tal-intrapriżi kollha fis-settur tan-negozju mhux finanzjarju (NFBS) tal-UE-28, u ġġeneraw 56,4 % tal-valur miżjud u 66,6 % tal-impjiegi fl-NFBS; billi l-mikrointrapriżi ammontaw għal 93 % tas-settur, l-intrapriżi żgħira għal 5,9 % u l-intrapriżi ta' daqs medju għal 0,9 % biss <sup>(4)</sup>;
- M. billi l-kriżi soċjali u ekonomika li rriżultat mill-COVID-19 u l-miżuri tal-lockdown se jkollhom impatt partikolarment negattiv fuq l-SMEs u b'mod simili jistgħu jaffettwaw lil dawk li jfaddlu; billi r-rispons tal-UE għall-COVID-19 permezz tal-Pjan ta' Rkupru Ewropew għandu jipprovi injezzjoni kbira ta' kapital u jkun ikkomplementat b'inċentivi li jippromwovu finanzjament ibbażat fuq is-suq u jnaqqsu id-dipendenza fuq is-self mill-banek, biex b'hekk jizjed l-aċċess tal-intrapriżi Ewropej għall-finanzjamenti u tinbena ekonomija tal-UE reżiljenti, biex jiġu ppreservati l-impjiegi u l-kapaċità ta' produzzjoni tal-Istati Membri;
- N. billi l-kumplessità tal-iskandlu li jinvolvi l-fornitur ta' servizzi ta' pagament Ġermaniż Wirecard, kumpanija DAX30 li applikat għal insolvenza fl-24 ta' Ġunju 2020 u li żvelat nuqqasijiet fil-qafas regolatorju Ewropew, tirrikjedi valutazzjoni b'attenzjoni biex jiġi determinat x'mar ħażin biex imġiba frawdolenti ta' skala enormi ma ġietx innutata għal żmien twil; billi l-adattamenti għall-arkitettura superviżorja Ewropea fir-rigward tar-rappurtar finanzjarju, l-innovazzjoni finanzjarja, il-pagamenti, u oqsma relatati inklużi l-awditjar u l-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu, għal darb'oħra ġew enfasizzati bħala meħtieġa b'mod urġenti fid-dawl ta' dan l-iskandlu reċenti;
- O. billi s-CMU teħtieġ timmobilizza d-domanda tal-konsumatur; billi biex jinkiseb dan l-oġettiv, l-investituri fil-livell tal-konsumatur jeħtieġhom jesperjenzaw bidla fil-kultura tal-investment; billi bidla bħal din isseħħ biss meta investituri fil-livell tal-konsumatur jikkonvinċu ruħhom li l-investment fis-swieq kapitali huwa mixtieq filwaqt li jkun soġġett għal riskji li huma aċċettabbli u definiti b'mod ċar; billi l-Kummissjoni għandha tkompli tesplora aktar opportunitajiet biex tikkommunika l-benefiċċji tal-proġett tas-CMU, pereżempju permezz ta' bidla fl-isem li tirrifletti r-rabta diretta bejn it-faddil u l-investimenti taċ-ċittadini tal-UE fi tkabbir ekonomiku u l-irkupru wara l-COVID-19, kif suġġerit mill-Grupp ta' Livell Għoli li jmiss tas-CMU;
- P. billi, skont rapporti u sħarriġ iffukat fuq il-konsumatur reċenti <sup>(5)</sup>, il-maġġoranza tal-investituri Ewropej fil-livell tal-konsumatur għandhom preferenzi ta' sostenibbiltà u jridu jqisu fatturi u riskji ambjentali, soċjali jew ta' governanza fid-deċiżjonijiet ta' investment tagħhom, iżda rari jiġu offruti prodotti kompatibbli;
- Q. billi l-movimenti tas-suq li rriżultaw mill-COVID-19 aġixxew bħala "test tal-istress" fil-ħajja reali dwar ir-robustezza tal-ekosistema finanzjarja sħiħa, u għandhom jiġu segwiti minn valutazzjoni dettaljata tal-benefiċċji u n-nuqqasijiet tal-ġabra ta' regoli eżistenti tal-UE dwar l-istabbiltà finanzjarja u s-superviżjoni finanzjarja;
- R. billi l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea jgħib tibdil strutturali għas-sistema finanzjarja tal-UE; billi s-swieq kapitali tal-UE wara l-Brexit se jkollhom karattru poliċentriku, u se jiffaċċjaw riskju akbar ta' frammentazzjoni fl-UE; jissottolinja l-importanza tal-promozzjoni ta' politiki u miżuri, inkluż approċċ robust għall-aċċess ta' pajjiżi terzi għas-suq tal-UE u sistema dinamika ta' monitoraġġ dwar ir-reġimi tal-ekwivalenza, li jiżguraw ir-reżiljenza, il-konnettività u l-kompetittività tas-swieq finanzjarji tal-UE kif ukoll l-istabbiltà tagħhom u kundizzjonijiet ekwi; billi l-ekwivalenza tista' tingħata biss jekk ir-reġim u l-istandards regolatorji u superviżorji tal-pajjiżi terzi rilevanti jitqiesu bħala li jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE sabiex jiżguraw kundizzjonijiet ekwi;
- S. billi l-FinTech għandha l-potenzjal li tissodisfa ċerti ħtiġijiet ta' SMEs u investituri fil-livell tal-konsumatur billi tippermetti modi deċentralizzati ta' operat u għib magħha titjib fl-effiċjenza;

**Finanzjament tan-negozji**

1. Jinnota l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-24 ta' Settembru 2020 bit-titolu "A Capital Markets Union for people and business – new action plan" (Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u għan-negozji – pjan ta' azzjoni ġdid) (COM(2020)0590); jinsisti fuq il-ħtieġa li titlesta s-CMU biex jingħata kontribut għall-irkupru ekonomiku u soċjali wara l-pandemija tal-COVID-19; jitlob lill-Kummissjoni tagħmel impenn aktar b'saħħtu biex tikseb progress reali dwar kwistjonijiet bħal-liġijiet dwar is-superviżjoni, it-tassazzjoni jew l-insolvenza li għandhom jirrappreżentaw ostakli ewlenin għall-integrazzjoni reali tas-swieq kapitali tal-UE;

<sup>(4)</sup> Rapport Annwali dwar l-SMEs Ewropej tal-Kummissjoni Ewropea 2018/2019.

<sup>(5)</sup> Ara pereżempju: <https://2degrees-investing.org/wp-content/uploads/2020/03/A-Large-Majority-of-Retail-Clients-Want-to-Invest-Sustainably.pdf>

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

2. Jappella għat-tneħħija tal-ostakli u l-burokrazija, fejn xieraq, inklużi s-simplifikazzjoni u l-applikazzjoni aktar proporzjonata tal-leġiżlazzjoni fejn rilevanti u li twassal għall-istabbiltà finanzjarja, sabiex jiġu diversifikati s-sorsi ta' finanzjament għall-kumpaniji Ewropej, b'enfasi partikolari fuq l-SMEs, inklużi n-negozji ġodda u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, sabiex tiġi promossa l-kapaċità tagħhom li jaċċessaw swieq tal-ekwiżità, u biex ikollhom aċċess għal opportunitajiet ta' investiment aktar diversifikati, fit-tul u aktar kompetittivi għall-investituri fil-livell tal-konsumatur u għal investituri kbar; jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqas il-preġudizzju tad-dejn eżistenti; jirrimarka li s-sitwazzjoni attwali tagħmel lill-kumpaniji Ewropej u b'mod speċjali lill-SMEs aktar fraġli u vulnerabbli; jitlob l-introduzzjoni ta' "test tal-SMEs" għal valutazzjonijiet tal-impatt fuq kull inizjattiva tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali;
3. Jinnota li l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li l-SMEs, inklużi n-negozji ġodda u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, isibu triqthom lejn is-swieq finanzjarji jinkludu l-iffaċilitar tar-riċerka dwar l-investiment, is-simplifikazzjoni tad-definizzjoni ta' SMEs fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE, u l-iffaċilitar tar-rekwiżiti tal-ħruġ; jistieden lill-Istati Membri jibbilanċjaw mill-ġdid il-preġudizzju favur id-dejn minflok l-ekwiżità fit-tassazzjoni; jappoġġja r-reviżjoni tar-reġim tad-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji (MiFID II) għal inċentivi għar-riċerka fl-investiment tal-SMEs;
4. Jistieden lill-Kummissjoni tabbozza proposta leġiżlattiva dwar il-"European Secured Notes" (ESNs) bħala strument ta' finanzjament ta' rikors doppju ġdid għall-banek li jista' jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs fl-UE kollha; ifakkar li l-ESNs jistgħu jintużaw għal objettivi speċifiċi, bħall-appoġġ tal-SMEs fit-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar kompetittiva u sostenibbli u l-allokazzjoni tal-finanzjament lejn l-ekonomija reali;
5. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-feedback obligatorju mogħti mill-banek meta jirrifjutaw applikazzjonijiet għal kreditu tal-SMEs, billi feedback aktar komprensiv jista' jagħti l-opportunità lill-SMEs b'talbiet irrifjutati biex jadattaw l-approċċ tan-negozju tagħhom u jitgħallmu;
6. Jitlob aktar integrazzjoni u titjib tas-swieq kapitali Ewropej biex isiru kemm jista' jkun attraenti, kompetittivi u reżiljenti, b'mod speċjali anke fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE;
7. Jenfasizza l-importanza fundamentali tat-tisħiħ tal-kapaċità ta' assorbiment tar-riskju taż-żona tal-euro;
8. Jenfasizza li l-pajjiżi taż-żona tal-euro jistgħu jsaħħu l-kapaċità interna tagħhom biex jindirizzaw ix-xokkijiet makroekonomiċi, b'mod partikolari billi jnaqqsu b'mod effikaċi l-vulnerabbiltajiet fl-ekonomiji, is-setturi bankarji, u l-finanzi pubbliċi tagħhom; iqis ukoll li jeħtieġ li tittejjeb ir-reżiljenza ekonomika permezz ta' riformi strutturali li jappoġġjaw it-tkabbir potenzjali u jżidu l-flessibbiltà;
9. Jisħaq li swieq finanzjarji effiċjenti u integrati huma prerekwiżit ewlieni għall-kondiviżjoni effiċjenti tar-riskju privat fiż-żona tal-euro; iqis li CMU ġenwina tista' tgħin b'mod sinifikanti biex jiġi ddiversifikat u mnaqqas ir-riskju;
10. Jinnota t-tnaqqis fis-swieq ta' Offerti Pubbliċi Inizjali (IPO) fl-UE, li jirrifletti l-attraenza limitata tagħhom b'mod partikolari għall-kumpaniji iżgħar; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-SMEs jiffaċċjaw piżijiet amministrattivi u spejjeż ta' konformità sproporzjonati marbuta ma' rekwiżiti ta' elenkar; huwa tal-fehma li l-effiċjenza u l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji għandhom jittejjbu u li l-elenkar tal-kumpaniji għandu jiġi ffaċilitat; iħeġġeġ il-ħolqien u l-prijoritizzazzjoni ta' fond kbir, privat u pan-Ewropew, Fond IPO, biex jappoġġja l-finanzjament lill-SMEs; jinnota l-ħtieġa li jiġi żgurat ambjent attraenti ta' qabel u ta' wara l-IPO għall-SMEs;
11. Jilqa' l-idea tal-Forum ta' Livell Għoli li jiġi stabbilit Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) biex tiġi aggregata l-informazzjoni dwar kumpaniji fl-UE permezz tal-interkonnessioni ta' reġistri nazzjonali u tal-UE eżistenti u bażijiet tad-data dwar il-kumpaniji, bħala mod kif jiġu meġhuna l-kumpaniji, b'mod partikolari fi Stati Membri iżgħar, sabiex jiġu attirati l-investituri; jisħaq li l-kumpaniji għandhom ikunu jistgħu jikkontrollaw id-disponibbiltà tad-data tagħhom fl-ESAP; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva għal Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew għal informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja fir-rigward ta' kumpaniji elenkati u mhux elenkati tal-UE, filwaqt li jiġi rrispettat ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità, fejn xieraq; jistieden lill-Kummissjoni tissimplifika r-rekwiżiti ta' trasparenza skont id-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju (NFRD) ma' dawk skont ir-Regolament dwar it-Tassonomija u r-Regolament dwar id-Divulgazzjoni tal-Finanzi Sostenibbli;

12. Jitlob li jiġi kkunsidrat jekk it-trattament skont ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR) ta' interess minoritarju tas-sussidjarji jistax jiskoraġġixxi l-elenkar fis-swieq tal-ishma, filwaqt li jitqies it-tħassib dwar l-istabbiltà finanzjarja u kwalunkwe valur miżjud għall-finanzjament għall-ekonomija reali;

13. Jitlob li jitħaffef l-iżvilupp ta' kapital ta' riskju (KR) tal-UE u swieq ta' ekwità privata taħt qafas komuni u trasparenti għall-Fondi Ewropej ta' Kapital ta' Riskju (EuVECA) (6), billi tiżdied id-disponibbiltà ta' finanzjament għall-investimenti tal-KR u jiġu żviluppati fondi akbar fi stadju bikri u avvanzat tal-KR, skemi ta' inċentivi tat-taxxa għal investimenti mill-KR u l-investituri informali, kif ukoll swieq tal-IPO attivi għal kumpaniji appoġġjati mill-KR; jissottolinja li dawn l-iskemi ta' inċentivi tat-taxxa għandhom ikunu mfassla b'tali mod li jkunu ekonomikament u soċjalment vijabbli u responsabbli, u jkunu soġġetti għal monitoraġġ u evalwazzjoni sistematiki;

14. Jirrimarka dwar in-neċessità li tiżdied it-trasparenza u titnaqqas il-frammentazzjoni fis-swieq tal-KR Ewropej; jenfasizza l-ħtieġa li tingħata spinta lill-Fondi Ewropej tal-Investment fuq Termini Twil (ELTIFs), l-EuVECAs u l-Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropej (EuSEFs), sabiex jiġu żviluppati vetturi pan-Ewropej għall-ekwità privata; jappoġġja r-rieżami tar-Regolament (UE) 2015/760 dwar il-Fondi ta' Investment Ewropej fuq Termini Twil (7), inkluża analiżi ta' aġġustamenti mmirati possibbli għal kalibrizzazzjonijiet prudenzjali relatati fl-oqfsa regolatorji bankarji u tal-assigurazzjoni filwaqt li tiġi salvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja, bħala mod li jippermetti lill-investituri fil-livell tal-konsumatur li jinvolvu ruħhom fil-finanzjament fit-tul ta' kumpaniji mhux elenkati, proġetti ta' infrastruttura u investimenti sostenibbli, sabiex isir użu mill-potenzjal sħiħ tal-ELTIFs;

15. Jitlob li jittieħdu miżuri biex tingħata ħajja ġdida lis-swieq tat-titolizzazzjoni fl-Ewropa billi jsiru aktar attraenti għall-emittenti u l-investituri; jitlob lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ESAs) u lill-Kummissjoni jiffinalizzaw l-Istandards Tekniċi Regolatorji kollha; jitlob li jiġu ssimplifikati u razzjonalizzati r-rekwiżiti regolatorji għad-divulgazzjoni, il-kriterji sempliċi, trasparenti u standardizzati (STS), il-verifika STS u li jiġu pprovduti parametri sempliċi u sensitivi għar-riskju għall-valutazzjoni tat-Trasferiment ta' Riskju Sinifikanti;

16. Jieħu nota tal-proposti dwar it-titolizzazzjoni ppreżentati fl-24 ta' Lulju 2020 fi ħdan il-Pakkett ta' Rkupru tas-Swieq Kapitali; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta kif emendi mmirati għar-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni jistgħu jilliberaw il-kapaċità ta' finanzjament, sabiex jiġi evitat tnaqqis fis-self bankarju Ewropew filwaqt li jiġi indirizzat it-tħassib dwar l-istabbiltà finanzjarja, peress li n-natura ta' xi titolizzazzjonijiet sintetiċi tista' toħloq riskji prudenzjali u sistemiċi speċifiċi; hu tal-fehma li valutazzjonijiet immirati bħal dawn jistgħu jinkludu l-allinjament mill-ġdid tat-trattament ta' titolizzazzjonijiet bi flus kontanti u sintetiċi tal-karta bilanċjali, u kapital regolatorju u likwidità ma' dak kopert minn bonds u self, kif ukoll rieżami tad-divulgazzjoni u r-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta għal titolizzazzjonijiet ta' partijiet terzi, bonds koperti u titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata (STS);

17. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-miżuri mmirati potenzjali, l-allinjament u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq tat-titoli, biex tiffaċilita l-irkupru malajr wara l-kriżi tal-COVID-19, biex tiffaċilita l-investment fl-ekonomija reali, b'mod partikolari l-SMEs, u biex tippermetti lill-operaturi ġodda u l-prodotti ġodda jkunu jistgħu jidħlu fis-swieq, u b'hekk jiġu ppreservati l-protezzjoni tal-konsumatur u l-integrità tas-suq filwaqt li jiġu mħeġġa l-investimenti u l-kummerċ transfruntiera fl-ekwitajiet; barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk huwiex meħtieġ tirrieżamina r-Regolament dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji (MiFIR), inklużi l-Obbligu tan-Negożjar fl-Ishma (STO) u l-Obbligu tan-Negożjar tad-Derivattivi (DTO), biex telimina frizzjonijiet potenzjali li jistgħu jħallu impatt fuq il-kapaċità tal-kumpaniji tal-UE li jżidu l-kapital f'dan iż-żmien, speċjalment fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit;

18. Jiddispjaċih għas-sottożvilupp tas-suq tal-UE għall-finanzjament kollettiv (crowdfunding) meta mqabbel ma' ekonomiji kbar oħra; jilqa' b'sodisfazzjon is-sett uniformi ġdid ta' kriterji għal regoli madwar l-UE maqbulha f'Diċembru 2019 (2018/0048(COD)) biex jgħinu biex tissolva din is-sitwazzjoni u jitravwem il-finanzjament tan-negożju transfruntier; jitlob lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u lill-Kummissjoni jimmonitorjaw mill-qrib l-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda sabiex jirreaġixxu u jipproponu tibdil jekk ma jiġi osservat l-ebda titjib sinifikanti fil-finanzjament kollettiv bħala alternattiva għall-finanzjament tal-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinfirmaw b'mod attiv lill-SMEs dwar l-istrumenti ta' finanzjament alternattivi disponibbli għalihom;

(6) Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 1).

(7) ĠU L 123, 19.5.2015, p. 98.

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

19. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-inizjattivi biex tinċentiva s-sjeda ta' ishma għall-impjegati, sabiex tippromwovi l-involviment dirett ta' dawk li jfaddlu fil-finanzjament tal-ekonomija, u anke bħala għodda biex ittejjeb il-governanza korporattiva u tgħin fl-iżvilupp ta' kultura ta' ekwità;

20. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-involviment dirett ta' dawk li jfaddlu fil-finanzjament tal-ekonomija, filwaqt li titqies il-possibbiltà ta' ritorn fuq l-investment għal investituri fil-livell tal-konsumatur;

21. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq rieżami tar-reġim dixxiplinari tas-saldu skont ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli (CSDR) fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19 u l-Brexit;

***Promozzjoni ta' investimenti u prodotti finanzjarji fit-tul u transfruntiera***

22. Jitlob lill-Istati Membri jemendaw l-oqfsa tat-taxxa nazzjonali tagħhom sabiex inaqqsu l-ostakli fiskali għall-investimenti transfruntiera, inklużi l-proċeduri għal rifużjoni transfruntiera lill-investituri, inklużi l-investituri fil-livell tal-konsumatur, tat-taxxa minn ras il-għajn fuq id-dividendi fejn tkun involuta t-tassazzjoni doppja; huwa tal-fehma li tali proċeduri għandhom jiġu ġestiti b'mod trasparenti fuq pjattaforma diġitali pan-Ewropea u għandhom jippermettu lill-investituri jiddeterminaw ir-redditu fuq l-investment tagħhom f'ħin reali; jistieden lill-Istati Membri jaħdmu mill-qrib mal-OECD u l-Proġett tagħha ta' Eżenzjoni u Konformità Fiskali (TRACE), jibbilanċjaw mill-ġdid il-preġudizzju bejn l-ekwità u d-dejn li jippenalizza l-finanzjament tal-innovazzjoni permezz ta' investment privat, u jinċentivaw opportunitajiet ta' investment fit-tul għall-investituri sabiex jgħinu liċ-ċittadini tal-UE jiksbu redditi aħjar fuq it-tfaddil fit-tul tagħhom;

23. Huwa tal-fehma li l-emenda tal-oqfsa nazzjonali tat-taxxa b'mod unilaterali fl-UE biex jitnaqqsu l-ostakli tat-taxxa għal investimenti transfruntiera se tkompli tistabbilixxi t-taħlita ta' regoli tat-taxxa li l-kumpaniji jridu jħarsu meta joperaw b'mod transfruntier, b'diversi spejjeż, u toffri possibbiltajiet ulterjuri għall-evitar tat-taxxa; itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri biex jaqblu dwar l-adozzjoni tal-proposti li jikkonċernaw il-Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva (BKKTK) simultanjament, filwaqt li jqisu l-opinjoni tal-Parlament, li diġà tinkludi l-kunċett ta' stabbiliment permanenti virtwali u formuli ta' tqassim; jistieden lill-Istati Membri jallaċċjaw il-pożizzjonijiet diverġenti tagħhom dwar il-BKKTK, minħabba l-importanza ta' dan l-istrument biex jinħoloq qafas li jrawwem iċ-ċertezza, jipprevjeni t-tassazzjoni doppja u jnaqqas l-ispejjeż amministrattivi, u b'hekk isaħħaħ l-investimenti transfruntiera;

24. Jenfasizza l-importanza li tiżdied iċ-ċertezza tad-dritt għal investimenti transfruntiera billi l-proċedimenti nazzjonali ta' insolvenza jsiru aktar effiċjenti u effikaċi, u billi jkomplu jiġu armonizzati r-regoli dwar il-governanza korporattiva, inkluża definizzjoni komuni ta' "azzjonist" biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-azzjonisti u l-involviment ma' kumpaniji li fihom isir investment fl-UE kollha; jenfasizza l-importanza tal-iżgurar ta' qafas ta' protezzjoni legali sod għal investimenti transfruntiera fl-UE wara t-terminazzjoni tat-trattati bilaterali ta' investment intra-UE; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi inizjattivi leġiżlattivi u/jew toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri, kif xieraq;

25. Jenfasizza l-importanza tal-investimenti fl-ekwità fuq terminu twil tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji għall-appoġġ ta' intrapriżi Ewropej indipendenti fl-Unjoni, setturi strateġiċi reżiljenti u b'saħħithom, tkabbir ekonomiku sostenibbli u prosperità għall-benefiċċju taċ-ċittadini tal-UE;

26. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jsir progress ulterjuri fl-implimentazzjoni u l-infurzar ta' ġabra unika ta' regoli reali għas-servizzi finanzjarji fis-suq intern, inkluż fir-rigward ta' definizzjonijiet u standards komuni dwar il-finanzi sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-ESAs jiffokaw fuq l-użu ta' għodod ta' konverġenza superviżorja u jsaħħu l-effikaċja tagħhom;

27. Jissottolinja l-ħtieġa li tiġi promossa d-dispożizzjoni tal-pensjonijiet, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-pensjonijiet tat-tieni u t-tielet pilastru, minħabba t-tibdil demografiku massiv li l-Unjoni tiffaċċja; jilqa' l-prodott tal-Pensjoni Personali Pan-Ewropew (PEPP); jinnota li l-PEPP hija prodott tal-pensjoni volontarju u komplementari minbarra l-pensjonijiet pubbliċi nazzjonali; ifakkar li t-trattament tat-taxxa se jkun kunsiderazzjoni ewlenija għall-aċċettazzjoni ta' PEPPs futuri; ifakkar fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Ġunju 2017 li tistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-PEPPs ikunu soġġetti għall-istess trattament tat-taxxa bħall-prodotti tal-pensjoni nazzjonali biex issir għażla għal dawk li jfaddlu; jitlob evalwazzjoni bir-reqqa bbażata fuq l-evidenza tas-suq tal-PEPPs, anke fir-rigward tal-eżistenza ta' kundizzjonijiet ekwi, qabel ir-rieżami leġiżlattivi li jmiss tar-Regolament dwar il-PEPPs;

28. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jippromwovu sistemi ta' pensjoni ffinanzjati, bħala mod biex japprofondixxu r-riżervi ta' kapital Ewropew disponibbli għal investiment fit-tul, u biex itejbu d-dinamika tas-suq u l-inċentivi għall-investiment; jemmen li l-pensjonijiet iffinanzjati għandhom jingħataw haġja mill-ġdid u jsiru aktar attraenti; jitlob azzjonijiet biex jingħelbu l-ostakli għall-koeżistenza ta' sistemi ta' pensjonijiet pubbliċi u privati; iħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta' investituri fi prodotti fit-tul b'politiki ta' inċentivi tat-taxxa mfassla biex jiġġeneraw impatt ekonomiku u soċjali ta' benefiċċju u jiġu promossi kundizzjonijiet ekwi fost il-fornituri u t-tipi ta' prodotti;

29. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tikkunsidra l-introduzzjoni ta' reġim "de minimis" jew ta' eżenzjoni tal-UE għad-distribuzzjoni lill-investituri professjonisti u/jew semiprofessionali fil-qafas tad-direttiva dwar l-Impriżi ta' Investiment Kollektiv f'Titoli Trasferibbli (UCITS);

30. Ifakkar li d-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II teħtieġ rieżami sa tmiem l-2020 u li l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) se tipprovdi parir tekniku lill-Kummissjoni, inklużi l-esperjenzi wara t-tifqigħa tal-COVID-19, b'mod partikolari dwar il-kopertura tar-riskji relatati mal-pandemija, wara konsultazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati differenti; jitlob lill-Kummissjoni u lill-EIOPA jivvalutaw, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt immirata, il-benefiċċji potenzjali u l-ġustifikazzjoni prudenzjali tal-aġġustament tar-rekwiżiti kapitali għall-investimenti fl-ekwiżità u d-dejn privat, b'mod partikolari tal-SMEs, possibbilment anke permezz tal-approċċ tal-mudell intern, biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti kapitali għall-assiguraturi u għall-fondi tal-pensjonijiet ma jiskoraġġixx l-investimenti fit-tul; jinkoraġġixxi l-eliminazzjoni gradwali u rapida tal-eżenzjonijiet nazzjonali u t-tnaqqis tar-"regolamentazzjoni żejda" fl-implimentazzjoni nazzjonali ta' Solvibbiltà II;

31. Jissottolinja l-hteġa li tinholq u tiġi stimolata d-disponibbiltà ta' assi sostenibbli xierqa; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tressaq inizjattiva leġiżlattiva għal Standard tal-UE għall-Bonds Ekoloġiċi; jitlob aktar diskussjonijiet dwar il-ħolqien ta' assi sikur Ewropew, abbażi ta' evalwazzjoni li għandha titwettaq mill-Kummissjoni tal-proposta u l-iżviluppi possibbli tat-titoli koperti minn bonds sovrani (SBBS), sabiex jissaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro, jiġu stabbilizzati s-swieq finanzjarji u l-banek ikunu jistgħu jiddiversifikaw il-portafolli tagħhom;

32. Jenfasizza li regoli prudenzjali adegwati li jipprovdu kapaċità ta' assorbiment tat-telf huma fundamentali biex tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja, filwaqt li jrid jinstab bilanċ biex jiġi żgurat li l-kapaċità tal-istituzzjonijiet finanzjarji li jinvestu u jsellfu lill-ekonomija reali u l-kompetittività globali tal-UE titjieb; jistieden lill-Kummissjoni biex, fl-implimentazzjoni tal-istandards finalizzati ta' Basel III, tagħti attenzjoni xierqa lill-piżijiet tar-riskju applikabbli għall-investimenti tal-banek fl-ekwiżità, speċjalment l-ekwiżità fit-tul tal-SMEs;

33. Jenfasizza li s-CMU għandha tkun konsistenti u koerenti mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, u b'mod partikolari mal-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli u t-tassonomija tal-UE għal attivitajiet sostenibbli; iqis li s-CMU għandu jkollha l-għan li tidderieġi l-investimenti lejn proġetti favur l-ambjent u kompetittivi, u b'hekk tikkontribwixxi għall-aġenda sostenibbli tal-UE;

### Arkitettura tas-suq

34. Jisħaq fuq il-hteġa ta' kooperazzjoni effiċjenti u effikaċi bejn l-awtoritajiet supervizzorji Ewropej u nazzjonali, sabiex jegħlbu d-differenzi tagħhom u jaħdmu flimkien lejn konverġenza supervizzorja ġenwina biex jippromwovu mudell komuni Ewropew ta' superviżjoni u infurzar, iggwidat mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), biex jitnaqqsu l-ostakli eżistenti għall-operazzjonijiet finanzjarji transfruntiera; jinnota l-importanza tal-ESMA, l-EIOPA u l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) f'dan il-proċess, filwaqt li jirrispetta wkoll ir-rwol tal-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti (NCAs) kif stabbilit fir-rieżami miftiehem reċentement tas-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja (ESFS); ifakkar, barra minn hekk, fil-hteġa li tiġi riformata l-istruttura ta' governanza tal-ESAs biex isiru aktar indipendenti mis-superviżuri nazzjonali;

35. Jistieden lill-Kummissjoni, bil-ħsieb ta' titjib potenzjali fl-effiċjenza, tikkunsidra li gradwalment tagħti setgħat supervizzorji diretti lill-ESMA, inkluż sorveljanza diretta fuq ċerti segmenti tas-suq, bħall-Kontropartijiet Ċentrali tal-UE (CCPs) u d-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli (CSDs), u l-Punt ta' Access Uniku Ewropew, kif ukoll setgħat akbar ta' intervent fuq il-prodott; jenfasizza wkoll il-hteġa li jinħatar superviżur Ewropew uniku, f'kooperazzjoni mal-NCAs rilevanti, abbażi ta' ġabra komuni tar-regoli u setgħat ta' intervent tal-prodotti għas-sorveljanza tal-attivitajiet relatati mal-kriptoassi b'element transfruntier sinifikanti fl-UE;

36. Jinsab imħasseb dwar l-iskandlu reċenti li involva kumpanija Ġermaniż FinTech Wirecard; f'dan ir-rigward, jitlob lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-UE jivvalutaw sa liema punt dan l-iskandlu jista' jiġi attribwit għal nuqqasijiet fil-qafas regolatorju tal-UE fil-qasam tal-awditjar u s-superviżjoni, u jekk is-superviżuri nazzjonali u tal-UE humiex mgħammra biżżejjed biex jissorveljaw b'mod effikaċi istituzzjonijiet finanzjarji transfruntiera kbar b'mudelli

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

kummerċjali kumplessi li jinvolvu ġurisdizzjonijiet differenti ta' pajjiżi terzi u saffi korporattivi multipli; jappella li jinstiltu konklużjonijiet minn dan il-każ fir-rigward tal-iżvilupp ulterjuri tal-qafas regolatorju u superviżorju tal-UE, u b'mod partikolari lill-pjan ta' azzjoni tas-CMU; jemmen li dawn il-konklużjonijiet għandhom jindirizzaw jekk is-superviżjoni diretta fil-livell Ewropew f'oqsma speċifiċi setgħetx tipprevjeni dan il-falliment, u jekk tkunx ġustifikata riforma ambizzjuża tal-governanza tal-ESAs, bi rwol aktar b'saħħtu fit-tnaqqis tal-ostakli eżistenti għall-operazzjonijiet finanzjarji transfruntiera; itenni, b'mod partikolari, it-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex teżamina modi kif ittejjeb il-funzjonament tas-settur kontabilistiku, inkluż permezz ta' awditi konġunti;

37. Jenfasizza l-kompetizzjoni fl-UE kollha, l-għażla u l-aċċess għall-infrastrutturi tas-suq bħala prinċipji fundamentali għad-diversità tal-mekkaniżmi kummerċjali fis-CMU, ħlief fejn tali aċċess jipperikola l-istabbiltà finanzjarja; jinnota bi tħassib li tul dawn l-aħħar snin sehem dejjem jiżdied ta' flussi kummerċjali mar għall-postijiet tan-negozjar b'rekwiżiti ta' trasparenza limitati, u jirrimarka li dan il-kummerċ ma jikkontribwixxix b'mod sinifikanti għall-iskoperta tal-prezz; jinnota li livelli ta' negozjati bilaterali barra miċ-ċentru tan-negozjar jibqgħu għoljin; huwa favur bidla ġenwina lejn negozjar kompetittiv fil-borża fi swieq Ewropej tal-ekwi u tad-derivattivi, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn postijiet ta' negozjar differenti;

38. Iqis li operaturi tas-soċjetà ċivili u rappreżentanti tal-konsumaturi ffinanzjati sew fil-qasam tas-servizzi finanzjarji jistgħu joffru għarfien imprezzabbli u valutazzjoni indipendenti lil dawk li jfasslu l-politika u lir-regolaturi;

39. Jissottolinja l-ħtieġa, sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' frammentazzjoni li jirriżulta mill-applikazzjonijiet ta' għażliet u diskrezzjoni nazzjonali, li jsir progress fir-rigward tal-istandards komuni Ewropej;

40. Josserva li r-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji hija komputu kumpless ħafna, li jeżisti fil-livell internazzjonali, Ewropew u nazzjonali; iħeġġeġ lill-atturi rilevanti kollha biex jindirizzaw din il-kumplessità biex jiżguraw il-proporzjonalità tar-regolamentazzjoni finanzjarja, u biex ineħħu piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa; jinnota wkoll li l-proporzjonalità tar-regolamentazzjoni finanzjarja tista' xi kultant twassal għal kumplessità akbar, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jwettqu sforzi sinifikanti biex jissimplifikaw u jarmonizzaw ir-regoli eżistenti u futuri, billi jeliminaw b'mod gradwali l-eżenzjonijiet nazzjonali kif xieraq u billi jipprevjenu "regolamentazzjoni żejda" tad-dritt tal-Unjoni fil-livell nazzjonali; jenfasizza li r-regolamenti bi skedi taż-żmien ċari għat-tranżizzjoni u l-eliminazzjoni gradwali tar-reġimi eżistenti jistgħu jibnu triq bla problemi u stabbli għal konverġenza regolatorja;

41. Itenni t-talba li għamel fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2016 dwar "Analiżi u Sfidi tar-Regolament tal-UE dwar is-Servizzi Finanzjarji", biex il-Kummissjoni twettaq, f'kooperazzjoni mal-ESAs, il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), valutazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva komprensiva kull ħames snin tal-impatt kumulattiv tar-regolament dwar is-servizzi finanzjarji tal-UE fuq is-swieq finanzjarji u l-parteċipanti tiegħu fil-livell tal-UE u tal-Istat Membru sabiex jiġu identifikati n-nuqqasijiet u l-lakuni, biex jiġu vvalutati l-prestazzjoni, l-effikaċja u l-effiċjenza tar-regolament dwar is-servizzi finanzjarji, tiżgura li mhuwiex qed ixekkel il-kompetizzjoni ġusta u l-iżvilupp tal-ekonomija, u biex tirrapporta lura lill-Parlament; jiddispijaċi li sa issa ma twettqet l-ebda valutazzjoni bħal din;

42. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta pjan direzzjonali dettaljat biex issaħħaħ ir-robustezza tal-ekosistema finanzjarja, filwaqt li tisset tagħlimiet mill-benefiċċji u n-nuqqasijiet tal-ġabra ta' regoli eżistenti tal-UE dwar l-istabbiltà finanzjarja u s-superviżjoni finanzjarja, kif identifikati matul il-kriżi tal-COVID-19; jieħu nota tar-rakkomandazzjonijiet reċenti mill-BERS, b'mod partikolari dwar ir-riskji ta' likwidità li jinħolqu minn talbiet marġinali u r-riskji ta' likwidità f'fondi ta' investment;

**Investituri fil-livell tal-konsumatur**

43. Jenfasizza l-fatt li ma hemmx suq sod mingħajr bażi ta' investituri wiesgħa; jinsab imħasseb li l-involvement tal-investituri fil-livell tal-konsumatur fis-swieq finanzjarji jibqa' baxx; jiddikjara l-ħtieġa li jiżdied il-portafoll ta' għażliet ta' investment xierqa għall-investituri fil-livell tal-konsumatur; jitlob miżuri għall-promozzjoni ta' investmenti fil-livell tal-konsumatur fid-dawl tal-isfidi demografiċi li tħabbat wiċċha magħhom l-UE, billi tiżdied il-parteċipazzjoni ta' investituri fil-livell tal-konsumatur fis-swieq kapitali permezz ta' prodotti tal-pensjoni personali aktar attraenti, trasparenti u xierqa; jappella għal inizjattivi li jkollhom fil-mira tagħhom, b'mod speċifiku, lill-investituri fil-livell tal-konsumatur, inkluż billi jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' għodod ta' paragunar tal-UE indipendenti u bbażati fuq l-internet, biex l-investituri fil-livell tal-konsumatur ikunu jistgħu jiddeterminaw il-prodotti l-aktar xierqa f'termini ta' riskju, ir-redditu fuq l-investment u l-valur għall-ħtiġijiet partikolari tagħhom, u billi jiġu promossi inċentivi għal prodotti kompetittivi bi kriterji Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (ESG) u prodotti tipikament assoċjati ma' valur għall-flus aħjar;

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

44. Jiddispijaċi serjament li d-dispożizzjonijiet ta' protezzjoni tal-konsumatur u tal-investitur f'diversi partijiet settorjali tal-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji tal-UE mhumiex allinjati tajjeb u dan jirriżulta f'kumplessità indebita kemm għall-intermedjarji finanzjarji kif ukoll għall-klijenti fil-livell tal-konsumatur; jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ aktar orizzontali u armonizzat għall-protezzjoni tal-konsumatur u tal-investitur fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji, adattat għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali, sabiex jiġu żgurati livelli effikaċi u konsistenti ta' protezzjoni fil-prodotti u l-fornituri finanzjarji kollha;

45. Jissottolinja l-importanza li tissaħħaħ il-fiduċja tal-investitur fis-swieq kapitali, imrawma minn protezzjoni soda tal-investitur u appoġġjata minn parteċipanti fis-suq finanzjarjament litterati;

46. Jenfasizza l-ħtieġa ta' kundizzjonijiet ekwi bejn id-ditti tas-servizzi finanzjarji u d-ditti tat-teknoloġija diġitali, sakemm ma jiġix applikat approċċ wieħed tajjeb għal kulħadd; jenfasizza li l-aċċess għas-swieq finanzjarji għandu jkun possibbli għall-intrapriżi kollha taħt il-prinċipju "l-istess attività, l-istess regoli"; jinnota li dan il-prinċipju huwa partikolarment rilevanti fl-oqsma tal-FinTech u tal-innovazzjoni finanzjarja, u li aċċess reċiproku għal data finanzjarja għandu jkun ibbilanċjat mal-ħtieġa ta' kundizzjonijiet ekwi fost il-fornituri u t-tipi ta' prodotti kollha;

47. Jenfasizza li s-suq uniku għal servizzi finanzjarji fil-livell tal-konsumatur huwa sottożviluppat ħafna; jinnota li x-xiri ta' prodotti ta' servizzi finanzjarji fil-livell tal-konsumatur bħal self ipotekarju jew prodotti tal-assigurazzjoni fuq bażi transfruntiera xejn mhuwa komuni u huwa mimli ostakli; iqis li l-parteċipanti fis-suq fil-livell tal-konsumatur għandhom ikunu jistgħu, b'mod faċli, jieħdu vantaġġ sħiħ mis-suq uniku biex jaċċessaw prodotti ta' servizzi finanzjarji fil-livell tal-konsumatur fuq bażi transfruntiera sabiex jiġu żgurati aktar għażla u prodotti aħjar; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi Pjan ta' Azzjoni għdid għas-servizzi finanzjarji fil-livell tal-konsumatur li jistabbilixxi strateġija ambizzjuża biex jitneħħew l-ostakli għas-servizzi finanzjarji transfruntiera fil-livell tal-konsumatur, flimkien mal-eliminazzjoni ta' tariffi mhux meħtieġa u żejda għal dawn is-servizzi;

48. Jitlob it-titjib tad-divulgazzjoni u l-komparabbiltà ta' informazzjoni ewlenija u l-eliminazzjoni ta' informazzjoni qarrieqa fil-leġiżlazzjoni dwar il-Prodotti Aggregati ta' Investment għall-Konsumaturi bbażat fuq l-Assigurazzjoni (PRIIPs), kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati fir-rieżami li jmiss; jistenna li l-leġiżlazzjoni tal-PRIIPs tal-Livell 2 dwar id-Dokument bl-Infurmazzjoni Ewlenija għall-Investitur tirrispetta l-Livell 1, b'mod partikolari dwar il-provvediment ta' informazzjoni prekuntrattwali preċiża, ġusta, ċara, u mhux qarrieqa u dwar il-metodoloġiji relatati max-xenarji tal-prestazzjoni, kif ukoll biex tkun żgurata l-komparabbiltà fost prodotti ta' investment differenti; jinnota l-importanza li tiġi żgurata li l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni preċedenti tkun disponibbli għall-investituri u li l-prestazzjoni preċedenti ma tistax tintuża bħala indikatur biex tippredvi redditi futuri; jiddispijaċi dwar id-dewmien fl-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-PRIIPs tal-Livell 2, li se tikkoinċidi mal-ewwel rieżami tal-PRIIPs u żżid l-inċertezza legali u l-ispejjeż għall-partijiet ikkonċernati; jinsisti li r-rieżami li jmiss għandu jipprevedi dokumenti ta' divulgazzjoni li huma standardizzati u li jistgħu jinqraw minn magna, u għaldaqstant jippermetti l-komparabbiltà b'mod diġitali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-ESAs jikkordinaw il-proposti tagħhom għat-tibdil rispettiv tal-Livell 1 u l-Livell 2 tagħhom b'mod li jiggerantixxi grad għoli ta' prevedibbiltà kemm għall-intermedjarji kif ukoll għall-klijenti fil-livell tal-konsumatur;

49. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiċċara d-differenzjazzjoni bejn l-investituri fil-livell tal-konsumatur u dawk professjonali fil-livelli kollha tal-MiFID, b'tali mod li tagħmilha possibbli li t-trattament tal-klijenti jtfassal skont l-għarfien u l-esperjenza tagħhom tas-swieq; huwa tal-fehma li huwa importanti li l-investituri fil-livell tal-konsumatur jitħallew jitqiesu bħala investituri professjonali skont kriterji ċari, fuq talba; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra jekk l-introduzzjoni ta' kategorija ta' investituri semiprofessjonali tirrispondix aħjar għar-realtà tal-parteċipazzjoni fis-swieq finanzjarji u abbażi tas-sejbiet tagħha, tivvaluta jekk l-introduzzjoni ta' tali kategorija tkunx meħtieġa jew le; alternattivament, jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra aktar flessibbiltà fil-kategorizzazzjoni tal-klijenti, b'mod partikolari permezz ta' għażliet ta' esklużjoni fakultattiva għal ċerti obbligi u opzjonijiet ta' inklużjoni fakultattiva għal ċerti klijenti, jew biex il-kriterji eżistenti għall-investituri professjonali jsiru aktar effiċjenti;

50. Ġie mgħarraf li l-qafas ta' rapportar attwali fi ħdan il-MiFID II u r-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew (EMIR) huwa għali u kumpless ħafna, u dan ixeġel l-effikaċja tas-sistema; jemmen li simplifikazzjoni tiegħu għandha titqies, filwaqt li tiġi kkunsidrata b'mod sħiħ l-esperjenza attwali, jiġu esplorati simplifikazzjonijiet differenti matul il-leġiżlazzjoni, u jiġi żgurat li din bl-ebda mod ma sserve biex timmina l-għanijiet stabbiliti għall-MiFID II u l-EMIR u li ma jiġux imxeġkla r-regoli dwar l-integrità tas-suq, it-trasparenza, il-protezzjoni tal-konsumatur u l-istabbiltà finanzjarja;

51. Jitlob emendi fil-leġiżlazzjoni biex jiġi żgurat l-aċċess għal konsulenza indipendenti mill-intermedjarji finanzjarji mingħajr promozzjoni indebita tal-prodotti finanzjarji manifatturati "in-house", u mingħajr valutazzjoni bir-reqqa tal-prodotti minn firxa ta' manifatturi, u biex tiġi żgurata kummerċjalizzazzjoni ġusta u trasparenti tal-prodotti finanzjarji; jinnota li l-ESMA adottat opinjoni mhux daqstant ċara dwar il-projbizzjoni potenzjali fuq l-inċentivi, u jistieden

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

lill-Kummissjoni tesplora approċċi alternattivi, b'effetti simili fuq l-allinjament tal-interessi fil-katina tad-distribuzzjoni kollha; jaqbel li r-rwol tal-inċentivi fl-intermedjazzjoni u d-distribuzzjoni għandu jkompli jiġi eżaminat biex ikun żgurat li ma jinħoloq l-ebda kunflitt ta' interess u li l-konsulenza finanzjarja tingħata b'mod ġust, trasparenti u adegwat lill-investituri;

52. Jissottolinja li x-xiri bil-moħbi huwa għodda superviżorja importanti li tista' ttejjeb b'mod konsiderevoli l-konsistenza u l-effikaċja tal-protezzjoni tal-konsumatur fl-UE kollha; jistieden lill-ESMA tagħmel użu sħiħ mis-setgħat ta' koordinazzjoni l-ġdida tagħha billi tippromwovi eżerċizzji ta' xiri bil-moħbi fl-UE kollha biex jiġu identifikati prattiki ta' bejgħ inadatt u jiġi żgurat li kwalunkwe konstatazzjoni ta' nonkonformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u l-imġiba fin-negożju tkun segwita b'azzjonijiet xierqa ta' infurzar;

53. Jipproponi lill-Kummissjoni tikkunsidra l-possibbiltà li tistabbilixxi Kont ta' Tfaddil Indivdwali tal-UE, bħala komplement għar-reġimi nazzjonali, li jista' jegħleb il-frammentazzjoni tas-swieq nazzjonali billi jopera b'mod uniformi u madwar swieq eteroġeni, filwaqt li jiġu żgurati l-portabbiltà u s-sigurtà tat-tfaddil;

54. Jinsisti li l-investituri fil-livell tal-konsumatur se jkunu parti integrali mill-aġenda tal-finanzi sostenibbli u l-aġenda tal-iżvilupp sostenibbli tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-metodoloġija tat-tikketta tat-tassonomija tkun ċara u mifhuma mill-investituri fil-livell tal-konsumatur;

**Edukazzjoni finanzjarja**

55. Jinnota li nuqqas ta' litteriżmu finanzjarju u nuqqas ta' aċċess għal informazzjoni pubblika mifruxa dwar is-swieq finanzjarji huma wħud mill-fatturi li jispjegaw in-nuqqas ta' kultura ta' ekwità fl-UE; jissottolinja li l-edukazzjoni finanzjarja hija meħtieġa biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jafu d-drittijiet tagħhom u jifhmu r-riskji assoċjati mal-parteeipazzjoni fis-suq finanzjarju, sabiex jitħaffef l-involviment tal-investituri fil-livell tal-konsumatur fis-swieq finanzjarji abbażi ta' aktar għarfien, fiduċja u sensibilizzazzjoni tar-riskju; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tniedi u tappoġġja programmi fl-Istati Membri biex jitravwem litteriżmu finanzjarju u diġitali bl-użu ta' firxa ta' strumenti, inklużi midja diġitali u soċjali, għall-involviment ma' ċittadini u negożji, speċjalment permezz ta' aġenziji pubbliċi maħluqa għal dak l-għan; jistieden lill-fornituri tas-servizzi finanzjarji jiffaċilitaw aħjar il-parteeipazzjoni tal-investituri fil-livell tal-konsum fis-swieq kapitali, u jgħinu biex jingħelbu l-preġudizzji tat-tfaddil tagħhom billi joħlqu kultura ta' ekwità, l-konformità mal-profil tar-riskju tagħhom;

56. Jenfasizza li l-edukazzjoni finanzjarja hija għodda għal perġodu medju ta' żmien, li l-effetti tagħha huma limitati minħabba preġudizzji konjittivi inevitabbli, il-bidla mgħaġġla fis-swieq finanzjarji u l-kumplessità kbira tagħhom; jenfasizza li l-edukazzjoni finanzjarja ma tistax tissostitwixxi l-aċċess għal konsulenza finanzjarja professjonali affidabbli u imparzjali; jinnota li l-programmi tas-sjeda ta' ishma għall-impjegati huma fost il-mezzi l-aktar effikaċi biex jiżiedu s-sensibilizzazzjoni finanzjarja u l-litteriżmu għaċ-ċittadini adulti tal-UE;

57. Jemmen li ċittadini aktar infurmati u edukati aħjar dwar kwistjonijiet finanzjarji huma ta' benefiċċju għas-sistemi demokratiċi, jikkontribwixxu għall-istabbiltà tas-sistemi finanzjarji, u jippromwovu t-trasparenza u d-dmirijiet ta' informazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi rieżami tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill "Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja", u tintroduċi litteriżmu finanzjarju bħala kompetenza ewlenija awtonoma; iħeġġeġ ukoll lill-istituzzjonijiet finanzjarji jiżviluppaw u jimplementaw programmi bl-għan li jespandu l-litteriżmu u l-kapaċità finanzjarji, billi jibnu opportunitajiet għall-inklużjoni finanzjarja għaċ-ċittadini kollha;

58. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, kif ukoll, fejn xieraq, lill-awtoritajiet kompetenti reġjonali, lokali jew pubbliċi oħra, biex jikkunsidraw jinkludu jew jespandu l-litteriżmu finanzjarju fil-kurrikuli kollha mill-iskola għall-università, bi programmi evoluttivi adattati għall-ħtiġijiet tal-istudenti u kurrikuli bl-għan tal-iżvilupp tal-awtonomija fi kwistjonijiet finanzjarji; jissuġġerixxi li dawn il-programmi għandhom jinkludu tal-anqas kunċetti finanzjarji bażiċi bħal imgħax kompost, redditi u annwalitajiet u d-distinzjoni bejn bonds u ishma; jissuġġerixxi l-inklużjoni tal-litteriżmu finanzjarju fl-istudju tal-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudjenti (PISA);

**Diġitalizzazzjoni u data**

59. Huwa tal-fehma li d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi finanzjarji tista' tkun katalizzatur għall-mobilizzazzjoni tal-kapital u tista' tgħin biex tingħeleb il-frammentazzjoni tas-swieq finanzjarji fl-UE filwaqt li tnaqqas l-ostakli u żżid l-effiċjenza superviżorja; jissottolinja li d-diġitalizzazzjoni la għandha twassal għal arbitraġġ regolatorju u lanqas għal protezzjoni tal-konsumatur aktar baxxa, tnaqqis fis-sikurezza jew riskji għall-istabbiltà finanzjarja; jenfasizza li qafas tal-UE bi standards għolja ta' ċibersigurtà, inkluż dwar il-protezzjoni tal-privatezza u dwar il-protezzjoni tad-data, jista' jwassal għas-CMU; josserva li l-finanzi diġitali għandhom element qawwi ta' fluss ta' kapital li jattira l-investimenti transfruntiera; jinnota li qafas tal-UE bħal dan għandu jkun primarjament adattat għall-era diġitali u newtrali għat-teknoloġija;



Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

60. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem lejn l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Finanzi Diġitali għal aċċess aħjar għas-servizzi finanzjarji filwaqt li toffri għażla aktar wiesgħa u żżid l-effiċjenza tal-operazzjonijiet;
61. Jistieden lill-Kummissjoni tuża r-rieżamijiet li jmiss ta' regolamenti dwar is-servizzi finanzjarji biex trawwem l-involviment tal-investitur u tal-azzjonist permezz ta' għodod diġitali;
62. Jenfasizza l-ħtieġa li s-swieq Ewropej ikunu jistgħu jikkompetu globalment; jistieden lill-Kummissjoni toħloq ambjent favorevoli għal prodotti finanzjarji innovattivi u kompetittivi tal-UE, b'firxa globali biex tattira l-kapital u l-investiment barrani u tippromwovi l-kompetittività tal-UE fis-swieq globali, filwaqt li żżomm livelli għoljin ta' regolamentazzjoni prudenzjali u stabbiltà finanzjarja; itenni l-ħtieġa ta' rappreżentanza aktar simplifikata u kodifikata tal-UE f'organizzazzjonijiet u korpi multilaterali, skont ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-12 ta' April 2016 dwar ir-rwol tal-UE fil-qafas tal-istituzzjonijiet u l-korpi internazzjonali finanzjarji, monetarji u regolatorji <sup>(8)</sup>;
63. Jenfasizza li l-kriptoassi qed isiru mezz ta' finanzjament mhux tradizzjonali għall-SMEs, b'mod partikolari offerti inizjali ta' muniti li għandhom il-potenzjal li jifinanzjaw negozji ġodda u negozji li qed jespandu innovattivi; jinsisti f'dan ir-rigward li tinħtieġ gwida ċara u konsistenti dwar l-applikabbiltà tal-proċessi regolatorji u prudenzjali eżistenti għall-kriptoassi li jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji sa fejn hija kkonċernata l-leġiżlazzjoni tal-UE, sabiex tiġi pprovduta ċertezza regolatorja u jiġu evitati kundizzjonijiet mhux ekwi, forum shopping u arbitraġġ fis-suq intern;
64. Jinnota li xi strutturi oligopolistiċi żviluppaw fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, u wkoll li xi kumpaniji teknoloġiċi kbar saru atturi importanti fis-suq tas-servizzi finanzjarji; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja u tinvestiga kif il-vantaġġi kompetittivi inerenti għal dawn l-operaturi jistgħu jfixxlu l-kompetizzjoni fis-suq u jagħmlu ħsara lill-interessi tal-konsumaturi u l-innovazzjoni; jenfasizza li ma għandu jinħoloq l-ebda diżinċentiv f'li tiġi pprovduta data tas-suq u li għandu jsir rieżami komprensiv dwar il-kost u d-disponibbiltà tad-data tas-suq għall-parteċipanti kollha tas-suq;
65. Jenfasizza li s-"sandboxes" jistgħu jkunu għodda adegwata biex jissaħħu l-innovazzjoni u l-kompetittività tas-settur tas-servizzi finanzjarji; jissottolinja li kwalunkwe sandbox, inkluża "sandbox" pan-Ewropea, għandha tfitx li ssib bilanċ bejn l-oġġettiv li trawwem l-innovazzjoni u l-istabbiltà finanzjarja u l-protezzjoni tal-investituri u l-konsumaturi, filwaqt li tqis id-daqs, is-sinifikat sistemiku u l-attività transfruntiera tad-ditti kkonċernati; jitlob li l-Kummissjoni tagħmel użu mill-esperjenza miksuba mill-Forum Ewropew għall-Faċilitaturi tal-Innovazzjoni (EFIF) biex tivvaluta jekk qafas komuni tal-UE għal "sandbox" pan-Ewropea għas-servizzi finanzjarji tipprovdix benefiċċji addizzjonali għall-innovazzjoni finanzjarja;
66. Jitlob sforzi ffukati fuq il-preservazzjoni ta' kundizzjonijiet ekwi abbażi ta' aċċess għal data transfruntiera, u livell għoli ta' protezzjoni u privatezza tad-data tal-konsumaturi, li jagħmlu lill-UE qafas bi standards għoljin ta' ċibersigurtà li twassal għas-CMU;

### ***Ir-rwol tal-UE fis-swieq globali***

67. Jirrimarka li l-Ewropa tikkompeti għall-kapital f'suq globali, u li, bħala riżultat, swieq kapitali Ewropej aktar profondi, integrati, irregolati sewwa, stabbli, effiċjenti u reżiljenti huma kritiċi biex tiġi protetta s-sovranità ekonomika tal-Ewropa, biex jiġi inkoraġġit l-użu tal-euro f'pajjiżi terzi, u biex jiġu attirati investituri barranin; jemmen li l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE jagħmel dan l-oġġettiv ħafna aktar importanti u li għandu jiġi segwit skont il-kriterji trasparenti bbażati fuq ir-regoli u mhux skont il-każ;
68. Itenni li l-leġiżlazzjoni tal-UE tipprevedi l-possibbiltà li jiġu kkunsidrati regoli ta' pajjiżi terzi bħala ekwivalenti abbażi ta' analiżi teknika, proporzjonali u bbażata fuq ir-riskju, u li tali deċiżjonijiet għandhom jittieħdu permezz ta' att delegat; ifakkar li l-UE tista' tirtira unilateralment kwalunkwe deċiżjoni ta' ekwivalenza u li kwalunkwe diverġenza mill-istandards regolatorji tal-UE għandha tiġi mmonitorjata mill-qrib; jistieden lill-Kummissjoni biex, f'kooperazzjoni mal-ESAs, u fejn rilevanti mal-NCAs, tistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ dinamiku dwar reġimi ta' ekwivalenza, fil-każ ta' diverġenzi regolatorji u superviżorji ta' pajjiżi terzi li jistgħu jinvolvu riskji potenzjali għall-UE f'termini ta' stabbiltà finanzjarja, trasparenza tas-suq, integrità tas-suq, protezzjoni tal-investitur u tal-konsumaturi u kundizzjonijiet ekwi; jenfasizza li l-Kummissjoni għandu jkollha proċeduri ta' emerġenza fis-seħħ biex tirtira deċiżjonijiet ta' ekwivalenza f'każ li jkollha bżonn tiegħu azzjoni rapida, filwaqt li tikkunsidra l-konsegwenza potenzjali ta' rtirar ta' emerġenza ta' deċiżjoni ta'

<sup>(8)</sup> ĠU C 58, 15.2.2018, p. 76.

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

ekwivalenza; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li s-superviżuri tal-UE jkollhom setgħat superviżorji diretti f'każ li l-attivitajiet ta' ċerti ditti ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti fil-qafas ta' ekwivalenza tal-UE jista' jkollhom impatt fuq l-istabbiltà finanzjarja, swieq ordnati jew il-protezzjoni tal-investitur;

69. Ifakkar fil-ħtieġa li tiġi żgurata l-interoperabbiltà tal-qafas regolatorju tal-UE mal-prinċipji miftiehma internazzjonalment tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja u l-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja;

70. Jitlob azzjoni għat-tisħiħ tar-rwol internazzjonali u l-użu tal-euro, billi jitlestew l-Unjoni Ekonomika u Monetarja, is-CMU u l-Unjoni Bankarja, bl-appoġġ għall-iżvilupp tal-parametri referenzjarji tal-euro għas-swieq komoditarji, u bit-tisħiħ tar-rwol tal-euro bħala munita ta' referenza;

71. Jikkunsidra li għandhom jiġu garantiti kundizzjonijiet ekwi fir-relazzjonijiet futuri mar-Renju Unit wara l-perjodu ta' tranżizzjoni, b'tali mod li jippromwovu l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji tal-UE;

72. Jinkoraġġixxi lis-settur finanzjarju tal-UE jkun ippreparat għal ħafna sfidi tekniċi li se jiffaċċja fit-tranżizzjoni tal-kummerċ minn Londra għall-UE; ifakkar li l-BĊE, il-BUR, l-ESAs u l-Kummissjoni Ewropea kkonkludew li l-parteċipanti fis-suq ikollhom bżonn mill-inqas 18-il xahar biex inaqqsu b'mod xieraq l-esponiment tagħhom għas-CCP tar-Renju Unit; jieħu nota, f'dan il-kuntest, tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħti lir-Renju Unit status ekwivalenti għal 18-il xahar fil-każ ta' Brexit mingħajr ftehim; issfakkar li d-deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza jistgħu jiġu rtirati unilateralment fi kwalunkwe ħin mill-Kummissjoni, b'mod partikolari jekk l-oqfsa tal-pajjiżi terzi jvarjaw u l-kundizzjonijiet għall-ekwivalenza ma jibqgħux jiġu ssodisfati;

o

o o

73. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-ESAs u lill-Bank Ċentrali Ewropew.

---

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

P9\_TA(2020)0267

**It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ (2020/2764(RSP))**

(2021/C 395/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikoli 145, 147 u 149 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR), ipproklamat mill-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni f'Novembru 2017, u b'mod partikolari l-prinċipju 4 tiegħu, "Appoġġ attiv għall-impjiegi",
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17-21 ta' Lulju 2020,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2015/779 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1304/2013, fir-rigward ta' ammont ta' prefinanzjament inizjali addizzjonali mħallas għal programmi operazzjonali appoġġjati mill-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ <sup>(2)</sup>,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1181 tat-8 ta' Lulju 2019 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi <sup>(3)</sup>,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ <sup>(4)</sup>,
- wara li kkunsidra r-Rapporti Speċjali Nru 3/2015 tal-Qorti tal-Awdituri (QEA) bit-titolu: "Il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tal-UE: ittieħdu l-ewwel passi iżda hemm riskji fil-ġejjieni għall-implimentazzjoni", Nru 17/2015 bit-titolu "Appoġġ mill-Kummissjoni għat-timijiet ta' azzjoni għaż-żgħażaġh: ir-riorjentament tal-finanzjament mill-FSE nkiseb, iżda ma kienx hemm fokus suffiċjenti fuq ir-riżultati" u Nru 5/2017 bit-titolu "Il-qgħad fost iż-żgħażaġh – il-politiki tal-UE għamli differenza? Valutazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u tal-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ",
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-Uffiċċju Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) Nru 4/2015 bit-titolu "The Youth Guarantee programme in Europe: Features, implementation and challenges" (Il-Programm ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ fl-Ewropa: Karatteristiċi, implimentazzjoni u sfidi) kif ukoll ir-rapport tal-Eurofound tal-2015 bit-titolu "Social inclusion of young people" (L-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2020 bit-titolu "L-Appoġġ għall-Impjiegi taż-Żgħażaġħ: Pont għall-Impjiegi għall-Ġenerazzjoni li Jmiss" (COM(2020) 0276),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Pont għall-Impjiegi – Tissaħħaħ il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ (COM(2020)0277) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjah (SWD(2020)0124),

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470.<sup>(2)</sup> ĠU L 126, 21.5.2015, p. 1.<sup>(3)</sup> ĠU L 185, 11.7.2019, p. 44.<sup>(4)</sup> ĠU C 120, 26.4.2013, p. 1.

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2018 bit-titolu "L-Impenn, il-Konnessjoni u l-Għoti tas-Setgħa liż-żgħażaġh: Strateġija tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ" (COM(2018) 0269) u r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2018 dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 <sup>(5)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Ottubru 2016 bit-titolu "Il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ: tliet snin wara" (COM(2016)0646) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja (SWD(2016)0323),
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Lulju 2020 dwar il-konklużjonijiet tal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew tas-17-21 ta' Lulju 2020 <sup>(6)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2018 dwar l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ fl-Istati Membri <sup>(7)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar il-kontroll tal-infiq u monitoraġġ tal-kosteffikaċja tal-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ tal-UE <sup>(8)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2013 dwar il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ <sup>(9)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-mistoqsijiet dwar it-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ lill-Kummissjoni (O-000058/2020 – B9-0018/2020 u O-000059/2020 – B9-0019/2020),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 136(5) u 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali,
- A. billi, mit-twaqqif tagħha fl-2013, il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ ħolqot opportunitajiet u għenet lil aktar minn 24 miljun żagħżuġ u żagħżuġha jsibu impjeg jew jipparteċipaw fi programm ta' edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew t-traineeship; billi, qabel il-kriżi tal-COVID-19, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh (ta' bejn 15 u 24 sena) kienet ta' 14,9 % bħala medja meta mqabbla ma' quċċata ta' 24,4 % fl-2013; billi din ir-rata għadha aktar mid-doppju tar-rata ġenerali tal-qgħad (6,5 %); billi l-prevalenza ta' xogħol mhux standard hija għolja ħafna fost iż-żgħażaġh, bi 43,8 % taż-żgħażaġh fxogħol temporanju madwar l-UE; billi r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh taħbi disparitajiet kbar bejn l-Istati Membri, b'rata ta' qgħad għall-persuni taħt il-25 sena tkun ta' 40,8 % fi Spanja (Ġunju 2020) u ta' 33,6 % fil-Greċja (April 2020); billi hemm wisq żgħażaġh li għandhom xogħol prekarju u ħafna jridu jitilqu mir-reġjun jew mill-pajjiż tagħhom biex isibu impjeg deċenti;
- B. billi l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ hija rikonoxxuta li tat spinta lir-riformi strutturali fis-servizzi pubbliċi tal-impjegi u fis-sistemi edukattivi fl-Istati Membri; billi, madankollu, din ġiet implimentata pjuttost bil-mod u biċċa biċċa min-naħa tal-Istati Membri fil-fażi bikrija tagħha, u diversi nuqqasijiet ġew enfasizzati mill-partijiet ikkonċernati u ż-żgħażaġh fit-tfassil u t-tħaddim tagħha fil-prattika; billi fir-Rapport Speċjali Nru 5/2017 tagħha, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri kkritikat il-progress limitat tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, billi kkonkludiet li l-kontribut tal-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ (YEI) għall-kisba tal-oġġettivi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ fil-ħames Stati Membri li saritilhom żjara kien limitat ħafna fil-mument li saret il-verifika, kif ukoll li aktar minn tliet snin wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, din is-sitwazzjoni ma laħqitx l-aspettattivi inizjali li tqajmu fit-tnejja tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, li kellha l-għan li tipprovdha offerta ta' kwalità tajba lin-NEETs kollha – żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ – fi żmien erba' xhur; billi l-Kummissjoni u l-Istati Membri progressivament introduċew aġġustamenti u gwida mtejba għall-programm li jagħmel il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-YEI għodod essenzjali fil-għlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh fl-UE;
- C. billi l-għlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh hija prijorità politika kondiviża mill-Parlament, il-Kummissjoni u l-Istati Membri, u tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-oġġettivi ta' tkabbir sostenibbli u impjegi ta' kwalità għolja tal-Unjoni filwaqt li hija konformi mal-EPSSR;

<sup>(5)</sup> ĠU C 456, 18.12.2018, p. 1.

<sup>(6)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2020)0206.

<sup>(7)</sup> ĠU C 458, 19.12.2018, p. 57.

<sup>(8)</sup> ĠU C 346, 27.9.2018, p. 105.

<sup>(9)</sup> ĠU C 440, 30.12.2015, p. 67.

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

- D. billi fil-kondiviżjoni tal-prijoritajiet politiċi tagħha, il-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen iddikjarat li se tibdel il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ fi strument permanenti biex tiġġieled il-qgħad fost iż-żgħażaġh u li għandu jkollha baġit miżjud u rappurtar regolari biex tiżgura li tagħti dak li twieġhed f'kull Stat Membru;
- E. billi l-pandemija tal-COVID-19 wasslet għal kriżi ekonomika u soċjali bla preċedent li minħabba fiha r-rati tal-qgħad fl-UE qed jiżdiedu u miljuni ta' nies qed jirriskjaw li jtilfu l-impjeg tagħhom; billi minn Ġunju 2020 il-qgħad fost iż-żgħażaġh kien ta' 16,8 % madwar l-UE, numru li għadu mistenni li jkompli jiżdied b'mod qawwi, meta jitqies li iż-żgħażaġh jirriskjaw li jintlaqtu l-aġar, bħal matul il-kriżi tal-2008; billi r-rati għoljin ta' qgħad fost iż-żgħażaġh huma ta' detriment għall-individwi kkonċernati, li spiss iwasslu għall-hekk imsejħa "effetti ċikatriċi"; billi dawn l-effetti ta' detriment se jgħaddu minnhom partikolarment l-għadd dejjem jikber ta' żgħażaġh qiegħda fit-tul u mis-soċjetà b'mod ġenerali, u għalhekk hemm il-ħtieġa ta' sforzi ta' politika deċiżivi u mmirati; billi l-investment fil-kapital uman taż-żgħażaġh Ewropej se jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-ekonomiji u s-soċjetajiet Ewropej u jagħmilhom aktar inklużivi u reżiljenti; billi forza tax-xogħol bil-ħiliet meħtieġa, kreattiva u innovattiva hija prerekwiżit għal Ewropa kompetittiva;
- F. billi iż-żgħażaġh huma affettwati b'mod sproporzjonat minn kriżi ekonomika <sup>(10)</sup>; billi l-ġlieda kontra l-kriżi ekonomika maħluqa mill-pandemija tal-COVID-19 se tkun essenzjali biex jiġu evitati rati għoljin ta' qgħad fost iż-żgħażaġh; billi wieħed minn kull sitt żgħażaġh li kienu impjegati qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 tilef l-impjeg tiegħu jew ngħata s-sensja; billi s-siġhat tax-xogħol fost iż-żgħażaġh impjegati naqsu bi kważi kwart u tnejn minn kull ħames żgħażaġh irrappurtaw tnaqqis fl-introjtu tagħhom, b'dawk f'pajjiżi b'introjtu aktar baxx kienu l-aktar affettwati f'termini ta' siġhat tax-xogħol u ta' introjtu;
- G. billi l-miżuri ta' lockdown ikkawżaw tfixkil f'daqqa fl-edukazzjoni formali u informali, traineeships, internships u apprendistati taż-żgħażaġh, kif ukoll fl-impjeg, u b'hekk affettwaw l-introjtu, il-potenzjal ta' qligħ u l-benesseri tagħhom, inkluża s-saħħa tagħhom u b'mod partikolari s-saħħa mentali tagħhom; billi l-miżuri tal-qgħad fost iż-żgħażaġh għandhom jindirizzaw in-natura multidimensjonali tal-problema;
- H. billi iż-żgħażaġh b'diżabilitajiet intlaqtu partikolarment ħażin mill-effetti tal-pandemija u issa jinsabu friskju saħansitra akbar ta' esklużjoni soċjoekonomika; billi huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri mmirati biex jappoġġjaw l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol u biex jiġi żgurat l-aċċess tagħhom għal servizzi ta' kwalità filwaqt li jiżguraw li ma jbatux minn diskriminazzjoni jew ostakli ta' kwalunkwe tip, inklużi dawk finanzjarji;
- I. billi huwa aktar probabbli li iż-żgħażaġh jispiċċaw bla xogħol minħabba l-fatt li huma jaħdmu aktar ta' spiss fl-ekonomija informali, f'forom mhux standard ta' impjeg, bi f'tit jew xejn protezzjoni soċjali u m'għandhomx esperjenza professjonali;
- J. billi r-rati ta' xogħol mhux standard, bħal xogħol fuq pjattaforma diġitali jew ta' "gigs" huma għoljin ħafna fost iż-żgħażaġh u xogħol mhux standard jipprovdi inqas sigurtà fl-impjeg u aċċess limitat jew l-ebda aċċess għall-protezzjoni soċjali, li jagħmel liż-żgħażaġh aktar probabbli li jispiċċaw qiegħda waqt kriżi bħall-COVID-19 filwaqt li jiġi ristrett l-aċċess tagħhom għall-protezzjoni soċjali;
- K. billi huwa essenzjali li tiġi ssottolinjata d-differenza bejn il-livelli ta' qgħad u ta' inattività biex wieħed jifhem aħjar l-inkidenza tal-kriżi fost iż-żgħażaġh, peress li żieda fil-popolazzjoni inattiva tista' tirriżulta wkoll fi tnaqqis statistiku tal-qgħad; billi diversi Stati Membri rreġistraw żieda akbar fil-popolazzjoni inattiva milli fil-qgħad, kemm minħabba l-fatt li matul il-kriżi n-nies waqfu jfittxu xogħol, u wkoll minħabba l-introduzzjoni ta' miżuri tas-suq tax-xogħol pubbliku bħal skemi ta' xogħol għal żmien qasir u l-imblukkar ta' sensji;
- L. billi l-kuntratti b'introjtu baxx u prekarji, l-impjeg indipendenti fittizju, in-nuqqas ta' protezzjoni soċjali bażika u Prattiki diskriminatorji skont l-età huma l-kundizzjonijiet tal-impjeg esperjenzati minn miljuni ta' żgħażaġh; billi r-rata ta' żgħażaġh inattivi żdiedet fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u billi fost in-NEETs id-differenza bejn il-ġeneri żdiedet ukoll matul dan il-perjodu; billi ħafna żgħażaġh qed jaqilbu bejn l-impjeg u l-qgħad jew l-inattività jew jinsabu maqbuda f'forom prekarji ta' impjeg mhux standard; billi iż-żgħażaġh huma friskju ogħla minn oħrajn li jtilfu l-impjeg tagħhom minħabba l-awtomazzjoni;

<sup>(10)</sup> "The impact of the economic crisis on euro area labour markets" (L-impatt tal-kriżi ekonomika fuq is-swieq tax-xogħol taż-żoni tal-ewro), fil-Bullettin ta' kull xahar tal-Bank Ċentrali Ewropej ta' Ottubru 2014, pp. 49-68.

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

- M. billi n-nisa, u b'mod partikolari n-nisa żgħażaġh, isofru diskriminazzjoni doppja, minħabba li huma żgħażaġh u minħabba li huma nisa, minħabba żbilanċ inkwetanti fis-suq tax-xogħol;
- N. billi l-pandemija tista' tkabbar l-inugwaljanzi fis-soċjetà, inkluża d-diviżjoni diġitali li tibqa' problema serja fl-UE kollha kemm hi u fl-Istati Membri; billi n-nuqqas ta' aċċess xieraq għall-broadband u għal tagħmir adegwat tal-IT għaż-żgħażaġh b'mod ġenerali, u wkoll fil-kuntest tat-tagħlim mill-bogħod u t-telexogħol, jista' jwassal għal aktar inugwaljanzi, esklużjoni u diskriminazzjoni;
- O. billi l-kriżi preċedenti wriet li jekk iż-żgħażaġh ma jiġux ipprovduti bi traineeships u impjiegi ta' kwalità – abbażi ta' ftehimiet bil-miktub u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, inkluża paga li tiggarrantixxi l-għajxien, konsulenza u gwida għall-karriera u taħriġ ulterjuri – għad jerġa' jkun hemm riskju għoli li jkunu sfurzati jaċċettaw impjiegi prekarji, iħallu pajjiżhom biex isibu xogħol, jew jirreġistraw fl-edukazzjoni jew it-taħriġ, anki jekk ikunu qed ifittxu impjeg reali;
- P. billi l-kwalità baxxa tal-offerti tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ hija waħda mill-aktar nuqqasijiet sinifikanti tagħha; billi t-traineeships ipprovduti fl-ambitu tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ m'għandhomx biss ikunu mħallsa iżda għandhom ikunu limitati fit-tul u fin-numru sabiex iż-żgħażaġh ma jispiċċawx maqbuda fi traineeships ripetuti li ma jintemmu qatt u sfruttati għal xogħol irħis jew saħansitra b'xejn u mingħajr protezzjoni soċjali u drittijiet tal-pensjoni; billi l-istudji juru li l-ġenerazzjoni attwali ta' żgħażaġh isibu l-ewwel impjeg reali tagħhom fil-bidu tat-tletinijiet f'termini tal-età tagħhom;
- Q. billi l-ġenerazzjoni attwali ta' żgħażaġh għandha livell għoli ta' hiliyet; billi t-taħriġ tal-hiliyet, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-hiliyet mhumix l-unika tweġiba għan-nuqqas ta' impjiegi għaż-żgħażaġh; billi l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u sostenibbli, min-naħa l-oħra, huwa kruċjali għall-istabbiltà tagħhom;
- R. billi l-programmi tal-impjiegi jista' jkollhom effett fuq il-qgħad iżda ma jstgħux jissostitwixxu sforzi usa' li jinkoraġġixxu swieq tax-xogħol aktar flessibbli; billi l-ostakli tas-suq tax-xogħol għandhom effetti partikolarment ta' ħsara fuq iż-żgħażaġh, u qed iżidu r-rati tal-qgħad u qed iħallu lill-ġenerazzjonijiet il-ġodda vulnerabbli; billi r-riċerka <sup>(1)</sup> wriet il-ħtieġa kemm ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol kif ukoll ta' skemi ta' protezzjoni soċjali bbażati fuq il-limitu tar-riskju tal-faqar sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn il-miżuri sempliċiment ibiddlu l-opportunitajiet ta' impjeg mingħajr ebda gwadann bejn is-sottogruppi ta' persuni vulnerabbli;
- S. billi l-linji gwida tal-2019 għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri jappellaw lill-Istati Membri biex ikomplu jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-kwistjoni ta' NEETs, permezz tal-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola u t-titjib strutturali fit-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol, inkluż permezz tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ;
- T. billi l-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tibni fuq l-esperjenza u t-tagħlimiet miksuba mill-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ mill-2013 'il hawn, u għandha l-għan li tilħaq numru akbar ta' żgħażaġh, bil-kategorija tal-età tiġi estiża għall-persuni kollha taħt it-30 sena, billi tappoġġjahom fl-iżvilupp ta' hiliyet u l-kisba ta' esperjenza ta' xogħol, b'mod partikolari fis-sistema modernizzata tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali;
- U. billi għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss 2021-2027, il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ se tkun iffinanzjata permezz tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), li issa jinkludi l-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ, li hija l-programm ta' finanzjament ewlieni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ; billi n-Next Generation EU, permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u ta' REACT-EU, se jipprovdri appoġġ addizzjonali għal miżuri għall-impjeg taż-żgħażaġh; billi l-investimenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ, li huma allinjati mat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi doppji, se jiġu ffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali; billi l-Istati Membri, fuq talba u wara li jissodisfaw il-kriterji predefiniti, jistgħu jkissbu riżorsi mill-Istrument Tekniku ta' Appoġġ biex jiffinanzjaw l-istadji ta' thejjiya u implimentazzjoni tar-riformi strutturali, fost miżuri oħrajn, fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-politiki tas-suq tax-xogħol;

<sup>(1)</sup> Re-inVEST Europe (2019). Policy Brief "Towards more inclusive social protection and active labour market policies in the EU: a social investment perspective" (Lejn protezzjoni soċjali aktar inklużiva u politiki attivi tas-suq tax-xogħol fl-UE: perspettiva ta' investment soċjali).

1. Jilqa' l-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tintroduċi titjib strutturali abbażi tat-tagħlimiet meħuda mill-kriżi finanzjarja tal-2008 u l-implimentazzjoni ta' dan l-istrument; ifakkar li rakkomandazzjoni tal-Kunsill ma għandha l-ebda effett vinkolanti fuq l-Istati Membri; jirrimarka li mhux l-Istati Membri kollha mxew mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li wasslet biex iż-żgħażaġh ġew minsija; iqis li wasal iż-żmien li l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ issir vinkolanti minflok volontarja; jistieden mill-ġdid lill-Kummissjoni tipproponi strument għall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ li jkun vinkolanti għall-Istati Membri kollha;
2. Jisħaq li approċċ multidimensjonali għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh, li jinkludi politiki attivi u passivi tas-suq tax-xogħol, aċċess effettiv għal miżuri ta' inklużjoni soċjali u għal servizzi soċjali, tas-saħħa u tal-akkomodazzjoni għaż-żgħażaġh huwa meħtieġ biex jiġu żgurati l-kwalità u s-sostenibbiltà ta' dawn l-azzjonijiet;
3. Jisħaq li Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa għandha tegħleb in-nuqqasijiet tal-approċċ preċedenti, li kien ibbażat fuq l-impjegabbiltà, u li din trid titqies bħala triq li għandha l-għan li tiżgura, fi żmien raġonevoli, impjieg ta' kwalità u permanenti għaż-żgħażaġh kollha involuti; itenni li l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ m'għandhiex tistituzzjonalizza x-xogħol prekarju għaż-żgħażaġh, b'mod partikolari permezz ta' status atipiku li jwassal għal pagi estremament baxxi, nuqqas ta' protezzjoni soċjali, nuqqas ta' sigurtà tal-impjieg, impjieg indipendenti fittizju u impjieg prekarji li jissostitwixxu impjieg b'salarju reali;
4. Jilqa' l-fatt li l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa se tkopri kategorija usa' tal-età biex tinkludi iż-żgħażaġh li għandhom bejn il-15 u d-29 sena u li se jiġi applikat approċċ aktar individwalizzat u mmirat kemm għal NEETs temporanji kif ukoll għan-NEETs fit-tul; jilqa' wkoll l-isforzi biex il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ issir aktar inklużiva u biex tiġi evitata kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni, inklużi gruppi żvantaġġjati u vulnerabbli, minoranzi razzjali u etniċi, migranti u rifuġjati, żgħażaġh b'diżabbiltà u dawk li jgħixu f'żoni urbani remoti, rurali jew żvantaġġjati jew f'territorji extra-Ewropej u reġjuni insulari; jespri mi t-tħassib tiegħu dwar l-iżbilanċ fis-suq tax-xogħol, li fih in-nisa b'mod ġenerali, u b'mod partikolari n-nisa żgħażaġh, ibatu minn diskriminazzjoni doppja, minħabba li huma żgħar fl-età u minħabba li huma nisa; jissottolinja l-ħtieġa li l-Kummissjoni tqis il-ħtiġijiet tan-nisa żgħażaġh meta tindirizza d-differenza bejn il-ġeneri;
5. Jilqa' l-inklużjoni ta' dimensjoni tal-ġeneri fil-Garanzija għaż-Żgħażaġħ; jinnota madankollu li d-differenza bejn il-ġeneri fost in-NEETs żdiedet matul dawn is-sinjuri u li l-fatt li jkollhom familja għadu ostaklu għall-impjieg tan-nisa żgħażaġh; jistieden lill-Istati Membri jinimplimentaw miżuri vinkolanti biex jevitaw id-diskriminazzjoni fir-reklutaġġ minħabba l-ġeneru jew is-sitwazzjoni familjali tal-kandidat;
6. Jisħaq li n-NEETs jinkludu diversi sottogrupperi, bħaż-żgħażaġh b'diżabbiltà, iż-żgħażaġh bla dar, iż-żgħażaġh Rom, iż-żgħażaġh migranti u rifuġjati, li għandhom b'żonnijiet differenti li għalihom għandhom jiġu pprovduti servizzi mfassla speċifikament, bħal, fil-każ ta' persuni b'diżabbiltà, akkomodazzjoni raġonevoli garantita u introjtu mix-xogħol li jkunu kompatibbli ma' ħlasijiet kontinwi tad-diżabbiltà; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza li jkun hemm data preċiża u modi xierqa biex jiġu identifikati dawn is-sottogrupperi, u biex jiġi adottat approċċ differenzjat fil-konfront tan-NEETs fit-tul li spiss jiġu minn sfond soċjoekonomiku żvantaġġjat u jiffaċċjaw diskriminazzjoni intersettorjali fl-edukazzjoni u l-impjieg, fost oqsma tal-ħajja oħrajn, u li għalihom għandhom jiġu mnedija programmi ta' sensibilizzazzjoni effettivi; jisħaq li biex tilħaq lil dawn il-grupperi fil-mira, il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ għandha tiġi inkorporata f'sett koerenti ta' politiki soċjali u tal-benesseri, bħall-aċċess għas-sigurtà soċjali, inklużi l-benefiċċji tal-qgħad u l-introjtu minimu, il-kura tat-tfal, is-servizzi tas-saħħa, akkomodazzjoni adegwata, affordabbli u aċċessibbli u appoġġ psikoloġiku, biex jiġi żgurat li iż-żgħażaġh kollha jkollhom aċċess għall-iskema; jinsisti li kwalunkwe diskriminazzjoni esperjenzata miż-żgħażaġh, għal kwalunkwe raġuni, trid tiġi miġġielda b'mod attiv mill-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ;
7. Jilqa' r-rakkomandazzjoni biex l-Istati Membri jsaħħu s-sistemi ta' twissija bikrija bil-għan li jidentifikaw żgħażaġh li qegħdin f'riskju li jsiru NEETs; huwa konvint li azzjonijiet preventivi, bħal valutazzjonijiet tal-ħiliet u gwida tal-karriera u vokazzjonali, li jiffukaw fuq li jgħinu lil dawk li jtilqu mill-iskola kmieni fl-impjieg isibu impjieg jew edukazzjoni qabel ma jispiċċaw bla xogħol, jekk jitwettqu kif xieraq, u l-għoti ta' edukazzjoni ġenerali inklużiva u mhux diskriminatorja jistgħu jwasslu għal tnaqqis fl-għadd ta' NEETs fit-tul;
8. Jappoġġja l-idea li tiġi vvalutata l-ġabra ta' ħiliet, speċjalment il-ħiliet diġitali, tan-NEETs kollha u l-proposta biex jissaħħu l-ħiliet diġitali, lingwistiċi u personali soċjali b'taħriġ preparatorju u biex jiġu ffaċilitati t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid lejn ħiliet ekoloġiċi, ħiliet intraprenditorjali u ħiliet finanzjarji u ta' ġestjoni tal-karriera permezz ta' gwida u orjentazzjoni tal-karriera individwalizzati; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza ta' ħiliet informali u mhux formali;

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

jitlob ukoll li s-sjieda tat-tagħmir diġitali u l-istat tal-konnettività tan-NEETs kollha jiġu vvalutati fl-istess ħin li jiġu vvalutati l-ħiliet diġitali tagħhom; iqis barra minn hekk li ż-żgħażaġh li jirreġistraw għall-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ għandhom jiġu appoġġjati fl-iżvilupp ta' ħiliet soċjali u trasversali, biex ikunu jistgħu jimmaniġġjaw aħjar it-tranżizzjonijiet u biex jiffaċċjaw suq tax-xogħol li qed jinbidel malajr; jemmen li taħriġ simili mfassal apposta għandu l-għan li jindirizza n-nuqqas ta' qbil fis-suq tax-xogħol; jemmen li l-apprendistati jista' jkollhom rwol importanti f'dan ir-rigward peress li jippreparaw liż-żgħażaġh għal impjegi li għalihom hawn domanda kbira, u għalhekk jistgħu jikkontribwixxu għall-integrazzjoni sostenibbli tagħhom fis-suq tax-xogħol;

9. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li ż-żgħażaġh li jirreġistraw għall-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ jiġu proposti offerti ta' xogħol, taħriġ, apprendistat jew internship ta' kwalità tajba, varjati u mfassla apposta, inkluża rimunerazzjoni ġusta, u li l-offerti tal-impjieg ikunu allinjati mal-prinċipji rilevanti tal-EPFR li jiżguraw id-dritt għal trattament ġust u ugwali fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż l-iżgurar ta' ambjent tax-xogħol adattat għall-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u t-taħriġ, u b'perjodi ta' prova b'tul ta' żmien raġonevoli, kif ukoll il-projbizzjoni ta' abbuż ta' kuntratti atipiċi; jinsisti li taħt l-ebda ċirkostanza m'għandhom offerti fl-ambitu tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa jikkontribwixxu għad-dumping soċjali, id-dumping tal-pagi, il-faqar fost dawk li jaħdmu jew il-prekarjetà għaż-żgħażaġh; itenni li l-internships jistgħu jiżvolġu rwol fit-taħriġ vokazzjonali; ifakkar li l-kuntratti tal-internships għandhom jieħdu l-forma ta' ftehimiet legalment vinkolanti bil-miktub, li jispeċifikaw il-kompiti tal-internat u jinkludu rimunerazzjoni deċenti; iqis li l-oġġettiv tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ għandu jwassal għall-impjieg u li l-internships m'għandhom qatt jispiċċaw sostituzzjoni tal-impjieg;

10. Jitlob li jkun hemm garanzija ta' kwalità li tiżgura li n-nies li spiċċaw it-taħriġ u/jew l-edukazzjoni tagħhom matul il-kriżi tal-COVID-19 ikunu jistgħu (jerġgħu) jagħmlu korsijiet inklużi fit-traineeship u/jew l-apprendistat tagħhom, anki wara li jkun kisbu l-lawrja u/jew temmew it-traineeship u/jew l-apprendistat tagħhom, li jista' jkun li kellu jiġi kkanċellat, jew imqassar jew b'xi mod ieħor sofra nuqqas meta kienu stabbiliti l-miżuri kontra l-COVID-19, sabiex jimlew in-nuqqasijiet eventwali fit-taħriġ tagħhom;

11. Jinsisti fuq il-ħtieġa li fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill jiġu spjegati kriterji u standards ta' kwalità, ċari u vinkolanti għall-offerti u jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa qafas ta' kwalità li jirregola l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ; huwa konvint li qafas bħal dan isahħa il-programm u jagħmlu għodda aktar effettiva għal tranżizzjoni b'suċċess lejn is-suq tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-istrumenti Ewropej eżistenti bħall-Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships u l-Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi u biex iddaħħal kriterji ta' kwalità għall-offerti magħmula liż-żgħażaġh, inkluż il-prinċipju ta' rimunerazzjoni ġusta tat-trainees u l-internati, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, l-impjieg sostenibbli u d-drittijiet soċjali; jisħaq li dawn il-kriterji jiżguraw li l-programm jikkontribwixxi b'mod effettiv għat-tranżizzjoni taż-żgħażaġh għal impjieg stabbli u ta' kwalità u jgħin biex jiżgura opportunitajiet indaqs bejn il-ġeneri għaż-żgħażaġh fis-setturi kollha, opportunitajiet li joffru sigurtà fit-tul, protezzjoni soċjali, kundizzjonijiet tax-xogħol ugwali u deċenti, u li ma jikkontribwixxux għall-hoġġen ta' impjegi prekarji; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżviluppaw programmi li jappoġġjaw l-intraprenditorija, b'mod partikolari f'territorji fejn hemm bażi industrijali dgħajfa;

12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jxerdu prattiki tajbin fir-rigward tal-investiment soċjali sabiex irawmu soċjetà aktar inklużiva u biex jibbilanċjaw mill-ġdid il-progress ekonomiku u soċjali; jisħaq fuq l-importanza kemm tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol kif ukoll tal-iskemi ta' protezzjoni soċjali bil-għan li tiġi evitata sitwazzjoni fejn la jkun hemm gwadann u lanqas telf, iżda semplicitment jinqaleb l-impjieg bejn diversi sottogrupperi ta' persuni vulnerabbli u b'mod partikolari in-NEETs; iħeġġeġ lill-Kummissjoni twettaq studju biex teżamina r-rabta bejn iż-żgħażaġh mingħajr protezzjoni soċjali u xogħol prekarju;

13. Jemmen bis-sħiħ fl-oġġettiv li jittejbu l-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi taż-żgħażaġh bl-implimentazzjoni xierqa tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa; itenni mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu li r-rimunerazzjoni għandha tkun proporzjonata max-xogħol ipprovdut, il-ħiliet u l-esperjenza tal-individwu partikolari u l-ħtieġa li l-internati, it-trainees u l-apprendisti fis-suq tax-xogħol barra l-kurrikuli edukattivi jkun jistgħu jlaħħqu mal-ħajja; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, b'kollaborazzjoni mal-Parlament u filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà, jipproponu toroq possibbli l-quddiem għall-introduzzjoni ta' strument legali komuni li jiżgura u jinforza rimunerazzjoni ġusta għall-internships, it-traineeships u l-apprendistati fis-suq tax-xogħol tal-UE; jikkundanna l-prattika ta' internships, traineeships u apprendistati mingħajr ħlas, li tikkostitwixxi forma ta' sfruttament tax-xogħol taż-żgħażaġh u ksur tad-drittijiet tagħhom;

14. Jinsisti li l-finanzjament għall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ għandu jissaħħa għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, permezz ta' żieda fil-FSE+ u konċentrazzjonijiet tematiċi adegwati; jenfasizza li l-proposta emendata tal-Kummissjoni dwar il-FSE+ tat-28 ta' Mejju 2020 b'rati ta' NEET oġhla mill-medja fl-UE fl-2019 iridu jallokaw mill-inqas



## Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

15 % tar-riżorsi tagħhom b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ għal azzjonijiet immirati u riformi strutturali li jappoġġjaw l-impjeg taż-żgħażaġh, l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ, b'mod partikolari fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' skemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ; jiddispjaċih ħafna għall-fatt li fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 ta' Lulju 2020, il-Kunsill Ewropew naqqas b'mod sinifikanti dan l-ammont għal 10 % li hija kompletament kontradittorja mal-ambizzjoni tal-Unjoni li tinvesti fiż-żgħażaġh;

15. Ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari adottata fl-4 ta' April 2019 li tinkludi rekwiżit addizzjonali li l-Istati Membri kollha, mhux biss dawk b'rata ta' NEET oġhla mill-medja tal-Unjoni, għandhom jinvestu mill-inqas 3 % tar-riżorsi tagħhom tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża fl-indirizzar tal-qgħad fost iż-żgħażaġh, b'mod partikolari fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ, matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027;

16. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jirriflettu dwar il-fatt li r-rata tan-NEETs hija l-uniku fattur fid-deċizzjonijiet dwar l-allokazzjoni tal-fondi; iqis li filwaqt li din ir-rata turi n-numru tan-nies li mhumiex fl-edukazzjoni, fl-impjeg jew fit-taħriġ, teskludi kompletament għadd kbir ta' żgħażaġh li għandhom impjeg part-time involontarju, ħallew il-pajjiż biex isibu xogħol deċenti, jagħmlu xogħol mhux dikjarat, jew li qegħdin jaħdmu għalkemm għadhom qed jgħixu fil-faqar;

17. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ biex jimplementaw il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ kollha kemm hi; jenfasizza li l-finanzjament tal-Unjoni jikkomplementa l-baġits nazzjonali u ma jissostitwixxihomx;

18. Ifakkar li Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa jista' jkollha rwol importanti fl-appoġġ lill-Istati Membri biex jinvestu fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew fil-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjeg f'ekonomija newtrali għall-klima, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u ċirkolari u u biex ikollhom forza tax-xogħol b'livell għoli ta' ħiliet għal dawn l-impjegji biex b'hekk jiġi żgurat li l-ebda żaġhżuġh, speċjalment dawk li jappartjenu għal gruppi żvantaġġati, ma jintesa fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima;

19. Itenni l-ħtieġa li jiżdied l-użu effikaċi tal-finanzjament; jistenna li r-regoli simplifikati tal-ipprogrammar u l-implimentazzjoni fl-ambitu tal-FSE+ iwasslu għal tnaqqis fl-ispejjeż amministrattivi għall-benefiċjarji, inklużi arranġamenti ta' rappurtar simplifikati; jistenna li l-Istati Membri jonfqu b'mod diliġenti l-fondi fuq programmi taż-żgħażaġh, li se jiffaċilitaw l-impjeg taż-żgħażaġh;

20. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu mmassimizzati s-sinerġiji potenzjali bejn il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u fondi u strumenti rilevanti oħra tal-UE, inklużi l-Faċilità ta' Rkupru u ta' Reżiljenza, il-Garanzija Ewropea għat-Tfal, Erasmus+, InvestEU, Orizzont Ewropa u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, anki fil-kuntest ta' REACT-EU u l-pjanijiet nazzjonali ta' rkupru; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-appoġġ għall-impjeg taż-żgħażaġh f'dawn il-pjanijiet u fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom ukoll kif ukoll fil-kuntest ta' REACT-EU; jistieden lill-Istati Membri jużaw ir-riżorsi ta' SURE biex jappoġġjaw miżuri għal trainees u interns żgħażaġh, bħal appoġġ għall-introjtu u skemi ta' xogħol għal żmien qasir;

21. Jinsisti li l-Kummissjoni ttejjeb il-monitoraġġ tagħha tal-implimentazzjoni tal-garanzija għaż-Żgħażaġħ u r-rappurtar tagħha dwar ir-riżultati, inkluż il-monitoraġġ tal-benefiċjarji fl-ambitu tal-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ u n-natura tal-offerti biex tiġi żgurata l-konformità tagħhom ma' qafas ġdid ta' standards ta' kwalità fl-ambitu tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa u d-dħul fit-tul fl-impjeg tal-benefiċjarji tal-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ;

22. Jissottolinja li l-ġbir imtejjeb tad-data huwa essenzjali għall-integrazzjoni sostenibbli tas-suq tax-xogħol tal-benefiċjarji u l-użu effiċjenti tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ; iħeġġeġ lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri tipproduċi rapporti ta' segwitu dwar l-implimentazzjoni tal-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ; iqis, f'dan il-kuntest, li huwa importanti li l-Kummissjoni twettaq studju li jħares lejn ir-rabta bejn iż-żgħażaġh f'impjegji mingħajr protezzjoni soċjali u x-xogħol prekarju;

23. Jenfasizza li l-implimentazzjoni effettiva tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-aċċess imtejjeb għal impjegji stabbli u sostenibbli jirrikjedi shubijji aktar b'saħħithom u koordinazzjoni effiċjenti bejn il-fornituri tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-awtoritajiet reġjonali u lokali, is-sħab soċjali (min iħaddem u t-trade unions), l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-ħaddiema żgħażaġh, il-fornituri ta' solidarjetà u attivitajiet ċiviċi, il-kmamar tal-kummerċ u l-kmamar tas-snajja, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili, inklużi NGOs li jaħdmu ma' persuni żvantaġġati, speċjalment meta jiskambjaw l-aħjar Prattiki bejn l-Istati Membri; jitlob l-involvement ta' dawn il-partijiet ikkonċernati fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ sabiex tiġi żgurata l-effettività tagħhom; iħeġġeġ lill-Istati Membri jtejbu l-parteċipazzjoni ta' dawn is-sħab, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, fl-istadji kollha tal-ġestjoni tal-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ

**Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020**

u l-istrumenti ta' finanzjament assoċjati tal-UE fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali; huwa tal-fehma li s-sħubijiet għandhom jiddeskrivu b'mod ċar l-istrutturi u l-mekkaniżmi għal parteċipazzjoni sinifikanti fit-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluża l-kondiviżjoni trasparenti tal-informazzjoni;

24. Huwa konvint li kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati sew f'formati aċċessibbli – inkluż għal persuni b'diżabilità – u mezzi ta' komunikazzjoni li jappellaw għaż-żgħażaġh jista' jkollhom rwol deċiżiv biex jilhq u liż-żgħażaġh u lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u biex iżidu l-profil tal-inizjattiva, u li din tista' tkun partikolarment ta' benefiċċju ffokata b'mod speċjali fuq dawk li jtilqu mill-iskola kmieni; jenfasizza li għandhom imorru kemm jista' jkun fondi direttament għaż-żgħażaġh; jisħaq li politiki ta' sensibilizzazzjoni effettivi jeħtieġu finanzjament u kapaċità tal-persunal adegwati, b'mod partikolari fis-servizzi tal-impjeg pubbliku (PES) li għandhom rwol kruċjali biex jintlaħqu b'mod effettiv l-in-NEETs iżda xorta qegħdin ibatu l-konsegwenzi tal-miżuri ta' awsterità introdotti wara l-aħħar kriżi finanzjarja; iħeġġeġ, f'dan il-kuntest, lill-Istati Membri jinvestu fil-PES tagħhom sabiex jipprovdu biżżejjed riżorsi umani u appoġġ finanzjarju għat-taħriġ u t-tagħmir tal-persunal għal dan il-għan;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-idea ta' portal tal-web tal-UE ddedikat speċifikament għall-iskemi ta' taħriġ u l-apprendistati fl-UE, filwaqt li tiġbor flimkien l-inizjattivi eżistenti kollha tal-UE, f'portal viżibbli, aċċessibbli u faċli biex jintuża; iqis li dan il-portal għandu jkun ippubbliċizzat b'mod adegwat permezz ta' mezzi xierqa biex ikun immirat lejn l-udjenzi tiegħu, bil-għan li jsir punt ta' referenza magħruf sew għaż-żgħażaġh Ewropej, l-istituti edukattivi, u l-kumpaniji madwar l-UE; huwa tal-fehma li l-portal għandu jidderieġi t-talent żgħażuġh fejn huwa l-aktar meħtieġ, jindika liż-żgħażaġh il-bżonnijiet speċifiċi fis-suq tax-xoġhol, jipromwovi l-aċċess għal opportunitajiet ta' taġlim marbuta, itejjeb l-impjegabbiltà futura ġenerali ġewwa l-UE u jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh u biex inaqqas id-differenzi fil-ħiliet;

26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020

## II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-PARLAMENT EWROPEW

P9\_TA(2020)0249

**Approvazzjoni tal-allokkazzjoni ta' responsabbiltajiet ġodda lill-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Valdis Dombrovskis****Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2020 li tapprova l-allokkazzjoni ta' responsabbiltajiet ġodda lill-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Valdis Dombrovskis (2020/2203(INS))**

(2021/C 395/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 17(6) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 248 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika,
  - wara li kkunsidra l-punt 7 tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-ittra tal-President tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2020,
  - wara li kkunsidra s-seduta ta' smiġħ ta' Valdis Dombrovskis fit-2 ta' Ottubru 2020, li kienet immexxija mill-Kumitat dwar il-Kummerċ Internazzjonali, bl-assoċjazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, il-Kumitat għall-Iżvilupp, il-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetariji u d-dikjarazzjoni ta' evalwazzjoni mfassla wara dak is-smiġħ,
  - wara li kkunsidra l-eżaminazzjoni mill-Konferenza tal-Prezidenti tal-Kumitati fil-laqgħa taġħha tal-5 ta' Ottubru 2020, u l-eżaminazzjoni mill-Konferenza tal-Prezidenti fil-laqgħa taġħha tas-6 ta' Ottubru 2020,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 125, u l-Anness VII tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Japprova l-allokkazzjoni ta' responsabbiltajiet ġodda lill-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Valdis Dombrovskis għall-bqija taż-żmien tal-kariga tal-Kummissjoni sal-31 ta' Ottubru 2024;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.

It-Tnejn, 5 ta' Ottubru 2020

### III

(Atti preparatorji)

## IL-PARLAMENT EWROPEW

P9\_TA(2020)0242

### Is-swieg fl-istrumenti finanzjarji \*\*\*II

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Ottubru 2020 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieg fl-istrumenti finanzjarji (06799/1/2020 – C9-0291/2020 – 2018/0047(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)**

(2021/C 395/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (06799/1/2020 – C9-0291/2020),
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-11 ta' Lulju 2018 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari <sup>(2)</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2018)0099),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0169/2020),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
  2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

<sup>(1)</sup> ĠU C 367, 10.10.2018, p. 65.

<sup>(2)</sup> Testi adottati tas-27.3.2019, P8\_TA(2019)0302.

It-Tnejn, 5 ta' Ottubru 2020

P9\_TA(2020)0243

**Fornituri ta' Servizzi ta' Finanzjament Kollettiv Ewropej (ECSP) għan-Negozji \*\*\*II**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Ottubru 2020 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv Ewropej għan-negozji, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1129 u d-Direttiva (UE) 2019/1937 (06800/1/2020 – C9-0292/2020 – 2018/0048(COD))**

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

(2021/C 395/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (06800/1/2020 – C9-0292/2020),
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-11 ta' Lulju 2018 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari <sup>(2)</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2018)0113),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0168/2020),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
  2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

<sup>(1)</sup> ĠU C 367, 10.10.2018, p. 65.

<sup>(2)</sup> Testi adottati tas-27.3.2019, P8\_TA(2019)0301.

It-Tlieta, 6 ta' Ottubru 2020

P9\_TA(2020)0244

## **Emenda tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-proċedura tad-diżimpenn \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2020 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-proċedura tad-diżimpenn (COM(2020)0309 – C9-0202/2020 – 2020/0140(COD))**

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2021/C 395/16)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0309),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 78(2), l-Artikolu 79(2) u (4), l-Artikolu 82(1), l-Artikolu 84 u l-Artikolu 87(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0202/2020),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-22 ta' Settembru 2020, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 52(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0171/2020),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

### **P9\_TC1-COD(2020)0140**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-6 ta' Ottubru 2020 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 514/2014 fir-rigward tal-proċedura tad-diżimpenn**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2020/1543.)*

---

It-Tlieta, 6 ta' Ottubru 2020

P9\_TA(2020)0245

**Guadeloupe, il-Guyana Franċiża, Martinique u Réunion: taxxi indiretti fuq ir-rum "tradizzjonali" \***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2020 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lil Franza tapplika rata mnaqqa ta' ċerti taxxi indiretti fuq ir-rum "tradizzjonali" prodott f'Guadeloupe, fil-Guyana Franċiża, f'Martinique u f'Reunion (COM(2020)0332 – C9-0217/2020 – 2020/0150(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)

(2021/C 395/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2020)0332),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0217/2020),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 82 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A9-0156/2020),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
  2. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  3. Jitlob lill-Kunsill jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**It-Tlieta, 6 ta' Ottubru 2020**

P9\_TA(2020)0246

### **It-taxxa AIEM fil-Gżejjer Kanarji \***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2020 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-taxxa AIEM applikabbli fil-Gżejjer Kanarji (COM(2020)0355 – C9-0280/2020 – 2020/0163(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)**

(2021/C 395/18)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2020)0355),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0280/2020),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 82 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A9-0157/2020),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
  2. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  3. Jitlob lill-Kunsill jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.
-



P9\_TA(2020)0247

### **Estensjoni tad-dazji tal-baħar fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi \***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2020 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-perjodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE dwar id-dazji tal-baħar fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi (COM(2020)0371 – C9-0281/2020 – 2020/0174(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)**

(2021/C 395/19)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2020)0371),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0281/2020),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 82 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A9-0159/2020),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
  2. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  3. Jitlob lill-Kunsill jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.
-

**It-Tlieta, 6 ta' Ottubru 2020**

P9\_TA(2020)0248

## **Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 7 għall-baġit ġenerali 2020: Aġġornament tad-dħul (riżorsi proprji)**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2020 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 7/2020 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020 – Aġġornament tad-dħul (riżorsi proprji) (10430/2020 – C9-0283/2020 – 2020/1999(BUD))**

(2021/C 395/20)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċizzjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020, adottat b'mod definittiv fis-27 ta' Novembru 2019 <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-sena 2014-2020 <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba <sup>(4)</sup>,
  - wara li kkunsidra d-Deċizzjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea <sup>(5)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 7/2020 adottat mill-Kummissjoni fis-6 ta' Lulju 2020 (COM(2020)0424),
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 7/2020, adottata mill-Kunsill fl-4 ta' Settembru 2020 u li ntbagħtet lill-Parlament Ewropew fis-7 ta' Settembru 2020 (10430/2020 – C9-0283/2020),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 94 u 96 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0163/2020),
- A. billi l-għan tal-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 7/2020 huwa li jaġġorna n-naħa tad-dħul tal-baġit biex jitqiesu l-aħħar żviluppi,
- B. billi l-pandemija tal-COVID-19 biddlet drastikament il-prospetti għall-ekonomija tal-Unjoni u, skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni, din is-sena l-ekonomija tal-Unjoni se tiċkien b'rekord ta' 7,5 %, u wara jsegwi rebound ta' 6,1 % fl-2021, li mhuwiex biżżejjed biex jikkumpensa b'mod sħiħ għat-telf ta' din is-sena, u billi s-sitwazzjoni ekonomika li sejra għall-aġġornament hija riflessa fil-previżjoni tar-riżorsi proprji għall-2020,

<sup>(1)</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 57, 27.2.2020.

<sup>(3)</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

<sup>(4)</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105.

It-Tlieta, 6 ta' Ottubru 2020

- C. billi huma meħtieġa żewġ tipi ta' aġġustamenti fin-naħa tad-dħul tal-baġit, jġifieri aġġornament tal-estimi għar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali kif ukoll għar-riżorsi proprji bbażati fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) u l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) biex jitqiesu l-previżjonijiet ekonomiċi aktar reċenti, kif ukoll aġġornament tal-korrezzjoni tar-Renju Unit,
- D. billi anke d-dħul l-ieħor jeħtieġ li jiġi aġġornat biex jitqiesu l-pagamenti ta' multi u penali finalment miġbura sa Ġunju 2020 u d-differenzi negattivi fir-rati tal-kambju,
1. Jieħu nota tal-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 7/2020 kif ippreżentat mill-Kummissjoni, li hija impenjata li taġġorna n-naħa tad-dħul tal-baġit;
  2. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 7/2020;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-baġit emendatorju Nru 7/2020 ġie adottat b'mod definittiv u biex jiżgura li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-istituzzjonijiet l-oħra u lill-entitajiet ikkonċernati, kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.
-

L-Erbgħa, 7 ta' Ottubru 2020

P9\_TA(2020)0250

## **Approvazzjoni tal-ħatra ta' Mairead McGuinness bħala Membru tal-Kummissjoni Ewropea**

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2020 li tapprova l-ħatra ta' Mairead McGuinness bħala Membru tal-Kummissjoni (C9-0295/2020 – 2020/0803(NLE))**

(2021/C 395/21)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-tieni paragrafu tal-Artikolu 246 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika,
  - wara li kkunsidra l-punt 6 tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżenja ta' Phil Hogan minn Membru tal-Kummissjoni,
  - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2020, li permezz tagħha l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament dwar id-deċiżjoni, li tittieħed bi qbil komuni mal-President tal-Kummissjoni, dwar il-ħatra ta' Mairead McGuinness bħala Membru tal-Kummissjoni (C9-0295/2020),
  - wara li kkunsidra l-ittra tal-President tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2020,
  - wara li kkunsidra s-seduta ta' smiġħ ta' Mairead McGuinness fit-2 ta' Ottubru 2020, li kienet immexxija mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, u d-dikjarazzjoni ta' evalwazzjoni mfasla wara dak is-smiġħ,
  - wara li kkunsidra l-eżaminazzjoni mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati fil-laqgħa tagħha tal-5 ta' Ottubru 2020, u l-eżaminazzjoni mill-Konferenza tal-Presidenti fil-laqgħa tagħha tas-6 ta' Ottubru 2020,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 125, u l-Anness VII tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Japprova l-ħatra ta' Mairead McGuinness bħala Membru tal-Kummissjoni għall-bqija taż-żmien tal-kariga tal-Kummissjoni sal-31 ta' Ottubru 2024;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

P9\_TA(2020)0253

**Liġi Ewropea dwar il-Klima \*\*\*I**

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (COM(2020)0080 – COM(2020)0563 – C9-0077/2020 – 2020/0036(COD))<sup>(1)</sup>

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2021/C 395/22)

**Emenda 1****Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva****Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)**

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva

Emenda

- 
- *wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), inkluż l-SDG 3 "Saħħa u Benesseri Globali",*

**Emenda 2****Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva****Kunsiderazzjoni 5b (ġdida)**

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva

Emenda

- 
- *wara li kkunsidra l-konsegwenzi drammatiki tat-tniġġis tal-arja għas-saħħa tal-bniedem li, skont l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, jikkawża 400 000 mewta prematura fis-sena,*

---

<sup>(1)</sup> Il-każ ġie mgħoddi lura għal negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli biex jerġa jiġi eżaminat skont l-Artikolu 59(4), ir-raba subparagrafu (A9-0162/2020).

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 3**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa - 1 (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (-1) *It-tneċċida eżiŋenzjali mit-tibdil fil-klima tirrikjedi ambizzjoni msaħħa u azzjoni klimatika akbar min-naħa tal-Unjoni u tal-Istati Membri. L-Unjoni hija impenjata li ssaħħaħ l-isforzi sabiex tindirizza t-tibdil fil-klima u li timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima wara l-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (il-“Ftehim ta' Pariġi”) <sup>(1a)</sup> fuq il-bażi tal-ekwità u tal-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, filwaqt li tagħti s-sehem ġust tagħha għall-isforz globali sabiex iż-żieda fit-temperatura globali tiġi limitata għal 1,5° C 'il fuq mil-livelli preindustrijali.*

<sup>(1a)</sup> ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

**Emenda 4**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" <sup>(19)</sup>, il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li lill-Unjoni tittrasformaha f'soċjetà ġusta u għanja b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Għandha l-għan ukoll li ttiproteġi, tippreserva u ssaħħa il-kapital naturali tal-Unjoni, u li ttiproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini mir-riskji u mill-impatti relatati mal-ambjent. **Fl-istess ħin, din** it-tranżizzjoni trid tkun **waħda** ġusta u inklużiva **li ma tħalli 'l ħadd** lura.

<sup>(19)</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019) 640 final).

*Emenda*

- (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" <sup>(19)</sup>, il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida ta' tkabbir **sostenibbli** li għandha l-għan li lill-Unjoni tittrasformaha f'soċjetà **aktar sana, sostenibbli**, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva **internazzjonalment, u b'impjiegi ta' kwalità għolja**, fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Għandha l-għan ukoll li ttiproteġi, tippreserva, **tirrestawra** u ssaħħa il-kapital naturali, **l-ekosistemi marini u terrestri u l-bijodiversità** tal-Unjoni, u li ttiproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini mir-riskji u mill-impatti relatati mal-ambjent. **Dik** it-tranżizzjoni trid tkun **ibbażata fuq l-aħħar evidenza xjentifika indipendenti. Fl-istess ħin, trid tkun soċjalment** ġusta u inklużiva, **u tkun ibbażata fuq is-solidarjetà u l-isforz kollaborattiv fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li tiżgura li ħadd ma jitħalla** lura, **timmira wkoll li toħloq tkabbir ekonomiku, impjiegi ta' kwalità għolja u ambjent prevedibbli għall-investment, u ssegwi l-prinċipju "tagħmel l-ebda ħsara"**.

<sup>(19)</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019) 640 final).

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 5**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 2**

Test propost mill-Kummissjoni

- (2) Ir-Rapport Speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (l-IPCC) dwar l-impatti tat-tisħin globali ta' 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u l-perkorsi relatati tal-emissjonijiet globali tal-gassijiet b'effett ta' serra <sup>(20)</sup> jipprovdi bażi xjentifika soda biex jiġi ttrattat it-tibdil fil-klima u juri l-hteġa li tiżdied l-azzjoni klimatika. Huwa jikkonferma li l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jridu jitnaqqsu b'mod urġenti u li t-tibdil fil-klima jrid ikun limitat għal tisħin ta' 1,5 °C, b'mod partikulari biex titnaqqas il-probabbiltà li jkun hemm avvenimenti estremi tat-temp. Ir-Rapport ta' valutazzjoni globali tal-2019 tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi (l-IPBES) <sup>(21)</sup> wera li l-bijodiversità qed titnaqqar mad-dinja kollha, u li t-tibdil fil-klima huwa t-tielet fattur l-iktar importanti li qed iwassal biex tintilef il-bijodiversità <sup>(22)</sup>.

<sup>(20)</sup> Ir-Rapport Speċjali tal-2018 tal-IPCC intitolat "Global Warming of 1,5 °C. An IPCC Special Report on the impacts of global warming of 1,5 °C above pre-industrial levels and related global greenhouse gas emission pathways, in the context of strengthening the global response to the threat of climate change, sustainable development, and efforts to eradicate poverty" [Masson-Delmotte, V., Zhai, P., Pörtner, H.-O., Roberts, D., Skea, J., Shukla, P.R., Pirani, A., Moufouma-Okia, W., Péan, C., Pidcock, R., Connors, S., Matthews, J.B.R., Chen, Y., Zhou, X., Gomis, M.I., Lonnoy, E., Maycock, T., Tignor, M. u Waterfield, T. (edituri)].

<sup>(21)</sup> Il-valutazzjoni globali tal-2019 tal-IPBES intitolata "Global Assessment on Biodiversity and Ecosystem Services".

<sup>(22)</sup> Ir-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent intitolat "L-ambjent Ewropew – L-istat u l-prospetti 2020" (ippubblikat fl-2019 fil-Lussemburgu mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea).

Emenda

- (2) Ir-Rapport Speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (l-IPCC) dwar l-impatti tat-tisħin globali ta' 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u l-perkorsi relatati tal-emissjonijiet globali tal-gassijiet b'effett ta' serra <sup>(20)</sup> jipprovdi bażi xjentifika soda biex jiġi ttrattat it-tibdil fil-klima u juri l-hteġa li tiżdied **malajr** l-azzjoni klimatika **u ta' tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima**. Huwa jikkonferma li l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jridu jitnaqqsu b'mod urġenti u li t-tibdil fil-klima jrid ikun limitat għal tisħin ta' 1,5 °C, b'mod partikulari biex titnaqqas il-probabbiltà li jkun hemm avvenimenti estremi tat-temp **u li jintlaħqu l-punti kritiċi**. Ir-Rapport ta' valutazzjoni globali tal-2019 tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi (l-IPBES) <sup>(21)</sup> wera li l-bijodiversità qed titnaqqar mad-dinja kollha, u li t-tibdil fil-klima huwa t-tielet fattur l-iktar importanti li qed iwassal biex tintilef il-bijodiversità <sup>(22)</sup>. **Wera wkoll li huwa stmat li s-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura jipprovdu 37 % tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima sal-2030. It-tibdil fil-klima għandu impatt qawwi fuq l-ekosistemi marini u terrestri li jaġixxu bħala bjar essenzjali għall-emissjonijiet antropoġeniċi tal-karbonju b'assorbiment gross ta' madwar 60 % tal-emissjonijiet antropoġeniċi globali fis-sena.**

<sup>(20)</sup> An IPCC Special Report on the impacts of "global warming of 1,5 °C above pre-industrial levels and related global greenhouse gas emission pathways, in the context of strengthening the global response to the threat of climate change, sustainable development, and efforts to eradicate poverty" [Masson-Delmotte, V., Zhai, P., Pörtner, H.-O., Roberts, D., Skea, J., Shukla, P.R., Pirani, A., Moufouma-Okia, W., Péan, C., Pidcock, R., Connors, S., Matthews, J.B.R., Chen, Y., Zhou, X., Gomis, M.I., Lonnoy, E., Maycock, T., Tignor, M. u Waterfield, T. (edituri)].

<sup>(21)</sup> Il-valutazzjoni globali tal-2019 tal-IPBES intitolata "Global Assessment on Biodiversity and Ecosystem Services".

<sup>(22)</sup> Ir-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent intitolat "L-ambjent Ewropew – L-istat u l-prospetti 2020" (ippubblikat fl-2019 fil-Lussemburgu mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea).



Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 6**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 3**

Test propost mill-Kummissjoni

- (3) Objettiv fiss fit-tul huwa importanti ferm biex jingħata kontribut għat-trasformazzjoni tal-ekonomija u tas-soċjetà, għall-impjiegi, għat-**tkabbir** u għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll biex **nimxu** b'mod ġust u kosteffettiv **lejn il-mira** b'rabta mat-temperatura stabbilita fil-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima li ħareġ mill-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Pariġi").

Emenda

- (3) Objettiv fiss fit-tul huwa importanti ferm biex jingħata kontribut għat-trasformazzjoni **ġusta** tal-ekonomija u tas-soċjetà, għall-impjiegi **ta' kwalità għolja**, **għall-welfare soċjali**, għat-**sostenibbli** u għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll biex **tintlaħaq** b'mod **rapidu**, ġust, **effiċjenti**, kosteffettiv **u soċjalment ġust mingħajr ma ħadd jitħalla lura l-mira** b'rabta mat-temperatura stabbilita fil-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima li ħareġ mill-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Pariġi").

**Emenda 7**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 3a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

- (3a) **Ix-xjenza wriet ir-rabta bejn il-kriżi tas-saħħa, ambjentali u klimatika, b'mod partikulari b'rabta mal-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità u l-ekosistemi. Il-kriżijiet tas-saħħa u sanitarji bħall-COVID-19 jistgħu jimmultiplikaw fid-deċenni li ġejjin u jirrikjedu li l-Unjoni, bħala attur globali, timplimenta strateġija globali bil-għan tal-prevenzjoni tal-iżvilupp ta' sitwazzjonijiet bħal dawn, billi tindirizza l-kwistjonijiet f'ras il-għajn, u tippromwovi approċċ integrat ibbażat fuq l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli.**

Emenda

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 8**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 3b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (3b) *Skont id-WHO, it-tibdil fil-klima jaffettwa l-fatturi determinanti soċjali u ambjentali tas-saħħa – l-arja nadifa, l-ilma tax-xorb sikur, is-suffiċjenza alimentari u l-kenn sikur – u kull sena bejn l-2030 u l-2050 huma mistennija 250 000 mewta addizzjonali, kaġun ta' malnutrizzjoni, malarja, dijarea u stress mis-sħana, flimkien ma' temperaturi tal-arja estremament għoljin li jikkontribwixxu b'mod dirett għall-imwiet, partikolarment fost l-anzjani u l-individwi vulnerabbli. Permezz tal-għargħar, il-mewġiet ta' sħana, in-nixfiet u n-nirien, it-tibdil fil-klima għandu impatti konsiderevoli fuq is-saħħa tal-bniedem, fosthom in-nuqqas ta' nutrizzjoni, il-mard kardjovaskulari u respiratorju u l-infezzjonijiet li jiġu trażmessi minn vettur.*

**Emenda 9**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 3c (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (3c) *Il-preambolu tal-Ftehim ta' Pariġi jirrikonoxxi d-dritt għas-saħħa bħala dritt fundamentali. Skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, il-Partijiet kollha tagħha jenħtieġ li jużaw metodi xierqa, pereżempju valutazzjonijiet tal-impatt, iffornulati u determinati fil-livell nazzjonali bil-għan li jiġu minimizzati l-effetti negattivi fuq l-ekonomija, fuq is-saħħa pubblika u fuq il-kwalità tal-ambjent, ta' proġetti jew miżuri mwettqa minnhom biex itaffu t-tibdil fil-klima jew jadattaw għalih.*

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 10**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 3d (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (3d) Dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-drittijiet inaljenabbli taċ-ċittadini tal-Unjoni għall-ħajja u għal ambjent sikur, kif rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u jirrikjedi li l-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji fil-livell tal-Unjoni jew f'dak nazzjonali rispettivament biex jindirizzaw ir-riskji reali u immedjati, kemm għall-ħajjiet kif ukoll għall-benesseri tan-nies u għad-dinja naturali li jiddependu minnha, irrappreżentati mill-emerġenza klimatika globali. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun iffukat fuq in-nies u l-għan tiegħu jenħtieġ li jkun li jipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini mir-riskji u l-impatti relatati mal-ambjent.

**Emenda 153**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 3e (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (3e) Il-protezzjoni tal-klima jenħtieġ li tkun opportunità għall-ekonomija Ewropea u jenħtieġ li tgħin biex tassigura l-pożizzjoni mexxejja tagħha fl-industrija fl-innovazzjoni globali. L-innovazzjonijiet fis-settur tal-produzzjoni sostenibbli jistgħu jippromwovu l-qawwa industrijali Ewropea fis-segmenti ewlenin tas-suq u b'hekk jipproteġu u joħlqu l-impjiegi. Sabiex tintlaħaq il-mira legalment vinkolanti għall-klima għall-2030 u l-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050 billi dawn l-emissjonijiet jitnaqqsu għal zero netti sa mhux aktar tard mill-2050, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffaċilita "Sħubijiet dwar il-Klima" speċifiċi għas-settur fil-livell tal-Unjoni billi tlaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati ewlenin (eż. mill-industrija, l-NGOs, l-istituti tar-riċerka, l-SMEs, it-trade unions u l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi). Is-Sħubijiet Klimatiċi jenħtieġ li jipprovdu djalogu speċifiku għas-settur u jiffaċilitaw il-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki mill-impriżi Ewropej pijunieri fid-dekarbonizzazzjoni u jaħdmu bħala l-korp ċentrali ta' konsulenza għall-Kummissjoni meta tadotta l-proposti leġiżlattivi futuri tagħha relatati mal-klima.

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

## Emenda 11

## Proposta għal regolament

## Premessa 4

## Test propost mill-Kummissjoni

- (4) Il-Ftehim ta' Pariġi jstabbilixxi l-għan fit-tul li **ż-żieda** fit-temperatura globali **tinżamm ferm inqas minn 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jitkomplew l-isforzi biex din tinżamm taħt il-1,5 °C** 'il fuq mil-livelli preindustrijali <sup>(23)</sup>, **u jenfasisza l-importanza li nadattaw ruħna** għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima <sup>(24)</sup> u li **nagħmlu** l-flussi finanzjarji konsistenti mat-triq lejn livell baxx ta' emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u ma' żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima <sup>(25)</sup>.

<sup>(23)</sup> L-Artikolu 2(1)(a) tal-Ftehim ta' Pariġi.

<sup>(24)</sup> L-Artikolu 2(1)(b) tal-Ftehim ta' Pariġi.

<sup>(25)</sup> L-Artikolu 2(1)(c) tal-Ftehim ta' Pariġi.

## Emenda

- (4) Il-Ftehim ta' Pariġi jstabbilixxi l-għan fit-tul li **jsiru sforzi biex iż-żieda** fit-temperatura globali **tiġi limitata għal 1,5 °C** 'il fuq mil-livelli preindustrijali <sup>(23)</sup>, **li tiżdied il-kapaċità ta' adattament** għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima <sup>(24)</sup> u li l-flussi finanzjarji **jsiru** konsistenti mat-triq lejn livell baxx ta' emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u ma' żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima <sup>(25)</sup>. **Bħala l-qafas ġenerali għall-kontribut tal-Unjoni għall-Ftehim ta' Pariġi, dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżgura li kemm l-Unjoni kif ukoll l-Istati Membri jikkontribwixxu bis-sħiħ biex jintlaħqu dawk it-tliet objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi.**

<sup>(23)</sup> L-Artikolu 2(1)(a) tal-Ftehim ta' Pariġi.

<sup>(24)</sup> L-Artikolu 2(1)(b) tal-Ftehim ta' Pariġi.

<sup>(25)</sup> L-Artikolu 2(1)(c) tal-Ftehim ta' Pariġi.

## Emenda 12

## Proposta għal regolament

## Premessa 5

## Test propost mill-Kummissjoni

- (5) L-għan tal-azzjoni klimatika tal-Unjoni u tal-Istati Membri huwa li tippoteġi lin-nies u lill-pjaneta kif ukoll il-benesseri, il-prosperità, is-saħħa, is-sistemi tal-ikel, l-integrità tal-ekosistemi u l-bijodiversità mit-theddida tat-tibdil fil-klima, fil-kuntest tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, u li tiżdied kemm jista' jkun il-prosperità fil-limiti tal-pjaneta u li tiżdied ir-reżiljenza tas-soċjetà b'rabta mat-tibdil fil-klima u titnaqqas il-vulnerabbiltà tagħha għal dan it-tibdil.

## Emenda

- (5) L-għan tal-azzjoni klimatika tal-Unjoni u tal-Istati Membri huwa li tippoteġi lin-nies u lill-pjaneta kif ukoll il-benesseri, il-prosperità, **l-ekonomija**, is-saħħa, is-sistemi tal-ikel, l-integrità tal-ekosistemi u l-bijodiversità mit-theddida tat-tibdil fil-klima, fil-kuntest tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, u li tiżdied kemm jista' jkun il-prosperità fil-limiti tal-pjaneta u li tiżdied ir-reżiljenza tas-soċjetà b'rabta mat-tibdil fil-klima u titnaqqas il-vulnerabbiltà tagħha għal dan it-tibdil. **F'dan id-dawl, l-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri jenħtieġ li jkunu ggwidati mill-prinċipju ta' prekawzjoni, mill-prinċipju "min iniġġes iħallas", mill-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u mill-prinċipju "tagħmel l-ebda ħsara".**

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 13**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 5a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (5a) *Bis-saħħa tal-qafas regolatorju li ġie stabbilit mill-Unjoni u l-isforzi mwettqa mill-industriji Ewropej, l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni naqsu bi 23 % bejn l-1990 u l-2018, filwaqt li l-ekonomija kibret b'61 % matul l-istess perjodu, u dan juri li huwa possibbli li t-tkabbir ekonomiku jiġi diżakkoppjat mill-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra.*

**Emenda 14**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 6**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (6) ***Jenħtieġ** li s-setturi ekonomiċi kollha **jkunu obbligati jikkontribwixxu għall-kisba tan-newtralità klimatika.** Minħabba li ħafna mill-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra huma marbutin mal-produzzjoni u mal-konsum tal-enerġija, huwa essenzjali li jkun hemm tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija **li tkun** sostenibbli, sikura u għall-but ta' kulħadd u li tkun tiddependi fuq suq intern tal-enerġija li jaħdem tajjeb. It-trasformazzjoni diġitali, l-innovazzjoni teknoloġika u r-riċerka u l-iżvilupp ukoll huma fatturi importanti biex jintlaħaq l-oġettiv tan-newtralità klimatika.*
- (6) ***Il-kisba tan-newtralità klimatika tirrikjedi** li s-setturi ekonomiċi kollha, **inklużi dawk tal-avjazzjoni u tat-trasport marittimu, inaqqsu malajr l-emissjonijiet tagħhom għal qrib iż-zero. Il-prinċipju "min iniġġes iħallas" jenħtieġ li jkun fattur ewlieni f'dak ir-rigward.** Minħabba li ħafna mill-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra huma marbutin mal-produzzjoni u mal-konsum tal-enerġija, huwa essenzjali li jkun hemm tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija **effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u bbażata fuq is-sorsi rinnovabbli,** sostenibbli, sikura u għall-but ta' kulħadd, **filwaqt li jitnaqqas il-faqar enerġetiku,** u li tkun tiddependi fuq suq intern tal-enerġija li jaħdem tajjeb. **Il-kontribut tal-ekonomija ċirkolari għan-newtralità klimatika jenħtieġ li jiġi estiż billi tittejjeb l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u billi jiżdied l-użu ta' materjali b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju filwaqt li jiġu promossi l-evitar tal-iskart u r-riċiklaġġ.** It-trasformazzjoni diġitali, l-innovazzjoni teknoloġika u r-riċerka u l-iżvilupp, **li jirrikjedu finanzjament addizzjonali,** ukoll huma fatturi importanti biex jintlaħaq l-oġettiv tan-newtralità klimatika. **L-Unjoni u l-Istati Membri se jkollhom bżonn jadottaw oqfsa regolatorji ambizzjużi u koerenti biex jiżguraw il-kontribut tas-setturi kollha tal-ekonomija għall-oġettivi klimatiki tal-Unjoni.***

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 15**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 6a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (6a) L-emissjonijiet totali kumulattivi antropoġeniċi ta' gassijiet b'effett ta' serra matul iż-żmien u l-konċentrazzjoni korrispondenti ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-atmosfera huma partikolarment rilevanti għas-sistema klimatika u ż-żidiet fit-temperatura. Ir-Rapport Speċjali tal-IPCC dwar it-Tiŝhin Dinji ta' 1,5 °C u l-bażi ta' data tax-xenarji sottostanti tiegħu jipprovdu l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli u l-evidenza xjentifika l-aktar riċenti dwar il-baġit ta' gassijiet b'effett ta' serra globali li jkun għad fadal sabiex iż-żieda fit-temperatura globali tinżamm, fis-seklu 21, għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. Sabiex ikun hemm konsistenza mal-impenji tal-Unjoni li tkompli bl-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali, jeħtieġ li jiġi stabbilit sehem ekwu tal-Unjoni mill-baġit globali li jkun għad fadal tal-gassijiet b'effett ta' serra. Il-baġit tal-gassijiet b'effett ta' serra huwa wkoll għodda importanti biex jiżdiedu t-trasparenza u l-akkontabbiltà tal-politiki tal-Unjoni dwar il-klima. Fl-analiżi approfondita tagħha b'appoġġ għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2018 intitolata "Pjaneta Nadifa għal kulħadd – Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima", il-Kummissjoni tindika li baġit tal-karbonju tal-UE-28 kompatibbli mal-mira ta' 1,5 °C għall-2018-2050 jammonta għal 48 Gt ta' CO<sub>2</sub>. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi baġit nett għall-gassijiet b'effett ta' serra tal-UE-27, espress f'ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub>, abbażi tal-aħħar kalkoli xjentifiċi użati mill-IPCC, li jirrappreżenta s-sehem ekwu tal-Unjoni tal-emissjonijiet globali li jkun għad fadal, f'konformità mal-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Il-baġit tal-Unjoni għall-gassijiet b'effett ta' serra jenħtieġ li jiggwida l-istabbiliment tat-trajettorja tal-Unjoni lejn emissjonijiet żero netti tal-gassijiet b'effett ta' serra sal-2050, b'mod partikulari l-miri futuri tagħha tal-gassijiet b'effett ta' serra għall-2030 u l-2040.

**Emenda 16**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 7**

Test propost mill-Kummissjoni

(7) L-Unjoni **ilha żmien issegwi politika ambizzjuża b'rabta mal-azzjoni klimatika**, u implimentat qafas regolatorju biex tikseb il-mira tagħha ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra għall-2030. Fost il-leġiżlazzjoni li timplimenta din il-mira nsibu d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(26)</sup>, li tistabbilixxi sistema għall-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ġewwa l-Unjoni, ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(27)</sup>, li daħħal miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra sal-2030, u r-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(28)</sup>, li jitlob lill-Istati Membri jibbilanċjaw l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-użu tal-art, mit-tibdil fl-użu tal-art u mill-forestrija.

<sup>(26)</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

<sup>(27)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

<sup>(28)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

Emenda

(7) L-Unjoni implimentat qafas regolatorju biex tikseb il-mira **attwali** tagħha ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra għall-2030 **li ġiet adottata qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Pariġi**. Fost il-leġiżlazzjoni li timplimenta din il-mira nsibu d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(26)</sup>, li tistabbilixxi sistema għall-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ġewwa l-Unjoni, ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(27)</sup>, li daħħal miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra sal-2030, u r-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(28)</sup>, li jitlob lill-Istati Membri jibbilanċjaw l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-użu tal-art, mit-tibdil fl-użu tal-art u mill-forestrija.

<sup>(26)</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

<sup>(27)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

<sup>(28)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

**Emenda 17**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 7a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) **Is-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet hija pedament tal-politika tal-Unjoni dwar il-klima u l-għodda ewlenija tagħha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet b'mod kosteffettiv.**

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 18**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (9) Permezz tal-pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha <sup>(29)</sup>, l-Unjoni ilha żmien issegwi programm **ambizzjuż** ta' dekarbonizzazzjoni, b'mod partikulari bil-ħolqien ta' Unjoni b'saħħitha tal-Enerġija li tinkludi miri għall-effiċjenza fl-enerġija u għall-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli għall-2030 fid-Direttivi 2012/27/UE <sup>(30)</sup> u (UE) 2018/2001 <sup>(31)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u bit-tisħiħ tal-leġiżlazzjoni rilevanti, fosthom tad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(32)</sup>.

<sup>(29)</sup> COM(2016) 860 final tat-30 ta' Novembru 2016.

<sup>(30)</sup> Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

<sup>(31)</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

<sup>(32)</sup> Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

*Emenda*

- (9) Permezz tal-pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha <sup>(29)</sup>, l-Unjoni ilha żmien issegwi programm ta' dekarbonizzazzjoni, b'mod partikulari bil-ħolqien ta' Unjoni b'saħħitha tal-Enerġija li tinkludi miri għall-effiċjenza fl-enerġija u għall-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli għall-2030 fid-Direttivi 2012/27/UE <sup>(30)</sup> u (UE) 2018/2001 <sup>(31)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u bit-tisħiħ tal-leġiżlazzjoni rilevanti, fosthom tad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(32)</sup>.

<sup>(29)</sup> COM(2016) 860 final tat-30 ta' Novembru 2016.

<sup>(30)</sup> Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

<sup>(31)</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

<sup>(32)</sup> Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).



Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 19**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 9a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (9a) *Il-Kummissjoni żviluppat u adottat diversi inizjattivi leġiżlattivi fis-settur tal-enerġija, b'mod partikulari fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, inkluż ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija. Dawk l-inizjattivi jiffurmaw pakkett taħt it-tema globali "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u t-tmexxija globali tal-Unjoni fl-enerġija rinnovabbli. Dawk l-inizjattivi jenħtieġ li jitqiesu fil-progress nazzjonali fit-tul fil-ħidma lejn il-mira ta' newtralità klimatika tal-2050 sabiex jiġu żgurati sistema tal-enerġija bbażata fuq sorsi tal-enerġija rinnovabbli effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u l-iżvilupp ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli fl-Unjoni.*

**Emenda 20**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 9b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (9b) *It-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa se twassal għal sistema tal-enerġija li fiha l-provvista tal-enerġija primarja tiġi l-aktar minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli, li ttejjeb b'mod sinifikanti s-sigurtà tal-provvista, tnaqqas id-dipendenza enerġetika u tippromwovi l-impjiegi f'livell nazzjonali.*

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

## Emenda 21

## Proposta għal regolament

## Premessa 9c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (9c) *It-tranżizzjoni enerġetika ttejjeb l-effiċjenza enerġetika u traaqqas id-dipendenza enerġetika tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Dak it-tibdil strutturali lejn ekonomija aktar effiċjenti bbażata fuq l-enerġija rinnovabbli fis-setturi kollha mhux se jkun ta' benefiċċju biss għall-bilanċ kummerċjali iżda se jsaħħaħ ukoll is-sigurtà enerġetika u l-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku.*

## Emenda 22

## Proposta għal regolament

## Premessa 9d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (9d) *Sabiex tiżgura s-solidarjetà u tippermetti tranżizzjoni enerġetika effettiva, il-politika tal-Unjoni dwar il-klima trid tfassal perkors ċar biex in-newtralità klimatika tinkiseb sal-2050. L-Unjoni jenħtieġ li tibqa' realistika dwar il-kosteffiċjenza u l-isfidi tekniċi u tiżgura li sorsi tal-enerġija aġġustabbli li jibbilanċjaw il-punti massimi u minimi tad-domanda fis-sistema tal-enerġija, bħat-teknoloġiji tal-idroġenu, ikunu disponibbli u affordabbli.*

## Emenda 23

## Proposta għal regolament

## Premessa 9e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (9e) *Il-protezzjoni tal-klima tipprovdi opportunità biex l-ekonomija tal-Unjoni tintensifika l-azzjoni tagħha u tgawdi l-benefiċċji tal-vantaġġ ta' min jidħol l-ewwel billi tkun minn ta' quddiem fit-teknoloġiji nodfa. Tista' tgħin biex tassigura t-tmexxija tal-industrija tagħha fl-innovazzjoni globali. L-innovazzjonijiet fil-produzzjoni sostenibbli jistgħu jippromwovu l-qawwa industrijali tal-Unjoni f'oqsma ewlenin tas-suq u b'hekk jipproteġu u joħlqu l-impjiegi.*

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 24**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 9f (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (9f) ) *Jehntieg li jiġi stabbilit appoġġ għall-investimenti meħtieġa f'teknoloġiji sostenibbli ġodda li huma essenzjali biex jintlaħaq l-oġjettiv tan-newtralità klimatika. F'dak ir-rigward, huwa importanti li tiġi rispettata n-newtralità teknoloġika filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe effett ta' lock-in. Kif iddikjarat fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Lulju 2020 intitolata "Strateġija għall-idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima", l-idroġenu jista' wkoll ikollu rwol fl-appoġġ tal-impenn tal-Unjoni biex tikseb in-newtralità tal-karbonju sa mhux aktar tard mill-2050, speċjalment fis-setturi intensivi fl-enerġija.*

**Emenda 154**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 9 g (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (9 g) *Il-Kummissjoni jenħtieġ li tintensifika l-isforzi tagħha biex tibni Alleanzi Ewropej, speċjalment fis-setturi tal-batteriji u tal-idroġenu, peress li huma tal-ogħla importanza. Filwaqt li jkunu koordinati fil-livell Ewropew, dawn joffru opportunitajiet kbar għall-proċessi ta' rkupru reġjonali wara l-COVID-19 u għal tibdil strutturali ta' suċċess. Ir-rekwiżiti statutorji jenħtieġ li joħlqu qafas għall-innovazzjonijiet fil-mobilità li ma tagħmilx ħsara lill-klima u fil-ġenerazzjoni tal-enerġija. Dawk l-alleanzi jenħtieġ li jirċievu appoġġ u fondi adegwati u jenħtieġ li jkunu wkoll parti mill-politika barranija u tal-viċinat futura kif ukoll ta' ftehimiet kummerċjali.*

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 25**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (10) L-Unjoni **hija** mexxejja globali fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u hija deċiża li tgħin biex tiżdied l-ambizzjoni globali u biex tissaħħaħ **it-tweġiba** globali għat-tibdil fil-klima billi tuża l-għodod kollha li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, fosthom id-diplomazija dwar il-klima.

*Emenda*

- (10) L-Unjoni **għandha kemm ir-responsabbiltà kif ukoll il-mezzi biex tibqa' tkun** mexxejja globali fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika, u hija deċiża li **tiksibha b'mod ġust, soċjalment ekwu u inklużiv kif ukoll li** tgħin biex tiżdied l-ambizzjoni globali u biex tissaħħaħ **ir-reazzjoni** globali għat-tibdil fil-klima billi tuża l-għodod kollha li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, fosthom id-diplomazija dwar il-klima, **il-kummerċ, l-investiment u l-politiki industrijali. L-Unjoni jenħtieġ li ssaħħaħ id-diplomazija ambjentali tagħha fil-fora internazzjonali kollha rilevanti biex jintlaħqu l-għani-jiet internazzjonali dwar il-klima, f'konformità mal-F-tehim ta' Pariġi.**

**Emenda 26**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 11**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (11) Il-Parlament Ewropew appella **għat-tranżizzjoni** meħtieġa lejn soċjetà newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050 u biex din tkun storja Ewropea ta' suċċess<sup>(33)</sup> u ddikjara emerġenza klimatika u ambjentali<sup>(34)</sup>. Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019<sup>(35)</sup>, il-Kunsill Ewropew qabel fuq l-oġjettiv li naslu għal Unjoni b'impatt newtrali fuq il-klima sal-2050, skont l-oġjettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li **rrikonoxxa l-fatt** li jeħtieġ jiġi stabbilit qafas ta' abilitazzjoni, kif ukoll il-fatt li t-tranżizzjoni se tkun tirrikjedi investimenti pubbliċi u privati sinifikanti. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni wkoll tħejji proposta għall-istrateġija fit-tul tal-Unjoni kmieni kemm jista' jkun fl-2020 bil-ħsieb li din tiġi adottata mill-Kunsill u li tiġi ppreżentata lill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima.

<sup>(33)</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (2019/2956(RSP)).

<sup>(34)</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali (2019/2930(RSP)).

<sup>(35)</sup> Il-Konklużjonijiet li l-Kunsill Ewropew adotta waqt il-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019 (EUCO 29/19, CO EUR 31, CONCL 9).

*Emenda*

- (11) Il-Parlament Ewropew appella **lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iżidu l-azzjoni klimatika biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni** meħtieġa lejn soċjetà newtrali għall-klima **mill-aktar fis possibbli u** sa mhux aktar tard mill-2050 u biex din tkun storja Ewropea ta' suċċess<sup>(33)</sup> u ddikjara emerġenza klimatika u ambjentali<sup>(34)</sup>. **Appella ripetutament ukoll lill-Unjoni biex iżżid il-mira klimatika tagħha għall-2030, u biex dik il-mira akbar tkun parti mil-Liġi Ewropea dwar il-Klima<sup>(34a)</sup>**. Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019<sup>(35)</sup>, il-Kunsill Ewropew qabel fuq l-oġjettiv li naslu għal Unjoni b'impatt newtrali fuq il-klima sal-2050, skont l-oġjettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li **tkun ibbażata fuq l-ekwità u tranżizzjoni ġusta, u filwaqt li jitqiesu l-punti tat-tluq differenti tal-Istati Membri, kif ukoll li jiġi rikonoxxut** li jeħtieġ jiġi stabbilit qafas ta' abilitazzjoni, kif ukoll il-fatt li t-tranżizzjoni se tkun tirrikjedi investimenti pubbliċi u privati sinifikanti. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni wkoll tħejji proposta għall-istrateġija fit-tul tal-Unjoni kmieni kemm jista' jkun fl-2020 bil-ħsieb li din tiġi adottata mill-Kunsill u li tiġi ppreżentata lill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima.

<sup>(33)</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (2019/2956(RSP)).

<sup>(34)</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali (2019/2930(RSP)).

<sup>(34a)</sup> **Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Novembru 2019 dwar il-Konferenza tan-NU tal-2019 dwar it-Tibdil fil-Klima f'Madriid, Spanja (COP 25) (2019/2712(RSP))**.

<sup>(35)</sup> Il-Konklużjonijiet li l-Kunsill Ewropew adotta waqt il-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019 (EUCO 29/19, CO EUR 31, CONCL 9).

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

## Emenda 27

## Proposta għal regolament

## Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

- (12) Jenħtieġ li l-Unjoni **timmira** li, permezz ta' soluzzjonijiet naturali u teknoloġiċi, **sal-2050 tilħaq** bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-oqsma ekonomiċi kollha u l-assorbimenti tagħhom fil-livell domestiku **ġo fiha**. Jenħtieġ li l-Istati Membri kollha **jaħdmu flimkien biex** jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050 u li l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu li dan jinkiseb. Il-miżuri fil-livell tal-Unjoni se jkunu jiffurmaw parti importanti mill-miżuri meħtieġa biex jinkiseb dan l-objettiv.

Emenda

- (12) Jenħtieġ li l-Unjoni **u l-Istati Membri jimmiraw** li, permezz ta' soluzzjonijiet naturali u teknoloġiċi, **sa mhux aktar tard mill-2050 jilħqu** bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-oqsma ekonomiċi kollha u l-assorbimenti tagħhom fil-livell domestiku **fi ħdanha u fil-livell tal-Istati Membri**. Jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jiksbu l-objettiv tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050 u li l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu li dan jinkiseb. Il-miżuri fil-livell tal-Unjoni se jkunu jiffurmaw parti importanti mill-miżuri meħtieġa biex jinkiseb dan l-objettiv. **Wara l-2050, l-Unjoni u l-Istati Membri kollha jenħtieġ li jkomplu jnaqqsu l-emissjonijiet biex jiżguraw li l-assorbimenti ta' gassijiet b'effett ta' serra jaqbżu l-emissjonijiet antropoġeniċi.**

## Emenda 28

## Proposta għal regolament

## Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (12a) **Kull Stat Membru għandu r-responsabbiltà li jikseb in-newtralità klimatika individwalment sa mhux aktar tard mill-2050. Bħala kwistjoni ta' ġustizzja u solidarjetà, u sabiex tiġi assistita t-trasformazzjoni enerġetika tal-Istati Membri b'punti tat-tluq differenti, jenħtieġu mekkaniżmi ta' appoġġ u finanzjament suffiċjenti tal-Unjoni bħall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta previst fir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1a)</sup> u mekkaniżmi ta' finanzjament rilevanti oħra.**

<sup>(1a)</sup> Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU ...).

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 29****Proposta għal regolament****Premessa 12b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (12b) *Il-preambolu tal-Ftehim ta' Pariġi jirrikonoxxi l-importanza li tiġi żgurata l-integrità tal-ekosistemi kollha, inklużi l-oċeani. Il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima tisħaq li l-Partijiet għaliha għandhom jippromwovu l-ġestjoni sostenibbli, u l-konservazzjoni u t-titjib tal-bjar u tar-riżervi tal-gassijiet b'effett ta' serra kollha, inklużi l-bijomassa, il-foresti u l-oċeani kif ukoll ekosistemi terrestri, kostali u marini oħra. Jekk ma jintlaħqux l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, it-temperatura tista' taqbeż il-punt kritiku li lil hinn minnu l-oċean ma jkunx jista' jibqa' jassorbi daqstant karbonju u jkollu sehem fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.*

**Emenda 30****Proposta għal regolament****Premessa 12c (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (12c) *Il-bjar naturali tal-karbonju għandhom rwol importanti fit-tranżizzjoni lejn soċjetà newtrali għall-klima. Il-Kummissjoni qed teżamina l-iżvilupp ta' qafas regolatorju għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tagħha għal Ekonomija Ċirkolari u mal-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt". L-istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 u l-inizjattivi inklużi fiha se jkollhom rwol importanti fir-restawr tal-ekosistemi degradati, b'mod partikulari dawk bl-akbar potenzjal li jaqbd u jaħżnu l-karbonju u li jipprevjenu u jnaqqsu l-impatt tad-diżastri naturali. Ir-restawr tal-ekosistemi jgħin fiż-żamma, il-ġestjoni u t-titjib tal-bjar naturali u jippromwovi l-bijodiversità filwaqt li jiġġieled it-tibdil fil-klima.*

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 144**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 12d (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (12d) *Il-Kummissjoni jenħtieġ li tesplora l-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta' skemi ta' kreditu tal-karbonju, inkluża ċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment ta' gassijiet b'effett ta' serra permezz tas-sekwestru tal-karbonju fl-użu tal-art, il-ħamrija u l-bijomassa fl-agrikoltura bil-ħsieb li tinkiseb il-mira tan-newtralità klimatika tal-Unjoni, kif ukoll il-fattibbiltà tal-iżvilupp ta' suq separat tal-assorbiment tal-karbonju għas-sekwestru ta' gassijiet b'effett ta' serra bbażat fuq l-art. Tali qafas jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-aqwa xjenza disponibbli u fuq sistema ta' valutazzjoni u approvazzjoni mill-Kummissjoni, filwaqt li jiżgura li ma jkun hemm l-ebda impatt negattiv fuq l-ambjent, b'mod partikolari l-bijodiversità, fuq is-saħħa pubblika jew fuq objettivi soċjali jew ekonomiċi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta r-riżultati ta' dik il-valutazzjoni sat-30 ta' Ġunju 2021.*

**Emenda 31**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 12e (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (12e) *Sabiex tiġi pprovduta aktar ċarezza, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta definizzjoni ta' bjar tal-karbonju naturali u ta' tip ieħor.*



Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 156**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 12f (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (12f) *Fit-tranżizzjoni tagħha lejn in-newtralità klimatika, jenħtieġ li l-Unjoni tippreserva l-kompetittività tal-industrija tagħha, b'mod partikulari l-industrija tagħha li tuża l-enerġija b'mod intensiv, inkluż billi tiżviluppa miżuri effettivi biex tindirizza r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju b'mod li jkun kompatibbli mar-regoli tad-WTO u toħloq sitwazzjoni b'kundizzjonijiet ekwi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi biex tiġi evitata kompetizzjoni inġusta minħabba n-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-politiki dwar il-klima konsistenti mal-Ftehim ta' Pariġi.*

**Emenda 33**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 13**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (13) Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli għaddejja bl-azzjoni klimatika tagħha u tkompli tkun mexxejja internazzjonali fil-qasam tal-klima wara l-2050, sabiex tippoteġi lin-nies u lill-pjaneta mit-theddida ta' tibdil perikoluż fil-klima, hija u tfittex li tilħaq il-miri tal-Ftehim ta' Pariġi b'rabta mat-temperatura u filwaqt li ssegwi r-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi tal-IPCC.
- (13) Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli għaddejja bl-azzjoni klimatika tagħha u tkompli tkun mexxejja internazzjonali fil-qasam tal-klima wara l-2050, **b'mod partikulari billi tgħin lill-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli, permezz tal-politika tagħha dwar l-azzjoni esterna u l-iżvilupp**, sabiex tippoteġi lin-nies u lill-pjaneta mit-theddida ta' tibdil perikoluż fil-klima, hija u tfittex li tilħaq il-miri tal-Ftehim ta' Pariġi b'rabta mat-temperatura u filwaqt li ssegwi r-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi tal-IPCC, **il-Programm Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti (UNEP), l-IPBES u l-Kunsill Ewropew għat-Tibdil fil-Klima (ECCC).**

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 34**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 13a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (13a) *L-ekosistemi, in-nies u l-ekonomiji fl-Unjoni se jiffaċċjaw impatti enormi mit-tibdil fil-klima jekk l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ma jiġux immitigati b'mod urġenti jew ma jkun hemm ebda adattament għat-tibdil fil-klima. L-adattament għat-tibdil fil-klima jimminimizza aktar l-impatti inevitabbli b'mod kosteffettiv, b'kobenefiċċji konsiderevoli mill-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura.*

**Emenda 35**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 13b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (13b) *L-effetti avversi tat-tibdil fil-klima jistgħu potenzjalment jisbqu l-kapaċitajiet ta' adattament tal-Istati Membri. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Unjoni jaħdmu flimkien biex jevitaw, jimminimizaw u jindirizzaw it-telf u l-ħsara, kif previst fl-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż permezz tal-Mekkaniżmu Internazzjonali ta' Varsavja.*

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 36**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 14**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (14) L-adattament huwa komponent ewlieni tat-tweġiba globali fit-tul għat-tibdil fil-klima. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Unjoni jtejbu l-kapaċità ta' adattament tagħhom, isaħħu r-reżiljenza u jnaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima, kif previst fl-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll li dawn iżidu kemm jista' jkun il-benefiċċji kollaterali ma' politiki ambjentali oħrajn u ma' leġiżlazzjoni oħra f'dan il-qasam. Jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw strateġiji u pjanijiet komprensivi nazzjonali ta' adattament.

*Emenda*

- (14) L-adattament huwa komponent ewlieni tat-tweġiba globali fit-tul għat-tibdil fil-klima. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Unjoni jtejbu l-kapaċità ta' adattament tagħhom, isaħħu r-reżiljenza u jnaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima, kif previst fl-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll li dawn iżidu kemm jista' jkun il-benefiċċji kollaterali ma' politiki ambjentali oħrajn u ma' leġiżlazzjoni oħra f'dan il-qasam. Jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw strateġiji u pjanijiet komprensivi nazzjonali ta' adattament **u jenħtieġ li l-Kummissjoni tgħin fil-monitoraġġ tal-progress dwar l-adattament billi tiżviluppa indikaturi.**

**Emenda 37**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 14a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (14a) **Meta jkunu qed jadottaw l-istrateġiji u l-pjanijiet ta' adattament tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni speċjali lill-oqsma l-aktar milquta. Barra minn hekk, huwa essenzjali li l-bijodiversità tiġi promossa, konservata u restawrata sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħha għar-regolazzjoni tal-klima u l-adattament għat-tibdil fil-klima. Għalhekk jenħtieġ li l-istrateġiji u l-pjanijiet ta' adattament jinkoraġġixxu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u adattament ibbażat fuq l-ekosistemi li jikkontribwixxi għar-restawr u l-preservazzjoni tal-bijodiversità, iqisu kif xieraq l-ispeċifitàjiet territorjali u l-għarfien lokali, u jistabilixxu wkoll miżuri konkreti biex jiproteġu l-ekosistemi marini u kostali. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-attivitajiet li jxekklu l-ħila tal-ekosistemi li jadattaw għat-tibdil fil-klima jitneħħew biex tiġi żgurata r-reżiljenza tas-servizzi tal-ekosistema u l-bijodiversità.**

*Emenda*

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 38**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 14b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (14b) *Jenħtieġ li l-istrateġiji ta' adattament jinkoraġġixxu wkoll bidla fil-mudell fiż-żoni milquta, abbażi ta' soluzzjonijiet ekoloġiċi u bbażati fuq in-natura. Jenħtieġ li dawn jiżguraw għajxien sostenibbli biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tal-għajxien aħjar, inklużi agrikoltura sostenibbli u lokali, ġestjoni sostenibbli tal-ilma u enerġiji rinnovabbli, f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, sabiex ikun hemm trawwim kemm tar-reżiljenza tagħhom kif ukoll tal-protezzjoni tal-eko-sistemi tagħhom.*

**Emenda 39**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 15**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (15) Huma u jieħdu l-miżuri rilevanti fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali biex jiksbu l-oġġettiv tan-newtralità klimatika, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu l-kontribut tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika **għall-benesseri** taċ-ċittadini, għall-prosperità tas-soċjetà u għall-kompetittività tal-ekonomija; is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-enerġija u tal-ikel; il-ġustizzja u s-solidarjetà fost l-Istati Membri u fi hđanhom filwaqt li **jqisu** l-kapaċità ekonomika **tagħhom, iċ-ċirkostanzi** nazzjonali tagħhom u l-ħtieġa **li jkun hemm il-konverġenza** maż-żmien; il-ħtieġa li t-tranżizzjoni tkun waħda xierqa u soċjalment ġusta; l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, b'mod partikulari s-sejbiet tal-IPCC; il-ħtieġa li r-riskji marbutin mat-tibdil fil-klima jiġu integrati fid-deċizzjonijiet dwar l-investment u dwar l-ippjanar; il-kosteffettività u n-newtralità teknoloġika fil-kisba tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u tal-assorbimenti tagħhom u fiż-żieda tar-reżiljenza; u **l-progress** li jkun qed isir maż-żmien b'rabta mal-integrità ambjentali u mal-livell ta' ambizzjoni.

*Emenda*

- (15) Huma u jieħdu l-miżuri rilevanti fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali biex jiksbu l-oġġettiv tan-newtralità klimatika, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu l-kontribut tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika **għas-saħħa, il-kwalità tal-ħajja u l-benesseri** taċ-ċittadini, **għall-ġustizzja soċjali**, għall-prosperità tas-soċjetà u għall-kompetittività tal-ekonomija, **inklużi kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet ekwi fuq livell globali; Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu wkoll kwalunkwe burokrazija jew ostaklu leġiżlattiv ieħor li possibbilment ifixxlu lill-atturi ekonomiċi jew lis-setturi milli jissodisfaw l-għanijiet klimatiki; il-kostijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali ta' nuqqas ta' azzjoni jew ta' azzjoni insuffiċjenti; il-fatt li n-nisa huma affettwati b'mod sproporzjonat mit-tibdil fil-klima u l-ħtieġa li tissaħħaħ l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; il-ħtieġa li jiġu promossi modi ta' għajxien sostenibbli; il-massimizzazzjoni tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi**, is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-enerġija u tal-ikel, **filwaqt li titqies b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku**; il-ġustizzja u s-solidarjetà **u kundizzjonijiet ekwi** fost l-Istati Membri **kollha** u fi hđanhom filwaqt li **jitqiesu** l-kapaċità ekonomika **u iċ-ċirkostanzi** nazzjonali **u l-punti ta' tluq differenti** tagħhom, u l-ħtieġa **ta' konverġenza** maż-żmien; il-ħtieġa li t-tranżizzjoni tkun waħda xierqa u soċjalment ġusta **skont il-linji gwida tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol tal-2015 għal tranżizzjoni ġusta lejn ekonomiji u soċjetajiet ambjentalment sostenibbli għal kulħadd**; l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, b'mod partikulari s-sejbiet tal-IPCC **u tal-IPBES**; il-ħtieġa li r-riskji marbutin mat-tibdil fil-klima **u l-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà u l-adattament għat-tibdil fil-klima** jiġu integrati fid-deċizzjonijiet dwar l-investment u dwar l-ippjanar **filwaqt li jiġi żgurat li l-politiki tal-Unjoni jkunu reżistenti għall-klima**; il-kosteffettività u n-newtralità teknoloġika fil-kisba tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u tal-assorbimenti tagħhom u fiż-żieda tar-reżiljenza **abbażi tal-ekwità; il-ħtieġa ta' mmaniġġjar, preservazzjoni u restawr tal-ekosistemi u l-bijodiversità marini u terrestri; l-istatus tal-infrastruttura attwali u l-ħtiġijiet possibbli għall-aġġornament tal-infrastruttura tal-Unjoni u għall-investimenti fiha; il-progress** li jkun qed isir maż-żmien b'rabta mal-integrità

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

ambjentali u mal-livell ta' ambizzjoni; **il-kapaċità tad-diversi partijiet ikkonċernati li jinvestu fit-tranżizzjoni b'mod soċjalment vijabbli; u r-riskju potenzjali tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u l-miżuri biex din tiġi evitata.**

## Emenda 40

## Proposta għal regolament

## Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16) It-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika teħtieġ **bidliet** fl-ispettru kollu tal-politika u sforz kollettiv min-naħa tas-setturi **ekonomiċi** kollha u **tas-setturi kollha tas-soċjetà**, kif uriet il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew". Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill Ewropew qal li l-leġiżlazzjoni u l-politiki rilevanti kollha tal-Unjoni jridu jkunu konsistenti mat-twettiq tal-oġġettiv tan-newtralità klimatika u jikkontribwixxu għalih, filwaqt li jħarsu l-kundizzjonijiet ekwi, u stieden lill-Kummissjoni teżamina jekk dan jirrikjedix aġġustament tar-regoli eżistenti.

(16) It-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika teħtieġ **bidla trasformattiva** fl-ispettru kollu tal-politika, **finanzjament ambizzjuż u sostnut** u sforz kollettiv min-naħa tas-setturi kollha **tal-ekonomija u tas-soċjetà, inklużi l-avjazzjoni u t-trasport marittimu**, kif uriet il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew". Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill Ewropew qal li l-leġiżlazzjoni u l-politiki rilevanti kollha tal-Unjoni jridu jkunu konsistenti mat-twettiq tal-oġġettiv tan-newtralità klimatika u jikkontribwixxu għalih, filwaqt li jħarsu l-kundizzjonijiet ekwi, u stieden lill-Kummissjoni teżamina jekk dan jirrikjedix aġġustament tar-regoli eżistenti.

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 41**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 16a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (16a) *Is-setturi ewlenin kollha tal-ekonomija se jkollhom jaħdmu flimkien sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika, b'mod partikolari dawk tal-enerġija, tal-industrija, tat-trasport, tal-bini u tat-tisħin u t-tkessiħ, tal-agrikoltura, tal-iskart u tal-użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija. Jenħtieġ li s-setturi kollha, kemm jekk koperti mill-iskema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet (EU ETS) kif ukoll jekk le, jagħmlu sforzi komparabbli biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni. Sabiex l-atturi ekonomiċi kollha, fosthom in-negozji, il-ħaddiema, l-investituri u l-konsumaturi, jingħataw prevedibbiltà, fiduċja u jkun involuti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi gwida għas-setturi tal-ekonomija li jistgħu jikkontribwixxu l-aktar biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika. Jenħtieġ li l-gwida jkun fiha trajettorji indikattivi għat-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra f'dawk is-setturi fil-livell tal-Unjoni. Dan jipprovdilhom iċ-ċertezza biex jieħdu l-miżuri xierqa u jippjanaw l-investimenti meħtieġa, u għalhekk jgħinjom jibqgħu fit-triq tat-tranżizzjoni. Fl-istess ħin dan iservi wkoll bħala mekkaniżmu tal-impenn tas-setturi fit-tfittxija ta' soluzzjonijiet tan-newtralità klimatika.*

**Emenda 42**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 16b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (16b) *It-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika tirrikjedi li s-setturi kollha jagħtu sehemhom. Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex issaħħaħ u tippromwovi l-ekonomija ċirkolari u tkompli tappoġġa alternattivi rinnovabbli li jistgħu jissostitwixxu l-prodotti u l-materjali bbażati fuq il-fjuwils fossili. L-użu ulterjuri ta' prodotti u materjali rinnovabbli jkollu benefiċċju kbir ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u jibbenefika lil ħafna setturi differenti.*

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 43**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 16c (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (16c) *Filwaqt li jitqies ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, it-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u l-ħidma ssoktata sabiex din tinżamm jenħtieġ li jkunu tranżizzjoni ekoloġika reali, iwasslu għal tnaqqis reali fl-emissjonijiet, u mhux joħlqu riżultat falz ibbażat fl-Unjoni, għaliex il-produzzjoni u l-emissjonijiet ikunu ġew rilokati barra l-Unjoni. Sabiex dan jinkiseb, jenħtieġ li l-politiki tal-Unjoni jitfasslu b'tali mod li jimminimizzaw ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u jesploraw soluzzjonijiet teknoloġiċi.*

**Emenda 44**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 16d (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (16d) *Jenħtieġ li t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika ma teskludix is-settur agrikolu, l-uniku settur produttiv li kapaċi jaħżen id-dijossidu tal-karbonju. Il-ħżin fit-tul huwa ggarantit b'mod partikolari mill-forestrija, il-mergħat fit-tul u l-uċuħ tar-raba' pluriennali b'mod ġenerali.*

**Emenda 45**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 16e (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (16e) *Sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika, irid jitqies ir-rwol speċjali tal-agrikoltura u l-forestrija, peress li agrikoltura u forestrija vitali u produttivi biss kapaċi jfornu lill-popolazzjoni ikel ta' kwalità għolja u sikur fi kwantitajiet suffiċjenti u bi prezzijiet affordabbli, kif ukoll materja prima rinnovabbli għall-finijiet kollha tal-bijoekonomija.*



Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 46**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 16f (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (16f) *Il-foresti għandhom rwol kruċjali fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika. Il-ġestjoni tal-foresti sostenibbli u qrib in-natura hija kruċjali għall-assorbiment kontinwu tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-atmosfera u tippermetti wkoll il-provvista ta' materja prima rinnovabbli u li ma tagħmilx ħsara lill-klima għal prodotti tal-injam, li jaħżnu l-karbonju u li jistgħu jaġixxu ta' sostitut għal materjali u fjuwils ibbażati fuq il-fossili. Ir-“rwol triplu” tal-foresti (bjar, ħżin u sostituzzjoni) jikkontribwixxi għat-tnaqqis tar-rilaxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-atmosfera, filwaqt li jiżgura li l-foresti jkomplu jikbru u jipprovdu ħafna servizzi oħra.*

**Emenda 47**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 16 g (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (16 g) *Jenħtieġ li d-dritt tal-Unjoni jippromwovi l-afforestazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti fl-Istati Membri li ma għandhomx riżorsi forestali sinifikanti, permezz tal-kondiviżjoni tal-aħjar Prattika u l-għarfien espert industrijali.*

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 48**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 17**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17) **Kif imħabbar** fil-Komunikazzjoni tagħha “Il-Patt Ekoloġiku Ewropew”, il-Kummissjoni **vvalutat** il-mira tal-Unjoni għall-2030 **għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, fil-Komunikazzjoni tagħha “It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 – Ninvestu f’futur newtrali għall-klima għall-benefiċju tal-popli tagħna”** <sup>(9)</sup>, **abbażi ta’ valutazzjoni komprensiva tal-impatt u b’konsiderazzjoni tal-analiżi tagħha tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima ppreżentati lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** <sup>(10)</sup>. **Fid-dawl tal-oġettiv tan-newtralità klimatika għall-2050, jenħtieġ li sal-2030 jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jissaħħu l-assorbimenti, biex l-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra, jiġifieri l-emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti, jitnaqqsu fl-ekonomija kollha u fil-livell domestiku b’mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Din il-mira l-għdida tal-Unjoni għall-2030 dwar il-klima hija mira sussegwenti għall-finijiet tal-punt (11) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/1999, u għalhekk tissostitwixxi l-mira tal-Unjoni kollha għall-2030 għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbilita f’dak il-punt. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li sat-30 ta’ Ġunju 2021 tivvaluta kif jeħtieġ tiġi emendata l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni li timplimenta l-mira klimatika għall-2030 biex jinkiseb dan it-tnaqqis nett tal-emissjonijiet.**

<sup>(9)</sup> COM(2020)562.

<sup>(10)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

(17) Fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata “Il-Patt Ekoloġiku Ewropew”, il-Kummissjoni **ħabbret li beħsiebha tivvaluta l-proposti biex iżżid il-mira ta’ tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b’effett ta’ serra** tal-Unjoni għall-2030 **biex tiżgura li din tkun konsistenti mal-oġettiv tan-newtralità klimatika għall-2050, u li beħsiebha tagħmel it-tali proposti. F’dik il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni saħqet li l-politiki kollha tal-UE għandhom jikkontribwixxu għall-oġettiv tan-newtralità klimatika u li s-setturi kollha għandhom jagħtu sehemhom. Fid-dawl tal-għan tal-Unjoni li tilħaq in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, huwa essenzjali li l-azzjoni klimatika tissaħħa aktar u b’mod partikolari li l-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 tiżdied għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta’ 60 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Konsewwentement, jenħtieġ li, sat-30 ta’ Ġunju 2021, il-Kummissjoni tivvaluta kif ikunu jridu jiġu emendati b’mod korrispondenti l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li timplimenta dik il-mira miżjuda u leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b’effett ta’ serra u tippromwovi l-ekonomija ċirkolari.**

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 49**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 17a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (17a) *Biex tiżgura li l-Unjoni u l-Istati Membri kollha jibqgħu fit-triq it-tajba biex jilħqu l-oġġettiv tan-newtralità klimatika, u biex tiżgura l-prevedibbiltà u l-fiduċja għall-atturi ekonomiċi kollha, inklużi l-impriżi, il-ħaddiema u t-trade unions, l-investituri u l-konsumaturi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tesplora l-possibilitajiet għall-istabbiliment ta' mira klimatika tal-Unjoni għall-2040 u tressaq proposti leġiżlattivi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fejn ikun xieraq.*

**Emenda 50**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 17b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (17b) *Sat-30 ta' Ġunju 2021, jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina mill-ġdid u tipproponi li tirrevedi, fejn neċessarju, kull politika u strument rilevanti għall-kisba tal-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 u għall-kisba tal-oġġettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1). F'dan ir-rigward, il-miri miżjuda tal-Unjoni jirrikjedu li l-EU ETS tkun idonea. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina mill-ġdid rapidament id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1a)</sup> u ssaħħaħ il-Fond ta' Innovazzjoni fl-ambitu ta' din id-Direttiva biex tkompli toħloq inċentivi finanzjarji għal teknoloġija ġdida, issaħħaħ it-ktabbir, il-kompetittività u l-appoġġ għal teknoloġiji ġodda, u tiżgura li t-tisħiħ tal-Fond ta' Innovazzjoni jikkontribwixxi għall-proċess ta' Tranżizzjoni Ġusta.*

<sup>(1a)</sup> *Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).*

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 51**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 17c (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (17c) *Biex turi l-importanza u l-kritikalità tal-politika dwar it-tibdil fil-klima u biex tagħti lill-atturi politiċi l-informazzjoni neċessarja fil-proċess leġislattiv, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-leġislazzjoni futura kollha minn lenti ġdida, li fiha l-klima u l-konsegwenzi fuq il-klima jiġu inklużi, u tiddetermina l-effett li kwalunkwe leġislazzjoni proposta jkollha fuq il-klima u l-ambjent fl-istess livell bħalma tivvaluta l-bażi ġuridika, is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.*

**Emenda 52**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 17d (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (17d) *Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura wkoll li l-industrija tkun mgħammra biżżejjed biex tgħaddi mit-tranżizzjoni sinifikanti lejn in-newtralità klimatika u l-miri ambizzjużi ħafna għall-2030 u l-2040 permezz ta' qafas regolatorju dettaljat u riżorsi finanzjarji proporzjonati mal-isfidi. Jenħtieġ li dak il-qafas regolatorju u finanzjarju jiġi vvalutat b'mod regolari, u adattat jekk meħtieġ, biex jiġu evitati r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, l-għeluq tal-industriji, it-telf tal-impjeggi u kompetizzjoni internazzjonali inġusta.*

**Emenda 53**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 17e (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (17e) *Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-ħtiġijiet tal-impjeggi, inklużi r-rekwiżiti tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-iżvilupp tal-ekonomija u l-istabbiliment ta' tranżizzjoni ekwa u ġusta.*

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 157**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 17f (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (17f) *Sabiex l-Unjoni tilħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 u l-miri klimatiċi intermedji għall-2030 u l-2040, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri kollha, mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard mill-2025, ikunu neħħew progressivament is-sussidji diretti u indiretti kollha fuq il-fjuwils fossili. It-tneħħija progressiva ta' dawk is-sussidji jenħtieġ li ma jkollhiex impatt fuq l-isforzi biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku u jenħtieġ li tqis ir-rwol ta' pont tal-gass naturali fit-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju.*

**Emenda 55**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 18**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (18) Biex ikun żgurat li ***l-Unjoni*** u l-Istati Membri jibqgħu mexjin fit-triq it-tajba biex jiksbu ***l-objettiv tan-newtralità klimatika*** u ***biex*** jagħmlu progress fl-adattament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta b'mod regolari l-progress li jkun qed isir. F'każ li l-progress kollettiv li l-Istati Membri jkunu għamlu biex jilħqu ***l-objettiv tan-newtralità klimatika*** jew b'rabta mal-adattament ma ***jkunx*** biżżejjed jew f'każ li ***l-miżuri*** tal-Unjoni ma ***jkunux*** konsistenti ***mal-objettiv tan-newtralità klimatika*** jew ma ***jkunux adegwati*** biex ***itejbu l-kapaċità*** ta' adattament, biex ***isaħħu r-reżiljenza*** jew biex ***inaqqsu l-vulnerabbiltà***, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll b'mod regolari l-miżuri nazzjonali rilevanti u tagħmel rakkomandazzjonijiet meta ssib li l-miżuri ta' xi Stat Membru ma jkunux konsistenti ***mal-objettiv tan-newtralità klimatika*** jew ma jkunux adegwati biex itejbu l-kapaċità ta' adattament, biex isaħħu r-reżiljenza u biex inaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima.
- (18) Biex ikun żgurat li l-Istati Membri ***kollha*** jibqgħu mexjin fit-triq it-tajba biex jiksbu ***l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni*** u jagħmlu progress fl-adattament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta b'mod regolari l-progress li jkun qed isir. F'każ li l-progress ***li jkun sar minn kull Stat Membru u l-progress*** kollettiv li l-Istati Membri jkunu għamlu biex jilħqu ***l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni*** jew b'rabta mal-adattament ma ***jkunux*** biżżejjed jew f'każ li ***kwalunkwe miżura*** tal-Unjoni ma ***tkunx*** konsistenti ***mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni*** jew ma ***tkunx adegwata*** biex ***ittejeb il-kapaċità*** ta' adattament, biex ***isaħħaħ ir-reżiljenza*** jew biex ***tnaqqas il-vulnerabbiltà***, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta wkoll b'mod regolari l-miżuri nazzjonali rilevanti u tagħmel rakkomandazzjonijiet meta ssib li l-miżuri ta' xi Stat Membru ma jkunux konsistenti ***mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni*** jew ma jkunux adegwati biex itejbu l-kapaċità ta' adattament, biex isaħħu r-reżiljenza u biex inaqqsu l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima. ***Jenħtieġ li meta tiġi għall-adozzjoni l-Kummissjoni tippubblika dik il-valutazzjoni u r-riżultati tagħha.***

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 56**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 18a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (18a) *Il-kisba tan-newtralità klimatika hija possibbli biss jekk l-Istati Membri kollha jaqsmu l-piż u jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ għat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika. Kull Stat Membru għandu l-obbligu li jilħaq il-miri interim u finali u jekk il-Kummissjoni tqis li dawn l-obbligi ma ntlaħqux, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tieħu miżuri kontra l-Istati Membri. Jenħtieġ li l-miżuri jkunu proporzjonati, xierqa u konformi mat-Trattati.*

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

Emenda 57  
Proposta għal regolament  
Premessa 18b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (18b) L-għarfien espert xjentifiku u l-aqwa evidenza aġġornata disponibbli, flimkien ma' informazzjoni dwar it-tibdil fil-klima li tkun kemm fattwali kif ukoll trasparenti huma fundamentali u jeħtieġ li jsejju l-azzjoni u l-isforzi klimatiċi tal-Unjoni biex tinkiseb newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050. Il-korpi konsultattivi nazzjonali dwar il-klima jaqdu rwol importanti fl-informar tal-pubbliku u fil-kontribut għad-dibattitu ta' orjentazzjoni rigward it-tibdil fil-klima f'dawk l-Istati Membri fejn jeżistu. Għalhekk, l-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan, huma mħeġġa jstabbilixxu korp konsultattiv nazzjonali dwar il-klima, li jikkonsisti minn xjentisti magħżula abbażi tal-għarfien espert tagħhom fil-qasam tat-tibdil fil-klima u dixxiplini oħra rilevanti għall-kisba tal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament. F'kooperazzjoni ma' dawn il-korpi konsultattivi nazzjonali dwar il-klima, jenħtieġ li l-Kummissjoni twaqqaf bord konsultattiv xjentifiku indipendenti dwar it-tibdil fil-klima, il-Kunsill Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima (ECCC), li għandu jikkomplementa l-ħidma tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), u l-aġenziji u l-istituzzjonijiet tar-riċerka eżistenti tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-missjonijiet tiegħu jevitaw kwalunkwe duplikazzjoni mal-missjoni tal-IPCC fil-livell internazzjonali. Jenħtieġ li l-ECCC jkun magħmul minn kumitat xjentifiku, li jkun jikkonsisti f'esperti għolja magħżula, u appoġġat minn bord maniġerjali li jiltaqa' darbtejn fis-sena. L-għan tal-ECCC huwa li kull sena jipprovdi lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni valutazzjonijiet tal-konsistenza tal-miżuri tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mal-oġġettivi klimatiċi tal-Unjoni u l-impenji internazzjonali tagħha dwar il-klima. L-ECCC għandu jivvaluta wkoll l-azzjonijiet u l-mogħdijiet biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u biex jiġi identifikat il-potenzjal ta' sekwestru tal-karbonju.

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 58**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 19**

---

*Test propost mill-Kummissjoni*

(19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura valutazzjoni **objettiva** soda li tkun ibbażata fuq l-iktar sejbiet xjentifiċi, tekniċi u soċjoekonomiċi aġġornati u li tkun tirrappreżenta firxa wiesgħa ta' għarfien espert indipendenti, u li hija ssejjes il-valutazzjoni tagħha fuq informazzjoni rilevanti, fosthom l-informazzjoni li l-Istati Membri jibagħtu u jirrapportaw dwarha, ir-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, fosthom ir-rapporti tal-IPCC. Minħabba li l-Kummissjoni ntrabtet li tesplora kif is-settur pubbliku jista' juża t-tassonomija tal-UE fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, jenħtieġ li din tkun tinkludi informazzjoni dwar investiment sostenibbli mil-lat tal-ambjent min-naħa tal-Unjoni u tal-Istati Membri, b'mod konsistenti mar-Regolament (UE) 2020/... [ir-Regolament dwar it-tassonomija], meta t-tali informazzjoni tkun disponibbli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża l-istatistika u d-data Ewropej meta dawn ikunu disponibbli, u li din titlob li jsir skrutinju min-naħa tal-esperti. Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tgħin lill-Kummissjoni kif xieraq, skont il-programm annwali ta' ħidma tagħha.

---

*Emenda*

(19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura valutazzjoni **oġġettiva** soda li tkun ibbażata fuq l-iktar sejbiet xjentifiċi, tekniċi u soċjoekonomiċi aġġornati u li tkun tirrappreżenta firxa wiesgħa ta' għarfien espert indipendenti, u li hija ssejjes il-valutazzjoni tagħha fuq informazzjoni rilevanti, fosthom l-informazzjoni li l-Istati Membri jibagħtu u jirrapportaw dwarha, ir-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, fosthom ir-rapporti tal-IPCC, **il-UNEP, l-IPBES, l-ECCC u, fejn possibbli, il-korpi konsultattivi nazzjonali dwar il-klima tal-Istati Membri**. Minħabba li l-Kummissjoni ntrabtet li tesplora kif is-settur pubbliku jista' juża t-tassonomija tal-UE fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, jenħtieġ li din tkun tinkludi informazzjoni dwar investiment sostenibbli mil-lat tal-ambjent min-naħa tal-Unjoni u tal-Istati Membri, b'mod konsistenti mar-Regolament (UE) 2020/... [ir-Regolament dwar it-tassonomija], meta t-tali informazzjoni tkun disponibbli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża l-istatistika u d-data Ewropej meta dawn ikunu disponibbli, u li din titlob li jsir skrutinju min-naħa tal-esperti. Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tgħin lill-Kummissjoni kif xieraq, skont il-programm annwali ta' ħidma tagħha.



Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 59**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 20**

---

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (20) Minħabba li ċ-ċittadini u ***l-komunitajiet*** għandhom rwol ewlieni x'jaqdu biex imexxu 'l quddiem it-trasformazzjoni lejn in-newtralità klimatika, jenħtieġ li tiġi ***ffaċilitata*** parteċipazzjoni qawwija pubblika u soċjali b'rabta mal-azzjoni klimatika. Għalhekk jenħtieġ li l-Kummissjoni ***tikkollabora*** mas-setturi kollha tas-soċjetà biex ***tippermettilhom*** jieħdu azzjoni favur soċjetà newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex ***tagħtihom*** is-setgħa jagħmlu dan, fosthom ***billi tnedi*** Patt Klimatiku Ewropew.

---

*Emenda*

- (20) Minħabba li ċ-ċittadini, ***il-komunitajiet*** u ***r-reġjuni*** għandhom rwol ewlieni x'jaqdu biex imexxu 'l quddiem it-trasformazzjoni lejn in-newtralità klimatika, jenħtieġ li tiġi ***kemm imħeġġa kif ukoll iffaċilitata*** parteċipazzjoni qawwija pubblika u soċjali b'rabta mal-azzjoni klimatika ***fil-livell lokali, reġjonali u dak nazzjonali***. Għalhekk jenħtieġ li l-Kummissjoni ***u l-Istati Membri jikkollaboraw*** mas-setturi kollha tas-soċjetà ***b'mod trasparenti għalkollox*** biex ***jippermettulhom*** jieħdu azzjoni favur soċjetà ***soċjalment ġusta, b'bilanċ bejn il-ġeneru,*** newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex ***jagħtuhom*** is-setgħa jagħmlu dan, fosthom ***bit-tnedija ta'*** Patt Klimatiku Ewropew.

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 60**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 21**

Test propost mill-Kummissjoni

(21) Biex l-atturi ekonomiċi kollha, fosthom in-negozji, il-ħaddiema, l-investituri u l-konsumaturi, jingħataw il-prevedibbiltà u l-fiduċja, biex ikun żgurat li t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika tkun irriversibbli, biex ikun żgurat li jkun hemm tnaqqis gradwali maż-żmien u biex tingħata għajjnuna fil-valutazzjoni tal-konsistenza tal-miżuri mal-objettiv tan-newtralità klimatika u fil-valutazzjoni tal-progress li jkun qed isir biex jinkiseb dan l-objettiv, jenħtieġ li l-Kummissjoni **tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tistabbilixxi** trajettorja biex jinkisbu emissjonijiet zero netti tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni sal-2050. **Huwa importanti ferm li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet ix-xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet twettaqhom skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>37</sup>. B'mod partikulari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ndaqs fit-tħejjija tal-atti delegati,** il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li fih jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistema-tiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

Emenda

(21) Biex l-atturi ekonomiċi kollha, fosthom in-negozji, **l-SMEs**, il-ħaddiema **u t-trade unions**, l-investituri u l-konsumaturi, jingħataw il-prevedibbiltà u l-fiduċja, biex ikun żgurat li t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika tkun irriversibbli, biex ikun żgurat li jkun hemm tnaqqis gradwali maż-żmien u biex tingħata għajjnuna fil-valutazzjoni tal-konsistenza tal-miżuri u tal-progress li jkun qed isir biex jinkiseb dan l-objettiv, jenħtieġ li l-Kummissjoni **tivvaluta l-għażliet għall-istabbiliment** ta' trajettorja biex jinkisbu emissjonijiet zero netti tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni sal-2050 **u jenħtieġ li, jekk ikun xieraq, tressaq proposti leġiżlattiva quddiem** il-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

**Emenda 61**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 22**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (22) Jenħtieġ li l-istrumenti tal-Unjoni marbutin mat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jkunu koerenti bejniethom biex il-Kummissjoni tkompli żżomm mal-prinċipji dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Jenħtieġ li s-sistema użata biex jitkejjel il-progress li jkun qed isir biex **jintlaħaq l-oġettiv tan-newtralità klimatika**, kif ukoll biex titkejjel il-konsistenza tal-miżuri li jkunu ttieħdu ma' dak l-oġettiv, tissejjes fuq il-qafas ta' governanza stabbilit fir-Regolament (UE) 2018/1999 u tkun konsistenti miegħu. B'mod partikulari, jenħtieġ li s-sistema ta' rappurtar regolari u t-tqegħid tal-valuazzjoni u tal-azzjonijiet tal-Kummissjoni fsekwenza abbażi tar-rappurtar ikunu allinjati mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1999 biex l-Istati Membri jibagħtu l-informazzjoni u jipprovdu r-rapporti. Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/1999 jiġi emendat biex l-oġettiv tan-newtralità klimatika jiddaħħal fid-dispożizzjonijiet rilevanti.

*Emenda*

- (22) Jenħtieġ li l-istrumenti tal-Unjoni marbutin mat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jkunu koerenti bejniethom biex il-Kummissjoni tkompli żżomm mal-prinċipji dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Jenħtieġ li s-sistema użata biex jitkejjel il-progress li jkun qed isir biex **jintlaħqu l-oġettivi klimatiċi tal-Unjoni**, kif ukoll biex titkejjel il-konsistenza tal-miżuri li jkunu ttieħdu ma' dak l-oġettiv, tissejjes fuq il-qafas ta' governanza stabbilit fir-Regolament (UE) 2018/1999 u tkun konsistenti miegħu. B'mod partikulari, jenħtieġ li s-sistema ta' rappurtar regolari u t-tqegħid tal-valuazzjoni u tal-azzjonijiet tal-Kummissjoni fsekwenza abbażi tar-rappurtar ikunu allinjati mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1999 biex l-Istati Membri jibagħtu l-informazzjoni u jipprovdu r-rapporti. Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/1999 jiġi emendat biex l-oġettiv tan-newtralità klimatika jiddaħħal fid-dispożizzjonijiet rilevanti.

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 62**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 23**

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Min-natura tagħha, l-isfida tat-tibdil fil-klima hija waħda transkonfinali u hemm bżonn ta' azzjoni kkoordinata fil-livell tal-Unjoni biex jissupplimentati b'mod effettiv il-politiki nazzjonali. Minħabba li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tinkiseb in-newtralità klimatika fl-Unjoni **sal-2050**, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni minħabba d-daqs u l-effetti tagħhom, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-oġġettivi,

Emenda

(23) Min-natura tagħha, l-isfida tat-tibdil fil-klima hija waħda transkonfinali u hemm bżonn ta' azzjoni kkoordinata fil-livell tal-Unjoni biex jissupplimentati b'mod effettiv il-politiki nazzjonali. Minħabba li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tinkiseb in-newtralità klimatika fl-Unjoni **u fl-Istati Membri kollha sa mhux aktar tard mill-2050**, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni minħabba d-daqs u l-effetti tagħhom, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-oġġettivi.

**Emenda 63**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 23a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

(23a) **L-Unjoni bħalissa hija responsabbli għal 10 % tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet b'effett ta' serra. L-oġġettiv tan-newtralità klimatika huwa limitat għal l-emissjonijiet mill-produzzjoni tal-Unjoni. Politika dwar it-tibdil fil-klima koerenti tinvolvi wkoll il-kontroll tal-emissjonijiet li jirriżultaw mill-konsum u l-importazzjonijiet tal-enerġija u r-riżorsi.**

Emenda

**Emenda 64**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 23b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

(23b) **L-impronta klimatika tal-konsum tal-Unjoni hija għodda essenzjali li jenħtieġ li tiġi żviluppata sabiex titjieb il-konsistenza ġenerali tal-oġġettivi klimatiċi tal-Unjoni.**

Emenda

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 65**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 23c (ġdida)**

---

*Test propost mill-Kummissjoni*

---

*Emenda*

- (23c) *Politika tal-Unjoni dwar il-klima li tkun kompletament effiċjenti jenħtieġ li tindirizza r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u tiżviluppa l-għodod xierqa, bħal mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera, biex tindirizza din il-problema u tipproteġi l-istandards tal-Unjoni u l-atturi ewlenin tal-industriji tal-Unjoni.*

**Emenda 66**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 23d (ġdida)**

---

*Test propost mill-Kummissjoni*

---

*Emenda*

- (23d) *L-importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel minn pajjiżi terzi żdiedu b'mod kontinwu f'dawn l-aħħar snin.*

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 67**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 23e (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (23e) *Fil-Komunikazzjoni tagħha, “Il-Patt Ekoloġiku Ewropew”, il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa tal-aċċellerazzjoni tal-bidla lejn mobilità sostenibbli u intelliġenti bħala politika ta' prijarità lejn in-netwralità klimatika. Sabiex tiżgura t-tranżizzjoni lejn mobilità sostenibbli u intelliġenti, il-Kummissjoni indikat li se tadotta strateġija komprensiva dwar il-mobilità sostenibbli u intelliġenti fl-2020 b'miżuri ambizzjużi mmirati biex inaqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> u ta' sustanzi niġġiesa fil-modi kollha tat-trasport, inkluż billi tagħti spinta lill-użu ta' vetturi nodfa u fjuwils alternattivi għat-trasport bit-triq, bil-baħar u bl-ajru, iżżid is-sehem ta' modi tat-trasport aktar sostenibbli bħalma huma l-ferroviji u l-passaġġi tal-ilma interni, u ttejjeb l-effiċjenza fis-sistema kollha tat-trasport, filwaqt li tinċentiva għażliet aktar sostenibbli għall-konsumaturi u prattiki b'emissjonijiet baxxi, u tinvesti f'soluzzjonijiet b'emissjonijiet baxxi u emissjonijiet żero, inkluża l-infrastruttura.*

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 68**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 23f (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (23f) *L-infrastruttura tat-trasport jista' jkollha rwol ewlieni fl-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni għal mobilità sostenibbli u intelliġenti billi ttipprovi għal bidla modali lejn modi tat-trasport aktar sostenibbli, b'mod partikolari għat-trasport tal-merkanzija. Fl-istess ħin, l-avvenimenti tat-tibdil fil-klima, bħal-livelli tal-ilma dejjem jogħlew, il-kundizzjonijiet estremi tat-temp, in-nixfa u ż-żieda fit-temperatura jistgħu jirriżultaw fi ħsara għall-infrastruttura, tfixkil operazzjonali, pressjonijiet fuq il-kapaċità u l-effiċjenza tal-katina tal-provvista, u konsegwentement ikollhom implikazzjoni negattiva għall-mobilità Ewropea. Għalhekk, it-tlestija tan-network ċentrali tan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) sal-2030 u t-tlestija tan-network komplementari tat-TEN-T sal-2040 huma tal-akbar importanza, filwaqt li jitqiesu l-obbligi stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni dwar l-indirizzar tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-proġetti matul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra li ttipponi qafas leġiżlattiv biex jissaħħu l-ġestjoni tar-riskju, ir-reżiljenza u l-adattament tal-infrastruttura tat-trasport għall-klima.*

**Emenda 69**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 23 g (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (23 g) *Il-konnettività tan-network ferrovjarju Ewropew, b'mod partikolari l-konnessjonijiet internazzjonali, biex it-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija isir aktar attraenti għal vjaġġi fuq distanzi medji u twal u t-titjib fil-kapaċità tas-sistemi ferrovjarji u l-passaġġi fuq l-ilma interni għall-merkanzija, jenħtieġ li jkunu fil-qalba tal-azzjoni leġiżlattiva tal-UE.*

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

## Emenda 70

## Proposta għal regolament

## Premessa 23h (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (23h) *Huwa importanti li jiġi żgurat li jkun hemm investimenti suffiċjenti fl-iżvilupp ta' infrastruttura xierqa għal mobilità b'emissjonijiet żero, inklużi pjattaformi intermodali, u fit-tisħiħ tar-rwol tal-Faċilità Nikkoll-gaw l-Ewropa (FNE) fl-appoġġ għat-tranżizzjoni lejn mobilità intelliġenti, sostenibbli u sikura fl-Unjoni;*

## Emenda 71

## Proposta għal regolament

## Premessa 23i (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (23i) *F'konformità mal-isforz tal-Unjoni biex tbiddel it-trasport bit-triq f'wieħed ferrovjarju sabiex il-mezz tat-trasport l-aktar effiċjenti f'termini ta' CO<sub>2</sub> jitpoġġa fuq quddiem nett filwaqt li titqies is-Sena Ewropea tal-ferrovija li jmiss fl-2021, jenħtieġ li titpoġġa enfasi leġiżlattiva partikolari fuq il-ħolqien ta' Żona Ferrovjarja Unika Ewropea reali billi sal-2024 jitneħħew il-piżijiet amministrattivi kollha u l-liġijiet nazzjonali protezzjonisti.*

## Emenda 72

## Proposta għal regolament

## Premessa 23j (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (23j) *Sabiex tilħaq l-oġjettiv tan-newtralità klimatika sal-2050, jenħtieġ li l-Kummissjoni ssaħħaħ ukoll il-leġiżlazzjoni speċifika dwar standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għall-karozzi, il-vannijiet u t-trakkijiet, ttiprovdi miżuri speċifiċi biex twitti t-triq għall-elettrifikazzjoni tat-trasport bit-triq, u tieħu inizjattivi biex tintensifika l-produzzjoni u l-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli.*



Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

## Emenda 73

## Proposta għal regolament

## Premessa 23k (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (23k) *Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar il-Konferenza tan-NU tal-2019 dwar it-Tibdil fil-Klima li saret f'Madrid, Spanja (COP25), il-Parlament Ewropew innota li l-miri u l-miżuri globali attwali previsti mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, anke jekk jiġu implimentati b'mod sħiħ, mhumiex se jwasslu għat-tnaqqis meħtieġ tal-emissjonijiet, u li jeħtieġ tittieħed azzjoni ulterjuri sinifikanti fil-livell Ewropew u dak globali li tkun konsistenti mal-objettiv mifruż mal-ekonomija kollha ta' emissjonijiet żero netti tal-gassijiet b'effett ta' serra;*

## Emenda 158

## Proposta għal regolament

## Premessa 23l (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (23l) *Il-Kummissjoni jenħtieġ li tintensifika l-isforzi tagħha lejn il-kisba ta' suq intern tal-enerġija li jiffunzjona tajjeb peress li huwa komponent importanti tat-tranżizzjoni enerġetika u jgħin biex din issir finanzjarjament vijabbli. Għalhekk l-iżvilupp ta' networks intelliġenti u diġitali tal-elettriku u tal-gass jenħtieġ li jingħata prijorità ewlenija fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP). Il-programmi ta' rkupru wara l-COVID-19 jenħtieġ li jappoġġaw ukoll l-iżvilupp ta' grilji enerġetiċi transnazzjonali. Hemm bżonn ta' proċeduri deċiżjonali effettivi u rapidi biex jappoġġaw l-iżviluppi tal-grilji transnazzjonali, b'mod partikulari fl-infras-truttura tal-gass orjentata lejn il-futur u kompatibbli mal-idroġenu.*

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 74**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas **biex jitnaqqsu bil-mod il-mod u b'mod irriversibbli lemissjonijiet** tal-gassijiet b'effett ta' serra **fl-Unjoni** u biex jitjieb l-assorbiment permezz **talbjar** naturali jew ta' bjar oħrajn fl-Unjoni.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi objettiv vinkolanti ta' newtralità klimatika **sal-2050** fl-Unjoni sabiex tinkiseb il-mira fit-tul dwar it-temperatura stabbilita fl-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Pariġi, u jipprevedi qafas biex isir progress fl-ilħiq tal-mira ta' adattament globali stabbilita fl-Artikolu 7 ta' dak il-Ftehim. **Jistabbilixxi wkoll mira vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra għall-2030.**

Dan ir-Regolament japplika għall-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet b'effett ta' serra mniżżlin fil-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999 u għall-assorbiment tagħhom permezz ta' bjar naturali jew bjar oħrajn.

Emenda

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas **għat-tnaqqis irriversibbli, prevedibbli u rapidu tal-emissjonijiet** tal-gassijiet b'effett ta' serra u biex jitjieb l-assorbiment permezz **tal-bjar** naturali jew ta' bjar oħrajn fl-Unjoni **f'konformità mal-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni.**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi objettiv vinkolanti ta' newtralità klimatika **sa mhux aktar tard mill-2050** fl-Unjoni sabiex tinkiseb il-mira fit-tul dwar it-temperatura stabbilita fl-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Pariġi, u jipprevedi qafas biex isir progress fl-ilħiq tal-mira ta' adattament globali stabbilita fl-Artikolu 7 ta' dak il-Ftehim.

Dan ir-Regolament japplika għall-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet b'effett ta' serra mniżżlin fil-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2018/1999 u għall-assorbiment tagħhom permezz ta' bjar naturali jew bjar oħrajn.

**Emendi 75 u 159**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 2

Objettiv tan-newtralità klimatika

1. Għandu jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra rregolati mil-liġi tal-Unjoni **u l-assorbiment tagħhom fl-Unjoni** sa mhux iktar tard mill-2050, **hekk li l-emissjonijiet netti għandhom ikunu tnaqqsu għal zero sa dik id-data.**

Emenda

Artikolu 2

Objettiv tan-newtralità klimatika

1. Għandu jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet **antropoġeniċi minn fonti u l-assorbiment minn bjar** tal-gassijiet b'effett ta' serra rregolati mil-liġi tal-Unjoni sa mhux iktar tard mill-2050, **biex b'hekk tinkiseb newtralità klimatiki sa dik id-data. Kull Stat Membru għandu jilħaq il-mira ta' newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050.**

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

## Test propost mill-Kummissjoni

2. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali rispettivament, biex ikun jista' jinkiseb b'mod kollettiv l-oġġettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fil-paragrafu 1, fil-waqt li jqisu l-importanza **tal-fatt li jippromwovu l-ġustizzja u s-solidarjetà** fost l-Istati Membri.

## Emenda

2. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa **abbażi tal-aħjar xjenza disponibbli u aġġornata u jipprovdu appoġġ** fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali, **reġjonali u lokali** rispettivament, biex ikun jista' jinkiseb b'mod kollettiv l-oġġettiv tan-newtralità klimatika **fl-Unjoni u fl-Istati Membri kollha kif** stabbilit fil-paragrafu 1, fil-waqt li jqisu l-importanza **tal-promozzjoni tal-ġustizzja u s-solidarjetà u ta' tranżizzjoni ġusta** fost l-Istati Membri, **il-koeżjoni soċjali u ekonomika, il-protezzjoni taċ-ċittadini vulnerabbli tal-Unjoni u l-importanza tal-ġestjoni, ir-restawr, il-protezzjoni u t-titjib tal-bijodiversità marina u terrestri, l-ekosistemi u l-bjar tal-karbonju.**

2a. **Mill-1 ta' Jannar 2051, l-assorbimenti tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-bjar għandhom jaqbuż l-emissjonijiet antropoġeniċi fl-Unjoni u fl-Istati Membri kollha.**

2b. **Sal-31 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni għandha, b'segwitu għal valutazzjoni tal-impatt dettaljata u b'kont meħud tal-baġit għall-gassijiet b'effett ta' serra msemmi fl-Artikolu 3(2a), tesplora għażliet għall-istabbiliment ta' mira tal-Unjoni għall-2040 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra meta mqabbla mal-1990, u għandha tippreżenta proposti leġislattivi, fejn xieraq, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.**

**Meta tkun qed tesplora l-għażliet għall-mira għall-2040 b'rabta mal-klima, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-ECCC u tqis il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(3).**

2c. **Mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-adozzjoni tal-mira għall-2040 b'rabta mal-klima, il-Kummissjoni għandha tivvaluta kif il-leġiżlazzjoni kollha rilevanti tal-Unjoni għall-ilħuq ta' dik il-mira jeħtieġ tiġi emendata, u għandha tqis li tiegħu l-miżuri neċessarji, inkluża l-adozzjoni ta' proposti leġiżlattivi, f'konformità mat-Trattati.**

2d. **Sa Diċembru 2020, il-Kummissjoni għandha theggi pjan li jistabbilixxi l-miżuri li jridu jittieħdu fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġi żgurat li jkunu mobilizzati r-riżorsi xierqa li jippermettu l-investimenti meħtieġa ħalli tinkiseb ekonomija tal-Unjoni b'newtralità klimatika. Il-pjan għandu jirrieżamina l-mekkaniżmi ta' kumpens attwali għall-Istati Membri bi dħul aktar baxx, fil-waqt li jqis iż-żieda fil-piż assoċjat mal-ambizzjonijiet klimatiċi elevati, l-appoġġ mill-faċilità ta' Rkupru u ta' Reżiljenza, mill-programmi InvestEU u mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.**

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emendi 100, 148 u 150**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 a**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 2a

Artikolu 2a

Mira klimatika għall-2030t

Mira klimatika għall-2030

1. **Biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1)**, il-mira klimatika vinkolanti tal-Unjoni għall-2030 għandha tkun tnaqqis tal-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) b'mil-l-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

1. **Il-mira** tal-Unjoni għall-2030 **għall-klima** għandha tkun **tnaqqis tal-emissjonijiet** ta' **60 %** meta **mqabbla mal-1990**.

2. Sat-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni biex tippermetti l-kisba tal-mira stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) u tikkunsidra li tiegħu l-miżuri meħtieġa, inkluż l-adozzjoni ta' proposti leġiżlattivi, f'konformità mat-Trattati.

2. Sat-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni għandha tivvaluta kif **il-leġiżlazzjoni kollha tal-Unjoni rilevanti għall-kisba tal-mira klimatika** tal-Unjoni **għall-2030 u leġiżlazzjoni rilevanti oħra** tal-Unjoni **li tippromwovi l-ekonomija ċirkolari u tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett** ta' serra **jeħtieġ jiġu emendati sabiex tkun tista' tinkiseb il-mira ta' tnaqqis ta' emissjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu** u biex jinkiseb l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), u tiegħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati, f'osthom l-adozzjoni ta' proposti leġiżlattivi. **Il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tevalwa l-għażliet għall-allinjament tal-emissjonijiet mis-setturi kollha, inklużi l-avjazzjoni u t-trasport marittimu, mal-mira tal-2030 għall-klima u l-objettiv tan-newtralità klimatika għall-2050 sabiex dawn l-emissjonijiet jitnaqqsu għal zero netti sa mhux aktar tard mill-2050 u għandha tippreżenta proposti leġiżlattivi, fejn xieraq, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha timmobilizza riżorsi adegwati għall-investimenti kollha meħtieġa biex jintlaħaq l-miri msemmija f'dan il-paragrafu.**

2a. **Il-Kummissjoni għandha tibbaża l-proposti tagħha msemmija fil-paragrafu 2 fuq valutazzjoni tal-impatt komprensiva li tkopri l-effetti ambjentali, ekonomiċi u soċjali, li tirrifletti s-sitwazzjoni ekonomika ta' wara l-COVID-19 u tagħti attenzjoni speċjali lill-potenzjal ta' tnaqqis u assorbiment settorjali, u l-impatt tal-Brexit fuq l-emissjonijiet tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatt kumulattiv tal-emendar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li timplimenta l-mira tal-Unjoni għall-2030, kif stabbilit fil-paragrafu 1, fuq setturi industrijali differenti.**

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Meta tressaq il-proposti tagħha msemmija fil-paragrafu 2 għar-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar il-klima u l-enerġija għall-2030, il-Kummissjoni għandha tiżgura bilanċ kosteffiċjenti u ekwu bejn l-ETS u s-settur tal-kondiviżjoni tal-isforzi, u bejn il-miri nazzjonali fis-settur tal-kondiviżjoni tal-isforzi, u fi kwalunkwe każ m'għandhiex sempliċiment tassumi sforz addizzjonali għal kull Stat Membru li jikkorrispondi għal żieda fl-ambizzjoni ta' 15%. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatti tal-introduzzjoni ta' aktar miżuri Ewropej li jistgħu jikkomplementaw il-miżuri eżistenti, bħal miżuri bbażati fuq is-suq li jinkludu mekkaniżmu ta' solidarjetà b'saħħtu.

## Emenda 76

## Proposta għal regolament

## Artikolu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

## Artikolu 2b

**Il-korpi konsultattivi tal-Istati Membri dwar il-klima u l-Kunsill Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima**

1. Sat-30 ta' Ġunju 2021, l-Istati Membri kollha għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-korp konsultattiv nazzjonali indipendenti tagħhom dwar il-klima, responsabbli, iżda mhux limitat, għall-għoti ta' pariri esperti xjentifiċi rigward il-politika nazzjonali dwar il-klima. Jekk ma jeżisti l-ebda korp bħal dan, l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jistabbilixxu tali korp.

Biex jappoġġaw l-indipendenza xjentifika u l-awtonomija tal-korp konsultattiv nazzjonali indipendenti dwar il-klima, l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jieħdu miżuri xierqa li jippermettu lill-korp jopera b'mod kompletament trasparenti bis-sejbiet tiegħu jkunu disponibbli għall-pubbliku filwaqt li jinnotifikaw dawn il-miżuri lill-Kummissjoni.

2. Sat-30 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni ma' dawn il-korpi konsultattivi nazzjonali dwar il-klima, tistabbilixxi l-Kunsill Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima (ECCC), bħala bord konsultattiv xjentifiku permanenti, indipendenti u interdixiplinari dwar it-tibdil fil-klima, li għandu jkun iggwidat mill-aħħar sejbiet xjentifiċi kif espressi mill-IPCC. L-ECCC għandu jikkomplementa l-ħidma tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), u l-istituzzjonijiet u l-aġenziji ta' riċerka eżistenti tal-Unjoni. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni tax-xogħol, l-EEA għandha sservi bħala segretarjat tal-ECCC, filwaqt li tippreserva l-indipendenza baġitarja u amministrattiva tal-ECCC.

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-Membri tal-ECCC għandhom jinħatru għal perjodu ta' ħames snin, li jiġġedded darba. L-ECCC għandu jkun magħmul minn kumitat xjentifiku ta' massimu ta' 15-il espert anzjan li jiżgura firxa sħiħa ta' għarfien espert meħtieġ għall-attivitajiet elenkati fil-paragrafu 4. Il-kumitat xjentifiku għandu jkun responsabbli b'mod indipendenti għat-tfassil tal-parir xjentifiku tal-ECCC.

4. L-attivitajiet tal-kumitat xjentifiku għandhom jinkludu:

- (a) il-valutazzjoni tal-konsistenza tat-trajettorji eżistenti u proposti tal-Unjoni, il-baġit għall-gassijiet b'effett ta' serra u l-miri tal-klima fil-konfront tal-impenji klimatiċi ta- l-Unjoni u dawk internazzjonali;
- (b) il-valutazzjoni tal-probabbiltà li wieħed jibqa' fil-limiti tal-baġit tal-Unjoni għall-gassijiet b'effett ta' serra u li tinkiseb in-newtralità klimatika skont il-miżuri eżistenti u ppjanati;
- (c) il-valutazzjoni tal-konsistenza tal-miżuri tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2;
- (d) l-identifikazzjoni ta' azzjonijiet u opportunitajiet biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u jiżdied il-potenzjal ta' sekwestru tal-karbonju; u
- (e) l-identifikazzjoni tal-konsegwenzi ta' nuqqas ta' azzjoni jew ta' azzjoni insuffiċjenti.

5. Fit-twettiq tal-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 4, l-ECCC għandu jiżgura l-konsultazzjoni xierqa tal-korpi konsultattivi nazzjonali indipendenti dwar il-klima.

6. Bord maniġerjali għandu jappoġġa l-ħidma tal-kumitat xjentifiku. Il-bord maniġerjali għandu jkun magħmul minn membru wieħed minn kull korp konsultattiv nazzjonali indipendenti dwar il-klima nnotifikat lill-Kummissjoni kif stabbilit fil-paragrafu 1, żewġ rappreżentanti magħżula mill-Kummissjoni, żewġ rappreżentanti magħżula mill-Parlament Ewropew, u l-President tas-segretarjat li għandu jinħatar miż-ŻEE.

Il-bord maniġerjali għandu jiltaqa' darbtejn fis-sena u huwa responsabbli għall-istabbiliment u l-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-ECCC. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jaħtru l-bord maniġerjali bi qbil komuni, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni. Il-President tal-bord maniġerjali jiġi elett minn fost il-membri tiegħu.

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**Ir-responsabbiltajiet tal-bord maniġerjali huma:**

- (a) l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma annwali fuq proposta mill-kumitat xjentifiku, u l-iżgurar tal-konsistenza tiegħu mal-mandat tal-ECCC;
- (b) il-ħatra tal-membri tal-kumitat xjentifiku li tiżgura li l-kompożizzjoni tal-kumitat xjentifiku ttiprovdi l-firxa ta' għarfien espert meħtieġ għall-attivitajiet tal-programm ta' ħidma;
- (c) l-approvazzjoni tal-baġit tal-ECCC; u
- (d) il-koordinazzjoni ma' korpi konsultattivi nazzjonali dwar il-klima.

7. Il-membri tal-kumitat xjentifiku għandhom jinħatru fuq bażi personali mill-bord maniġerjali. Il-President tal-kumitat xjentifiku jiġi elett minn fost il-membri tiegħu. Il-kumitat xjentifiku għandu jadotta b'maġġoranza ta' żewġ terzi r-regoli tiegħu ta' proċedura li għandhom jiżguraw l-indipendenza u l-awtonomija xjentifika sħiħa tiegħu.

Il-kandidati għas-sħubija tal-kumitat xjentifiku għandhom jiġu identifikati permezz ta' proċess miftuħ ta' evalwazzjoni. L-esperjenza professjonali tal-applikanti għall-kumitat xjentifiku li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà stabbiliti fis-sejħa għandha tkun soġġetta għal evalwazzjoni komparattiva bbażata fuq il-kriterji tal-għażla li ġejjin:

- (a) eċċellenza xjentifika;
- (b) esperjenza fit-twettiq ta' valutazzjonijiet xjentifiċi u/jew fl-għoti ta' pariri xjentifiċi fl-oqsma tal-għarfien espert;
- (c) għarfien espert wiesa' fil-qasam tax-xjenzi klimatiċi u ambjentali jew f'oqsma xjentifiċi oħra rilevanti għall-kisba tal-oġġettivi klimatiċi tal-Unjoni;
- (d) esperjenza fir-rieżami tal-ħidma xjentifika bejn il-pari;
- (e) esperjenza professjonali f'ambjent interdixxiplinari f'kuntest internazzjonali.

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**Il-kompożizzjoni tal-kumitat xjentifiku għandha tiżgura bilanċ bejn il-ġeneri, għarfien espert dixxiplinari u settorjali kif ukoll distribuzzjoni reġjonali.**

8. L-ECCC, fuq bażi annwali, għandu jirrapporta s-sejbiet tiegħu skont il-paragrafu 4 lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Fejn meħtieġ, l-ECCC għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni biex jiżgura li jintlahaqu l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament. L-ECCC għandu jiżgura li jsegwi proċess kompletament trasparenti u li r-rapporti tiegħu jkunu disponibbli għall-pubbliku. Il-Kummissjoni għandha tqis ir-rapporti u kwalunkwe rakkomandazzjoni fihom u tohrōg rispons formali għall-ECCC mhux aktar tard minn tliet xhur wara li tirċevihom. Ir-rispons għal dawn ir-rapporti għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

Emendi 77, 123 u 145

Proposta għal regolament

Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 3

Artikolu 3

Trajettorja biex tinkiseb in-newtralità klimatika

Trajettorja biex tinkiseb in-newtralità klimatika

1. Il-Kummissjoni għandha **s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 9 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi** trajettorja fil-livell tal-Unjoni biex, **sal-2050**, jinkiseb l-oġġettiv **tan-newtralità klimatika** stabbilit fl-Artikolu 2 (1). **Sa mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta jsir kull rendikont globali msemmi fl-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha tirrevedi t-trajettorja.**

1. **Sal-31 ta' Mejju 2023**, il-Kummissjoni għandha **tiyvaluta l-alternattivi għall-istabbiliment ta'** trajettorja **indikattiva** fil-livell tal-Unjoni biex jinkiseb l-oġġettiv stabbilit fl-Artikolu 2 (1) **li jibda mill-mira tal-klima tal-Unjoni għall-2030 imsem- mija fl-Artikolu 2a(1) u b'kont meħud tal-mira vinkolanti intermedja għall-2040 għall-klima msemmija fl-Artikolu 2(2b) u għandha tagħmel, jekk ikun xieraq, proposta leġiżlattiva għal dan il-għan.**

1a. **Ladarba t-trajettorja msemmija fil-paragrafu 1 tiġi stabbilita, il-Kummissjoni għandha teżaminaha mill-ġdid sa mhux aktar tard minn sitt xhur minn meta jsir kull rendikont globali msemmi fl-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, li jibda mir-rendikont globali fl-2028. Il-Kummissjoni għandha tagħ- mel proposta leġiżlattiva biex taġġusta t-trajettorja meta tqis li dan ikun xieraq b'riżultat tar-rieżami.**

2. **It-trajettorja għandha tibda mill-mira tal-Unjoni għall-2030 b'rabta mal-klima stipulata fl-Artikolu 2a(1).**

2. **Meta tagħmel proposti leġiżlattivi għall-istabbiliment ta' trajettorja f'konformità mal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis il-baġit tal-Unjoni għall-gassijiet b'effett ta' serra li jistabbilixxi l-kwantità totali li jifdal ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra bħala ekwivalenti għal CO<sub>2</sub> li jistgħu jiġu emessi sa mhux aktar tard mill-2050 mingħajr ma jitqiegħdu f'riskju l-impenji tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi.**



Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Hija u tistabbilixxi **trajettorja** skont **il-paragrafu 1**, il-Kummissjoni għandha tqis **l-affarijiet** li ġejjin:
- 2a. **Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-baġit tal-Unjoni għall-gassijiet b'effett ta' serra f'rapport u għandha tippreżenta dan ir-rapport lill-Parlament u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2021. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dak ir-rapport u l-metodoloġija sottostanti tiegħu disponibbli għall-pubbliku.**
3. Hija u **tfassal proposti leġiżlattivi biex** tistabbilixxi **jew taġġusta t-trajettorja** skont **il-paragrafi 1 u 1a** rispettivament, il-Kummissjoni għandha tqis **il-kriterji** li ġejjin:
- (a) **il-kosteffettività u l-effiċjenza ekonomika;**
- (-a) **l-aqwa evidenza xjentifika u dik l-iktar riċenti disponibbli, fosthom l-aħħar rapporti tal-IPCC, l-IP-BES, l-ECCC u, fejn possibbli, tal-korpi konsultattivi indipendenti dwar il-Klima tal-Istati Membri;**
- (-aa) **il-kostijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali ta' nuqqas ta' azzjoni jew ta' azzjoni insuffiċjenti;**
- (-ab) **il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun waħda ekwa u soċjalment ġusta għal kulħadd;**
- (b) il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni;
- (b) il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni, **b'mod partikolari l-SMEs u s-setturi l-aktar esposti għal rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju;**
- (c) l-aqwa **teknoloġija** disponibbli;
- (c) l-aqwa **teknoloġiji** disponibbli, **kosteffettivi, sikuri u skalabbli, li jirrispettaw il-kunċett tan-newtralità teknoloġika u jevitaw effetti ta' lock-in** possibbli;
- (d) l-effiċjenza **fl-enerġija**, l-affordabbiltà tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista;
- (d) l-effiċjenza **enerġetika u l-prinċipju tal-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel**, l-affordabbiltà tal-enerġija, **it-tnaqqis tal-faqar enerġetiku** u s-sigurtà tal-provvista;
- (da) **il-ħtieġa li jiġu eliminati gradwalment il-fjuwils fossili u tiġi żgurata s-sostituzzjoni tagħhom b'enerġija, materjali u prodotti rinnovabbli maħduma b'mod sostenibbli;**

## Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda
(e) il-ġustizzja u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri u ġo fihom;	(e) il-ġustizzja u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri u <b>r-reġjuni</b> u ġo fihom;
(f) il-ħtieġa li jiġu żgurati l-effettività ambjentali u l-fatt li jsir progress maż-żmien;	(f) il-ħtieġa li jiġu żgurati l-effettività ambjentali u l-fatt li jsir progress maż-żmien;
	(fa) <b>il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sostenibbiltà ambjentali, inkluża l-ħtieġa li tiġi indirizzata l-kriżi tal-bijodiversità filwaqt li jiġu restawrati l-ekosistemi degradati u tiġi evitata ħsara irriversibbli għall-ekosistemi biex jinkisbu l-għanijiet tal-bijodiversità tal-Unjoni;</b>
	(fb) <b>L-iżgurar ta' bjar naturali stabbli, li jiffunzjonaw fit-tul u li jkunu effikaċi fir-rigward tal-klima matul iż-żmien;</b>
(g) il-ħtiġijiet u <b>l-opportunitajiet b'rabta mal-investment;</b>	(g) il-ħtiġijiet <b>ta' investment</b> u <b>opportunitajiet għall-innovazzjoni konsistenti mar-Regolament (UE) 2020/... [ir-Regolament dwar it-Tassonomija] filwaqt li jitqies ir-riskju ta' assi mhux rekuperrabbli.</b>
(h) <b>il-ħtieġa li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun waħda xierqa u soċjalment ġusta;</b>	
(i) <b>l-iżviluppi u l-isforzi li jkunu saru fil-livell internazzjonali biex jinkisbu l-oġġettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u biex jinkiseb l-oġġettiv aħħari tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima;</b>	
(j) <b>l-aqwa evidenza xjentifika u dik l-iktar riċenti disponibbli, fosthom l-aħħar rapporti tal-IPCC.</b>	

3a. Sa ... [sena (1) wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-Kummissjoni għandha toħroġ, wara djalogu fil-fond mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fi ħdan settur rilevanti, pjan direzzjonali tad-dekarbonizzazzjoni settorjali lejn in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 għas-settur ikkonċernat.

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emendi 78 u 146**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 4

Artikolu 4

Adattament għat-tibdil fil-klima

Adattament għat-tibdil fil-klima

*-1a. Sal-31 ta' Jannar 2021 u kull 5 snin wara, il-Kummissjoni għandha tadotta Strateġija tal-UE aġġornata dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima. L-Istrateġija aġġornata tal-UE għandu jkollha l-għan li tiżgura li l-politiki dwar l-adattament jingħataw prijorità, jiġu integrati u implimentati b'mod konsistenti fil-politiki, fl-impenji internazzjonali, fil-ftehimiet kummerċjali u fis-sħubijiet internazzjonali ta-l-Unjoni.*

1. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw progress kontinwu fit-titjib tal-kapaċità ta' adattament, fit-tisħiħ tar-reżiljenza u fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi.

1. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom **jistinkaw biex jilhqqu l-oġġettivi nazzjonali u tal-Unjoni dwar l-adattament għall-klima kif stabbilit fl-Istrateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, u għandhom** jiżguraw progress kontinwu fit-titjib tal-kapaċità ta' adattament, fit-tisħiħ tar-reżiljenza u fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima, **inkluż għall-ekosistemi kemm marini kif ukoll terrestri**, skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi, **u jintegraw l-adattament fil-politiki u fl-azzjonijiet soċjoekonomiċi u ambjentali rilevanti. Dawn għandhom jiffokaw fuq, b'mod partikolari, l-aktar popolazzjonijiet u setturi ekonomiċi vulnerabbli u milquta, jidentifikaw in-nuqqasijiet f'dan ir-rigward f'konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili u jimplementaw ir-rimedji.**

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom **jiżviluppaw** u jimplimentaw strateġiji u pjanijiet ta' adattament **li jkunu** jinkludu oqfsa **komprensivi għall-ġestjoni** tar-riskju **bbażati fuq xenarji** ta' **referenza sodi** dwar il-klima u l-vulnerabbiltà u **fuq** valutazzjonijiet tal-progress li **jkun sar**.

2. **Sal-31 ta' Diċembru 2021 u kull 5 snin wara dan**, l-Istati Membri għandhom **jadottaw** u jimplimentaw strateġiji u pjanijiet ta' adattament **fil-livell nazzjonali u reġjonali li** jinkludu oqfsa **ta' ġestjoni** tar-riskju **lokali komprensivi, filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet u l-ispeċifitajiet lokali, abbażi ta' linji bażi u indikaturi robusti** dwar il-klima u l-vulnerabbiltà, u valutazzjonijiet tal-progress, **igwidati mill-aqwa evidenza xjentifika disponibbli u aġġornata. Dawk l-istrateġiji u l-pjanijiet għandhom jinkludu miżuri li jkunu konformi mal-obiettivi nazzjonali u tal-Unjoni dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima. B'mod partikolari, dawk l-istrateġiji għandhom iqisu gruppi, komunitajiet u ekosistemi vulnerabbli u milquta, u għandhom jinkludu miżuri għall-ġestjoni, ir-restawr u l-protezzjoni tal-ekosistemi marini u terrestri biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom. Fl-istrateġiji tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-vulnerabbiltà partikolari tas-sistemi tal-agrikoltura u tal-ikel, is-sigurtà tal-ikel, u jippromwovu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u adattament ibbażat fuq l-ekosistemi.**

2a. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-benefiċjarji tal-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni, inklużi proġetti appoġġati mill-Bank Ewropew tal-Investment, biex iwettqu test tal-istress għall-adattament għall-klima għal proġetti li jitqiesu partikolarment vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima. Sa ... [sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati biex tissupplimenta dan ir-Regolament li jstabbilixxu l-kriterji dettaljati għat-test tal-istress, inkluża l-lista tas-setturi, il-proġetti u r-reġjuni kkonċernati, u l-limitu tal-fatturat tal-benefiċjarji, filwaqt li jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda piż amministrattiv eċċessiv. Il-Kummissjoni għandha ttiprovdi gwida lill-benefiċjarji, abbażi tal-Istrateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima u dwar id-data tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent dwar kif wieħed jista' jallinja proġett ta' investment mar-rekwiżiti dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima.

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 161**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**Artikolu 4a****Il-konsistenza tal-flussi finanzjarji ma' perkors lejn soċjetà newtrali u reżiljenti għall-klima**

1. L-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u tal-Istati Membri għandhom jiżguraw progress kontinwu sabiex jagħmlu l-flussi finanzjarji pubbliċi u privati konsistenti ma' perkors lejn soċjetà newtrali u reżiljenti għall-klima f'konformità mal-punt c tal-Artikolu 2(1) tal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li jqisu l-oġġettivi klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.

2. Sal-1 ta' Ġunju 2021 u f'intervalli regolari minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha, bħala parti mill-valutazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta kif il-leġiżlazzjoni rilevanti kollha tal-Unjoni, inklużi l-oqfsa finanzjarji pluriennali tal-Unjoni u r-regolamenti speċifiċi kollha relatati ma' fondi u strumenti taħt il-baġit tal-Unjoni, tkun teħtieġ li tiġi emendata, biex tinkludi dispożizzjonijiet vinkolanti u infurzabbli, biex tiġi żgurata l-konsistenza tal-flussi finanzjarji pubbliċi u privati mal-oġġettivi tal-Unjoni dwar il-klima stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament. Dik il-valutazzjoni għandha tkun akkumpanjata bi proposti leġiżlattivi fejn xieraq.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżvela kull sena liema parti min-nefqa tal-Unjoni tkun konformi mal-kategoriji tat-tassonomija kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2020/... [ir-Regolament dwar it-Tassonomija].

4. Fid-dawl tal-ilħuq tal-oġġettivi klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 2, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri kollha għandhom ineħħu progressivament is-sussidji diretti u indiretti kollha għall-fjuwils fossili u jimmobilizzaw investment sostenibbli skont dan. It-tneħħija progressiva ta' dawn is-sussidji m'għandux ikollha impatt fuq l-isforzi biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku.

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 80**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 5**

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda
Artikolu 5	Artikolu 5
Valutazzjoni tal-progress li tkun għamlet l-Unjoni u tal-miżuri li din tkun ħadet	Valutazzjoni tal-progress li tkun għamlet l-Unjoni u tal-miżuri li din tkun ħadet
<p>1. Sat-30 ta' Settembru 2023, u kull <b>ħames snin</b> wara dik id-data, flimkien mal-valutazzjoni prevista fl-Artikolu 29(5) tar-Regolament (UE) 2018/1999, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-affarijiet li ġejjin:</p> <p>(a) il-progress kollettiv li l-Istati Membri kollha jkunu għamlu biex jilhqqu <b>l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit</b> fl-Artikolu 2(1), kif espress mit-trajettorja <b>msemmija</b> fl-Artikolu 3(1);</p> <p>(b) il-progress kollettiv li l-Istati Membri kollha jkunu għamlu b'rabta mal-adattament, kif imsemmi fl-Artikolu 4.</p> <p>Il-Kummissjoni għandha tibgħat <b>il-konklużjonijiet ta' dik il-valutazzjoni</b> lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija li tkun ħejjiet fis-sena kalendarja rispettiva skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999.</p> <p>2. Sat-30 ta' Settembru 2023, u kull <b>ħames snin</b> wara dik id-data, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-affarijiet li ġejjin:</p> <p>(a) il-konsistenza tal-miżuri tal-Unjoni <b>mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit</b> fl-Artikolu 2(1), kif espress mit-trajettorja <b>msemmija</b> fl-Artikolu 3(1);</p>	<p>1. Sat-30 ta' Settembru 2023, u kull <b>sentejn</b> wara dik id-data, flimkien mal-valutazzjoni prevista fl-Artikolu 29(5) tar-Regolament (UE) 2018/1999, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-affarijiet li ġejjin:</p> <p>(a) il-progress <b>li kull Stat Membru jkun għamel u l-progress</b> kollettiv li l-Istati Membri kollha jkunu għamlu biex jilhqqu <b>l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti</b> fl-Artikolu 2, kif espress mit-trajettorja <b>li għandha tiġi stabbilita kif imsemmi</b> fl-Artikolu 3(1); <b>meta t-trajettorja ma tkunx disponibbli, il-valutazzjoni għandha ssir abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(3) u l-mira klimatika għall-2030;</b></p> <p>(b) il-progress <b>magħmul minn kull Stat Membru u l-progress</b> kollettiv li l-Istati Membri kollha jkunu għamlu b'rabta mal-adattament, kif imsemmi fl-Artikolu 4.</p> <p>Il-Kummissjoni għandha tibgħat <b>dawk il-valutazzjonijiet u l-konklużjonijiet tagħhom</b> lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija li tkun ħejjiet fis-sena kalendarja rispettiva skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999 <b>tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u tagħmilhom pubblikament disponibbli.</b></p> <p>2. Sat-30 ta' Settembru 2023, u kull <b>sentejn</b> wara dik id-data, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-affarijiet li ġejjin:</p> <p>(a) il-konsistenza tal-miżuri <b>u tal-politiki</b> tal-Unjoni, <b>li jinkludu l-leġiżlazzjoni settorjali, l-azzjoni esterna u l-baġit tal-Unjoni, mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti</b> fl-Artikolu 2, kif espress mit-trajettorja <b>li għandha tiġi stabbilita kif imsemmi</b> fl-Artikolu 3(1); <b>meta t-trajettorja ma tkunx disponibbli, il-valutazzjoni għandha ssir abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(3) u l-mira klimatika għall-2030;</b></p>

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

## Test propost mill-Kummissjoni

## Emenda

(b) kemm il-miżuri tal-Unjoni **jkunu** adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4.

3. Meta, abbażi tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u 2, il-Kummissjoni ssib li l-miżuri tal-Unjoni ma jkunux konsistenti **mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit** fl-Artikolu 2(1) jew li dawn ma jkunux adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4, jew li l-progress li jkun qed isir biex **jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika** jew b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4 ma jkunx biżżejjed, hija għandha tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati meta tkun qed tirrevedi t-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1).

4. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta **l-abbozzi ta' kull** miżura jew proposta **leġiżlattiva fid-dawl tal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit** fl-Artikolu 2(1), **kif espress mit-trajettorja** msemmija fl-Artikolu 3(1), **qabel ma dawn jiġu adottati**, u għandha **tinkludi din l-analiżi f'kull valutazzjoni tal-impatt li tkun takkumpanja lil dawn il-miżuri jew lil dawn il-proposti**, u **tippubblika r-riżultati ta' dik il-valutazzjoni meta dawn jiġu adottati**.

(b) kemm il-miżuri **u l-politiki** tal-Unjoni, **li jinkludu l-leġiżlazzjoni settorjali, l-azzjoni esterna tal-Unjoni u l-baġit tal-Unjoni**, ikunu adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4;

3. Meta, abbażi tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u 2, il-Kummissjoni ssib li l-miżuri **u l-politiki** tal-Unjoni ma jkunux konsistenti **mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti** fl-Artikolu 2 jew li dawn ma jkunux adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4, jew li l-progress li jkun qed isir biex **jintlaħqu l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 2** jew b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4 ma jkunx biżżejjed, hija għandha tieħu l-miżuri meħtieġa skont it-Trattati **biex tirrimedja din l-inkonsistenza, jew tal-inqas fl-istess żmien** meta tkun qed tirrevedi t-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1a).

4. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta **l-konsistenza ta' kwalunkwe abbozz ta' miżura, inkluż iżda mhux limitat għal, kwalunkwe** proposta **leġiżlattiva u baġitarja, mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti** fl-Artikolu 2 u tallinja **l-abbozz ta' miżura ma' dawn l-objettivi qabel l-adozzjoni**. **Dik l-analiżi għandha tiġi inkluża fi kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja dawn il-miżuri jew proposti**. **Ladarba t-trajettorja msemmija fl-Artikolu 3(1) u l-baġit ta' gassijiet b'effett ta' serra msemmija fl-Artikolu 3(2a) jiġu stabbiliti**, dawn għandhom isostnu **l-valutazzjoni**. **Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik il-valutazzjoni u r-riżultati tagħha direttament aċċessibbli għall-pubbliku hekk kif il-valutazzjoni tiġi ffinalizzata u, fi kwalunkwe każ, qabel l-adozzjoni tal-miżura jew tal-proposta assoċjata**.

4a. **Il-Kummissjoni għandha tuża l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 sabiex tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki u sabiex tidentifika azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ta' dan ir-Regolament**.

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 81**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 6**

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 6

Valutazzjoni tal-miżuri nazzjonali

1. Sat-30 ta' Settembru 2023, u kull **ħames snin** wara dik id-data, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-affarijiet li ġejjin:

(a) il-konsistenza tal-miżuri nazzjonali identifikati abbażi tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima jew tar-rapporti biennali ta' progress li jkunu ntbagħtulha skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 **mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit** fl-Artikolu 2(1), kif espress mit-trajettorja **msemija** fl-Artikolu 3(1), **skont ir-rilevanza tagħhom biex jintlaħaq dak l-objettiv**;

(b) kemm il-miżuri nazzjonali rilevanti jkunu adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4.

Il-Kummissjoni għandha tibgħat **il-konklużjonijiet ta' dik il-valutazzjoni** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija li tkun ħejjiet fis-sena kalendarja rispettiva skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

2. Meta, wara li tqis kif xieraq il-progress kollettiv li tkun ivvalutat skont l-Artikolu 5(1), il-Kummissjoni ssib li l-miżuri ta' Stat Membru ma jkunux konsistenti **ma' dak l-objettiv** kif espress mit-trajettorja msemija fl-Artikolu 3(1), jew li dawn ma jkunux adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4, hija **tista'** tagħmel rakkomandazzjonijiet lil dak l-Istat Membru. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed tali rakkomandazzjonijiet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

Emenda

Artikolu 6

Valutazzjoni tal-miżuri nazzjonali

1. Sat-30 ta' Settembru 2023, u kull **sentejn** wara dik id-data, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-affarijiet li ġejjin:

(a) il-konsistenza tal-miżuri nazzjonali identifikati abbażi tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima, **tal-istrateġiji nazzjonali fuq terminu twil** jew tar-rapporti biennali ta' progress li jkunu ntbagħtulha skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 **mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti** fl-Artikolu 2 **ma' dawn l-objettivi** kif espress mit-trajettorja **li għandha tiġi stabbilita kif imsemmi** fl-Artikolu 3(1); **meta t-trajettorja ma tkunx disponibbli, il-valutazzjoni għandha ssir abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(3) u l-mira klimatika għall-2030**;

(b) kemm il-miżuri nazzjonali rilevanti jkunu adegwati **u effettivi** biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4.

Il-Kummissjoni għandha tibgħat **dawk il-valutazzjonijiet u l-konklużjonijiet tagħhom** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija li tkun ħejjiet fis-sena kalendarja rispettiva skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999, **u tagħmilhom pubblikament disponibbli**.

2. Meta, wara li tqis kif xieraq il-progress **magħmul minn kull Stat Membru u l-progress** kollettiv li tkun ivvalutat skont l-Artikolu 5(1), il-Kummissjoni ssib li l-miżuri ta' Stat Membru ma jkunux konsistenti **mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni** kif espress mit-trajettorja msemija fl-Artikolu 3(1) **ladarba tiġi stabbilita t-trajettorja**, jew li dawn ma jkunux adegwati biex jiżguraw li jsir il-progress b'rabta mal-adattament imsemmi fl-Artikolu 4, hija **għandha** tagħmel rakkomandazzjonijiet lil dak l-Istat Membru. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed tali rakkomandazzjonijiet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.



Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Meta tinħareġ rakkomandazzjoni skont il-paragrafu 2, għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin:

(a) l-Istat Membru kkonċernat għandu jqis kif xieraq ir-rakkomandazzjoni fi spirtu ta' solidarjetà mal-Istati Membri l-oħrajn u bejn l-Istati Membri u l-Unjoni;

(b) *fl-ewwel rapport ta' progress li huwa jibgħat skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999 fis-sena ta' wara dik li matulha tkun inħarġitlu r-rakkomandazzjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiddeskrivi kif ikun qies kif xieraq ir-rakkomandazzjoni. Jekk l-Istat Membru kkonċernat jiddeċiedi li ma jhux azzjoni dwar ir-rakkomandazzjoni jew dwar parti sostanzjali minnha, huwa għandu jipprovdi r-raġunament tiegħu għal dan lill-Kummissjoni;*

(c) ir-rakkomandazzjonijiet għandhom ikunu jikkomplementaw l-aħħar rakkomandazzjonijiet li jkunu nħarġu għal dak il-pajjiż speċifiku fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

**2b. Il-Kummissjoni għandha tinkludi fir-rakkomandazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu proposti biex jiġi żgurat progress dwar l-adattament kif imsemmi fl-Artikolu 4. Dawk il-proposti jistgħu jinkludu, kif xieraq, appoġġ tekniku, relatat mal-innovazzjoni jew mal-għarfien espert addizzjonali potenzjali, finanzjarju, jew appoġġ ieħor meħtieġ.**

3. Meta tinħareġ rakkomandazzjoni skont il-paragrafu 2, għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin:

(a) l-Istat Membru kkonċernat għandu, **fi żmien sitt xhur minn meta tasal ir-rakkomandazzjoni, jinnotifika lill-Kummissjoni dwar il-miżuri li jkun beħsiebu jadotta bl-għan li jqis kif xieraq ir-rakkomandazzjoni fi spirtu ta' solidarjetà mal-Istati Membri l-oħrajn u bejn l-Istati Membri u l-Unjoni, u skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera;**

(b) *l-Istat Membru kkonċernat għandu jistabbilixxi, fi żmien 18-il xahar minn meta jirċievi r-rakkomandazzjoni kif ikun ħa kont debitu tar-rakkomandazzjoni u l-miżuri li jkun adotta bi tweġiba; din l-informazzjoni għandha tiġi inkluża fir-rapport ta' progress ippreżentat f'dik is-sena f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2018/1999;*

(c) ir-rakkomandazzjonijiet għandhom ikunu jikkomplementaw l-aħħar rakkomandazzjonijiet li jkunu nħarġu għal dak il-pajjiż speċifiku fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

**3a. Fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni tar-rapport ta' progress imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-miżuri adottati mill-Istat Membru kkonċernat jindirizzawx b'mod adegwat it-tħassib imqajjem fir-rakkomandazzjoni. Dik il-valutazzjoni u r-riżultati tagħha għandhom jiġu ppubblikati fil-mument tal-adozzjoni tagħhom.**

Il-**Ħamis**, 8 ta' **Ottubru 2020**

**Emenda 82**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 7**

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda</i>
Artikolu 7	Artikolu 7
Dispożizzjonijiet komuni dwar il-valutazzjoni tal-Kummissjoni	Dispożizzjonijiet komuni dwar il-valutazzjoni tal-Kummissjoni
<p>1. Minbarra l-miżuri nazzjonali msemmin fl-Artikolu 6(1) (a), il-Kummissjoni għandha ssejjes il-valutazzjoni tagħha msemminja fl-Artikoli 5 u 6 tal-inqas fuq l-affarijiet li ġejjin:</p> <p>(a) l-informazzjoni li tintbagħat u li jsiru rapporti dwarha skont ir-Regolament (UE) 2018/1999;</p> <p>(b) ir-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (l-EEA);</p> <p>(c) l-istatistika u d-data Ewropej, fosthom id-data dwar it-telf li jkun hemm minħabba l-impatti negattivi tal-klima, meta dawn ikunu disponibbli; kif ukoll</p> <p>(d) l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, <b>fosthom</b> l-aħħar rapporti tal-IPCC; kif ukoll</p> <p>(e) kull informazzjoni supplimentari dwar l-investment sostenibbli mil-lat tal-ambjent min-naħa tal-Unjoni u tal-Istati Membri, fosthom l-investment li jkun konsistenti mar-Regolament (UE) 2020/... [ir-Regolament dwar it-tassonomija], meta dan ikun disponibbli.</p> <p>2. L-EEA għandha tgħin lill-Kummissjoni tħejji l-valutazzjoni msemminja fl-Artikoli 5 u 6, skont il-programm annwali ta' ħidma tagħha.</p>	<p>1. Minbarra l-miżuri nazzjonali msemmin fl-Artikolu 6(1) (a), il-Kummissjoni għandha ssejjes il-valutazzjoni tagħha msemminja fl-Artikoli 5 u 6 tal-inqas fuq l-affarijiet li ġejjin:</p> <p>(a) l-informazzjoni li tintbagħat u li jsiru rapporti dwarha skont ir-Regolament (UE) 2018/1999;</p> <p>(b) ir-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (l-EEA) <b>u taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC)</b>;</p> <p>(c) l-istatistika u d-data Ewropej <b>u globali</b>, fosthom id-data dwar it-telf <b>osservat u proġettat</b> li jkun hemm minħabba l-impatti negattivi tal-klima <b>u l-istimi ta' x'jiswew in-nuqqas ta' azzjoni jew id-dewmien biex tittieħed azzjoni klimatika</b>, meta dawn ikunu disponibbli; kif ukoll</p> <p>(d) l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli <b>u aġġornata, inklużi</b> l-aħħar rapporti tal-IPCC, <b>l-UNEP, l-IPBES, l-ECCC u, fejn possibbli, il-korpi konsultattivi nazzjonali indipendenti tal-Istati Membri dwar il-klima</b>; kif ukoll</p> <p>(e) kull informazzjoni supplimentari dwar l-investment sostenibbli mil-lat tal-ambjent min-naħa tal-Unjoni u tal-Istati Membri, fosthom l-investment li jkun konsistenti mar-Regolament (UE) 2020/... [ir-Regolament dwar it-tassonomija], meta dan ikun disponibbli.</p> <p>2. L-EEA għandha tgħin lill-Kummissjoni tħejji l-valutazzjoni msemminja fl-Artikoli 5 u 6, skont il-programm annwali ta' ħidma tagħha.</p>

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 83**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 8**

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 8

Parteċipazzjoni **tal-pubbliku**

**Il-Kummissjoni għandha tikkollabora** mas-setturi kollha tas-soċjetà biex **tippermettilhom** jieħdu azzjoni favur soċjetà newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u biex tagħtihom is-setgħa jagħmlu dan. Il-Kummissjoni **għandha tiffaċilita** proċess inklużiv u **aċċessibbli** fil-livelli kollha, fosthom fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, mas-sħab soċjali, maċ-ċittadini u mas-soċjetà ċivili biex jiġu skambjati l-aqwa prattiki u biex jiġu identifikati l-azzjonijiet li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġettivi ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tirreferi wkoll għad-djalogi f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

Emenda

Artikolu 8

Parteċipazzjoni **pubblika u trasparenza**

1. **Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkollaboraw** mas-setturi kollha tas-soċjetà, **inklużi l-gvernijiet lokali u reġjonali**, biex **jiippermettullhom** jieħdu azzjoni favur soċjetà **soċjalment ġusta**, newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, **anke permezz tal-Patt Ewropew dwar il-Klima stabbilit fil-paragrafu 2**, u biex tagħtihom is-setgħa jagħmlu dan. Il-Kummissjoni **u l-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw** proċess inklużiv, **aċċessibbli u trasparenti** fil-livelli kollha, fosthom fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, mas-sħab soċjali, **mal-akkademja**, maċ-ċittadini u mas-soċjetà ċivili biex jiġu skambjati l-aqwa prattiki u biex jiġu identifikati l-azzjonijiet li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġettivi ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tirreferi wkoll għad-djalogi f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

2. **Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Patt Ewropew dwar il-Klima bl-għan li tinvolvi liċ-ċittadini, lis-sħab soċjali u lill-partijiet ikkonċernati fl-elaborazzjoni tal-politiki klimatiki fil-livell tal-Unjoni u li trawwem djalogu u t-tixrid ta' informazzjoni bbażata fuq ix-xjenza dwar it-tibdil fil-klima u l-aspetti soċjali u relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri tiegħu, kif ukoll il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki għal inizjattivi klimatiki.**

3. **Meta jieħdu miżuri sabiex jiżguraw il-kisba tal-oġettivi tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċittadini, is-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali jkunu informati u kkonsultati tul il-proċess leġiżlattiv kollu. F'dak ir-rigward, l-Istati Membri għandhom joperaw b'mod trasparenti.**

**Emenda 143**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 8a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 8a

**Dwar dik il-kwistjoni, l-Unjoni għandha ttejjem il-protezzjoni tal-investimenti fil-fjuwils fossili fil-kuntest tal-modernizzazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija.**

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

Emendi 84 u 175/rev  
Proposta għal regolament  
Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 9

imħassar

Eżerċizzju tad-delega

1. *Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmin fl-Artikolu 3(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*

2. *Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmin fl-Artikolu 3(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu mhux determinat taż-żmien li jibda minn ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*

3. *Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(1) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ.*

4. *Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħturin minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.*

5. *Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin dwaru.*

6. *Att delegat adottat skont l-Artikolu 3 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn meta jkunu ġew mgħarrfin bilh jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill it-tnejn ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.*

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 85**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 9a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**Artikolu 9a**

**Rieżami**

*Il-Kummissjoni, sitt xhur wara kull rendikont globali msemmi fl-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, għandha twettaq rieżami tal-elementi kollha ta' dan ir-Regolament, fid-dawl tal-aqwa evidenza xjentifika disponibbli u dik l-aktar riċenti, inklużi tal-aħħar sejbiet u rakkomandazzjoni tal-IPCC u tal-ECCC, tal-iżviluppi u l-isforzi internazzjonali biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C, u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposti leġiżlattivi.*

**Emenda 86**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 1**  
 Regolament (UE) 2018/1999  
 Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) jiġu implimentati strateġiji u miżuri mfasslin biex jintlaħqu ***l-oġġettiv tan-newtralità klimatika*** tal-Unjoni ***stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [“il-Liġi dwar il-Klima”]***, l-oġġettivi ***u l-miri tal-Unjoni tal-Enerġija*** u, għall-ewwel perjodu ta' għaxar snin, mill-2021 sal-2030, b'mod partikolari l-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030;

(a) jiġu implimentati strateġiji u miżuri mfasslin biex jintlaħqu ***l-oġġettivi u l-miri tal-Unjoni tal-Enerġija u l-impenji fit-tul tal-Unjoni*** dwar ***l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra konsistenti mal-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari l-oġġettivi klimatiċi tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [“il-Liġi dwar il-Klima”]*** u, għall-ewwel perjodu ta' għaxar snin, mill-2021 sal-2030, b'mod partikolari l-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030;

**Emenda 87**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**  
 Regolament (UE) 2018/1999  
 Artikolu 2 – punt 11

Test fis-seħħ

Emenda

**(2a) l-Artikolu 2(11) huwa sostitwit b'dan li ġej:**

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

Test fis-seħħ

Emenda

(11) "il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030" tfisser il-mira vinkolanti **fl-Unjoni ta' tnaqqis domestiku ta' minn tal-inqas 40 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-ekonomija kollha meta mqabbla mal-1990 li jrid jintlaħaq sal-2030**, il-mira vinkolanti fil-livell tal-Unjoni ta' minn tal-inqas 32 % tas-sehem ta' enerġija rinnovabbli kkunsmata fl-UE fl-2030, il-mira ewlenija fil-livell tal-Unjoni ta' minn tal-inqas 32,5 % għat-titjib fl-effiċjenza enerġetika fl-2030, u l-mira ta' 15 % għall-interkonnessjoni tal-elettriku **għall-2030 jew kwalunkwe mira sussegwenti f'dan ir-rigward maqbula mill-Kunsill Ewropew jew mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill** għall-2030;

"(11) 'il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030' tfisser il-mira vinkolanti **għall-Unjoni kollha ta' tnaqqis domestiku fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-ekonomija kollha li għandha tintlaħaq sal-2030 skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE)... [il-Liġi dwar il-Klima], il-mira vinkolanti fil-livell tal-Unjoni **għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli kkunsmata fl-Unjoni fl-2030 skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001**, il-mira ewlenija fil-livell tal-Unjoni għat-titjib **tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fl-2030 skont l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2012/27/UE**, u l-mira ta' 15 % għall-interkonnessjoni tal-elettriku għall-2030;"**

## Emenda 88

## Proposta għal regolament

## Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 2b (ġdid)

Regolament (UE) 2018/1999

Artikolu 2 – punt 62a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

## (2b) fl-Artikolu 2, jiddaħħal il-punt li ġej:

"(62a) 'pubbliku kkonċernat' tfisser il-pubbliku affettwat jew x'aktarx li jiġi affettwat bil-proċeduri deċiżjonali dwar l-ambjent imsemmija fil-Kapitolu 2 u 3 jew li għandu interess fihom; għall-għanijiet ta' din id-definizzjoni, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jip-promwovu l-protezzjoni tal-ambjent u jissodisfaw kull rekwiżit taħt il-liġijiet nazzjonali għandhom jitqiesu li għandhom interess."

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 89****Proposta għal regolament****Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 3**

Regolament (UE) 2018/1999

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt f

*Test propost mill-Kummissjoni*

“(f) valutazzjoni tal-impatti tal-politiki u tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-objettivi msemmija fil-punt (b) ta’ dan il-paragrafu, inkluża l-konsistenza tagħhom **mal-objettiv tan-newtralità klimatika** tal-Unjoni **stabbilit** fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [‘il-Liġi dwar il-Klima’], mal-objettivi tat-tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra skont il-Ftehim ta’ Pariġi u mal-istrategġiji fit-tul imsemmija fl-Artikolu 15”;

*Emenda*

“(f) valutazzjoni tal-impatti tal-politiki u tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-objettivi msemmija fil-punt (b) ta’ dan il-paragrafu, inkluża l-konsistenza tagħhom **mal-objettivi klimatiċi** tal-Unjoni **stabbiliti** fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [‘il-Liġi dwar il-Klima’], mal-objettivi tat-tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet tal-gassijiet **b’effett ta’** serra skont il-Ftehim ta’ Pariġi u mal-istrategġiji fit-tul imsemmija fl-Artikolu 15”;

**Emenda 90****Proposta għal regolament****Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)**

Regolament (UE) 2018/1999

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a – punt 1 – parti introduttorja

*Test fis-seħħ*

(1) fir-rigward tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta’ gassijiet serra u bl-għan li jingħata kontribut biex **tintlaħaq il-mira ta’ tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-ekonomija kollha tal-Unjoni**:

*Emenda*

**(3a) fl-Artikolu 4(1), il-parti introduttorja tal-punt (a)(1) tiġi sostitwita b’dan li ġej:**

“(1) fir-rigward tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta’ gassijiet **b’effett ta’** serra u bl-għan li jingħata kontribut biex **jintlaħqu l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [il-Liġi dwar il-Klima]**”

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 91****Proposta għal regolament****Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 4**

Regolament (UE) 2018/1999

Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

“(e) il-mod kif il-politiki u l-miżuri eżistenti u l-politiki u l-miżuri ppjanati jikkontribwixxu biex **jintlaħaq l-objettiv tan-new-tralità klimatika** tal-Unjoni **stabbilit** fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [‘il-Liġi dwar il-Klima’].”;

Emenda

“(e) il-mod kif il-politiki u l-miżuri eżistenti u l-politiki u l-miżuri ppjanati jikkontribwixxu biex **jintlaħqu l-objettivi klimatiċi** tal-Unjoni **stabbiliti** fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [‘il-Liġi dwar il-Klima’].”;

**Emenda 92****Proposta għal regolament****Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)**

Regolament (UE) 2018/1999

Artikolu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(5a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:**

**“Artikolu 11a****Aċċess għall-ġustizzja**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom, il-membri tal-pubbliku kkonċernat li għandhom interess suffiċjenti jew li jallegaw l-indeboliment ta' dritt fejn il-liġi proċedurali amministrattiva ta' Stat Membru teħtieġ li tali dritt ikun prekondizzjoni jkollhom aċċess għal proċedura ta' rieżami quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp indipendenti u imparzjali ieħor stabbilit bil-liġi bil-għan li jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali ta' deċiżjonijiet, atti jew ommissjonijiet soġġetti għall-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-istadju li fih jistgħu jiġu kkontestati d-deċiżjonijiet, l-atti jew l-ommissjonijiet.

3. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw x'jikkostitwixxi interess suffiċjenti u indeboliment ta' dritt, b'konformità mal-għan li l-pubbliku kkonċernat jingħata aċċess wiesa' għall-ġustizzja. Għal dak il-għan, organizzazzjoni mhux governattiva koperta mid-definizzjoni fl-Artikolu 2(62a) għandha titqies li għandha interess suffiċjenti jew li għandha drittijiet li jistgħu jiġu mfixkla għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.



Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. *Dan l-Artikolu ma għandux jeskludi l-possibbiltà ta' proċedura ta' rieżami preliminari quddiem awtorità amministrattiva u ma għandux jaffettwa r-rekwiżit tal-eżawriment tal-proċeduri tar-rieżami amministrattivi qabel ir-rikors għall-proċeduri ta' rieżami ġudizzjarju, meta jkun jeżisti dan ir-rekwiżit taħt il-liġi nazzjonali. Kull proċedura bħal din għandha tkun ġusta, ekwa, f'waqtha u ma tiswiex tant li tkun projbittiva.*

5. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni Prattika dwar l-aċċess għall-proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji tar-rieżami ssir disponibbli għall-pubbliku."*

## Emenda 93

## Proposta għal regolament

## Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 5b (ġdid)

Regolament (UE) 2018/1999

Artikolu 15 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

Emenda

**(5b) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:**

1. Sal-1 ta' Jannar 2020, u sussegwentement sal-1 ta' Jannar 2029 u minn hemm 'il quddiem kull 10 snin, kull Stat Membru għandu jħejji u jippreżenta lill-Kummissjoni ***l-istrateġa*** fit-tul tiegħu b'perspettiva ***ta' mill-inqas*** 30 sena. L-Istati Membri għandhom, fejn ikun neċessarju, jaġġornaw dawk l-istrateġiji kull ħames snin.

"1. Sal-1 ta' Jannar 2020, u sussegwentement sal-1 ta' Jannar 2029 u minn hemm 'il quddiem kull 10 snin, kull Stat Membru għandu jħejji u jippreżenta lill-Kummissjoni ***l-istrateġija*** fit-tul tiegħu b'perspettiva ***sal-2050 u għal*** 30 sena. L-Istati Membri għandhom, fejn ikun neċessarju, jaġġornaw dawk l-istrateġiji kull ħames snin."

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 94****Proposta għal regolament****Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 6**

Regolament (UE) 2018/1999

Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) biex jinkiseb tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tisħiħ fit-tul tal-assorbimenti mill-bjar **fis-setturi kollha** skont **l-objettiv tan-newtralità klimatika** tal-Unjoni **stabbilit** fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [“il-Liġi dwar il-Klima”];

*Emenda*

(c) biex jinkiseb tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet tal-gassijiet **b'effett ta'** serra **fis-setturi kollha tal-ekonomija** u tisħiħ fit-tul tal-assorbimenti mill-bjar, **fil-kuntest tat-tnaqqis neċessarju** skont **il-Panel Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra** tal-Unjoni **b'mod kosteffettiv u jissaħħu l-assorbimenti mill-bjar fil-kisba tal-għanijiet b'rabta mat-temperatura fil-Ftehim ta' Pariġi sabiex jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi minn fonti u l-assorbimenti mill-bjar ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni sa mhux aktar tard mill-2040 u jinkisbu emissjonijiet negattivi wara dan kif imsemmi** fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [“il-Liġi dwar il-Klima”];

**Emenda 95****Proposta għal regolament****Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a**

Regolament (UE) 2018/1999

Anness I – Parti I – taqsima A – punt 3.1.1. – punt i

*Test propost mill-Kummissjoni*

“(i) Politiki u miżuri għall-kisba tal-mira stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2018/842 kif jissemma fil-punt 2.1.1 u politiki u miżuri għall-konformità mar-Regolament (UE) 2018/841, li jkopru s-setturi kollha ewlenin tal-emissjonijiet u s-setturi li jtejbu l-assorbimenti, bi prospettivi **għall-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit** fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [“il-Liġi dwar il-Klima”];

*Emenda*

“(i) Politiki u miżuri għall-kisba tal-mira stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2018/842 kif jissemma fil-punt 2.1.1 u politiki u miżuri għall-konformità mar-Regolament (UE) 2018/841, li jkopru s-setturi kollha ewlenin tal-emissjonijiet u s-setturi li jtejbu l-assorbimenti, bi prospettivi **għall-objettivi klimatiċi tal-Unjoni stabbiliti** fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [“il-Liġi dwar il-Klima”];

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 96****Proposta għal regolament****Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b**

Regolament (UE) 2018/1999

Anness I – Parti I – taqsima B – punt 5.5

Test propost mill-Kummissjoni

5.5. Il-kontribuzzjoni tal-politiki u tal-miżuri ppjanati biex **jintlaħaq l-oġġettiv tan-newtralità klimatika** tal-Unjoni **stabbilit** fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [“il-Liġi dwar il-Klima”];

Emenda

5.5. Il-kontribuzzjoni tal-politiki u tal-miżuri ppjanati biex **jintlaħqu l-oġġettivi klimatiċi** tal-Unjoni **stabbiliti** fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [“il-Liġi dwar il-Klima”];

**Emenda 97****Proposta għal regolament****Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)**

Regolament (UE) 2018/1999

Anness IV – punt 2.1.1.

Test fis-seħħ

2.1.1. **Projezzjonijiet għal tnaqqis fl-emissjonijiet u titjib fl-assorbimenti sal-2050**

Emenda

**(7a) fl-Anness IV, il-punt 2.1.1. huwa sostitwit b'dan li ġej:**

“2.1.1. **L-emissjonijiet kumulattivi proġettati għall-perjodu 2021-2050, bl-għan li jingħata kontribut sabiex jintlaħaq il-baġit ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 3(2a) tar-Regolament .../... [‘Liġi dwar il-Klima’];”;**

**Emenda 98****Proposta għal regolament****Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 8**

Regolament (UE) 2018/1999

Anness VI – punt c – punt viii

Test propost mill-Kummissjoni

“(viii) valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-politika jew tal-miżura biex **jintlaħaq l-oġġettiv tan-newtralità klimatika** tal-Unjoni **stabbilit** fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [“il-Liġi dwar il-Klima”] u biex tinkiseb l-istrateġija fit-tul imsemija fl-Artikolu 15”;

Emenda

“(viii) valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-politika jew tal-miżura biex **jintlaħqu l-oġġettivi klimatiċi** tal-Unjoni **stabbiliti** fl-Artikolu 2 tar-Regolament .../... [“il-Liġi dwar il-Klima”] u biex tinkiseb l-istrateġija fit-tul imsemija fl-Artikolu 15”;

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

**Emenda 99**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 10a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**Artikolu 10a**

**Emendi għar-Regolament (UE) 2018/842**

**Fir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1a)</sup>, il-paragrafi li ġejjin jiddaħħlu fl-Artikolu 5:**

**“5a. Fi kwalunkwe tranżazzjoni magħmula skont id-dispożizzjoni msemmija fl-Artikolu 5(5), il-prezz minimu ta' allokkazzjoni annwali tal-emissjonijiet huwa stabbilit għal EUR 100 għal kull tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub>.**

**5b. L-Istati Membri għandhom jinformat lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe azzjoni meħuda skont dan il-paragrafu, u jikkomunikaw, sal-31 ta' Marzu 2025, l-intenzjoni tagħhom li jużaw id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 5(5).**

**5c. Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-intenzjoni tal-Istati Membri kollha li jużaw id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 5 (5), u tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-impatt baġitarju tal-użu tat-tali dispożizzjonijiet.”.**

<sup>(1a)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 56, 19.6.2018, p. 26).

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

P9\_TA(2020)0254

**Ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fl-Ukrajna fuq l-uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa taċ-ċereali u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa taċ-ċereali prodotta fl-Ukrajna \*\*\*I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE fir-rigward tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fl-Ukrajna fuq l-uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa taċ-ċereali u l-ekwivalenza taż-żerriegħa taċ-ċereali prodotta fl-Ukrajna (COM(2020)0137 – C9-0100/2020 – 2020/0053(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2021/C 395/23)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0137),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0100/2020),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Settembru 2020 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A9-0164/2020),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**P9\_TC1-COD(2020)0053**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-8 ta' Ottubru 2020 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE fir-rigward tal-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fl-Ukrajna fuq l-uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa taċ-ċereali u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa taċ-ċereali prodotta fl-Ukrajna**

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att finali, d-Deċiżjoni (UE) 2020/1544.)

<sup>(1)</sup> Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

P9\_TA(2020)0261

## **Applikazzjoni tar-regoli dwar is-sikurezza ferrovjarja u l-interoperabbiltà ferrovjarja fi ħdan il-Channel Fixed Link \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Direttiva (UE) 2016/798, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli dwar is-sikurezza ferrovjarja u l-interoperabbiltà ferrovjarja fi ħdan il-Channel Fixed Link (COM(2020)0623 – C9-0212/2020 – 2020/0161(COD))**

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2021/C 395/24)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0623),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0212/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-16 ta' Settembru 2020 <sup>(1)</sup>,
- wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,
- wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tad-9 ta' Settembru 2020 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 163 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti iSTRUZZIONIJET lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

### **P9\_TC1-COD(2020)0161**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-8 ta' Ottubru 2020 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Direttiva (UE) 2016/798, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli dwar is-sikurezza ferrovjarja u l-interoperabbiltà ferrovjarja fiċ-Channel Fixed Link**

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2020/1530.)

<sup>(1)</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

P9\_TA(2020)0262

**Deċiżjoni li tagħti s-setgħa lil Franza biex tikkonkludi ftehim internazzjonali dwar il-Kanal Inġliż \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti s-setgħa lil Franza biex tinnegozja ftehim li jissupplimenta t-Trattat bilaterali eżistenti tagħha mar-Renju Unit dwar il-bini u t-tħaddim minn konċessjonarji privati ta' Channel Fixed Link (COM(2020)0622(COR1) – C9-0211/2020 – 2020/0160(COD))**

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2021/C 395/25)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0622(COR1)),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 2(1) u 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0211/2020),
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi ġuridika proposta,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-16 ta' Settembru 2020 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkonsultaw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ,
  - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tad-9 ta' Settembru 2020 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 59, 40 u 163 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**P9\_TC1-COD(2020)0160**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-8 ta' Ottubru 2020 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti s-setgħa lil Franza biex tinnegozja, tiffirma u tikkonkludi ftehim internazzjonali li jissupplimenta t-Trattat bejn Franza u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-Bini u t-Tħaddim minn Konċessjonarji Privati ta' Channel Fixed Link**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att finali, d-Deċiżjoni (UE) 2020/1531.)*

<sup>(1)</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru 2020

P9\_TA(2020)0263

### **Produzzjoni organika: data tal-applikazzjoni u ċerti dati oħra \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolament (UE) 2018/848 dwar il-produzzjoni organika fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tiegħu u ta' ċerti dati oħra msemmija f'dak ir-Regolament (COM(2020)0483 – C9-0286/2020 – 2020/0231(COD))**

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2021/C 395/26)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0483),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0286/2020),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,
  - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-28 ta' Settembru 2020 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 163 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

### **P9\_TC1-COD(2020)0231**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-8 ta' Ottubru 2020 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/848 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tiegħu u ta' ċerti dati oħra msemmija f'dak ir-Regolament**

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2020/1693.)

---









ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet  
tal-Unjoni Ewropea  
L-2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

MT